Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 261

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

9 ta' Awwissu 2017

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Kunsill

2017/C 261/01 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Belġju u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Belġju 1

2017/C 261/02 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Bulgarija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Bulgarija 7

2017/C 261/03 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Repubblika Ċeka 12

2017/C 261/04 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tad-Danimarka u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tad-Danimarka 16

2017/C 261/05 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Ġermanja . . 18

2017/C 261/06 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Estonja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Estonja 23

2017/C 261/07 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Irlanda u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Irlanda 26

2017/C 261/08 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Spanja għall-2017 u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Spanja għall-2017 . . . 31

MT

2017/C 261/09	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 ta' Franza u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ta' Franza	36
2017/C 261/10	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 tal-Kroazja u li jagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Kroazja tal-2017	41
2017/C 261/11	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2017 u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja għall-2017	46
2017/C 261/12	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 ta' Ċipru u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ta' Ċipru	53
2017/C 261/13	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Latvja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Latvja	58
2017/C 261/14	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Litwanja għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Litwanja għall-2017	62
2017/C 261/15	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu għall-2017	67
2017/C 261/16	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija għall-2017	71
2017/C 261/17	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ta' Malta	75
2017/C 261/18	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tan-Netherlands u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tan-Netherlands	79
2017/C 261/19	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Awstrija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Awstrija	83
2017/C 261/20	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja għall-2017	88
2017/C 261/21	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Portugall għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Portugall għall-2017	92
2017/C 261/22	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Rumanija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Rumanija	98
2017/C 261/23	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovenja għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja għall-2017	105
2017/C 261/24	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tas-Slovakkja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tas-Slovakkja	110
2017/C 261/25	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Finlandja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Finlandja	114

2017/C 261/26	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Iżvezja . . .	119
2017/C 261/27	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Renju Unit . . .	122

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Belġju u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Belġju

(2017/C 261/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1], u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Belġju bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") [3].

---

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).
[3] ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Belġju għandu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (2) hawn taħt.

(3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għall-Belġju ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ir-rapport jivvaluta l-progress tal-Belġju biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Belġju lejn il-miri Europa 2020 nazzjonali tiegħu.

(4) Fit-28 ta' April 2017, il-Belġju ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tiegħu u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tiegħu. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Bħalissa l-Belġju jinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali minn defiċit ta' 2,6 % tal-PDG fl-2016 għal - 0,1 % tal-PDG fl-2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien, li huwa pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali, huwa ppjanat li jintlaħaq sal-2019. Madankollu, il-bilanċ strutturali rikalkulat [2] għadu jindika defiċit ta' 0,3 % fl-2019. Wara li tela' sa kważi 107 % tal-PDG fl-2014 u nieżel għal madwar 106 % tal-PDG fl-2015 u fl-2016, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 99 % sal-2020, skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-proġettazzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ppjanati tad-defiċit mill-2018 'l hemm ma ġewx speċifikati u dan jikkontribwixxi għad-deterjorazzjoni proġettata tal-bilanċ strutturali fl-2018 jekk il-politika ma tinbidilx, skont it-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2017.

(7) Fit-22 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE, billi l-Belġju ma għamilx biżżejjed progress biex jikkonforma mal-punt referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn fl-2016. Ir-rapport ikkonkluda, wara valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, li l-kriterju tad-dejn jinħtieġ li jiġi kkunsidrat bħala li attwalment huwa rispettat. Fl-istess ħin, fl-2017 iridu jittieħdu miżuri fiskali addizzjonali biex tkun żgurata l-konformità mal-perkors tal-aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2016 u fl-2017 flimkien.

(8) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 jindika li l-impatt baġitarju tal-wasla eċċezzjonali ta' refuġjati u l-miżuri relatati mas-sigurtà fl-2016 u fl-2017 huwa sinifikanti u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, in-nefqa eliġibbli addizzjonali fl-2016 tammonta għal 0,08 % tal-PDG minħabba l-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u għal 0,05 % tal-PDG għall-miżuri relatati mas-sigurtà. Fl-2017, l-impatt addizzjonali mqabbel mal-2016 tal-miżuri relatati mas-sigurtà huwa attwalment stmat għal 0,01 % tal-PDG. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, minħabba l-fatt li l-influss ta' refuġjati kif ukoll il-gravità tat-theddida tat-terroriżmu huma eventi eċċezzjonali, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Belġju huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx kompromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju għall-2016 tnaqqas biex jitqiesu l-ispejjeż addizzjonali relatati mar-refuġjati u mas-sigurtà. Fir-rebbiegħa tal-2018 se ssir valutazzjoni finali, inkluż tal-ammonti eliġibbli, fir-rigward tal-2017, fuq il-bażi tad-data osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet Belġjani.

---

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[2] Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

(9) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lill-Belġju biex jilħaq aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien fl-2017. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, hemm ir-riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-rekwiżit fl-2017. Madankollu, xorta waħda fadal riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustamenti rakkomandat lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju matul l-2016 u l-2017 flimkien. Din il-konklużjoni ma tinbidilx f'każ li l-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u tal-miżuri tas-sigurtà kellhom jitnaqqsu minn dan ir-rekwiżit.

(10) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali u b'mod partikolari il-livell tad-dejn tiegħu, il-Belġju huwa mistenni li jaġġusta aktar lejn l-objettiv baġitarju tiegħu fuq terminu medju ta' pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali. Skont matriċi miftiehma b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan l-aġġustament ifisser rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali ta' nefqa primarja netta tal-gvern [1] li ma taqbiżx 1,6 % fl-2018. Dan jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG. Jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2018. Prima facie mhuwiex previst li l-Belġju se jikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2017 u fl-2018. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2017 se jkunu meħtieġa aktar miżuri biex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u tal-eżiti jinħtieġ li tqis il-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif ġie mfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Semestru Ewropew tal-2017 li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tal-eżiti tal-baġit tal-2018 ser ikollhom iqisu l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm biex jissaħħaħ l-irkupru li għaddej kif ukoll li jiżgura s-sostennibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Belġju. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jieħu nota li l-Kummissjoni beħsiebha twettaq evalwazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tal-qagħda ċiklika tal-Belġju.

(11) Huwa essenzjali li jkun hemm koordinazzjoni effettiva tal-baġit fi Stat Membru federali bħall-Belġju, fejn il-parti kbira tas-setgħat tan-nefqa ġiet ittrasferita lill-gvernijiet sottonazzjonali. F'tentattiv biex tittejjeb il-koordinazzjoni interna u biex it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-unjoni ekonomika u monetarja ("il-Patt Fiskali") jiġi traspost, il-gvern federali u l-gvernijiet reġjonali u tal-komunitajiet fl-2013 laħqu ftehim ta' kooperazzjoni, bl-għan li jiġu ddefiniti l-perkorsi fiskali multiannwali kumplessivi u individwali, li se jiġi mmonitorjat mill-Kunsill Għoli għall-Finanzi. Madankollu, dan il-proċess ma rnexxilux jilħaq ftehim formali dwar traġettorji fiskali, u lanqas ma stabbilixxa salvagwardji suffiċjenti dwar ir-rwol ta' monitoraġġ tal-Kunsill Għoli għall-Finanzi. Dan in-nuqqas ta' koordinazzjoni dwar il-kondiviżjoni tal-isforz idgħajjef il-vijabilità tat-trajettorja globali tal-pajjiż lejn l-objettiv fuq terminu medju tiegħu kif stabbilit fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2017.

(12) Minkejja l-potenzjal tiegħu biex fuq perijodu ta' żmien twil jistimola t-tkabbir ekonomiku, l-investiment pubbliku huwa baxx ħafna meta mqabbel mal-istandards Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tan-nefqa pubblika totali. Mhux biss l-istokk tal-kapital pubbliku huwa baxx, il-kwalità tal-infrastruttura pubblika ttieklet ukoll. Minħabba r-restrizzjonijiet baġitarji stretti ħafna fil-livelli kollha ta' gvern, iż-żamma ta' biżżejjed lok għall-investiment tiddependi fuq ir-ristrutturazzjoni tal-kompożizzjoni tan-nefqa pubblika globali, billi tittejjeb l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi u tal-politiki u titrażżan iż-żieda rapida ta' ċerti partiti tan-nefqa.

(13) Il-Belġju għamel progress sostanzjali fir-riforma tas-sistema tiegħu tal-iffissar tal-pagi. Ir-reviżjoni tal-liġi tal-1996 li tirregola n-negozjar tal-pagi għandha l-għan li tissalvagwardja dak li nkiseb fil-kostkompetittività b'riżultat tal-isforzi reċenti fil-moderazzjoni tal-pagi. Il-proġettazzjonijiet aktar konservattivi tal-linja bażi u l-aġġustamenti minn qabel integrati fil-kalkolu tan-norma tal-pagi, jfissru li l-qafas riformat jikkontribwixxi ħafna fit-titjib tal-kostkompetittività tal-Belġju meta mqabbla ma' sħab kummerċjali ewlenin fiż-żona tal-euro. Barra minn hekk, ir-riforma tipprevedi aktar garanziji li l-miżuri tal-gvern biex jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi jkunu ta' ġid effettiv għall-kostkompetittività u dan jespandi r-rwol tal-Gvern fil-prevenzjoni ta' xejriet li jagħmlu ħsara lill-kompetittività b'riżultat ta' inflazzjoni eċċessiva. Il-qafas tan-negozjar kollettiv jipprevedi monitoraġġ mill-qrib tax-xejriet tal-pagi u tal-produttività kif ukoll ta' fatturi oħra tal-kompetittività marbuta mal-kostijiet jew le, mill-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali rappreżentati fil-Kunsill Ċentrali tal-Ekonomija. Billi l-prattika li l-iżviluppi fil-pagi jintrabtu mal-inflazzjoni għadha mifruxa f'ħafna setturi, u fil-kuntest tad-differenza dejjem tiżdied bejn l-inflazzjoni tal-Belġju u l-inflazzjoni tal-pajjiżi ġirien tiegħu, il-bidliet fil-kost ta' unità lavorattiva se tkompli tiġi mmonitorjata mill-qrib taħt is-Semestru Ewropew.

[1] In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni li huma korrisposti bis-sħiħ minn dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fuq in-nefqa tal-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital gross fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' (4) snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

(14) Sar xi progress fil-funzjonament tas-suq tax-xogħol. Età tal-irtirar ogħla u iktar limiti fuq l-irtirar kmieni jheġġu lin-nies ta' età akbar biex jibqgħu jaħdmu jew jerġgħu jibdew jaħdmu. Tnaqqis gradwali fil-porzjon tat-taxxa għen biex jiżdiedu r-rati tal-impjiegi. Il-ħolqien tal-impjiegi kien b'saħħtu, xprunat minn tkabbir ekonomiku u kostkompetittività aħjar. Dan jirrifletti wkoll it-tnaqqis fit-taxxi tax-xogħol u l-modernizzazzjoni tal-pagi li tejbu l-kompetittività tal-kost lavorattiv tal-kumpaniji Belġjani. Madankollu għad fadal għadd ta' nuqqasijiet strutturali. Ir-rati ta' tranżizzjoni mill-qgħad jew mill-inattività għall-impjieg huma baxxi, u r-rata globali tal-impjiegi għadha tinżamm 'l isfel minħabba l-prestazzjoni ħażina ta' gruppi speċifiċi. Dawn jinkludu dawk bi ftit ħiliet, iż-żgħażagħ, ħaddiema kbar fl-età u persuni bi sfond ta' migrazzjoni bħal ħaddiema li ma twieldux fl-UE iżda wkoll migranti tat-tieni ġenerazzjoni. L-eżiti tal-impjieg tal-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, anki meta aġġustati għal karatteristiċi individwali oħrajn, huma fost l-agħar fl-Unjoni. B'mod partikolari, id-differenza fl-impjieg għal dawk li ma twieldux fl-UE hija l-akbar fl-Unjoni: ir-rata tal-impjieg tagħhom għall-grupp tal-età bejn l-20 u l-64 sena fl-2016 kienet ta' 49,1 %, meta mqabbla ma' 70,2 % għal dawk imwielda fil-pajjiż, u kienet saħansitra aktar baxxa għan-nisa mhux imwielda fl-UE (39,1 %). Fl-2015, ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali għal residenti mhux imwielda fl-UE kienet ta' 50,7 %, meta mqabbla ma' 17 % għal dawk li twieldu fil-pajjiż. Dawn differenzi mdaqqsa fl-impjieg bejn gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni qed ikomplu jwasslu għal sottoużu kroniku baxx tal-ħaddiema. Minkejja li r-riformi reġjonali li għaddejjin fl-iskemi ta' inċentivi għall-impjiegi għandhom l-għan li jirrazzjonalizzaw u jadattaw is-sistema, il-kosteffikaċja tal-għażliet politiċi li jsiru jinħtieġ li tiġi mmonitorjata regolarment. Xi karatteristiċi fit-tfassil tal-politiki tal-grupp fil-mira jista' jkollhom effetti mhux mistennija u ta' spostament. Il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-livelli politiċi differenti u fi ħdanhom hija wkoll ta' importanza ewlenija biex il-politiki fil-miri jkunu effettivi. It-taxxi, inklużi l-kontribuzzjonijiet soċjali fuq il-pagi l-aktar baxxi u l-irtirar tal-benefiċċji soċjali malli wieħed jibda jaħdem jew iżid is-sigħat li jaħdem, jistgħu joħolqu l-inattività u nases ta' pagi baxxi.

(15) Sar xi progress fir-riformi edukattivi u ta' taħriġ li għandhom l-għan li jtejbu l-ugwaljanza, il-kompetenzi ewlenin u l-kwalità tal-edukazzjoni. Madankollu, minkejja l-medja tajba tal-prestazzjoni meta mqabbla internazzjonalment, is-sehem ta' dawk bl-aħjar prestazzjoni fost studenti ta' 15-il sena naqas filwaqt li l-perċentwal ta' dawk bi prestazzjoni baxxa żdied. Barra minn hekk, l-inugwaljanzi edukattivi marbuta mal-isfond soċjoekonomiku huma ogħla mill-medja tal-Unjoni u tal-OECD. Id-differenza fil-prestazzjoni minħabba l-isfond ta' migrazzjoni hija kbira wkoll u t-tieni ġenerazzjoni tmur biss kemm kemm aħjar mill-ewwel waħda, anke meta jitqies l-isfond soċjoekonomiku. L-indirizzar tal-inugwaljanza edukattiva għalhekk jeħtieġ rispons politiku wiesa' li jmur lil hinn mis-sistema edukattiva. Iż-żieda qawwija fil-popolazzjoni tal-iskejjel, b'mod partikolari tal-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni (il-proporzjon tagħhom żdied minn 15,1 % fl-2012 għal 17,7 % fl-2015) se tkabbar il-problema tal-inugwaljanza. Barra minn hekk, il-Belġju qed jiffaċċa nuqqas emerġenti ta' għalliema, u l-għalliema mhux dejjem ikunu mħejjija tajjeb jew appoġġati biex ikampaw ma' popolazzjoni dejjem aktar diversa fl-iskejjel. Ir-raġunijiet ewlenin huma d-diffikultà li jinġibdu l-aktar studenti u kandidati xierqa għall-professjoni, ir-rata għolja ta' tluq ta' għalliema li jkunu għadhom jibdew, u n-nuqqas ta' disponibilità ta' proporzjon tal-għalliema għat-tagħlim. Barra minn hekk, it-tul tal-kors tat-taħriġ inizjali tal-għalliema fil-Belġju huwa ta' tliet (3) snin u dan huwa relattivament qasir. Riformi fl-edukazzjoni u fit-taħriġ huma kruċjali għat-titjib tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ b'ħiliet baxxi u biex isostnu t-tranżizzjoni lejn ekonomija msejsa fuq l-għarfien.

(16) Id-dimensjoni mhux marbuta mal-kost, tal-kompetittività, għad jeħtiġilha titjib. Aktar gwadanji fil-produttività u investiment usa' fil-kapital ibbażat fuq l-għarfien, b'mod partikolari l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali, huma essenzjali f'dan ir-rigward. Minkejja li s-sistema tar-riċerka pubblika hija ta' kwalità għolja, prestazzjoni aħjar fl-innovazzjoni tkun teħtieġ aktar t-tixrid tal-għarfien f'setturi inqas produttivi. L-entitajiet federati kollha jirrikonoxxu din il-ħtieġa, u matul dawn l-aħħar snin adottaw strateġiji u miżuri differenti biex jippromwovu l-innovazzjoni. Madankollu, biex jitrawwem dan l-iżvilupp, hemm aktar x'jista' jsir biex jitjiebu l-kundizzjonijiet qafas għall-innovazzjoni. Barra minn hekk, jidher li hemm lok għal titjib fl-effiċjenza u l-effikaċja tal-appoġġ pubbliku għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-Belġju, b'mod partikolari fl-evalwazzjoni tal-possibilità ta' effetti ta' esklużjoni u aktar simplifikazzjoni tas-sistema globali.

(17) Sar progress limitat fit-tneħħija ta' restrizzjonijiet operazzjonali u ta' stabbiliment fuq il-bejgħ bl-imnut. Wara s-Sitt Riforma tal-Istat, li ttrasferixxiet kompetenzi dwar l-istabbiliment tal-bejgħ bl-imnut lir-reġjuni, liġijiet reġjonali ġodda ġew stabbiliti u dawn issimplifikaw il-proċedura amministrattiva għall-awtorizzazzjoni. Madankollu, hemm marġni wiesa' għall-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet, u dan jista' jwassal għal ostakli mhux iġġustifikati għad-dħul fis-suq. Il-prezzijiet għall-konsumatur għadhom ogħla milli fl-Istati Membri ġirien, lil hinn minn dak li jista' jiġi spjegat mill-kost lavorattiv ogħla. Strateġija komprensiva biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet se tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn suq kompetittiv u prezzijiet aktar baxxi.

(18) Regolamentazzjoni għolja fl-industriji tan-netwerks u f'xi servizzi professjonali qed tirrestrinġi l-kompetizzjoni fil-Belġju, b'mod partikolari għall-aġenti immobiljari, għall-kontabilisti u għall-periti. L-ostakli jinkludu restrizzjonijiet fuq l-ishma u l-forom tal-kumpaniji għall-periti, minbarra rekwiżiti oħra; ir-regoli tal-inkompatibbiltà li jipprojbixxu l-eżerċizzju simultanju ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra għal kull tip ta' professjoni tal-kontabilità; limitazzjonijiet fuq l-aċċess għall-professjoni ta' aġent immobiljari; u restrizzjonijiet fuq l-ishma u d-drittijiet tal-vot. It-tnaqqis ta' dawn l-ostakli jista' jiġġenera kompetizzjoni aktar intensiva, li twassal f'li aktar impriżi jidħlu fis-suq, u jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi f'termini ta' prezzijiet orħos. Il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-ostakli fis-swieq tas-servizzi f'Jannar 2017. Dan il-pakkett fih diversi rakkomandazzjonijiet ta' riforma indirizzati lill-Belġju biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati.

(19) In-netwerk tat-trasport jirrappreżenta waħda mill-akbar lakuni urġenti fl-investiment. Hemm problema dejjem tikber ta' konġestjoni tat-traffiku fis-sigħat l-aktar intensivi tat-traffiku li xxekkel il-kapaċità tal-pajjiż li jiġbed lejh investituri barranin u li ġġib magħha kostijiet ekonomiċi u ambjentali kbar. Il-Belġju isofri wkoll minn problemi serji ta' tniġġis tal-arja u mhuwiex mistenni jilħaq il-mira tiegħu li jnaqqas l-emissjonijiet mhux tal-ETS bi 15 % fl-2020 meta mqabbla mal-2005, għalkemm x'aktarx ser iħares l-impenji tiegħu skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-klima billi jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet eżistenti ta' flessibbiltà. L-aktar sfidi urġenti huma l-aġġornament tal-infrastruttura bażika tal-ferrovija u tat-toroq u l-ħolqien ta' kollegamenti nieqsa bejn iċ-ċentri ekonomiċi ewlenin. Fl-istess ħin, huwa importanti li tiġi indirizzata l-konġestjoni fil-ħinijiet l-aktar intensivi billi jitjiebu s-servizzi tat-trasport pubbliku, tiġi ottimizzata l-ġestjoni tat-traffiku u jiġu eliminati d-distorsjonijiet tas-suq u l-inċentivi avversi tat-taxxa, bħal mhuwa trattament favorevoli għal karozzi tal-kumpaniji. Sfida oħra tikkonċerna l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni tal-enerġija domestika u s-sigurtà tal-provvista b'mod ġenerali. Qtugħ mhux ippjanat fil-provvista ta' diversi stallazzjonijiet nukleari qajmu tħassib dwar il-mod kif jintlaħaq bilanċ bejn id-domanda u l-provvista tal-elettriku, filwaqt li l-iskeda ta' żmien riveduta ripetutament għat-tneħħija gradwali tal-park nukleari għadha qed toħloq klima li ma twassalx biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment fit-tul. Għalkemm ir-riskji tal-provvista fuq perijodu qasir tnaqqsu, b'mod partikolari biż-żieda tar-riserva strateġika, u sar xi progress biex jiżdiedu l-interkonnessjonijiet, il-ħtiġijiet ta' investiment fit-tul għadhom konsiderevoli. Minbarra aktar żidiet fl-interkonnessjonijiet, huma meħtieġa wkoll grilji intelliġenti biex tiġi żviluppata l-ġestjoni tad-domanda. Minħabba t-tul konsiderevoli ta' żmien ta' tħejjija għal proġetti fis-settur tal-enerġija u bżonn qawwi ta' sostituzzjoni ta' kapaċità matul id-deċennju li ġej, se tkun meħtieġa azzjoni rapida, b'mod partikolari fil-forma ta' qafas legali xieraq li jippromwovi wkoll l-iżvilupp ta' kapaċitajiet flessibbli (jiġifieri l-ġenerazzjoni, il-ħażna u l-ġestjoni tad-domanda).

(20) Il-Belġju għamel xi progress fir-riforma tas-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari billi ċaqlaq it-taxxi minn fuq ix-xogħol għal fuq bażijiet ta' taxxa oħrajn, li bil-mod se jnaqqsu l-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol. It-taxxi fuq ix-xogħol, inklużi l-kontribuzzjonijiet soċjali, qed jitnaqqsu, f'diversi stadji, bejn l-2016 u l-2020. L-effetti tar-riforma fit-taxxa li għaddejja bħalissa qed jibdew jimmaterjalizzaw. Madankollu, is-sistema tat-taxxa għadha kumplessa, b'bażijiet tat-taxxa mikula minn eżenzjonijiet, tnaqqis u rati mnaqqsa speċifiċi. Xi wħud minn dawn jinvolvu telf ta' dħul, distorsjonijiet ekonomiċi, u piż amministrattiv kbir. Il-bidla fil-bażijiet tat-taxxa ma jidhirx li hija newtrali mil-lat baġitarju minħabba li t-tnaqqis fit-taxxa tax-xogħol ġie kkompensat parzjalment biss minn żidiet f'taxxi oħra, fost l-oħrajn minn taxxi fuq il-konsum. Għad hemm lok konsiderevoli għal titjib fid-disinn tas-sistema tat-taxxa b'aktar twessigħ tal-bażijiet tat-taxxa, li jippermetti kemm tnaqqas tar-rati statutorji kif ukoll inqas distorsjonijiet. Hemm ukoll potenzjal konsiderevoli għal ċaqliq "ambjentali" fit-taxxa li jirriżulta, fost affarijiet oħra, minn trattament favorevoli tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji u l-karti tal-fjuwil, li jimpedixxu aktar progress fl-indirizzar tal-konġestjoni, tat-tniġġis tal-arja u tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-Gvern qed jipprevedi bidliet fis-sistema tal-karozzi tal-kumpaniji, iżda l-benefiċċju ambjentali ta' din ir-riforma x'aktarx se jkun limitat.

(21) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Belġju u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Belġju fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Belġju imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(22) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Belġju jieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

---

[1] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

1. Fl-2018 jagħmel sforz fiskali sostanzjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Belġju. Juża l-qligħ mhux mistenni, bħar-rikavat mill-bejgħ ta' assi, biex iħaffef it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn ġenerali tal-gvern. Jiftiehem dwar distribuzzjoni infurzabbli tal-miri fiskali bejn il-livelli tal-gvern u jiżgura monitoraġġ fiskali indipendenti. Ineħħi n-nefqiet distorsivi tat-taxxa. Itejjeb il-kompożizzjoni tan-nefqa pubblika biex jinħoloq spazju għall-investiment fl-infrastruttura, fosthom fl-infrastruttura tat-trasport.

2. Jiżgura li l-aktar gruppi żvantaġġati, inklużi l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, ikollhom opportunitajiet ugwali biex jipparteċipaw f'edukazzjoni ta' kwalità, taħriġ vokazzjonali, u s-suq tax-xogħol.

3. Irawwem l-investiment fil-kapital ibbażat fuq l-għarfien, b'mod partikolari miżuri biex tiżdied l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali, u d-diffużjoni tal-innovazzjoni. Iżid il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi professjonali u bl-imnut u jsaħħaħ il-mekkaniżmi tas-suq fl-industriji tan-netwerks.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Bulgarija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tal-Bulgarija

(2017/C 261/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għall-Bulgarija ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ir-rapport jivvaluta l-progress tal-Bulgarija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Bulgarija lejn il-miri Europa 2020 nazzjonali tiegħu. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Bulgarija qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, il-Bulgarija għadha qed tesperjenza żbilanċi marbuta ma' fraġilitajiet li għadhom jeżistu fis-settur finanzjarju u minn dejn korporattiv għoli fil-kuntest ta' rata għolja ta' qgħad fit-tul.

(3) Il-Bulgarija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tagħha fis-17 ta' Mejju 2017, wara d-data ta' għeluq.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(5) Il-Bulgarija bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tiegħu, il-Gvern, li qed jibda minn pożizzjoni baġitarja bilanċjata fl-2016, qed jippjana defiċit nominali ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017. Id-defiċit nominali hu proġettat li jitjieb ftit għal 0,5 % tal-PDG fl-2018 u jinbidel f'bilanċ favorevoli żgħir wara. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju – defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG – hu ppjanat li jintlaħaq b'marġni pożittiv tul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-proporzjon ġenerali ta' dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment minn 29,5 % tal-PDG fl-2016 għal 23,8 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-proġettazzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli.

(6) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lill-Bulgarija biex għall-2017 tilħaq aġġustament fiskali annwali ta' 0,5 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Id-data tal-eżitu tindika li l-Bulgarija diġà qabżet l-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha fl-2016. Abbażi tat-tbassir għar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa previst li jinqaleb minn surplus ta' 0,1 % tal-PDG fl-2016 għal defiċit ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017 u ta' 0,3 % tal-PDG fl-2018 fuq bażi li ma tinbidilx il-politika. Minkejja dan id-deterjorament, il-bilanċ strutturali huwa pproġettat li ser jibqa' 'l fuq mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju fis-sentejn li huma. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2017 u fl-2018 il-Bulgarija hija proġettata li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(7) L-isforzi biex jitjieb il-ġbir tat-taxxa għadhom għaddejjin. Minkejja titjib, il-konformità mat-taxxa għadha problematika. L-ekonomija s-sewda u x-xogħol mhux iddikjarat għadhom għoljin. Il-piż amministrattiv relatat mat-taxxa tnaqqas iżda għadu sinifikanti. Il-miżuri biex titnaqqas il-burokrazija jidher li taw riżultati limitati sa issa u ma hemmx indikazzjonijiet ta' titjib kbir fil-konformità volontarja mat-taxxa. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-infurzar tar-regoli jidher li huwa kruċjali mhux biss għall-implimentazzjoni tal-kontrolli, iżda wkoll għat-tisħiħ tal-prevenzjoni tan-nonkonformità mat-taxxa. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali Unika għall-2015–2017 biex jitjieb il-ġbir tat-taxxi, tiġi indirizzata l-ekonomija s-sewda u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità jidher li huwa għodda utli speċjalment għall-evalwazzjoni u t-titjib tal-koordinazzjoni u tal-effiċjenza ta' għadd ta' korpi amministrattivi li jaħdmu fil-qasam tat-taxxa. Analiżi ex-post tal-impatti tal-miżuri speċifiċi jistgħu jikkontribwixxu biex isiru valutazzjoni, ippjanar u identifikazzjoni xierqa ta' miżuri futuri għall-konformità mat-taxxa. Dawn il-miżuri ser jiġu inklużi fi strateġija nazzjonali waħdanija komprensiva biex jieħdu post l-istrateġija attwali, li tiskadi fl-aħħar tal-2017.

(8) L-awtoritajiet Bulgari, f'konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-korpi Ewropej rilevanti, wettqu analiżi tal-kwalità tal-assi u testijiet tal-istress bankarju u tas-settur tal-assigurazzjoni, kif ukoll analiżi tal-assi tal-fondi tal-pensjonijiet privati. Filwaqt li r-riżultati kkonfermaw is-saħħa ġenerali tas-setturi, ġew ikkonfermati ċerti vulnerabbiltajiet, inkluż f'xi istituzzjonijiet sistematikament importanti. Peress li l-miżuri ta' segwitu għadhom ma ġewx implimentati b'mod sħiħ, is-sors tal-vulnerabbiltà għadu hemm. Barra minn hekk, xi kwistjonijiet, inkluża l-valwazzjoni tal-istrumenti u tal-assi finanzjarji illikwidi kif ukoll l-iskoperturi għal partijiet relatati, ma ġewx indirizzati bis-sħiħ mit-tliet rieżamijiet. Is-superviżuri jistgħu jieħdu approċċ aktar konservattiv biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Kwistjonijiet pendenti fis-settur tal-assigurazzjoni jinkludu wkoll it-trattament ta' ċerti kuntratti tar-riassigurazzjoni, xi riċevibbli tal-assigurazzjoni u s-superviżjoni fil-livell tal-grupp.

(9) Sabiex tiġi indirizzata l-possibbiltà li jerġgħu jitfaċċaw żbilanċi simili fil-futur, il-miżuri biex titjieb is-superviżjoni bankarja jeħtieġu li jitlestew u huma meħtieġa aktar sforzi biex tittejjeb is-superviżjoni mhux bankarja. It-trattament tal-assi mhux faċilment stimabbli u prattiki tan-negozju mhux tajbin, inkluż self lil partijiet relatati u self konness, għadhom ta' sfida ewlenija għall-awtoritajiet. Il-Bank Nazzjonali Bulgaru nieda pjan biex jirriforma u jiżviluppa s-

([1]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

superviżjoni bankarja, ibbażat ukoll fuq is-sejbiet tal-Bank Dinji u tal-FMI. Dan il-pjan qiegħed jiġi implimentat, iżda għandu mnejn ikollu bżonn jiġi emendat fid-dawl tas-sejbiet tal-Programm tal-Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju. In-nuqqasijiet fis-superviżjoni evidenzjati mir-rieżamijiet tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Kummissjoni tas-Superviżjoni Finanzjarja tiżviluppa u timplimenta pjan komprensiv biex tissaħħaħ is-superviżjoni, inkluż billi ttejjeb il-governanza u l-funzjonament interni tagħha. Sabiex tiġi żgurata l-kredibbiltà sħiħa, dan il-pjan għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar prassi internazzjonali fil-qasam u għandu jkun ippreparat u implimentat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi rilevanti Ewropej, u jinkorpora kontribut minn fornituri terzi ta' servizzi kif meħtieġ.

(10) Id-dejn tal-kumpaniji għadu għoli ('il fuq sew minn dak tal-pajjiżi pari), u dan ipoġġi piż fuq il-karti tal-bilanċ tal-kumpaniji u potenzjalment jillimita d-domanda għall-kreditu u l-investiment fuq terminu medju. Biex jitnaqqas il-livell li għadu għoli ta' self korporattiv mhux produttiv, l-awtoritajiet Bulgari għandhom jiffaċilitaw il-proċess tar-ristrutturar għall-banek billi jibbażaw fuq sett komprensiv ta' għodod. Pereżempju, iħaffu r-riforma tal-qafas tal-insolvenza ħalli jtejbu l-ambjent legali għat-trattament tad-dejn mitluf, inkluż l-għoti ta' opportunitajiet għal ristrutturar barra l-qorti. Lil hinn mill-qafas tal-insolvenza, l-għodda tista' tinkludi gwida superviżorja għal banek b'livelli partikolarment għoljin ta' self improduttiv. Dan jista' jinkludi wkoll azzjonijiet biex id-data dwar il-kwalità tal-assi ssir aktar trasparenti sabiex tgħin biex jiġi approfondit is-suq sekondarju għas-self mhux produttiv.

(11) L-iżviluppi riċenti fis-suq tax-xogħol kienu pożittivi, imma għad fadal problemi strutturali. Il-forza tax-xogħol qed tkompli tiċkien minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ flimkien mal-migrazzjoni. Hekk kif l-ekonomija għaddejja minn bidliet strutturali, huwa essenzjali li wieħed jisfrutta l-potenzjal mhux użat tax-xogħol. Attwalment, is-suq tax-xogħol huwa kkaratterizzat minn sehem kbir minn dawk li ilhom qiegħda f'qgħad totali u rata għolja ta' inattività, inklużjoni limitata taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u nuqqasijiet u diskrepanzi ta' ħiliet. Filwaqt li r-rata tal-qgħad waqgħet taħt il-medja tal-Unjoni fl-2015, il-proporzjon tal-qgħad fit-tul u tar-rata ta' żgħażagħ mhux f'impjieg, fl-edukazzjoni jew f'taħriġ u r-rata baxxa ta' impjiegi ta' persuni b'livell baxx ta' ħiliet għadhom problemi kbar. Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol mhumiex immirati biżżejjed lejn il-gruppi żvantaġġati u lejn il-ħtiġijiet tagħhom, u dan ifixkel l-impjegabbiltà tagħhom. Barra minn hekk, l-integrazzjoni insuffiċjenti tas-servizzi tal-impjiegi u dawk soċjali għall-benefiċjarji tal-benefiċċji soċjali tista' tillimita l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(12) It-titjib tal-eżiti edukattivi u t-tisħiħ tal-provvediment ta' edukazzjoni formali inklużiva ta' kwalità jibqa' ta' sfida, b'konsegwenzi potenzjali fuq il-faqar. Waqt li r-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għat-tfal naqas bi ftit, dan għadu wieħed mill-ogħla fl-Unjoni u huwa marbut sew mal-livell tal-edukazzjoni tal-ġenituri. Il-kisba ta' ħiliet bażiċi kif imkejla mill-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti tal-OECD (PISA) tal-2015 turi li l-proporzjon ta' dawk li jibqgħu lura fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza għadu wieħed mill-ogħla fl-Unjoni. Il-metodoloġija ppjanata biex ittejjeb il-finanzjament tal-iskejjel għadha trid tiġi żviluppata. Din għandha l-għan li tgħin biex jinkisbu riżultati aktar ekwi billi tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-iskejjel bi prestazzjoni baxxa. Tfal minn familji bi status soċjoekonomiku baxx, b'mod partikolari familji Rom, ma jgawdux minn opportunitajiet edukattivi indaqs *de facto*, inkluż fit-tfulija bikrija. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali qed jiġu riformati, iżda l-kwalità u l-kooperazzjoni mas-sħab soċjali u kummerċjali mhumiex biżżejjed. L-edukazzjoni doppja għadha qed titnieda. Fl-edukazzjoni għolja, il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol.

(13) Aċċessibbiltà limitata, finanzjament baxx, l-emigrazzjoni ta' professjonisti u eżiti tas-saħħa dgħajfa għadhom ta' sfida ewlenija fis-sistema tal-kura tas-saħħa. Livell baxx ta' kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa, inkluż il-kopertura pubblika baxxa tas-servizzi mediċi tal-outpatients u ħlasijiet għolja mħallsa miċ-ċittadin innifsu, jagħmluha diffiċli għal xi wħud biex ikollhom aċċess għall-kura tas-saħħa. Miżuri reċenti, bħal kuntrattar selettiv ta' servizzi ta' sptar ibbażat fuq Mappa tas-Saħħa Nazzjonali, għandhom il-potenzjal li jtejbu l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-ugwaljanza jekk jiġu implimentati b'mod sħiħ.

(14) Il-paga minima fil-Bulgarija, filwaqt li xorta waħda għadha l-aktar baxxa fl-Unjoni, żdiedet b'mod sinifikanti mill-2011 'l hawn. Ftit li xejn sar progress fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu oġġettiv, minkejja l-qbil fuq il-kriterji milħuq bejn min iħaddem u t-trade unions. In-nuqqas ta' mekkaniżmu trasparenti li jqis il-kriterji ekonomiċi u soċjali, il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, u l-aspett istituzzjonali tal-applikazzjoni tagħhom, jista' jipperikola l-bilanċ xieraq bejn l-objettivi ta' sostenn għall-impjiegi u l-kompetittività u ssalvagwardjar tad-dħul mill-impjiegi. Minkejja xi tensjonijiet bejn is-sħab soċjali matul negozjati li fallew għal limiti fuq il-minimu tas-sigurtà soċjali tal-2017, id-djalogu soċjali fil-pajjiż għadu fis-seħħ.

(15) Is-sehem għoli ta' persuni li jgħixu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadu ta' sfida ekonomika u soċjali prinċipali. Il-Bulgarija għadha l-aktar pajjiż fqir fl-Unjoni u l-gruppi żvantaġġati, bħar-Rom, it-tfal, l-anzjani u l-persuni li jgħixu f'zoni rurali qed jintlaqtu b'mod sproporzjonat. Wara bosta snin ta' titjib sostnut, ir-rata tar-riskju tal-faqar għall-anzjani marret għall-agħar b'mod sostanzjali. In-nisa anzjani jinsabu f'riskju partikolarment għoli ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali minħabba l-perijodu tipikament iqsar ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni. Filwaqt li s-sitwazzjoni relattiva tal-faqar tat-tfal tjiebet, il-livelli ta' faqar f'dan il-grupp għadhom għoljin ħafna. Id-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal qed iżżomm il-momentum tagħha bl-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni ġdid. Madankollu, il-proċess għadu lura għall-adulti u l-persuni b'diżabilità. L-inugwaljanza fl-introjtu tirrappreżenta problema sinifikanti u dejjem tikber. Il-proporzjon bejn l-introjtu ta' 20 % tal-unitajiet domestiċi l-iktar sinjuri ma' dak tal-ifqar 20 % żdied minn 6,1 fl-2012 għal 7,1 fl-2015 u huwa fost l-ogħla fl-Unjoni. Fil-Bulgarija, id-differenza bejn l-inugwaljanza fid-dħul qabel u wara t-taxxi u t-trasferimenti soċjali hija fost l-iżgħar fl-Unjoni. Is-sistema tal-protezzjoni soċjali, inkluż l-iskema ġenerali ta' dħul minimu, ma tipprovdix livelli xierqa ta' appoġġ. Il-kopertura ta' persuni fuq il-benefiċċji soċjali għadha baxxa, minħabba li hija restrittiva ħafna. Il-livell tad-dħul minimu għadu baxx u qatt ma ġie aġġornat mill-2009 'l hawn u ma għandux mekkaniżmu trasparenti ta' aġġustament.

(16) Miżuri biex titjieb is-sistema tal-akkwist pubbliku ġew stabbiliti iżda valur miżjud konkret tagħhom għadu jrid ifeġġ. L-implimentazzjoni xierqa u effiċjenti ta' sistema ġdida ta' kontroll ex ante bbażata fuq ir-riskju jeħtieġilha tiġi żgurata. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rieżami tas-sistema tal-appell għadha problematika peress li rimedji effiċjenti huma fundamentali għall-implimentazzjoni ta' proġetti importanti. Wara l-valutazzjoni, il-kapaċità amministrattiva tal-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku jkollha tiġi aġġustata biex tirrifletti l-funzjonijiet tal-Aġenzija. Barra minn hekk, il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet kontraenti għandha tissaħħaħ, inkluż billi tiġi bbażata fuq appoġġ metodoloġiku pprovdut mill-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku u attivitajiet ta' xiri ċentralizzati u/jew anċillari pprovduti mill-Korpi Ċentrali għall-Akkwisti għall-amministrazzjoni ċentrali, il-muniċipalitajiet u s-settur tas-saħħa. Il-ħidma għall-introduzzjoni tal-akkwist pubbliku elettroniku sabiex tissaħħaħ it-trasparenza fl-akkwist pubbliku għadha trid titlesta. Is-salvagwardjar tal-imparzjalità tal-offerti pubbliċi u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess possibbli jibqgħu jkunu ta' tħassib importanti. Minkejja r-riforma riċenti mmirata lejn li timmodernizza l-amministrazzjoni pubblika, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet pubbliċi għadhom limitati. Fl-2016 tlestew għadd ta' emendi legali biex jistabbilixxu l-qafas legali xieraq, iżda l-infurzar u l-implimentazzjoni effiċjenti u sistematika tagħhom huma diffiċli.

(17) Fl-2016 il-Bulgarija adottat riformi sinifikanti biex tindirizza t-tħassib li baqa' jeżisti dwar l-indipendenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja tagħha. Madankollu, peress li dawn ir-riformi ġew adottati reċentement, huwa kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom. Hemm ħtieġa ta' aktar passi f'għadd ta' oqsma. Il-korruzzjoni wkoll għadha ta' sfida ewlenija fil-Bulgarija u għadha tkun ta' piż fuq l-investiment, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell lokali. Fl-2015, l-awtoritajiet ippreżentaw strateġija ambizzjuża biex jiġġieldu l-korruzzjoni, iżda l-implimentazzjoni tagħha għadha fil-bidu tagħha. Il-politika tal-Bulgarija kontra l-korruzzjoni għadha mxekkla minn istituzzjonijiet dgħajfa u frammentati, rekord ħażin fil-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' livell għoli u nuqqas ta' appoġġ parlamentari għal riforma. Skont il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika [1], il-Bulgarija tirċievi rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Għalhekk dawn l-oqsma mhumiex koperti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-Bulgarija.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Bulgarija u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Il-Kummissjoni vvalutat ukoll is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Bulgarija fi snin preċedenti.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Bulgarija mistennija tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(20) Fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (2) u (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

---

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/929/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fil-Bulgarija sabiex tindirizza punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 58).

1. Tkompli ttejjeb il-ġbir tat-taxxa u l-konformità tat-taxxa, inkluż permezz ta' sett komprensiv ta' miżuri lil hinn mill-2017. Tintensifika l-infurzar ta' miżuri biex tnaqqas l-ekonomija informali, b'mod partikolari x-xogħol mhux iddikjarat.

2. Tieħu miżuri ta' segwitu fuq ir-rieżamijiet tas-settur finanzjarju, b'mod partikolari dwar il-kuntratti tar-riassigurazzjoni, is-sorveljanza fil-livell ta' grupp, l-assi li mhumiex faċilment stimabbli u l-iskoperturi għal partijiet relatati. Titjieb is-superviżjoni bankarja u mhux bankarja permezz tal-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni komprensivi, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi Ewropej. Tiffaċilita t-tnaqqis ta' self korporattiv improduttiv li għadu għoli, bl-użu ta' sett komprensiv ta' għodod, inkluż billi taċċellera r-riforma tal-qafas tal-insolvenza u billi tippromwovi suq sekondarju funzjonabbli għas-self mhux produttiv.

3. Ittejjeb l-immirar tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni bejn l-impjiegi u s-servizzi soċjali għall-gruppi żvantaġġati. Iżżid l-għoti ta' edukazzjoni ordinarja ta' kwalità, b'mod partikolari lir-Rom. Iżżid il-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa, tnaqqas l-pagamenti miċ-ċittadini nnifishom u tindirizza n-nuqqas ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tistabbilixxi mekkaniżmu trasparenti għall-iffissar tal-paga minima. Iżżid il-kopertura u l-adegwatezza tad-dħul minimu.

4. Tiżgura implimentazzjoni effiċjenti tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist Pubbliku 2014–2020.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Repubblika Ċeka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Repubblika Ċeka

(2017/C 261/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Repubblika Ċeka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għar-Repubblika Ċeka ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ir-rapport jivvaluta l-progress tar-Repubblika Ċeka biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tar-Repubblika Ċeka lejn il-miri Ewropa 2020 nazzjonali tagħha. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li r-Repubblika Ċeka mhux qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.

(3) Ir-Repubblika Ċeka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 fil-25 ta' April 2017, u l-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2017 fit-28 ta' April 2017. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(5) Ir-Repubblika Ċeka bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2017, il-Gvern qed jippjana surplus baġitarju f'termini nominali matul l-2016–2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju — defiċit strutturali ta' 1,0 % tal-PDG — ser jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perijodu kollu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-PDG huwa mistenni jonqos gradwalment għal 32,7 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Filwaqt li r-riskji li l-miri baġitarji ma jintlaħqux huma bilanċjati sew, il-kontrazzjoni mħabbra fl-investiment pubbliku fl-2016 – marbuta mal-bidu ta' ċiklu ġdid ta' fondi mill-Unjoni – jista' jkollha riperkussjonijiet akbar mill-mistenni fuq l-investiment pubbliku fl-2017. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser jinżel għal madwar 0 % tal-PDG fl-2017 u għal - 0,2 % tal-PDG fl-2018 biex b'hekk jibqa' ogħla mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Komplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2017 u fl-2018 ir-Repubblika Ċeka hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(6) Ir-Repubblika Ċeka qed tkompli turi riskji ta' livell medju għas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu ta' żmien twil. Dawn ġejjin l-iktar mill-impatt mistenni tal-infiq pubbliku marbut mal-età, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet. Iż-żieda mistennija fl-infiq fit-tul fuq il-kura tas-saħħa hija kwistjoni ta' tħassib, kemm fir-rigward tal-governanza kif ukoll fir-rigward tal-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa, li tiddependi ħafna fuq kura in-patient aktar għalja. Xi miżuri fil-preżent jinsabu fi stadji varji ta' implimentazzjoni, iżda r-riżultati għadhom mhumiex tanġibbli. Il-miżuri adottati jew ippjanati dan l-aħħar, biex jemendaw is-sistema tal-pensjonijiet jistgħu, jekk jiġu implimentati, iwasslu għal deterjorazzjoni tal-finanzi pubbliċi fuq perjodu twil ta' żmien. L-ewwel nett, il-Parlament adotta leġislazzjoni li tagħti lill-Gvern is-setgħa li jaġġusta b'mod iktar flessibbli l-mekkaniżmu tal-indiċjar tal-pensjonijiet. Il-Parlament qed jiddiskuti wkoll proposti biex l-età statutorja tal-irtirar tiġi limitata għal 65 u biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rieżami regolari tal-età tal-pensjoni. Bidliet ulterjuri, bħal formula aktar ġeneruża tal-indiċjar tal-pensjonijiet u rati differenzjati tal-assigurazzjoni soċjali skont l-għadd ta' tfal qegħdin jiġu diskussi bħalissa wkoll.

(7) Il-liġi dwar ir-responsabbiltà fiskali li ġiet adottata mill-Parlament f'Jannar 2017, għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet ewlenin tal-qafas fiskali tar-Repubblika Ċeka, peress li dan l-aħħar ġie evalwat bħala wieħed mill-aktar dgħajfin fl-Unjoni. Madankollu, għad irid jinħatar kunsill fiskali indipendenti għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-regoli. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-miżuri ġodda li ġew introdotti ser tkun kruċjali biex il-qafas fiskali jsir aktar effikaċi u stabbli.

(8) Ir-Repubblika Ċeka qed taffaċċja sfidi fir-rigward tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni kif ukoll ineffiċjenzi fl-akkwist pubbliku. Filwaqt li għadd ta' miżuri fil-programm tal-Gvern kontra l-korruzzjoni ġew implimentati u riformi oħra għadhom pendenti, fil-prattika l-korruzzjoni ma tiġix mħarrka sistematikament. B'mod ġenerali, il-prattika Ċeka tal-akkwist pubbliku xorta għadha mhijiex kompetittiva biżżejjed u dan huwa rifless mill-għadd kbir ta' proċeduri ta' offerta unika u ta' għotjiet diretti, b'mod partikolari fis-settur tal-IT. L-ineffiċjenzi fl-appoġġ għat-taħriġ kif ukoll in-nuqqas ta' strutturi ta' xiri aggregat u ċentri ta' kompetenza jfixklu l-professjonalizzazzjoni u jagħmlu aktar diffiċli biex jinkiseb valur tajjeb għall-flus fl-akkwisti pubbliċi. L-użu limitat ħafna tal-kwalità bħala kriterju tal-għoti huwa wkoll sintomatiku f'dan ir-rigward. It-transizzjoni lejn l-akkwist elettroniku għadha qed tiffaċċa sfidi kbar. Dawn jinkludu l-ħtieġa li l-pjattaforma tal-istat tal-akkwist elettroniku tal-Istat, l-Għodda Nazzjonali Elettronika, titjieb u huwa meħtieġ ukoll li jiġu ċċarati l-kondizzjonijiet għall-użu kontinwu ta pjattaformi privati li huma diġà attivi fis-suq Ċek tal-akkwist elettroniku.

(9) L-ambjent kummerċjali fir-Repubblika Ċeka huwa mgħobbi b'piż regolatorju tqil u b'diversi ostakli amministrattivi, speċjalment il-proċeduri tal-permessi u r-regolamentazzjoni fiskali. F'Settembru 2016, il-Gvern ippreżenta emenda għall-Att tal-Kostruzzjoni u l-leġislazzjoni relatata, bl-għan li jħaffef u jissimplifika l-proċedura għall-għoti tal-permessi għall-bini billi jintegra fiha l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. L-emenda tinsab bħalissa taħt l-iskrutinju parlamentari. L-ispejjeż tal-konformità mar-regoli tat-taxxa għan-negozji għadhom ogħla mill-medja tal-Unjoni. In-nuqqasijiet jinkludu wkoll l-emendi frekwenti għall-Kodiċi tat-Taxxa. L-indirizzar tan-nonkonformità mat-taxxa jibqa' prijorità għall-awtoritajiet Ċeki; madankollu ma hemmx fokus qawwi fuq is-simplifikazzjoni. Trid tiġi ppreżentata liġi dwar it-taxxa fuq l-introjtu li għandha l-għan li tissimplifika l-Kodiċi tat-Taxxa, iżda abbozz għadu mhux disponibbli.

(10) L-użu tas-servizzi elettroniċi tal-gvern fir-Repubblika Ċeka huwa fost l-aktar baxxi fl-Unjoni, iżda żdied mill-2015. L-awtoritajiet Ċeki ħadu passi biex tittejjeb id-disponibbiltà tas-servizzi tal-gvern elettroniku iżda ħafna minnhom għadhom għaddejjin u xi miżuri individwali għadhom ma tnedewx. Ir-responsabbiltà għall-introduzzjoni tas-servizzi hija mifruxa fuq bosta ministeri u l-partijiet konċernati jħossu li l-kooperazzjoni transsettorjali hija limitata.

(11) L-intensità tar-R&Ż żdiedet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, iżda dan mhux qed jiġi akkumpanjat minn titjib korrispondenti fil-kwalità tar-riżultati tar-R&Ż. Qed jiġu implimentati riformi fil-governanza tas-sistema tar-R&Ż, iżda dawn għadhom ma ġewx implimentati b'mod sħiħ. Il-Gvern approva metodoloġija ġdida ta' evalwazzjoni (Metodika 17+) fi Frar 2017, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-mekkaniżmi relatati mal-allokazzjoni tal-iffinanzjar għar-riċerka bażika u applikata. Serje ta' miżuri li qed jittieħdu biex jiġu ffaċilitati rabtiet aktar sodi bejn id-dinja akkademika u n-negozju, qed tinbena fuq l-effett tal-istrutturar tal-Pjattaformi nazzjonali tal-innovazzjoni.

(12) Ir-riżultati fl-edukazzjoni huma ġeneralment tajba, iżda l-ħiliet bażiċi marru għall-agħar. Il-prestazzjoni hija influwenzata ħafna mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. Ir-riżultati edukattivi baxxi ta' gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari tal-komunità Rom, jirrappreżentaw preokkupazzjoni ċara. Huwa stmat li proporzjon kbir ħafna ta' tfal Rom jabbandunaw l-iskola kmieni. Ittieħdu għadd sinifikanti ta' miżuri leġislattivi u amministrattivi biex jippromwovu l-edukazzjoni inklussiva u issa bdew jiġu implimentati. Dawn huma mistennija jgħinu biex jitnaqqas id-distakk fil-kisba fl-edukazzjoni bejn it-tfal Rom u dawk mhux Rom. Il-Parlament adotta emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni f'Marzu 2016, li jestendu l-edukazzjoni obbligatorja għall-aħħar sena tal-edukazzjoni preprimarja u li jiżguraw li t-tfal iżgħar ikunu intitolati għal post f'kindergarten. Madankollu, l-inugwaljanzi fis-sistema edukattiva jirrappreżentaw ostaklu għat-titjib tal-kwalità tal-kapital uman u jxekklu wkoll l-eżiti fis-suq tax-xogħol aktar tard fil-ħajja. Aktar rekwiżiti tal-għalliema u popolazzjoni tal-għalliema li qed tixjieħ ifissru li l-professjoni ta' għalliem mhijiex daqstant attraenti. Dan huwa parzjalment dovut għal pagi relattivament baxxi, għalkemm is-salarji żdiedu f'dawn l-aħħar snin. Sistema ġdida ta' karrieri għall-għalliema u għall-persunal pedagoġiku li żviluppat bil-ħsieb li tiżdied l-attrazzjoni tal-professjoni, sa fl-aħħar ġiet approvata mill-Gvern wara bosta posponimenti. Opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu għall-għalliema qed jiġu żviluppati b'appoġġ sinifikanti fil-forma ta' fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari attivitajiet ta' żvilupp professjonali marbuta mat-tagħlim ta' gruppi mħalltin u mal-edukazzjoni inklussiva. Ir-riforma tal-edukazzjoni għolja ġiet adottata mill-Parlament f'Jannar 2016 u r-riżultati tagħha jeħtieġ li jkunu mmonitorjati. Hija ppjanata wkoll riforma tas-sistema tal-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja.

(13) Ir-rata tal-qgħad fir-Repubblika Ċeka qed tkompli tonqos. L-issikkar tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol qegħdin jagħmluha aktar diffiċli għal min iħaddem biex jirrekluta ħaddiema. Għad hemm xi potenzjal biex jiġu paċuti l-iskarsezzi billi jiġu mobilizzati gruppi sottorappreżentati, bħal nisa bi tfal żgħar, ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u l-membri tal-komunità Rom. Aktar attività ta' lħiq u attivazzjoni tal-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjieg pubbliku, flimkien ma' politiki attivi tas-suq tax-xogħol tajbin u mmirati sew u servizzi individwalizzati, ikunu ta' għajnuna biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' gruppi mhux sfruttati. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa bi tfal żgħar hi mxekkla minn nuqqas persistenti ta' servizzi ta' kura tat-tfal bi prezz raġonevoli u ta' kwalità, b'mod partikolari għal tfal ta' taħt it-tliet snin, minn intitolamenti twal ta' liv tal-ġenituri, bl-użu limitat ta' arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol flessibbli miż-żewġ ġenituri u b'livell baxx tal-użu ta' liv tal-ġenituri mill-missirijiet. F'dawn l-aħħar snin ittieħdu xi miżuri biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Madankollu, l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema b'ħiliet baxxi huma notevolment iktar dgħajfin milli għall-kumplament tal-gruppi l-oħra. Il-Parlament qiegħed bħalissa jiddiskuti l-qafas leġislattiv għall-akkomodazzjoni soċjali, li huwa mistenni jistipula l-istandards nazzjonali u l-gruppi fil-mira.

(14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Repubblika Ċeka u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Repubblika Ċeka fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Repubblika Ċeka imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u huwa tal-opinjoni [1] li r-Repubblika Ċeka mistennija li tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Repubblika Ċeka tieħdu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

[1] Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

1. Tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, fid-dawl tal-popolazzjoni li qed tixjieħ. Iżżid l-effettività tal-infiq pubbliku, b'mod partikolari billi jiġu miġġielda l-korruzzjoni u prattiki ineffiċjenti fl-akkwist pubbliku.

2. Tneħħi l-ostakli għat-tkabbir, b'mod partikolari billi tissimplifika l-proċeduri għall-għoti tal-permessi tal-bini u tnaqqas aktar il-piż amministrattiv fuq in-negozji billi tintroduċi servizzi elettroniċi tal-gvern ewlenin, billi ttejjeb il-kwalità tar-R&Ż u billi trawwem ix-xogħol fost il-gruppi sottorappreżentati.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tad-Danimarka u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tad-Danimarka

(2017/C 261/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lid-Danimarka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi approfondita.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għad-Danimarka kien ippubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ir-rapport jivvaluta l-progress tad-Danimarka biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tad-Danimarka lejn il-miri Europa 2020 nazzjonali tagħha.

(3) Fit-28 ta' April 2017, id-Danimarka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħha u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tagħha. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tuża dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(5) Id-Danimarka bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tagħha, il-Gvern qed jippjana li jilħaq defiċit nominali ta' 1,9 % tal-PDG fl-2017 u li jibqa' jirrispetta l-objettiv fuq terminu medju tal-baġit — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — matul il-perijodu kollu tal-programm sal-2020. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-proporzjoni tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG mistennija li tinżel għal 37,0 % fl-2017 u li tibqa' nieżla għal 33,9 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli matul il-perijodu tal-programm. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li se jilħaq defiċit ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017 u ta' 0,1 % tal-PDG fl-2018, b'konformità b'mod ġenerali mal-mira tal-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u aħjar mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2017 u fl-2018 id-Danimarka mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(6) L-iżgurar tal-provvista tal-ħaddiema fi żminijiet ta' sfida demografika huwa prekondizzjoni għat-tkabbir sostenibbli fid-Danimarka. Serje ta' riformi sostanzjali tas-suq tax-xogħol f'dawn l-aħħar snin għandha l-għan li partikolarment iżżid l-inċentivi għax-xogħol u ttejjeb l-effiċjenza tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Dawn ir-riformi jistgħu jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira tal-impjiegi tal-Ewropa 2020 tad-Danimarka, għas-sostenibbiltà tal-mudell tal-welfare Daniż u biex jiġi indirizzat in-nuqqas li qed ifeġġ ta' ċerti kwalifiki. Riformi li għandhom l-għan li jżidu r-rati tal-parteċipazzjoni u tat-tlestija tal-edukazzjoni vokazzjonali, u ftehim tripartitiku biex jinħolqu aktar apprendistati, x'aktarx li jżidu l-provvista tal-ħaddiema mħarrġa. Madankollu, il-mira nazzjonali tal-Ewropa 2020 għall-inklużjoni soċjali, li għandha l-għan li tnaqqas l-għadd ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ta' xogħol, hija 'l bogħod milli tintlaħaq. L-inklużjoni fis-suq tax-xogħol u t-titjib tal-impjegabbiltà ta' gruppi żvantaġġati għadhom diffiċli. Dan japplika b'mod partikolari għall-persuni bi sfond migratorju mhux mill-UE (inklużi dawk li ilhom jgħixu d-Danimarka), parzjalment minħabba l-medja aktar baxxa tal-prestazzjoni edukattiva tagħhom meta mqabbla mal-persuni li twieldu d-Danimarka. Din id-differenza tibqa' tippersisti fit-tieni ġenerazzjoni. Il-miżuri għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol miftiehma fin-negozjati tripartitiċi tal-2016 jistgħu jtejbu s-sitwazzjoni tar-refuġjati li għadhom kif waslu, li s-sitwazzjoni tagħhom trid tiġi mmonitorjata mill-qrib fil-futur. Madankollu, għadhom jistgħu jittieħdu aktar miżuri biex gruppi marġinalizzati oħra bħal żgħażagħ b'edukazzjoni baxxa u ħaddiema ta' aktar minn 60 sena, jiġu inklużi fis-suq tax-xogħol b'mod aktar effikaċi.

(7) Tkabbir kbir fil-produttività huwa ta' importanza fundamentali biex isostni l-livell relattivament għoli ta' welfare fid-Danimarka u jiżgura l-kompetittività tal-pajjiż fit-tul. Għalkemm il-livell tal-produttività fid-Danimarka huwa għoli meta mqabbel ma' dak ta' Stati Membri oħra, it-tkabbir fil-produttività ilu fuq xejra 'l isfel għal perijodu twil. Servizzi li huma orjentati domestikament, b'mod partikolari, kienu karatterizzati minn żviluppi fqar fil-produttività. Id-Danimarka implimentat diversi riformi f'dan l-aħħar snin iżda t-tkabbir fil-produttività baqa' baxx għax il-kompetizzjoni f'xi setturi tas-servizzi baqgħet dgħajfa. Restrizzjonijiet speċifiċi għal ċertu setturi jxekklu l-kompetizzjoni, pereżempju fil-bejgħ bl-ingrossa u fis-servizzi tat-trasport.

(8) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tad-Danimarka u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lid-Danimarka fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fid-Danimarka imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni fid-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(9) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u huwa tal-opinjoni li d-Danimarka mistennija li tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li d-Danimarka tieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Trawwem il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi li huwa orjentat domestikament.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Ġermanja

(2017/C 261/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Ġermanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Ġermanja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro li hija riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.

(3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għall-Ġermanja ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Ġie vvalutat il-progress tal-Ġermanja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Ġermanja lejn il-miri nazzjonali tagħha għal Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li l-Ġermanja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari,

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

is-surplus persistentement għoli fil-kont kurrenti għandu rilevanza transfruntiera u jirrifletti – minbarra l-integrazzjoni u l-prestazzjoni sodi tal-industrija ferm kompetittiva tagħha fid-diviżjoni internazzjonali tax-xogħol – eċċess ta' tfaddil u investiment imrażżan kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku. Is-surplus fil-kont kurrenti kompla jiżdied fl-2015, baqa' fil-biċċa l-kbira l-istess fl-2016 u huwa mistenni li jibqa' f'livell għoli. L-indirizzar tas-surplus jista' jkollu implikazzjonijiet fuq il-prospetti ta' riekwilibriju fil-bqija taż-żona tal-euro u fl-Unjoni, minħabba li domanda domestika aktar dinamika fil-Ġermanja tista' tnaqqas il-ħtiġijiet ta' diżingranaġġ fl-Istati Membri li għandhom ħafna dejn. Minkejja rati tal-imgħax baxxi li joħolqu kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli, l-investiment fin-negozju bħala sehem tal-PDG għadu kajman. Filwaqt li kompla l-irkupru fil-konsum privat, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi laħaq livelli għolja rekord fl-Unjoni. Il-ħtieġa ta' azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju tal-effetti ħżiena fuq l-ekonomija tal-Ġermanja, u minħabba d-daqs u r-rilevanza transfruntiera tagħha, fuq l-unjoni ekonomika u monetarja, hija ta' importanza partikolari.

(4) Il-Ġermanja ppreżentat il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2017 fit-13 ta' April 2017 u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali tagħha tal-2017 fit-28 ta' April 2017. Biex jittieħed kont tal-interkonnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) Bħalissa l-Ġermanja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017, il-gvern qed jippjana surplus baġitarju ta' bejn ¼ u ½ % tal-PDG matul l-2017-2021. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — se jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perijodu kollu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon ta' dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG mistenni jonqos gradwalment għal 57 % fl-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji, li ma ġiex ikkonfermat minn korp indipendenti, huwa plawsibbli.

(7) Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser jirreġistra surplus ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017 u 0,3 % tal-PDG fl-2018, 'il fuq mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mbassar li ser iżomm ix-xejra qawwija 'l isfel lil hinn mir-rekwiżiti tar-regola tad-dejn. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Ġermanja hija pprojettata li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2017 u fl-2018. Fl-istess ħin fadal lok fejn wieħed isostni d-domanda domestika billi juża l-politika fiskali b'mod partikolari biex tinkiseb xejra sostnuta 'l fuq fl-investiment u billi jinħolqu l-kundizzjonijiet għal tkabbir akbar fil-pagi reali.

(8) L-investiment pubbliku bħala proporzjon tal-PDG baqa' fil-biċċa l-kbira kostanti u taħt il-medja taż-żona tal-euro. L-akkumulu ta' sottoinvestiment pubbliku huwa persistenti b'mod partikolari fil-livell muniċipali, fejn l-investiment nett baqa' negattiv fl-2016. Dan huwa minkejja l-miżuri meħuda matul l-aħħar ftit snin u ż-żidiet sinifikanti fl-investiment pubbliku fil-livell tal-amministrazzjoni pubblika fl-2015 u l-2016. Ittieħdu miżuri addizzjonali fl-2016, li għandhom iżidu l-ambitu għall-investiment pubbliku, inkluż fil-livell tal-Istat Federali u f'dak muniċipali. Dawn jinkludu riforma tar-relazzjonijiet fiskali federali li, ladarba tiġi adottata, se tidħol fis-seħħ fl-2020. Barra minn hekk, l-estensjoni tas-servizzi ta' konsulenza dwar l-ippjanar tal-investiment fl-infrastruttura biex jinkludi l-muniċipalitajiet għandha ttejjeb l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-investiment fl-infrastruttura fil-livell muniċipali. Dan jidher partikolarment rilevanti, peress li proġetti ta' investiment infrastrutturali fl-istati federali u fil-muniċipalitajiet jiġu eżegwiti biss sa ċertu punt u huma influwenzati minn restrizzjonijiet ta' kapaċità u ta' ppjanar. Il-pożizzjoni baġitarja favorevoli ġeneralment tindika spazju fiskali disponibbli, pereżempju biex jiġu pprovduti fondi addizzjonali biex jiżdied l-investiment pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern.

(1) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(9) In-nefqa globali fl-edukazzjoni pubblika u privata u fir-riċerka kienet pjuttost stabbli b'mod relattiv mal-PDG f'dan l-aħħar snin, iżda fl-edukazzjoni għadha taħt il-medja tal-Unjoni. In-nefqa totali kkombinata fuq l-edukazzjoni u r-riċerka, 9,1 % fl-2015, hija inqas mill-mira nazzjonali ta' 10 % tal-PDG. Aktar investiment fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni huwa kruċjali għas-suċċess ekonomiku futur tal-Ġermanja u b'mod partikolari għall-integrazzjoni effettiva ta' dawk li qed ifittxu l-asil, ir-refuġjati u l-migranti li waslu dan l-aħħar. Sabiex jinkiseb dan, il-Ġermanja għamlet sforzi konsiderevoli, speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali. Fis-snin li ġejjin, l-isforzi fis-settur tal-edukazzjoni kollu ser ikollhom jiġu appoġġati.

(10) Is-sistema tat-taxxa Ġermaniża għadha kumplessa, l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tat-taxxa huma għoljin u diversi dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni tal-kumpaniji jistgħu jkunu qegħdin jostakolaw l-investiment privat. Minkejja tnaqqis sinifikanti, l-ispejjeż kapitali tal-kumpaniji fil-Ġermanja għadhom fost l-ogħla fl-UE-28. Meta jitqiesu t-taxxa lokali fuq il-kummerċ (*Gewerbesteuer*) u l-kontribuzzjoni addizzjonali ta' solidarjetà, l-ogħla rata statutarja tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv laħqet it-30,2 % fl-2016. Din kienet sostanzjalment ogħla mill-medja mhux ponderata tal-Unjoni ta' 22,8 %. Ir-rata medja effettiva tat-taxxa hija ta' 28,2 % meta mqabbla mal-medja mhux ponderata ta' 21,1 % għall-Unjoni. Il-preġudizzju favur id-dejn fit-tassazzjoni korporattiva kien is-seba' l-ogħla fl-Unjoni fl-2016. Fil-livell tal-azzjonisti, id-daqs tal-preġudizzju favur id-dejn huwa simili. Dan huwa importanti b'mod speċjali għall-SMEs, li għandhom it-tendenza li jkollhom azzjonisti domestiċi. Jekk jitbaxxew l-ispejjeż kapitali fuq l-ekwità, ikun jista' jsaħħaħ l-investiment privat u s-suq tal-kapital ta' riskju, li fil-Ġermanja huwa sottożviluppat. Karatteristiċi oħra tas-sistema tat-taxxa li jistgħu joħolqu distorsjoni fid-deċiżjonijiet tal-finanzjament u tal-investiment huma l-inklużjoni ta' elementi mingħajr profitt fil-bażi tat-taxxa lokali fuq il-kummerċ, limiti fuq ir-riport tat-telf, u distorsjonijiet li joriġinaw mit-taxxi fir-rigward tal-għażla tal-forma ġuridika. Dispożizzjonijiet ulterjuri li jistgħu jagħmlu s-sistema tat-taxxa diffiċli għall-investimenti jinkludu r-reġim tad-deprezzament, ir-rata tal-imgħax użata biex jiġu kkalkulati l-provvedimenti deduċibbli tal-pensjoni, it-tassazzjoni tal-qligħ kapitali u l-kontabilità tal-flus għal skopijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Jekk tiġi implimentata b'mod effettiv, l-awtorità funzjonali addizzjonali ġenerali u speċifika għall-IT tal-amministrazzjoni federali tat-taxxa b'rabta mal-amministrazzjonijiet statali tat-taxxa kif miftiehem bħala parti mir-riforma tar-relazzjonijiet federali fiskali, tista' tħaffef il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni tat-taxxa.

(11) L-investiment ta' kapital ta' riskju żdied fil-Ġermanja, iżda s-suq xorta għadu sottożviluppat meta mqabbel mal-istandards internazzjonali. Fl-2015, l-investiment kapitali ta' riskju ammonta għal madwar 0,03 % tal-PDG, li huwa kemxejn ogħla mill-medja tal-Unjoni, iżda xorta inqas minn Stati Membri bħall-Finlandja, ir-Renju Unit, l-Iżvezja, l-Irlanda u Franza u ferm inqas minn pajjiżi mhux fl-Unjoni bħall-Iżrael u l-Istati Uniti. B'mod partikolari, is-suq ta' kapital ta' riskju fil-Ġermanja jidher li mhux jirnexxilu jipprovdi investimenti akbar fi stadju iktar tard. Il-Gvern Federali ħa għadd ta' miżuri biex jappoġġja l-investiment fil-kapital ta' riskju. Pereżempju billi ssimplifika t-tassazzjoni tal-fondi ta' investiment, tejjeb ir-riportar tat-telf taħt is-sistema tat-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpaniji u espanda l-programm INVEST għall-investituri informali.

(12) Il-bidla lejn l-enerġija rinnovabbli toħloq il-ħtieġa għal investiment sinifikanti fin-netwerks tat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku. Madankollu, l-investiment ippjanat tal-infrastruttura domestika tal-elettriku ġie ttardjat b'mod sinifikanti. Madwar 35 % biss tal-proġetti tal-grilja bl-ogħla vultaġġ identifikati fl-Att tal-2009 dwar l-Espansjoni tan-Netwerk tal-Enerġija kienu ġew implimentati sal-aħħar tal-2016, prinċipalment minħabba l-oppożizzjoni pubblika. Minn total attwali ta' 6 100 km ta' linji tal-elettriku ppjanati li jinbnew fil-perijodu sal-2024/2025 f'konformità mal-Att tal-Pjan tar-Rekwiżit Federali, li daħal fis-seħħ fl-2015, madwar 6 % biss ġew approvati u 1 % biss inbnew.

(13) Għad hemm ostakli biex jitgawdew il-benefiċċji sħaħ tad-diġitalizzazzjoni. Pereżempju, il-Ġermanja ma għandhiex prestazzjoni tajba fid-disponibbiltà ta' konnessjonijiet tal-broadband b'veloċità għolja u ultra veloċi, b'mod partikolari f'żoni semiurbani u rurali. L-użu tal-kompjuters miż-żgħażagħ Ġermaniżi huwa relattivament baxx u ħafna skejjel ma għandhomx aċċess għall-broadband. Il-prestazzjoni fis-servizzi pubbliċi diġitali hija wkoll inqas mill-medja tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-SMEs għandhom bżonn jirkupraw fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni. Għoxrin fil-mija biss tal-SMEs għandhom strateġija għad-diġitalizzazzjoni. Twaqqaf netwerk ta' ċentri ta' eċċellenza tal-SMEs biex tissaħħaħ u tiġi aċċellerata d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs u l-pjattaforma "Industrie 4.0" tlaqqa' flimkien il-partijiet konċernati kollha. Filwaqt li l-investiment tan-negozji fir-R&Ż qed jikber u l-Ġermanja qiegħda qrib li tilħaq il-mira tagħha tal-intensità tar-R&Ż tal-Ewropa 2020, l-investiment qed issir dejjem iktar ikkonċentrat f'kumpaniji kbar, filwaqt li l-kontribut tal-SMEs qed jonqos. Barra minn hekk, popolazzjoni li qed tixjieħ jista' wkoll ikollha impatt fuq l-attività intraprenditorjali fis-snin li ġejjin.

(14) Għad hemm ostakli regolatorji kbar fis-settur tas-servizzi tan-negozju u fil-professjonijiet regolati. Il-livell ta' restrizzjonijiet huwa ogħla mill-medja tal-Unjoni b'mod partikolari għall-periti, l-inġiniera, l-avukati u l-kontabilisti/konsulenti tat-taxxa. Barra minn hekk, ir-rata ta' attrizzjoni kummerċjali għal dawn il-professjonijiet hija b'mod sinifikanti aktar baxxa mill-medja tal-Unjoni, li jidher li tindika dinamiżmu u kompetizzjoni relattivament baxxi fis-servizzi professjonali fil-Ġermanja. Dawn l-ostakli jinkludu restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni azzjonarja u l-forma tal-kumpaniji għall-periti u għall-inġiniera, kif ukoll restrizzjonijiet multidixxiplinari għall-periti, l-inġiniera u l-avukati. It-tnaqqis ta' dawn l-ostakli jista' jiġġenera kompetizzjoni aktar intensiva, li twassal f'li aktar impriżi jidħlu fis-suq, u dan iwassal għal benefiċċji għall-konsumaturi f'termini ta' prezzijiet orħos u aktar għażla. F'Jannar 2017 il-Kummissjoni ppreżenta rakkomandazzjonijiet ta' riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali, li kienet parti minn pakkett ta' miżuri biex jindirizzaw l-ostakli fis-swieq tas-servizzi.

(15) L-impjiegi komplew jiżdiedu u l-qgħad naqas għal livelli storikament baxxi. Madankollu, iż-żieda fl-impjiegi kienet parzjalment dovuta għal żieda fix-xogħol part-time, b'mod partikolari fost in-nisa u ġiet riflessa parzjalment biss fit-tkabbir tal-pagi reali aggregati, liema tkabbir naqas fl-2016. Id-diżinċentivi għax-xogħol għal min għandu t-tieni sors ta' dħul u x-xogħol part-time mifrux sew qed ifixklu l-użu sħiħ tal-potenzjal tas-suq tax-xogħol. Provvediment aħjar ta' servizzi ta' kura tat-tfal ta' kwalità u affordabbli fuq bażi full-time, skejjel il-ġurnata kollha u l-kura fit-tul li ġiet riformata reċentement huma strumentali biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol. It-tassazzjoni konġunta fuq l-introjtu għal koppji miżżewġin u l-kopertura tal-assigurazzjoni għal kura tas-saħħa b'xejn għal konjuġi li ma jaħdmux jiskoraġġixxu lil min għandu t-tieni sors ta' dħul, f'ħafna każijiet nisa, milli jieħdu impjieg jew milli jżidu l-għadd ta' sigħat li jaħdmu. Barra minn hekk, l-involviment baxx fis-suq tax-xogħol huwa kkombinat ma' differenza kbira bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa ta' 22 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 16,3 % fl-2015.

(16) Minkejja tnaqqis żgħir, impjiegi żgħar għadhom mifruxa sew, b'madwar 4,8 miljun ruħ ikollhom impjieg żgħir bħala l-uniku impjieg tagħhom f'Settembru 2016. L-għadd ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija ttriplika mill-2005 'l hawn u laħaq madwar miljun (qrib ta' 3 % tal-impjiegi totali) f'Ġunju 2016. Il-protezzjoni kontra abbużi potenzjali fil-każ ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija u ta' kuntratti ta' xogħol hija mistennija li titjieb, iżda l-iżviluppi tajjeb li jiġu mmonitorjati. Barra minn hekk, kuntratti b'terminu fiss jidher li għandhom differenza mhux aġġustata fis-salarji relattivament għolja meta mqabbla ma' kuntratti permanenti.

(17) Il-porzjon ta' taxxa għal dawk li jaqilgħu paga baxxa huwa għoli meta mqabbel ma' Stati Membri oħrajn u dan inaqqas l-inċentivi biex wieħed jaħdem kif ukoll il-paga netta u l-opportunitajiet tal-konsum. Il-Ġermanja żiedet l-allowance minima tat-taxxa fuq l-introjtu personali u l-allowances tat-tfal u aġġustat il-kategoriji tat-taxxa fuq l-introjtu. Dawn il-miżuri għandhom tendenza li jkunu ta' benefiċċju għall-gruppi b'introjtu baxx u medju, iżda l-impatt kumplessiv fuq il-porzjon tat-taxxa se jkun limitat. Minkejja ż-żidiet sostanzjali ta' dan l-aħħar fl-introjtu reali disponibbli, l-evoluzzjonijiet fil-pagi u fil-produttività ilhom jitbiegħdu għal ħafna żmien u dan wassal għal differenza akkumulata konsiderevoli. Tkabbir akbar tal-pagi reali jikkontribwixxi wkoll biex jitnaqqsu l-iżbilanċi esterni kbar.

(18) Il-Ġermanja għamlet sforzi konsiderevoli biex aċċettat persuni li jfittxu l-asil u fl-integrazzjoni ta' refuġjati u migranti oħra. Jidher li huwa possibbli aktar titjib, għax fl-2016 l-għadd ta' refuġjati li jfittxu x-xogħol żdied għal 9 % ta' dawk kollha li qed ifittxu xogħol. L-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni, partikolarment in-nisa, għadha sfida kbira li, inkluż permezz tas-sistema edukattiva, taffettwa wkoll lit-tfal li twieldu l-Ġermanja minn ġenituri mwielda barra l-Unjoni.

(19) Mhux il-membri kollha tas-soċjetà ibbenefikaw indaqs mill-iżviluppi pożittivi u ġenerali ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol ta' dawn l-aħħar ftit snin. Wara perijodu ta' żidiet, l-inugwaljanza fl-introjtu mmoderat biss reċentement, filwaqt li l-inugwaljanza fil-ġid baqgħet fost l-ogħla fiż-żona euro. Barra minn hekk, il-prestazzjoni tajba tas-suq tax-xogħol ma wasslitx għal tnaqqis fir-riskju tal-faqar. Ir-rata ta' riskju ta' faqar f'età avvanzata hi ogħla mill-medja tal-Unjoni u l-għadd ta' nies li jinsabu f'riskju ta' faqar relatat mal-età avvanzata x'aktarx li jiżdied fis-snin li ġejjin. Ir-rata ta' sostituzzjoni tal-iskema tal-pensjoni statutorja hija mbassra li se tkompli tonqos. Fl-istess ħin, ir-rati ta' parteċipazzjoni fi skemi tal-pensjoni tat-tieni jew tat-tielet pilastru huma baxxi wisq biex jikkumpensaw għat-tnaqqis fir-rata ta' sostituzzjoni tal-ewwel pilastru għal kulħadd. Jekk dan ma jiġix ibbilanċjat, l-adegwatezza tal-pensjoni hija mistennija li tiddeterjora. Wieħed għadu jrid jara kemm jistgħu jkunu effettivi r-riformi riċenti biex jitjiebu l-inċentivi għal irtirar aktar tard (*Flexi-Rente*) biex jikkontrobattu l-inċentivi għall-irtirar kmieni li daħlu fl-2014.

(20) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ġermanja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ġermanja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Ġermanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(21) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, u huwa tal-opinjoni ([1]) li l-Ġermanja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(22) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ġermanja tieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Filwaqt li tirrispetta l-objettiv ta' terminu medju, tuża politiki fiskali u strutturali li jappoġġaw it-tkabbir potenzjali u d-domanda domestika kif ukoll biex tikseb xejra ta' żieda sostnuta fl-investiment. Taċċellera l-investiment pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern, speċjalment fil-livell muniċipali u jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet tal-kapaċità u l-ippjanar għal investimenti infrastrutturali. Tkompli ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa u tkompli trendiha favorevoli għall-investiment. Tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi tan-negozju u fil-professjonijiet regolati.

2. Tnaqqas id-diżinċentivi għax-xogħol għal min għandu t-tieni sors ta' dħul u tiffaċilita t-tranżizzjonijiet lejn impjiegi standard. Tnaqqas il-porzjon għoli tat-taxxa għal dawk li jaqilgħu paga baxxa. Toħloq kondizzjonijiet biex tippromwovi aktar tkabbir reali tal-pagi, filwaqt li tirrispetta r-rwol tas-sħab soċjali.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Estonja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Estonja

(2017/C 261/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kienu approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Estonja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-Estonja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għall-Estonja ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Ġie vvalutat il-progress tal-Estonja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Estonja lejn il-miri nazzjonali tagħha għal Ewropa 2020.

(4) L-Estonja ppreżentat il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tagħha fit-28 ta' April 2017 u l-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 tagħha fl-4 ta' Mejju 2017. Sabiex jiġu kkunsidrati l-interkonnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) Attwalment l-Estonja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tiegħu, il-Gvern baxxa l-objettiv baġitarju fuq terminu medju minn bilanċ strutturali għal defiċit ta' 0,5 % tal-PDG. Il-Gvern qed jippjana li jimxi minn bilanċ pożittiv tal-gvern ġenerali ta' 0,3 % tal-PDG fl-2016 għal defiċit ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017 u 0,8 % tal-PDG fl-2018. Skont l-istimi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, dan jikkorrispondi għal bilanċ pożittiv strutturali ta' 0,2 % tal-PDG fl-2017 u defiċit ta' 0,5 % tal-PDG fl-2018, li jirrispetta l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien. Madankollu, abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat [2], id-defiċit huwa mistenni li jammonta għal 0,1 % tal-PDG fl-2017 u 0,9 % tal-PDG fl-2018, taħt l-objettiv baġitarju l-ġdid fuq terminu medju ta' żmien. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-proporzjon ġenerali ta' dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jibqa' taħt l-10 % tal-PDG fl-2017 u fl-2018. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawk il-proġettazzjonijiet baġitarji hu plawżibbli għall-2017 u l-2018, imma huwa favorevoli għall-aħħar snin tal-programm. Fl-istess ħin, hemm riskji marbutin mas-suppożizzjonijiet tar-rendiment tad-dħul relatati mal-miżuri varji ta' taxxi ġodda li se jidħlu fis-seħħ fl-2018.

(7) Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2017, il-bilanċ strutturali huwa proġettat li jirreġistra defiċit ta' 0,3 % tal-PDG fl-2017, biex b'hekk jibqa' ogħla mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien. Fl-2018, l-Estonja hija rrakkomandata li tibqa' fl-objettiv baġitarjufuq terminu medju. Jekk ma jkun hemm l-ebda tibdil fil-politika, hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-rekwiżit. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Estonja għandha tkun lesta biex tieħu iktar miżuri biex tiżgura l-konformità fl-2018.

(8) L-Estonja ħadet azzjoni biex tiżgura l-forniment u l-aċċessibbiltà ta' servizzi ta' kwalità għolja, inklużi servizzi soċjali fil-livell lokali bħala parti mir-riforma tal-gvern lokali tagħha. B'mod partikolari, l-Estonja adottat l-Att ta' Riforma Amministrattiva bil-għan li tagħmilha iktar faċli biex toħloq muniċipalitajiet lokali vijabbli li jistgħu jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess, biex tippjana l-iżvilupp u t-tkabbir u biex toffri servizzi ta' kwalità. B'suċċess, lestiet il-fażi volontarja tal-fużjoni tal-muniċipalitajiet lokali u qed timplimenta l-Att ta' Assistenza Soċjali. Għadhom ma ttieħdux xi passi ewlenin biex titlesta r-riforma tal-gvern lokali. Ir-reviżjoni tal-iskema għall-finanzjament tal-muniċipalitajiet għadha pendenti. Iktar atti leġiżlattivi dwar ir-responsabilitajiet u d-diviżjoni bejn il-muniċipalitajiet u l-gvern ċentrali għadhom fi stadju ta' tħejjija. L-adozzjoni ta' dawn il-proposti hija kritika biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità f'oqsma bħall-edukazzjoni, il-ħidma fost iż-żgħażagħ, il-promozzjoni tas-saħħa u t-trasport.

(9) Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-Estonja niżlet minn 28,3 % fl-2014 għal 26,9 % fl-2015 imma xorta għadha l-ikbar waħda fl-Unjoni. Il-Gvern qed jieħu passi biex jibqa' jbaxxi d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. B'mod partikolari, il-Pjan għall-Ħarsien Soċjali 2016-2023 ġie adottat u qed jiġi implimentat biex tiġi indirizzata s-segregazzjoni tas-sessi fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra s-sterjotipi. Il-modifika tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi sabiex l-ispettorati tax-xogħol jingħataw il-kompitu ta' monitoraġġ iktar fil-qrib tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-settur privat, għadha trid tiġi adottata. Ir-reviżjoni tas-sistema tal-liv għall-ġenituri biex jippermettu teħid iktar flessibbli tal-liv għall-ġenituri qed tiġi kkunsidrata wkoll. Il-bidla leġiżlattiva għadha ma ġietx adottata.

(10) In-nuqqas ta' ugwaljanza fid-dħul fl-Estonja huwa għoli. Il-proporzjon ta' dħul ta' 20 % tal-unitajiet domestiċi l-iktar sinjuri ma' dak tal-20 % tal-unitajiet domestiċi l-iktar fqar żdied minn 5,4 fl-2012 għal 6,2 fl-2015, u issa huwa s-seba' l-ogħla fl-Unjoni. Il-fattur ewlieni jidher li huwa d-differenza kbira fil-pagi b'riżultat taż-żieda kbira fid-dħul fost dawk b'ħiliet ogħla. F'termini assoluti, id-dħul tal-ifqar 10 % tal-unitajiet domestiċi waqgħu lura fit-tkabbir ta' dħul medju, u b'hekk wassal għal problemi bl-adegwatezza tax-xibka tas-sikurezza soċjali. Fattur li jikkontribwixxi huwa li l-benefiċċji (b'mod partikolari l-pensjonijiet u l-assistenza soċjali) mhux qed ilaħħqu mat-tkabbir fid-dħul tas-swieq. Dan irriżulta wkoll f'żieda gradwali fir-rata ta' riskju ta' faqar minn 15,8 % fl-2010 għal 21,6 % fl-2015. Saru sforzi

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[2] Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għal miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni skont il-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

sostanzjali biex is-sistema tat-taxxi ssir iktar progressiva mill-2018 "l hemm" b'mod partikolari għal dawk bi dħul baxx, billi jgħollu l-provvediment bażiku tas-sistema ta' tassazzjoni ġdida fuq l-introjtu personali.

(11) L-infiq tal-intrapriża tan-negozju fir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni żdied għal 0,69 % fl-2015, imma l-livell globali tiegħu jibqa' taħt il-medju tal-Unjoni ta' 1,3 %. Il-perċentwali ta' kumpaniji ta' teknoloġija għolja u ta' kumpaniji ffokati fuq l-għarfien jibqa' limitat u n-numru ta' gradwati ġodda b'dottorat huwa baxx. Fl-aħħar snin, it-tkabbir fil-pagi qabeż it-tkabbir fil-produttività b'mod kostanti, affettwa l-profitti u b'hekk naqqas it-tkabbir fl-investimenti. Investiment imrażżan fl-iżvilupp teknoloġiku jista' jikkawża l-valur miżjud tal-esportazzjonijiet, speċjalment ta' prodotti, biex jiżdied inqas milli mistenni, u joħloq riskju għat-tkabbir fil-prodott. Il-volum ta' riċerka b'kuntratt bejn l-akkademja u n-negozji żdied fl-2015. Madanakollu, il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ setturi baqgħet limitata minkejja l-miżuri li ħa l-Gvern. L-Estonja tejbet l-ambjent tal-kummerċ tagħha, imma l-proċedimenti twal ta' insolvenza u r-rata ta' rkupru għal kredituri garantiti jibqgħu ostakli għall-investiment. Fl-2016 tnieda proġett biex jittejjeb il-qafas ta' insolvenza biex il-proċess isir iktar mgħaġġel u iktar effiċjenti u biex titjieb ir-rata ta' applikazzjonijiet ta' suċċess. Madankollu, emendi għall-qafas leġiżlattiv għadhom ma ġewx adottati.

(12) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Estonja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Estonja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Estonja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(13) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Estonja tieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Issegwi l-politika fiskali tagħha f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jinvolvi li tibqa' fl-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha fl-2018. Iżid l-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali. Tieħu miżuri biex tnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, b'mod partikolari billi ttejjeb it-trasparenza fil-pagi u tevalwa s-sistema tal-liv għall-ġenituri.

2. Tippromwovi investiment fir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, inkluż billi timplimenta miżuri għat-tisħiħ fil-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

---

[1] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Irlanda u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Irlanda

(2017/C 261/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Irlanda bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-Irlanda għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) hawn taħt.

(3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għall-Irlanda ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet l-Irlanda biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamlet l-Irlanda lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta' Frar 2017.

(4) L-analiżi tal-Kummissjoni wasslet biex tikkonkludi li l-Irlanda qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, dawn l-iżbilanċi huma kkaratterizzati minn stokk kbir ta' dejn estern, pubbliku u privat (kemm ta' unitajiet domestiċi kif ukoll ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji), li jagħmlu lill-Irlanda vulnerabbli għal xokkijiet avversi. Il-banek għadhom qed jaffaċċjaw livell għoli ta' self improduttiv imma huma kapitalizzati sew u l-

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

profittabbiltà tagħhom, minkejja li għadha baxxa, qed titjieb gradwalment. Il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni qed jiżdiedu u r-restrizzjonijiet fuq il-provvista għadhom jippersistu. Id-dejn tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji naqas matul l-2015, imma xorta kien ogħla milli kien fl-2014. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi naqas fl-2015 u d-dejn pubbliku huwa f'perkors ta' tnaqqis konsistenti. Il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali negattiv netta tal-Irlanda kienet qed tonqos b'ritmu mgħaġġel qabel l-2015, imma mbagħad inqalbet, parzjalment minħabba trasferiment ta' livell fl-2015. Madankollu, is-sostenibbiltà esterna tas-settur domestiku ma tidhirx li qiegħda f'xi riskju. L-istokk ta' self improduttiv kien qed jonqos matul din l-aħħar sena imma l-pass fit-tnaqqis kien qed imajna kemxejn sal-aħħar tal-2016. Il-prezzijiet tal-proprjetà komplew jiżdiedu fl-2015, imma sa issa ma hemm l-ebda evidenza sinifikanti ta' sopravalutazzjoni. Fl-aħħar snin ittieħdu miżuri ta' politika biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi enfasizzati, inkluż fis-settur bankarju (qafas regolatorju mtejjeb, miżuri biex jiġi indirizzat il-livell għoli ta' self improduttiv). Il-Gvern ħa bosta miżuri rilevanti biex jindirizza n-nuqqas ta' provvista fis-suq tal-akkomodazzjoni, imma ser jieħu ż-żmien biex jiġġeneraw effetti.

(5) L-Irlanda ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħha fit-13 ta' April 2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tagħha fit-2 ta' Mejju 2017. Biex jittieħed kont tal-konnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(6) Ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti, speċifiċi għall-pajjiżi, fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perjodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif tuża dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(7) Bħalissa l-Irlanda qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tranżitorja tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jistenna li d-defiċit nominali ser jonqos kemxejn għal 0,4 % tal-PDG fl-2017 u li minn hemm 'il quddiem ser jibqa' jonqos gradwalment u jinbidel f'żieda ta' 1,0 % ta' PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — huwa mistenni li jintlaħaq mill-2018 lil hemm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, l-proporzjon ta' dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jaqa' għal 72,9 % fl-2017 u li jibqa' jinżel għal 65,2 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex jiġu appoġġati l-miri ppjanati tad-defiċit mill-2018 lil hemm ma ġewx speċifikati biżżejjed.

(8) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lill-Irlanda biex tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2017. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2017, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament fiskali rrakkomandat fl-2016 u l-2017 meta dawn jitqiesu flimkien.

(9) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tagħha, u b'mod partikolari, tal-livell tad-dejn tagħha, l-Irlanda hija mistennija tkompli taġġusta lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. Skont il-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett [2] li ma jaqbiżx 2,4 % fl-2018. Dan jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Il-livell referenzjarju tal-infiq jirrifletti aġġustament biex jikkoreġi distorsjoni fir-rata ta' referenza ta' 10 snin ta' tkabbir potenzjali kkawżat minn żieda eċċezzjonalment għolja fit-tkabbir reali tal-PDG fl-2015. Skont l-approċċ meħud mill-awtoritajiet Irlandiżi fil-kalkoli tal-Baġit tagħhom fl-2017, il-Kummissjoni ħadet il-medja tar-rati ta' tkabbir potenzjali fl-2014 u fl-2016. Fuq il-bażi

(1) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(2) L-infiq nett tal-gvern huwa magħmul mill-infiq totali tal-gvern, imma jeskludi l-infiq fuq l-interessi, infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq għall-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

ta' ebda bidla fil-politiki, hemm riskju ta' xi devjazzjoni mir-rekwiżit fl-2017 u l-2018 meta dawn jitqiesu flimkien. Fl-istess ħin, l-Irlanda hija mistennija tikkonforma mar-regola tranżitorja tad-dejn fl-2017 u fl-2018. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li se jinħtieġu iktar miżuri, b'mod partikolari fl-2017, biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi attwali tal-Irlanda u r-riskji esterni iktar akuti, l-użu ta' kwalunkwe gwadann mhux previst biex jitnaqqas iktar il-proporzjon ta' dejn tal-gvern ġenerali ikun rispons prudenti. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u r-riżultati jinħtieġ li jqisu l-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-riżultati baġitarji tal-2018 ser ikollhom iqisu l-għan li jiksbu pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali, kif ukoll għall-iżgurar tas-sostenibbiltà fil-finanzi pubbliċi tal-Irlanda. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha twettaq evalwazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tal-qagħda ċiklika tal-Irlanda.

(10) Minkejja li l-irkupru ekonomiku huwa b'saħħtu u l-produzzjoni hija mistennija tikber b'ritmu stabbli fis-snin li ġejjin, il-perspettiva saret inqas ċerta u ħolqot riskji għall-finanzi pubbliċi li għadhom fraġli. Għalhekk jinħtieġ li jkun hemm iktar sforzi biex id-dħul isir iktar reżiljenti għaċ-ċaqliq ekonomiku u x-xokkijiet avversi. Għal dan il-għan, il-proposta biex jiġi introdott fond prekawzjonarju (Rainy-Day Fund) jinħtieġ li tiġi avvanzata u jinħtieġ li titnaqqas id-dipendenza fuq sorsi ta' dħul volatili u kkonċentrati ħafna. Kompożizzjoni bbilanċjata ta' sorsi differenti ta' taxxa u bażijiet ta' taxxa iktar wiesgħa jtejbu l-istabbiltà bħala riżultat ta' instabbiltà ekonomika. Madankollu, fis-snin reċenti ġew limitati l-isforzi għat-twessigħ tal-bażi tat-taxxa u l-miżuri tat-taxxi ffokaw fuq tnaqqis u għajnuniet. L-evalwazzjoni sistematika mħabbra tal-ispejjeż u l-benefiċċji tar-rati mnaqqsa tal-VAT, li japplikaw għal firxa estensiva ta' bejgħ, għadha pendenti. It-tassazzjoni rikorrenti tal-propjetà hija kkunsidrata bħala waħda mill-iktar sorsi ta' dħul li jiffavorixxu t-tkabbir. Madankollu, id-dħul Irlandiż minn proprjetà immobbli ammonta biss għal 1,0 % tal-PDG fl-2014, meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 1,6 %. Indiċjar gradwali ta' valuri tal-proprjetà jgħin biex jittaffa l-profil tat-taxxa tal-proprjetà lokali billi jipprevjeni żieda f'daqqa fl-obbligazzjonijiet tat-taxxa meta l-proprjetajiet jerġgħu jiġu vvalutati fl-2019. Id-differenzi fit-tassazzjoni tad-diżil u l-petrol għall-utenti tat-toroq mhumiex ġustifikati ambjentalment.

(11) Fil-passat, valutazzjonijiet komprensivi tal-infiq iffukaw primarjament fuq it-tnaqqis fl-infiq tal-gvern sabiex jilħaq il-miri fiskali globali. Kien hemm ftit evalwazzjoni tal-effettività u l-effiċjenza tal-programmi tal-infiq, li fl-aħħar mill-aħħar dgħajfet l-kredibbiltà ta' pjanijiet ta' infiq multiannwali. Rieżami tan-nefqa ddisinjat b'mod xieraq, b'konformità mal-prinċipji komuni tal-Grupp tal-Euro, itejjeb il-kontroll tal-infiq u jista' jillibera r-riżorsi għal investiment tant meħtieġ sabiex tingħata spinta lit-tkabbir. Ir-rieżami tan-nefqa, b'mod partikolari, jinħtieġ li jindirizza l-kosteffettività tas-settur tas-saħħa. L-Irlanda introduċiet xi miżuri ta' effiċjenza importanti, bħall-ftehim għall-iffrankar tal-ispejjeż mal-industrija farmaċewtika, sistema ta' ġestjoni finanzjarja, is-Saħħa Elettronika u finanzjament ibbażat fuq l-attività. Madankollu hemm iktar x'jista' jsir, pereżempju billi tingħata iktar importanza lir-rwol tal-kura primarja bħala entità għall-isptarijiet mgħobbija żżejjed tal-Irlanda. Il-passi lejn servizz tas-saħħa universali b'livell wieħed huma frammentati u mingħajr viżjoni komprensiva.

(12) Il-promozzjoni ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv li jkun ta' benefiċċju għall-gruppi kollha fis-soċjetà tibqa' sfida. F'April 2017, il-qgħad kien taħt il-medja tal-Unjoni, b'6,4 %. Madankollu, l-intensità baxxa tax-xogħol ta' ħafna unitajiet domestiċi toħloq tħassib li xi nies jitħallew barra waqt li jkompli l-irkupru. Bejn l-2013 u l-2015, il-perċentwali tal-popolazzjoni li jgħixu fi djar b'intensità ta' xogħol baxxa jew ferm baxxa naqas b'15 %; It-rata ġenerali ta' qgħad tul l-istess perijodu naqset bi 28 %. B'mod globali, is-sistema ta' protezzjoni soċjali ħadmet sew biex trażżan il-faqar u n-nuqqas ta' ugwaljanza u l-Irlanda ħadet miżuri għal inċentivi ta' impjieg bit-tnaqqis gradwali ta' benefiċċji u pagamenti supplementari. Madankollu, xorta jeżistu ostakli għal tkabbir inklużiv. Id-disparitajiet bejn ir-rati ta' impjieg ta' ħaddiema b'ħiliet baxxi, medji u għoljin huma fost l-ogħla fl-Unjoni. Ħarġu nuqqasijiet ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u nuqqasijiet ta' ħiliet f'ċerti oqsma, filwaqt li titjib tal-ħiliet u opportunitajiet ta' ksib mill-ġdid ta' ħiliet huma insuffiċjenti. Is-suq tax-xogħol u l-isfidi soċjali jippuntaw lejn l-importanza ta' approċċ integrat għat-taħriġ u l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol għal dawk li huma l-iżjed imbiegħda mis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, għad hemm tħassib dwar il-kwalità tad-dispożizzjonijiet tal-kura tat-tfal, inkluż id-disponibbiltà ta' servizzi full-time. Bħala perċentwali tal-pagi, l-ispejjeż netti għall-kura tat-tfal fl-Irlanda huma fost l-ogħla fl-Unjoni. Id-disponibbiltà u l-ispiża għall-kura tat-tfal full-time ta' kwalità jippreżentaw ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jfixklu l-isforzi biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal, li, minkejja li naqas xi ftit, xorta jibqa' ogħla mill-medja tal-UE.

(13) Trid tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-infrastruttura sabiex jiġi promoss tkabbir li dejjiemi u bbilanċjat. Il-kriżi ekonomika wasslet għal bidla fil-kompożizzjoni tal-infiq tal-amministrazzjoni pubblika 'l bogħod mill-investiment lejn l-infiq attwali. Snin ta' tnaqqis qawwi fl-investiment tal-gvern wasslu għal impatt negattiv fuq il-kwalità u l-adegwatezza tal-infrastruttura. Il-bidla fl-infiq tal-gvern affettwat ukoll appoġġ mis-settur pubbliku għar-riċerka u l-iżvilupp b'implikazzjonijiet possibbli għall-kompetittività tal-SMEs. L-Irlanda tinsab fil-25 post fl-UE bħala perċentwali tal-PDG fil-qasam tal-investiment pubbliku għar-riċerka u l-iżvilupp. L-iktar nuqqasijiet infrastrutturali kritiċi jinsabu fit-trasport, fis-servizzi tal-ilma u fl-akkomodazzjoni. Id-domanda għal akkomodazzjoni ġdida bħalissa taqbeż il-provvista b'marġni kbira fiż-żoni urbani ewlenin tal-pajjiż. Bħala riżultat, il-prezzijiet ta' proprjetà residenzjali u l-kirjiet tagħhom jibqgħu jiżdiedu b'rata mgħaġġla li mbagħad jirriżultaw f'żieda għolja reċenti fl-esklużjoni tal-akkomodazzjoni u ta' persuni mingħajr dar. Bħalissa ma hemmx evidenza ta' valutazzjoni eċċessiva, imma restrizzjonijiet li jillimitaw il-forniment ta' akkomodazzjoni jistgħu jiġġeneraw riskji makrofinanzjarji jekk dawn ma jissolvewx. Pjan spazjali koerenti u f'waqtu jista' jgħin biex ikun hemm djar ġodda fil-lokalitajiet it-tajbin.

(14) L-ekonomija Irlandiża tippreżenta diviżjoni bejn in-negozji żgħar u ta' daqs medju li l-maġġoranza tagħhom huma ta' proprjetà tal-Irlandiżi u l-kumpaniji multinazzjonali l-kbar li joperaw fl-Irlanda. Ir-rabtiet bejn il-kumpaniji multinazzjonali u n-negozji li huma ta' proprjetà tal-Irlandiżi jibqgħu limitati. Il-prestazzjonijiet u l-profili tagħhom huma differenti ħafna, filwaqt li d-differenza bejniethom fil-produttività qed tkompli tikber. Negozji li huma ta' propjetà tal-Irlandiżi jippreżentaw profil ta' esportazzjoni inqas b'saħħtu milli dawk multinazzjonali li huma stabbiliti fl-Irlanda. L-esportazzjonijiet tagħhom huma kkonċentrati ħafna skont is-settur u d-destinazzjoni, li jagħmilhom iktar vulnerabbli għal xokkijiet. L-investiment fl-innovazzjoni tinkoraġġixxi l-produttività u l-esportazzjoni potenzjali ta' negozji Irlandiżi fi żmien meta d-diversifikazzjoni ta' esportazzjonijiet u ta' destinazzjonijiet ta' esportazzjoni tista' tgħin biex tiġi stabbilizzata l-prestazzjoni ta' negozji Irlandiżi. Ir-riċerka pubblika u l-infiq għall-iżvilupp jibqgħu baxxi. L-implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri biex jiżdiedu r-riċerka u l-iżvilupp pubbliċi, b'mod partikolari, miżuri biex jappoġġaw il-kapaċità ta' innovazzjoni tal-SMEs, tiddependi fuq ir-ritorn lejn xejra ta' investiment sostnut. Biex jistimulaw l-innovazzjoni mingħand l-SMEs, il-politiki ta' innovazzjoni jistgħu jkunu bbilanċjati mill-ġdid lejn forom ta' finanzjament iktar diretti. L-appoġġ mill-gvern għar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozji ddependa dejjem iktar fuq krediti ta' taxxa għar-riċerka u l-iżvilupp. Taħlit ta' politiki aktar mmirat b'iktar finanzjament dirett jista' jindirizza aħjar il-ħtiġijiet ta' negozji żgħażagħ innovattivi Irlandiżi u jista' jisfrutta opportunitajiet mill-poter ta' investiment b'saħħtu ta' kumpaniji multinazzjonali. Dan iservi biex jiffaċilita l-aċċess għal katini ta' valur globali u jaċċellera t-tixrid tal-għarfien.

(15) F'ambjent ta' inċertezza esterna għolja, huwa importanti li jkun hemm iktar progress fit-tnaqqis ta' self improduttiv sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-settur finanzjarju. Minkejja li sar progress, proporzjonijiet għoljin ta' self improduttiv għoli jibqgħu ta' xkiel fuq il-profittabbiltà tal-banek u ostaklu għall-irkupru ekonomiku sħiħ ta' unitajiet domestiċi u negozji. Qed ikompli t-tnaqqis fl-ingranaġġ tal-unitajiet domestiċi u tan-negozji domestiċi, imma d-dejn tagħhom jibqa' fost wieħed mill-ogħla fl-Unjoni b'276,8 % tal-PDG (Settembru 2016). Id-dejn korporattiv għoli jista' jfixkel lin-negozji milli jissellfu biex jagħmlu investiment, li mbagħad, jillimita wkoll l-kapaċità tal-banek li jtejbu l-profittabbiltà tagħhom.

(16) Skont il-Bank Ċentrali tal-Irlanda, il-proporzjon medju tas-self improduttiv tal-banek domestiċi Irlandiżi f'Settembru 2016 kien ta' 14,2 %. Dan huwa sostanzjalment ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' 5,3 %. F'Settembru 2016, is-self improduttiv tal-banek domestiċi Irlandiżi naqas b'€12,7 biljun jew 32,7 % meta mqabbel mas-sena preċedenti. Ir-ritmu fir-riżoluzzjoni tal-arretrati naqas xi ftit hekk kif l-arretrati fuq tul ta' żmien twil li għad fadal ukoll huma l-iktar diffiċli biex jiġu ristrutturati. M'għandhiex tintilef l-ispinta: ir-ristrutturar tal-arretrati għandu jkun sostenibbli fit-tul u għandhom jiġu kkunsidrati forom differenti ta' tnaqqis tad-dejn. 14 % tal-istokk mutwu ipotekarju kien bl-arretrati fi tmiem Settembru 2016, filwaqt li l-kontijiet bl-arretrati ta' iktar minn sentejn irrappreżentaw madwar 70 % tal-bilanċi tas-self ipotekarju totali b'arretrati ta' aktar minn 90 jum. Is-self ta' proprjetà immobbli kummerċjali miżmum minn banek domestiċi u self tan-negozji wkoll għadhom oqsma ta' tħassib bi proporzjonijiet ta' self improduttiv ta' 32,6 % u 11,8 % rispettivament f'Settembru 2016. L-użu ta' proċeduri ta' insolvenza personali, falliment, examinership u arranġamenti barra l-qorti maħsuba biex l-unitajiet domestiċi u n-negozji jerġgħu jsiru vijabbli, jibqa' baxx u jinħtieġ li jiġi inċentivat aħjar. Wara bosta dewmien, ir-reġistru ta' kreditu ċentrali huwa mistenni li jidħol il-fażi finali tal-implimentazzjoni tiegħu. Il-finalizzazzjoni tiegħu għandha tkun prijorità billi ser sservi ta' bażi għal valutazzjoni xierqa tar-riskju tal-kreditu għal mutwatarji u ser tiżgura self prudenti fil-futur.

(17) L-implimentazzjoni tal-Att tal-2015 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Servizzi Legali ("l-Att tal-2015") bdiet tard fl-2016. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Att tal-2015 ser tkun kruċjali fl-isforzi tal-Irlanda biex iżżid il-kompetizzjoni fis-settur billi ser tippermetti li l-avukati jkollhom aċċess dirett għall-professjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' gruppi

korporattivi permezz ta' prattiċi multidixxiplinarji u l-operazzjoni fl-Irlanda ta' mudelli kummerċjali alternattivi li jintużaw fi Stati Membri oħra. Is-servizzi legali indipendenti huma input għas-setturi kollha tal-ekonomija u l-kost tagħhom jaffettwa l-kompetittività tal-Irlanda. Għalhekk huwa importanti ħafna li l-implimentazzjoni tal-Att tal-2015 tintroduċi dispożizzjonijiet għat-titjib fil-kompetizzjoni u għat-tnaqqis tal-ispejjeż, jew li tinkorpora dispożizzjonijiet bħal dawn f'regolamenti li għandhom jinħarġu mill-Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali sabiex tingħata spinta lill-kompetizzjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Irlanda u ppubblikatha fir-rapport għall-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Irlanda fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Irlanda iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-Unjoni billi jingħata input fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

(20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Irlanda tieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Tmexxi 'l quddiem sforz fiskali sostanzjali fl-2018 skont ir-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Tuża kwalunkwe gwadann mhux previst li jirriżulta mill-kondizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji b'saħħithom, inkluż dħul mill-eżerċizzji ta' ġestjoni ta' bejgħ ta' assi, biex taċċellera it-tnaqqis tal-proporzjon ta' dejn tal-gvern ġenerali. Tillimita l-ambitu u n-numru ta' spejjeż tat-taxxa u twessa' l-bażi tat-taxxa.

2. Tindirizza aħjar l-infiq tal-gvern billi tipprijoritizza l-investiment pubbliku fit-trasport, is-servizzi tal-ilma u l-innovazzjoni, b'mod partikolari, b'appoġġ għall-SMEs. Ittejjeb l-infrastruttura soċjali, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali u l-indukrar ta' kwalità tat-tfal; twassal pakkett integrat ta' politiki ta' attivazzjoni biex iżżid il-prospetti tal-impjieg għal nies li għandhom livell baxx ta' ħiliet u biex tindirizza l-intensità baxxa ta' xogħol ta' unitajiet domestiċi.

3. Tinkoraġġixxi tnaqqis kontinwu u iktar durabbli f'self improduttiv, permezz ta' strateġiji ta' riżoluzzjoni li jinvolvu tħassir għal negozji vijabbli u unitajiet domestiċi, b'enfasi speċjali fuq ir-riżoluzzjoni tal-arretrati fit-tul.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Spanja għall-2017 u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Spanja għall-2017

(2017/C 261/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat ta' Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lil Spanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li Spanja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) ta' hawn taħt.

(3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għal Spanja ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet Spanja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress ta' Spanja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi

---

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU L 92, 24.3.2017, p. 1.

li Spanja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi li għandhom rilevanza transfruntiera. B'mod partikolari, is-surplus fil-kont kurrenti qed jissarrfu fi tnaqqis tal-obbligazzjonijiet esterni netti ta' Spanja, li minkejja dan jibqgħu mdaqqsin u jesponu l-pajjiż għal bidliet fis-sentiment tas-suq. Id-dejn fis-settur privat naqas b'mod sinifikanti speċjalment għal korporazzjonijiet, imma d-dejn tal-unitajiet domestiċi jibqa' għoli. It-tkabbir ekonomiku jibqa' l-ixprun ewlieni tat-tnaqqis tad-dejn, imma r-riskji ta' sostenibbiltà fiskali jibqgħu għoljin fuq terminu medju. Il-ħtieġa għal azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti avversi ta' żbilanċi fuq l-ekonomija Spanjola hija partikolarment importanti partikolarment meta wieħed iqis id-daqs tagħha u r-rilevanza transfruntiera, fuq l-unjoni ekonomika u monetarja. Is-settur finanzjarju baqa' juri livell għoli ta' stabbiltà, appoġġat mir-ristrutturar attwali, spejjeż baxxi għall-finanzjament u l-irkupru ekonomiku. Il-ħolqien tal-impjiegi kien b'saħħtu f'dawn l-aħħar snin u l-qgħad naqas b'mod rapidu, imma jibqa' għoli ħafna. Ir-riformi fis-suq tax-xogħol u l-moderazzjoni tal-pagi kienu xpruni importani għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-kompetittività f'dawn l-aħħar snin.

(4) Spanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 fit-28 ta' April 2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2017 fid-29 ta' April 2017. Biex jittieħed kont tal-interkonnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti, speċifiċi għall-pajjiżi fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif hija tuża dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Bħalissa Spanja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2017, Spanja qed tippjana li tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2018, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Awwissu 2016 li tagħti avviż lil Spanja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv ("Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Awwissu 2016"). Id-defiċit nominali huwa ppjanat li jkompli jonqos sa 0,5 % tal-PDG fl-2020. Il-proġettazzjonijiet tal-infiq fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, jinkorporaw il-materjalizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mal-awtostradi u s-settur finanzjarju, u jammontaw għal kważi 0,4 % u 0,2 % tal-PDG fl-2017 u fl-2018 rispettivament. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali mhux ippjanat li jintlaħaq fil-perijodu ta' żmien tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2017. Il-bilanċ strutturali rikalkolat [2] huwa proġettat li jilħaq - 1,9 % tal-PDG fl-2020. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 jbassar li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG huwa mistenni li jonqos għal 98,8 % fl-2017, għal 97,6 % fl-2018, u għal 92,5 % fl-2020. Is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 huma plawżibbli sal-2018 u jsiru pjuttost favorevoli wara dan. B'mod globali, il-kisba ppjanata tal-miri tibqa' tiddependi fuq il-perspettiva ekonomika b'saħħitha, li xorta tibqa' soġġetta għal riskji. Riskji oħra għall-kisba tal-miri fiskali jirrelataw mal-inċertezza dwar l-impatt tal-miżuri reċenti tat-taxxa. Barra minn hekk, meta wieħed iqis il-materjalizzazzjoni assunta tal-obbligazzjonijiet kontinġenti (li mhumiex inklużi fit-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2017), il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 jiddependi fuq trażżin fl-infiq konsiderevolment ogħla minn dak li ġie mbassar fit-tbassir tal-Kummissjoni fl-2017 u fl-2018. Finalment, il-miżuri meħtieġa biex jiġu appoġġati l-miri ppjanati tad-defiċit għall-2018 għadhom ma ġewx speċifikati.

(7) Fit-8 ta' Awwissu 2016, il-Kunsill talab lil Spanja biex iġġib fi tmiemha s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2018 u, b'mod partikolari, biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern ġenerali għal 4,6 % tal-PDG fl-2016, għal 3,1 % tal-PDG fl-2017 u għal 2,2 % tal-PDG fl-2018. Dan it-titjib fil-bilanċ tal-gvern ġenerali tqies bħala konsistenti ma' deterjorament fil-bilanċ strutturali b'0,4 % tal-PDG fl-2016, u titjib ta' 0,5 % tal-PDG kemm fl-2017 kif ukoll fl-2018, skont it-tbassir aġġornat tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2016. Spanja laħqet defiċit nominali ta' 4,5 % tal-PDG fl-2016, livell iktar baxx mill-mira stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Awwissu 2016. It-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2017 jipproġetta li d-defiċit nominali ser jonqos għal 3,2 % tal-PDG fl-2017 u ulterjorment għal 2,6 % tal-PDG fl-2018 fuq bażi ta' ebda bidla fil-politika, 0,1 % u 0,4 % tal-PDG rispettivament 'il

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[2] Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għal miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni skont il-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

fuq mill-miri tad-defiċit nominali fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u dawk stipulati mill-Kunsill. Għall-kuntrarju tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, it-tbassir ma jassumix il-materjalizzazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti msemmija fuq. L-isforz fiskali kumulattiv tul il-perijodu 2016-2017 huwa mistenni li jiġi żgurat strettament, filwaqt li fl-2018, fuq bażi ta' ebda bidla fil-politika, l-isforz fiskali huwa mbassar li ma jissodisfax dak li kien mitlub fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Awwissu 2016. Barra minn dan, f'Awwissu 2016, il-Kunsill talab lil Spanja biex tieħu miżuri biex ittejjeb il-qafas fiskali tagħha, imma l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ma jirrapportax pjanijiet biex isaħħaħ il-kontribut tar-regola tal-infiq tal-Liġi tal-Istabbiltà għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li ser ikun hemm bżonn ta' iktar miżuri, b'mod partikolari fl-2018 biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u b'mod partikolari mat-termini tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Awwissu 2016.

(8) Spanja għad ma għandhiex stampa ċara u konsistenti mal-qafas ta' politika tal-akkwist pubbliku li tiżgura konformità legali, livell għoli ta' kompetizzjoni u effiċjenza ekonomika, jiġifieri permezz ta' mekkaniżmi ta' kontroll *ex ante* u *ex post* effettivi, trasparenza u koordinazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet fil-livelli kollha tal-gvern. Il-Gvern ippreżenta xi miżuri fl-2017 li jtejbu s-sistema ta' superviżjoni tal-akkwist u bħalissa qed jistennew l-approvazzjoni parlamentari.

(9) Spanja għamlet progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi, u b'mod iktar konkret fir-rigward tal-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar it-trasparenza fil-finanzjament tal-partiti, id-dikjarazzjoni tal-assi u l-kunflitti ta' interess. L-attenzjoni issa ddur fuq l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Madankollu, minkejja żieda fl-investigazzjoni ta' korruzzjoni li jinvolvu każijiet fil-livelli lokali u reġjonali, f'dawk il-livelli tal-gvern ma ġew żviluppati l-ebda strateġiji preventivi mfassla apposta biex jittaffew ir-riskji tal-korruzzjoni, u lanqas ma hemm strateġija preventiva komuni fil-livelli tal-gvern. Nuqqasijiet oħra, bħal diskrepanzi fil-leġislazzjoni biex jiġu protetti l-informaturi, il-grad ta' indipendenza tal-Uffiċċju għall-Kunflitti ta' Interess stabbilit reċentement u n-nuqqas ta' regolament tal-lobbying għadhom ma kinux is-suġġett ta' segwitu speċifiku. Kwistjoni oħra tikkonċerna l-proċedura ġudizzjarja fit-tul għal każijiet ta' korruzzjoni. Il-liġi tal-Proċedura Kriminali ġiet emendata fl-2015 biex jiġi limitat iż-żmien allokat għal investigazzjonijiet u jitnaqqas id-dewmien żejjed fi proċeduri kriminali. Madankollu, dan jista' jżid ir-riskju li l-limiti ta' żmien proċedurali ma jkunux biżżejjed għall-ġestjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni kumplessi, jekk jirriżulta li d-dispożizzjonijiet li jippermettu l-perijodi ta' estensjoni jkunu restrittivi.

(10) Minkejja rata standard tal-VAT konformi mal-medja tal-Unjoni u diskrepanza fil-konformità tal-VAT li hija baxxa u qiegħda tonqos, Spanja għandha dħul relattivament baxx tal-VAT. Dan huwa dovut l-aktar għal Spanja li applikat eżenzjonijiet jew rati mnaqqsa b'mod estensiv fuq prodotti u servizzi varji. Bħala riżultat, Spanja rreġistrat l-akbar nuqqas fil-politika fl-Unjoni fl-2014 (59 % meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni ta' madwar 44 %). B'mod simili, id-dħul ta' Spanja minn taxxi relatati mal-ambjent huma fost l-aktar baxxi fl-Unjoni, minkejja xi miżuri li ttieħdu f'dawn l-aħħar snin, l-aktar fis-settur tal-enerġija. Jekk jiġu ntaxxati t-tniġġis u l-użu tar-riżorsi, id-dħul jaf jiżdied u dan iġib miegħu bosta benefiċċji soċjali u ambjentali importanti. Hemm ukoll dispersjoni normattiva li tirriżulta f'approċċ eteroġeni għal ċerti taxxi ambjentali fuq livell reġjonali. Fir-rigward tal-infiq, il-Gvern ikkummissjona lill-AIReF, l-istituzzjoni fiskali indipendenti ta' Spanja, biex twettaq valutazzjoni tal-infiq li tkopri l-livelli kollha tal-gvern ġenerali. Il-valutazzjoni tista' tgħin biex jiġu identifikati oqsma fejn l-infiq jista' jintlaħaq b'użu iktar effiċjenti ta' riżorsi.

(11) Il-ħolqien tal-impjiegi kien b'saħħtu f'dawn l-aħħar snin, appoġġat minn riformi fis-suq tax-xogħol u l-moderazzjoni tal-pagi. Il-qgħad naqas b'mod mgħaġġel imma jibqa' fost l-ogħla fl-Unjoni, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-persuni b'livelli baxxi ta' ħiliet, li jwassal għal riskji ta' diżimpenn mis-suq tax-xogħol. Kważi nofs dawk qiegħda ilhom mingħajr impjieg għal iktar minn sena. Spanja qed tieħu miżuri biex tappoġġa liż-żgħażagħ, b'mod partikolari bl-estensjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ ([1]), u biex issaħħaħ l-appoġġ individwali għal dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil. L-effettività tagħhom tiddependi wkoll fuq il-prestazzjoni tas-servizzi tal-impjiegi pubbliċi reġjonali. L-għan huwa li titjieb il-kooperazzjoni tagħhom mas-servizzi soċjali, biex jittejjeb il-provvediment ta' servizzi estiżi għal dawk li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil u l-benefiċjarji ta' skemi ta' garanzija ta' dħul. Fl-istess ħin, il-kooperazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi ma' min iħaddem tista' tiġi mtejba, b'mod partikolari billi żżid il-proporzjon ta' postijiet battala mis-servizzi ta' impjiegi.

(12) Spanja għandha waħda mill-ogħla ishma ta' impjieg temporanju fl-Unjoni, u ħafna mill-kuntratti temporanji huma ta' żmien qasir ħafna. Ir-rati ta' transizzjoni minn kuntratti temporanji għal kuntratti permanenti huma baxxi ħafna meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni. L-użu mifrux ta' kuntratti temporanji huwa assoċjat ma' tkabbir aktar baxx fil-

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1).

produttività (inkluż permezz ta' inqas opportunitajiet ta' taħriġ fuq ix-xogħol), kundizzjonijiet tax-xogħol agħar u riskji ogħla ta' faqar. L-aħħar riformi tas-suq tax-xogħol jidhru li kellhom effett pjuttost pożittiv fit-tnaqqis tas-segmentazzjoni bejn il-kuntratti permanenti u temporanju, u t-tisħiħ attwali tal-ispezzjonijiet tax-xogħol qed juri riżultati pożittivi fl-indirizzar tal-abbuż ta' kuntratti temporanji. Madankollu, uħud mill-karatteristiċi fis-suq tax-xogħol Spanjol, xorta jistgħu jaqtgħu qalb lill-impjegaturi milli jħaddmu b'kuntratti permanenti, inkluża l-inċertezza f'każ ta' tilwima legali wara t-tkeċċija, flimkien ma' kumpensi komparattivament għoljin fi tmiem l-impjieg għall-ħaddiema b'kuntratti permanenti. Barra minn hekk, is-sistema ta' inċentivi ta' reklutaġġ għadha mferrxa u mhux immirata effettivament lejn il-promozzjoni ta' xogħol fuq terminu indeterminat. Minkejja li reċentement żviluppat grupp ta' ħidma fuq il-kwalità tal-impjieg, Spanja għadha ma żviluppatx pjan komprensiv għall-ġlieda kontra s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol wara l-ftehim tal-2014 bejn il-Gvern u s-sħab soċjali.

(13) Għad baqa' differenzi fil-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-iskemi ta' garanzija ta' dħul u fir-rabta bejn l-attivazzjoni u l-protezzjoni fir-reġjuni u fl-iskemi. Ċerti gruppi vulnerabbli qed jitħallew barra fl-arranġamenti ta' garanzija ta' dħul. L-effettività llimitata tal-iskemi hija parzjalment spjegata mid-differenzi kbar fil-adegwatezza u fil-kundizzjonijiet ta' aċċess tal-iskemi reġjonali ta' dħul minimu u mill-frammentazzjoni tas-sistema nazzjonali tal-benefiċċji f'diversi skemi li jindirizzaw bosta kategoriji ta' persuni li qed ifittxu impjieg u li huma ġestiti minn amministrazzjonijiet differenti. Il-frammentazzjoni tintroduċi nuqqas ta' kontinwità fl-appoġġ mogħti lil dawk li jeħtiġuha u jxekkel it-twassil ta' toroq integrati. Bħala risposta għall-isfidi multipli, studju attwali għandu l-għan li jivvaluta l-effettività tal-iskemi ta' appoġġ għad-dħul nazzjonali u reġjonali. Il-benefiċċji tal-familja huma mmirati ħażin. Barra minn hekk, meta jitqies l-impatt tal-krediti tat-taxxa, b'mod globali, is-sistema tal-benefiċċju tat-taxxi hija kemxejn rigressiva. Barra minn dan, l-użu tal-indukrar tat-tfal jiżdied ħafna skont id-dħul tal-familja, li jissuġġerixxi tfixkil għall-aċċess għal ġenituri bi dħul baxx. Il-forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul qed jitjieb, imma dan ivarja minn reġjun għall-ieħor u l-bżonnijiet attwali għadhom ma ntlaħqux.

(14) Riżultati dgħajfa fl-edukazzjoni jaffettwaw b'mod negattiv il-potenzjali fit-tul għat-tkabbir tal-produttività fi Spanja. Minkejja t-titjib sinifikanti li sar matul dawn l-aħħar snin, ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola għadha fost l-ogħla fl-Unjoni. Kien hemm differenzi reġjonali kbar fit-tluq bikri mill-iskola u fi-prestazzjoni tal-istudenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħiliet bażiċi. It-taħriġ tal-għalliema u l-appoġġ għal studenti individwali huma fost il-fatturi li jwasslu għal edukazzjoni ta' suċċess fl-iskola f'reġjuni bi prestazzjoni tajba. Spanja għandha t-tieni l-ogħla rata ta' ripetizzjoni tal-grad fl-Unjoni, u dan iżid ir-riskju ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, ibaxxi kisbiet tal-aspettattivi u jagħmel piż fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni. L-impjegabbiltà ta' gradwati terzjarji tibqa' komparattivament baxxa. Il-mobbiltà mnaqqsa ta' studenti u persunal akkademiku, l-opportunitajiet limitati ta' apprendistati, in-nuqqas ta' inċentivi u r-riġidità ta' governanza universitarja jibqgħu ostakli għall-kooperazzjoni man-negozji dwar l-edukazzjoni jew ir-riċerka.

(15) Sabiex jissaħħu l-produttività u l-kompetittività, Spanja ser tibbenefika minn aktar promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni. Madankollu, il-prestazzjoni fl-innovazzjoni qed tonqos u issa tinsab f'livell aktar baxx milli kienet fl-2007, filwaqt li d-differenza bejn il-pajjiż u l-medja tal-Unjoni żdiedet maż-żmien. Livell baxx fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni jikkoinċidi mal-infiq fir-RuŻ privat dejjem jonqos u jindika dgħufijiet fil-qafas ta' governanza ta' riċerka u innovazzjoni. L-Aġenzija Statali għar-Riċerka responsabbli għall-ġestjoni tal-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell tal-gvern ċentrali, saret operazzjonali fil-bidu tal-2017. Sal-lum ma hemm l-ebda ppjanar multiannwali sistematika ta' baġits għall-appoġġar tal-programmi. Barra minn hekk, l-effettività ta' programmi ta' appoġġ mhix valutata sistematikament biex jitjiebu d-disinn u l-implimentazzjoni tagħhom. Minħabba nuqqas ta' inċentivi u r-riġidità tal-governanza universitarja, il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat għadha waħda dgħajfa wkoll, u l-mobbiltà ta' riċerkaturi bejn is-settur pubbliku u dak privat hija baxxa. Il-koordinazzjoni bejn il-livelli tal-gvern mhux ottimali u bħala riżultat, il-politiki nazzjonali u reġjonali ma joperawx f'sinerġija totali.

(16) In-negozji Spanjoli żgħar għandhom tendenza li jkollhom produttività ħafna iktar baxxa mill-pari tagħhom fi Stati Membri kbar oħra. Minħabba l-prevalenza ta' negozji żgħar fi Spanja, din għandha impatt sinjifikanti fuq il-produttività fl-ekonomija kollha kemm hi. It-tnaqqis fl-ostakli sabiex in-negozji jkunu jistgħu jinħolqu, joperaw u jikbru jirriżulta għalhekk f'iktar investiment u produttività. Fl-aħħar snin il-Gvern Spanjol adotta bosta miżuri immirati li jiffaċilitaw il-ħolqien u t-tkabbir tan-negozju. Il-konsolidazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn ir-riformi hija essenzjali biex jitgawdew bis-sħiħ il-benefiċċji tagħhom. Il-liġi dwar l-unità tas-suq, adottata fl-2013, ikkontribwixxiet biex jiġu indirizzati l-ispejjeż addizzjonali għall-imprendituri kkawżati mid-differenzi sostanzjali u t-trikkib fir-regolamenti dwar in-negozju bejn ir-reġjuni. L-użu dejjem jiżdied min-negozji tal-mekkaniżmu tal-ilmenti previst f'dik il-liġi biex ifittex rimedju fuq l-ostakli għall-aċċess għas-suq jagħti idea ta' ħtieġa possibbli li jiġu ssimplifikati aktar il-proċeduri ta' liċenzjar. Hemm bżonn ta' iktar sforzi fil-koordinazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, inkluż fil-livell ta' konferenza settorjali. Dan huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat li leġislazzjoni

eżistenti u prevista fil-livelli kollha tindirizza l-ostakli għad-dħul fis-suq bla bżonn b'mod effikaċi, inkluż għal mudelli ġodda ta' negozju fl-ekonomija kollaborattiva. Fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, awtorizzazzjonijiet doppji għall-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut ikomplu jirrestringu bla bżonn id-dħul fis-suq. Ir-rekwiżiti ta' aċċess għas-suq fil-leġislazzjoni reġjonali dwar is-settur tas-servizzi vehicle-with-driver u s-servizzi tal-akkomodazzjoni għall-kiri fuq perijodu qasir jistgħu jtellfu bla bżonn l-iżvilupp bilanċjat tal-ekonomija kollaborattiva. Spanja ħadet passi fl-ewwel xhur tal-2017 sabiex timmobilizza l-liġi tal-unità tas-suq u eżempji ta' dawn huma l-gwida li ġiet adottata reċentement dwar l-implimentazzjoni tagħha u l-katalogu ppubblikat tal-prattiki tajbin u ħżiena fl-applikazzjoni tagħha.

(17) Ir-Regolament ta' servizzi professjonali jibqa' komparattivament restrittiv. Id-drittijiet protezzjonisti ("attivitajiet riżervati") huma mogħtija b'mod selettiv lil ċerti fornituri, bl-esklużjoni ta' oħrajn bi kwalifiki simili rilevanti. F'għadd kbir ta' professjonijiet, huwa obbligatorju li tkun membru ta' assoċjazzjoni professjonali. Il-livell ta' restrizzjoni huwa ogħla fi Spanja mill-medja ponderata tal-Unjoni għal inġiniera ċivili, periti u gwidi turistiċi. Huwa iktar baxx mill-medja tal-Unjoni għal aġenti tal-privattivi u għal avukati ta' privattivi, iżda l-aċċess għal din il-professjoni tal-aħħar huwa limitat b'mod aktar strett milli għal kull professjoni oħra fi Spanja. L-abbozz ta' liġi fuq is-servizzi professjonali li tipprevedi, fost affarijiet oħra, ir-razzjonalizzazzjoni ta' sħubija ta' assoċjazzjoni professjonali, għadha ma ġietx adottata. Din ir-riforma tiddefinixxi wkoll żieda fit-trasparenza u r-responsabbiltà ta' korpi professjonali, il-ftuħ ta' attivitajiet riżervati mingħajr ġustifikazzjoni u s-salvagwardja tal-unità tas-suq fl-aċċess għal servizzi professjonali fi Spanja u fl-eżerċitar tagħhom.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Spanja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Spanja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Spanja, iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Spanja tieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Tiżgura l-konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Awwissu 2016, inkluż ukoll miżuri biex jissaħħu l-oqfsa fiskali u tal-akkwist pubbliku. Twettaq analiżi komprensiva tal-infiq sabiex tidentifika oqsma possibbli għal titjib fl-effiċjenza tal-infiq.

2. Issaħħaħ mill-ġdid il-koordinazzjoni bejn is-servizzi reġjonali għall-impjieg, is-servizzi soċjali u l-impjegaturi sabiex twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet ta' min qed ifittex xogħol u l-ħtiġijiet tal-impjegaturi. Tieħu miżuri biex tippromwovi l-impjieg b'kuntratti indefiniti. Tindirizza d-disparitajiet reġjonali u l-frammentazzjoni tal-iskemi ta' garanzija ta' dħul u ttejjeb l-appoġġ għall-familja, inkluż l-aċċess għall-indukrar ta' kwalità tat-tfal. Iżżid ir-rilevanza tal-edukazzjoni terzjarja fis-suq tax-xogħol. Tindirizza d-disparitajiet reġjonali f'termini ta' eżiti edukattivi, b'mod partikolari billi ssaħħaħ it-taħriġ tal-għalliema u l-appoġġ għal studenti individwali.

3. Tiżgura investiment adegwat u sostnut fir-riċerka u l-innovazzjoni u ssaħħaħ il-governanza tiegħu fil-livelli tal-gvern. Tiżgura implimentazzjoni bir-reqqa u f'waqtha tal-liġi dwar l-unità tas-suq għal leġislazzjoni attwali u dik li jmiss.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 ta' Franza u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ta' Franza

(2017/C 261/09)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lil Franza bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala pajjiż li l-munita tiegħu hija l-euro u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, Franza jinħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni taż-Żona tal-Euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt.

(3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għal Franza ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Huwa vvaluta l-progress ta' Franza biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress ta' Franza lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li Franza għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, Franza hija kkaratterizzata minn kompetittività dgħajfa u dejn pubbliku li qed jiżdied, f'kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività. Il-bżonn ta' azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti negattivi fuq l-ekonomija Franċiża u, minħabba d-daqs u r-rilevanza transkonfinali tagħha, għall-unjoni ekonomika u monetarja, huwa partikolarment importanti.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) Fit-28 ta' April 2017, Franza ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2017. Biex jittieħed kont tal-konnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ġew indirizzati r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi, fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif hija tuża dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Attwalment Franza qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jippjana li jikkoreġi d-deficit eċċessiv sal-2017, f'konformità man-notifika tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2015 skont il-proċedura ta' deficit eċċessiv, b'deficit nominali ta' 2,8 % tal-PDG. Id-deficit nominali huwa ppjanat li jonqos iktar għal 1,3 % tal-PDG fl-2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien – deficit strutturali ta' 0,4 % tal-PDG – huwa ppjanat li jintlaħaq sal-2019. Madankollu, il-bilanċ ristrutturat ikkalkulat mill-ġdid ([2]) huwa proġettat li jilħaq - 1,2 % tal-PDG fl-2020 u għalhekk l-objettiv fuq terminu medju ma jintlaħaqx sal-perijodu stabbilit. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-proporzjoni tad-dejn għall-PDG tal-gvern ġenerali hija pproġettata li tonqos minn 95,9 % tal-PDG fl-2018 għal 93,1 % tal-PDG fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huwa bbażat dak it-tbassir baġitarju huwa plawżibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ppjanati tad-deficit mill-2018 'lil hemm ma ġewx speċifikati biżżejjed.

(7) Fl-10 ta' Marzu 2015, il-Kunsill irrakkomanda lil Franza ittemm is-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv sal-2017 u biex tikseb deficit ġenerali tal-gvern ta' 2,8 % tal-PDG, li huwa konsistenti ma' titjib fil-bilanċ strutturali ta' 0,9 % tal-PDG fl-2017. Skont it-tbassir aġġornat tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2017, id-deficit nominali huwa mbassar li jilħaq 3,0 % tal-PDG fl-2017, skont il-valur ta' referenza fit-Trattat, iżda 'l fuq mill-mira rrakkomandata mill-Kunsill. Għall-2018, fuq bażi ta' ebda bidla fil-politiki, id-deficit nominali huwa mbassar għal 3,2 % tal-PDG, u b'hekk jaqbeż il-valur ta' referenza fit-Trattat u jipponta lejn riskji għall-korrezzjoni dejjiema tad-deficit eċċessiv. Barra minn hekk, l-isforz fiskali rakkomandat mhuwiex imbassar li jitwassal tul il-perijodu kopert mill-proċedura tad-deficit eċċessiv billi l-istrateġija ta' konsolidament segwita minn Franza prinċipalment tiddependi fuq it-titjib ta' kundizzjonijiet ċikliċi u fuq kontinwazzjoni tal-ambjent b'rati baxxi ta' imgħax, li huma barra mill-kontroll tal-awtoritajiet.

(8) Għall-2018, jekk eventwalment, għandu jkun hemm korrezzjoni f'waqtha u dejjiema, Franza ssir soġġetta għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u għar-regola ta' dejn tranżizzjonali. Fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tagħha, u partikolarment, tal-livell tad-dejn tagħha, Franza hija mistennija li tkompli taġġusta lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' deficit strutturali ta' 0,4 % tal-PDG. Skont il-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ([3]) li ma jaqbiżx 1,2 % fl-2018. Dan jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Fuq bażi ta' ebda bidla fil-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2018. Hemm ir-riskju wkoll li Franza mhix se tkun konformi mar-regola tranżitorja tad-dejn fl-2018, billi l-bilanċ strutturali huwa mbassar li se jiddeterjora b'0,5 % tal-PDG meta mqabbel mal-aġġustament strutturali lineari minimu ta' 0,4 % tal-PDG. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li Franza għandha tkun lesta biex tieħu iktar miżuri biex tiżgura l-konformità, fl-2017 u li se jinħtieġu iktar miżuri mill-2018 biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u r-riżultati jinħtieġ li jqisu l-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imfakkar fil-

([1]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([2]) Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għal miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni skont il-metodoloġija miftehma b'mod komuni.

([3]) L-infiq nett tal-gvern huwa magħmul mill-infiq totali tal-gvern, imma li jeskludi l-infiq fuq l-interessi, infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq tal-benefiċċju tal-qgħad. Formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma inklużi. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-Semestru Ewropew tal-2017 li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-riżultati baġitarji tal-2018 se jkollhom iqisu l-għan li jiksbu pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali, kif ukoll għall-iżgurar tas-sostenibbiltà fil-finanzi pubbliċi ta' Franza. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha twettaq valutazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tal-qagħda ċiklika ta' Franza.

(9) Il-proporzjoni ta' infiq pubbliku għall-PDG fi Franza hija waħda mill-ogħla fl-Unjoni. Il-proporzjoni tal-infiq hija mbassra li tilħaq 56,2 % tal-PDG fl-2017, 9,7 punti perċentwali ogħla minn dak tal-Unjoni. Franza segwiet strateġija ta' konsolidazzjoni msejsa fuq l-infiq li kienet tiddependi l-iktar fuq it-tnaqqis tar-rati tal-imgħax u t-tnaqqis fl-investiment pubbliku. Madankollu, huwa improbabbli li l-ambjent ta' rati baxxi ta' imgħax se jipprevali fuq terminu medju ta' żmien u t-tnaqqis tal-investimenti pubbliċi produttivi jistgħu jagħmlu ħsara lill-potenzjal ekonomiku fil-futur. B'kuntrast ma' dan, il-valutazzjonijiet tal-infiq identifikaw numru ta' titjib possibbli fl-effiċjenza li ma ġewx implimentati. Il-valutazzjonijiet tal-infiq identifikaw frazzjoni — inqas minn 2 % — tal-iffrankar ġenerali mill-infiq ippjanat ta' EUR 50 biljun fuq il-perijodu 2015-2017. Madankollu, parti minnhom biss issarrfet f'miżuri konkreti fil-baġit tal-2016, filwaqt li l-miżuri fl-Att tal-baġit tal-2017 kienu jiddependu minn dawk diġà identifikati fl-eżerċizzju tal-analiżi tal-infiq tal-2015. L-iffrankar minn analiżi tal-infiq jista' jiżdied b'mod sinifikanti bit-tkabbir tal-oqsma tal-infiq taħt reviżjoni u bl-implimentazzjoni ta' strateġija multiannwali biex l-iffrankar identifikat jissarraf f'miżuri baġitarji konkreti.

(10) Kontribuzzjonijiet għoljin tas-sigurtà soċjali flimkien ma' livell għoli ta' taxxi li huma ta' piż fuq kumpaniji jistgħu jiskoraġġixxu l-investiment privat u jxekklu t-tkabbir tal-kumpaniji kif ukoll ingaġġar ġdid. Komplew jiġu implimentati miżuri ta' politika biex jitnaqqsu l-kostijiet lavorattivi, bil-bidu, f'April 2016, tat-tieni fażi ta' tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi ppjanat taħt il-patt ta' solidarjetà u responsabbiltà. Barra minn hekk, fl-2017, il-Gvern żied il-kreditu tat-taxxa għall-kompetittività u l-impjiegi (CICE) minn 6 % għal 7 %. Dawn il-miżuri biex jitnaqqas il-feles ta' taxxa fuq ix-xogħol tjiebu l-kompetittività ta' Franza mill-2013 imma telf fl-imgħoddi li akkumula għadu ma ġiex irkuprat. B'paga medja, fl-2015 Franza kellha l-ogħla kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi fl-Unjoni bħala proporzjoni tal-kostijiet lavorattivi kollha mħallsa mill-impjegatur, minkejja li din ix-xejra qed tonqos. Il-valutazzjonijiet riċenti ta' dawn il-miżuri enfasizzaw l-effett pożittiv tagħhom fuq l-impjiegi u fuq il-marġni ta' profitt tal-kumpaniji, imma għad hemm bżonn ta' iktar valutazzjonijiet sabiex jiġi evalwat bis-sħiħ l-impatt tagħhom fuq il-pagi, l-investiment, u l-impjiegi u l-marġni ta' profitt tal-kumpaniji. Valutazzjonijiet reċenti jissuġġerixxu wkoll li l-konsolidazzjoni tal-iskemi tat-tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi u t-trasformazzjoni tagħhom fi tnaqqis permanenti ta' kontribuzzjonijiet soċjali jottimizzaw l-effetti tagħhom fuq l-impjiegi u fuq l-investiment.

(11) Biċ-ċifra ta' 38,4 % mill-1 ta' Lulju 2016, ir-rata effettiva medja tat-taxxa korporattiva kienet l-ogħla fl-Unjoni, u taxxi oħra fuq il-produzzjoni huma partikolarment għoljin ukoll. Madankollu, Franza adottat passi sabiex tnaqqas ir-rata statutorja tat-taxxa korporattiva għal 28 % fl-2020. Fl-istess ħin, il-piż tat-taxxa jkompli jiddependi inqas fuq il-konsum milli fi Stati Membri oħra. Fl-2014, Franza ġiet fis-27 post fl-Unjoni għal dħul mit-taxxi mill-konsum bħala perċentwali tat-tassazzjoni totali. Is-sistema tal-VAT hija kkaratterizzata minn rata standard ta' livell medju u rati baxxi ridotti huma applikati għal bażi kbira. Il-kumplessità tas-sistema tat-taxxa tista' tkun ostaklu għal suq li jaħdem tajjeb fl-ambjent tan-negozju. Franza għandha piż ta' taxxa għolja flimkien ma' għadd ta' eżenzjonijiet mit-taxxa, rati mnaqqsa u numru kbir ta' skemi tat-taxxa, li jirriżultaw f'żieda fl-ispejjeż ta' konformità u fl-inċertezzi, b'mod partikolari għan-negozji. L-infiq totali tat-taxxa huwa mdaqqas fi Franza b'iktar minn 3 % tal-PDG. L-ispiża amministrattiva għal awtoritajiet tat-taxxi biex jiġbru t-taxxi hija għolja wkoll u hija ogħla mill-medja tal-Unjoni.

(12) Fl-2016, ir-rata tal-qagħad naqset għal 10,1 %. Il-qgħad huwa ogħla fost iż-żgħażagħ, in-nies b'ħiliet baxxi u dawk li ma twildux fl-Unjoni. Riformi attwali ta' governanza huma kruċjali biex jiġu allinjati opportunitajiet ta' taħriġ ma' prospetti ta' impjieg u l-ħtiġijiet ekonomiċi. B'mod parallel, dawk li qed ifittxu impjieg, il-ħaddiema anqas kwalifikati u impjegati tal-SMEs jiffaċċjaw diffikultajiet persistenti biex ikollhom aċċess għal taħriġ. L-iżgurar tal-parteċipazzjoni tagħhom u r-rilevanza tat-taħriġ ipprovdut jistgħu jeħtieġu t-tisħiħ ta' miżuri eżistenti u l-ibbilanċjar mill-ġdid tar-riżorsi. Iż-żgħażagħ, u fosthom l-inqas ikkwalifikati, għadhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. F'dan il-kuntest, il-miżuri meħuda sabiex jappoġġaw l-apprendistati sa issa ssarrfu f'riżultati pożittivi. Iżda l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali offruti, b'mod speċifiku meta dawk ikunu bbażati fuq l-iskola, u f'xi

setturi terzjarji, mhumiex marbuta biżżejjed mal-opportunitajiet ta' impjieg. Barra minn hekk, l-istudenti minn sfond żvantaġġat ħafna drabi jkunu aktar orjentati lejn edukazzjoni vokazzjonali inizjali, li jammonta wkoll għall-biċċa l-kbira ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni, u b'hekk jikkontribwixxi għal inugwaljanzi edukattivi għolja. L-impatt ta' status soċjoekonomiku fuq il-prestazzjoni tal-istudenti huwa l-ogħla fl-OECD.

(13) Fl-2016, 54,5 % biss ta' nies mhux imwielda fl-UE u li kienu fl-età tax-xogħol kienu f'impjieg. Ir-rata ta' impjieg fost in-nisa mhux imwielda fl-UE (45,4 %) kienet waħda mill-iktar baxxi fl-Unjoni. Id-diskrepanza fl-impjieg bejn nies mhux imwielda fl-UE u nies li twieldu fi Franza żdiedet għal 17,5 punti perċentwali fl-2016 (23,7 punti perċentwali fir-rigward tan-nisa). Il-prestazzjoni batuta ta' persuni mhux imwielda fl-UE tbaxxi r-rata globali tal-impjieg u tirrappreżenta użu kronikament baxx tal-manodopera. Immigranti tat-tieni ġenerazzjoni wkoll jiffaċċjaw riżultati negattivi fl-impjiegi li mhumiex spjegati minn differenzi fl-età, l-edukazzjoni u l-ħiliet. Barra minn hekk, diskrepanzi fir-riżultati edukattivi huma persistenti minħabba li immigranti tat-tieni ġenerazzjoni qed ilaħħqu biss parzjalment. Sabiex tiġi indirizzata din l-isfida, hemm bżonn ta' strateġija komprensiva, inkluż b'mod partikolari miżuri speċifiċi dwar il-ħiliet lingwistiċi, it-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ, pariri dwar l-impjiegi u politiki attivi oħra mmirati għas-suq tax-xogħol. Aċċess effettiv għal servizzi huwa fattur ewlieni sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, kif ukoll azzjoni kontra l-prattiki diskriminatorji li jaffettwaw il-kiri ta' immigranti tat-tieni ġenerazzjoni u ta' immigranti li mhumiex imwielda fl-UE.

(14) Il-paga minima Franċiża ilha ssegwi r-regoli ta' indiċjar tagħha mill-2013. F'kuntest ta' inflazzjoni baxxa u ta' tkabbir bil-mod fil-pagi, it-tkabbir tagħha kien aktar baxx mill-pagi ta' referenza. Filwaqt li l-paga minima hija għolja meta mqabbla mal-paga medja, il-kost lavorattiv fuq il-paga minima tnaqqas bl-eżenzjonijiet mill-kontribuzzjonijiet soċjali. Żidiet fil-paga minima jikkawżaw żidiet fil-pagi għall-ħafna mill-kategoriji ta' ħaddiema u għandhom ir-riskju li jogħlew l-kompressjoni tal-pagi. Filwaqt li indiċjar tal-paga minima huwa importanti biex jiġi ppreservat il-poter tal-akkwist tal-ħaddiema, il-mekkaniżmu attwali tal-indiċjar jista' jikkontribwixxi fid-dewmien għall-aġġustament neċessarju globali tas-salarji. Barra minn hekk, fil-kuntest attwali ta' qgħad għoli, hemm riskji li l-kost lavorattiv fuq il-paga minima jfixkel l-impjieg ta' persuni b'livelli baxxi ta' ħiliet. Il-grupp ta' esperti indipendenti kull sena jevalwa l-paga minima fi Franza u jipprovdi opinjonijiet mhux vinkolanti dwar l-iżvilupp tagħha. L-opinjoni tagħhom dwar żidiet ad hoc dejjem kien osservat sa issa u għandha rwol importanti biex tikkontrolla l-użu ta' tali żidiet ad hoc.

(15) Permezz tal-liġi ta' Awwissu 2016 dwar il-liġi tax-xogħol, id-djalogu soċjali u d-direzzjonijiet professjonali, Franza introduċiet miżuri mmirati biex tittejjeb il-kapaċità ta' kumpaniji biex jaġġustaw iċ-ċikli ekonomiċi u biex inaqqsu s-segmentazzjoni. Il-liġi tiċċara r-regoli dwar tkeċċijiet ekonomiċi, testendi l-ambitu tal-ftehimiet b'maġġoranza fil-livell tal-kumpaniji u żżid l-effikaċja ta' negozjar kollettiv. Livelli għoljin u persistenti ta' qgħad tefgħu pressjoni fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad. F'dak ir-rigward f'Marzu 2017 l-imsieħba soċjali laħqu ftehim dwar konvenzjoni ġdida ta' benefiċċju tal-qgħad, approvata mill-Gvern, li għandha l-għan li tnaqqas id-defiċit annwali b'EUR 1,2 biljun.

(16) Minkejja li Franza tejbet il-prestazzjoni regolatorja ġenerali tagħha, l-ambjent tan-negozju għadu ta' livell medju meta mqabbel ma' kompetituri kbar. B'mod partikolari, minkejja l-isforzi kontinwi għas-simplifikazzjoni, in-negozji għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' piż regolatorju kbir u ma' leġiżlazzjoni li qed tinbidel b'rata mgħaġġla. Dan huwa wieħed mill-ostakli għall-investiment privat. Bil-programm ta' simplifikazzjoni, Franza ħadet passi biex tnaqqas il-burokrazija għal negozji, iżda miżura minn ħamsa li ġew adottati qabel l-2016 kienu għadhom ma ġewx implimentati sa Mejju 2017. Fl-istess ħin, l-effetti ta' limitu jkomplu jaffettwaw l-iżvilupp ta' kumpaniji, b'implikazzjonijiet għall-prestazzjoni ekonomika tagħhom u l-prestazzjoni tagħhom tas-suq. Żieda fl-obbligi soċjali u fiskali applikabbli għal kumpaniji li għandhom iktar minn ċertu numru ta' impjegati tista' tiskoraġġihom milli jespandu biex jikbru sa daqs li jippermettilhom jesportaw u jinnovaw. Min-naħa l-oħra, dawn l-effetti jistgħu jaffettwaw il-produttività tal-kumpaniji, il-kompetittività u l-internazzjonalizzazzjoni. Fil-fatt, skont l-evidenza empirika, il-limiti ta' 10 u 50 impjegat huma partikolarment għaljin għal min iħaddem, filwaqt li l-ekonomija Franċiża hija kkaratterizzata minn proporzjoni sproporzjonatament baxxa ta' kumpaniji 'l fuq minn dawk il-livelli massimi, li jissuġġerixxi li hemm rabta bejn iż-żewġ fenomeni.

(17) Il-kompetizzjoni fis-servizzi tjieb f'għadd ta' setturi, iżda xi setturi ekonomikament importanti, bħal-kontabbiltà, l-arkitettura, servizzi ta' kura fid-dar, servizzi ta' akkomodazzjoni u ikel, servizzi ta' taxi u vetturi tal-kiri privat, għadhom ikkaratterizzati minn livell baxx ta' kompetizzjoni u/jew ostakoli regolatorji. Għad hemm ostakli għal dawn is-servizzi, b'mod partikolari ħtiġijiet regolatorji eċċessivi, u dawn jiskoraġġixxu jew jillimitaw il-kompetizzjoni effettiva. It-tnaqqis ta' dawn l-ostakli jistgħu jippermettu kumpaniji eżistenti jew kumpaniji ġodda li jagħmlu użu minn żviluppi teknoloġiċi u diġitali ġodda, li jżidu l-kompetittività tagħhom u/jew jidħlu fi swieq, u jistgħu jwasslu

għal benefiċċji għall-konsumaturi permezz ta' prezzijiet orħos u servizzi ta' kwalità aħjar. Għal dan l-għan, bħala parti minn pakkett ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-ostakli fis-swieq tas-servizzi, f'Jannar 2017 il-Kummissjoni nediet eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka li jistieden lill-Istati Membri biex iwettqu l-evalwazzjoni tal-ostakli rispettivi li għandhom fis-seħħ biex jillimitaw l-aċċess għal ċerti professjonijiet.

(18) L-innovazzjoni fi Franza ma taqbilx mal-prestazzjoni tal-mexxejja ta' innovazzjoni tal-Ewropa. Għad hemm livell għoli ta' kumplessità u l-koordinazzjoni globali hija sfida. Id-diskrepanza bejn l-ammont ta' appoġġ pubbliku li ngħata u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni ta' livell medju ta' Franza tqajjem tħassib dwar l-effiċjenza ta' mekkaniżmi ta' appoġġ pubbliku. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni bejn ir-riċerka pubblika u l-kumpaniji mhijiex ottima u tistrieħ fuq l-output ekonomiku tas-sistema tal-innovazzjoni.

(19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Franza u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Franza fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Franza, imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

(21) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Franza tieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Tiżgura l-konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2015 taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Fl-2018 tagħmel sforz fiskali sostanzjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi ta' Franza. Tivvaluta l-oġġetti tal-infiq b'mod komprensiv bil-għan li tagħmel titjib fl-effiċjenza li jissarrfu f'iffrankar fuq l-infiq.

2. Tikkonsolida l-miżuri li jnaqqsu l-ispiża tax-xogħol biex tkabbar l-effiċjenza tagħhom b'mod newtrali mil-lat baġitarju u sabiex tkabbar l-effetti tagħhom fuq l-impjiegi u fuq l-investiment. Twessa' l-bażi tat-taxxa ġenerali u tieħu iktar azzjoni biex timplimenta t-tnaqqis ippjanat fir-rata statutorja tad-dħul korporattiv.

3. Ittejjeb l-aċċess fis-suq tax-xogħol għal dawk li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari għall-ħaddiema inqas kwalifikati u għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni, inkluż permezz tar-reviżjoni tas-sistema tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ. Tiżgura li l-iżviluppi tal-paga minima jkunu konsistenti mal-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività.

4. Tkompli tnaqqas il-piż regolatorju għal kumpaniji, inkluż billi ssegwi l-programm ta' simplifikazzjoni. Tkompli tneħħi ostakoli għall-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi, inkluż f'servizzi tan-negozji u l-professjonijiet regolati. Tissimplifika u ttejjeb l-effiċjenza tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku għall-innovazzjoni.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Taħt l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 tal-Kroazja u li jagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Kroazja tal-2017

(2017/C 261/10)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tas-Servej dwar it-Tkabbir Annwali ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Kroazja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih trid issir reviżjoni bir-reqqa.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għall-Kroazja ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Huwa evalwa l-progress tal-Kroazja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Kroazja lejn il-miri nazzjonali tagħha fir-rigward ta' Ewropa 2020. Huwa inkluda reviżjoni bir-reqqa taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu ġew ukoll ippubblikati fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Kroazja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi kbar. B'mod partikolari, fl-2016, il-proporzjon tad-dejn ġenerali tal-gvern kompla jmur għall-agħar, iżda d-dejn pubbliku huwa espost għar-riskju tal-munita, u r-riskji fiskali sostenibbli baqgħu għoljin fuq perijodu ta' żmien medju. Id-dejn tas-settur privat qiegħed jonqos, iżda għadu għoli, speċjalment fis-settur tal-kumpaniji, u huwa espost b'mod qawwi għar-riskju tal-munita. Is-settur finanzjarju huwa mistenni jappoġġja l-irkupru, imma għadu espost għal riskju tal-kreditu indott mill-munita, u l-proporzjon ta' self improduttiv għadu għoli. Ir-rata tal-qgħad qed tonqos b'mod mgħaġġel, b'riżultat ta' ħolqien ta' impjiegi b'pass moderat u forza tax-xogħol li qed tiċkien. Fl-aħħar nett, ambjent tan-negozju diffiċli jiddippressa l-investiment produttiv u t-tkabbir produttiv.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(3) Fis-27 ta' April 2017, il-Kroazja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017. Iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien biex jitqiesu r-rabtiet mill-qrib ta' bejniethom.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(5) Wara l-abrogazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, il-Kroazja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tiegħu, il-Gvern qed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ tal-gvern ġenerali minn - 0,8 % tal-PDG fl-2016 għal 0,5 % tal-PDG fl-2020. L-għan baġitarju fuq terminu medju, stabbilit għal - 1,75 % tal-PDG f'termini strutturali, laħaq marġini wiesa' fl-2016, u l-bilanċ strutturali (rikalkulat [2]) huwa pjanat li jkun fil-għan baġitarju għal perijodu ta' terminu medju fl-2017 u l-2018, imma mingħajr marġini. Wara dan, huwa proġettat li jitjieb ftit għal darba oħra. Il-Programm ta' Konverġenza jistenna li l-proporzjon ta' dejn mal-PDG tal-gvern ġenerali jkompli jonqos minn 72,1 % sal-2020, wara li laħaq 86,7 % tal-PDG fl-2015. Ix-xenarju makroekonomiku wara dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli, b'mod partikolari fid-dawl tal-impatt negattiv tad-diffikultajiet finanzjarji li qed taffaċċja l-akbar kumpanija privata Kroata, Agrokor, li l-projezzjonijiet tal-programm ma jikkunsidrawx. Il-kriżi Agrokor tpoġġi wkoll riskji diretti fuq il-proġettazzjonijiet baġitarji. Aktar minn hekk, il-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw il-miri tad-defiċit pjanat mill-2017 'il quddiem għadhom ma ġewx speċifikati kompletament.

(6) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lill-Kroazja biex tikseb aġġustament annwali fiskali ta' mill-anqas 0,6 % tal-PDG lejn l-għanijiet baġitarji ta' terminu medju fl-2017. Id-data għar-riżultati li turi titjib konsiderevoli fil-bilanċ nominali għall-2016 tindika li l-Kroazja diġà laħqet l-għan baġitarju ta' nofs it-terminu tagħha f'dik is-sena. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-bilanċ strutturali jibqa' 'l fuq mill-għan baġitarju għal perijodu ta' terminu medju fl-2017, minkejja t-tnaqqis fil-PDG fl-2016 sa - 1,7 % tal-PDG fl-2017. Fl-2018, il-Kroazja qed tingħata rakkomandazzjoni biex tibqa' fl-għanijiet baġitarji ta' terminu medju. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni jistenna li l-bilanċ strutturali jonqos aktar għal - 2,1 % tal-PDG, u jipponta għal xi riskju ta' devjazzjoni mill-għan baġitarju għal perijodu ta' terminu medju. Il-Kroazja hija proġettata li tikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2017 u l-2018. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Kroazja teħtieġ tkun lesta li tieħu aktar miżuri fl-2018 biex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(7) Il-qafas ta' governanza fiskali tal-Kroazja juri nuqqasijiet. L-att il-ġdid dwar ir-responsabbiltà fiskali, li għandu jsaħħaħ il-qafas baġitarju kif ukoll l-indipendenza u l-mandat tal-Kummissjoni tal-Politika Fiskali, għadu ma ġiex adottat. L-emenda tal-att tal-baġit, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas baġitarju fuq terminu medju u tindirizza r-reviżjonijiet tal-pjanijiet baġitarji kemm fil-livelli ċentrali u dawk lokali, ġiet posposta. L-affidabbiltà tal-projezzjonijiet li jirfdu l-pjanjiet baġitarji għadha dgħajfa.

(8) Relattivament il-Kroazja għandha dħul baxx mit-tassazzjoni rikorrenti fuq il-proprjetà immobbli. Id-dħul jinġabar mill-unitajiet tal-awtoritajiet lokali permezz ta' imposti marbuta mal-proprjetà, iżda b'varjazzjonijiet konsiderevoli fil-kalkolu u l-kopertura tagħhom. Hija tiddependi wkoll fuq tassazzjoni anqas effiċjenti ta' trasferimenti tal-proprjetà. Permezz ta' insegwiment ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ripetuti, bħala parti mir-riforma tat-taxxa fl-aħħar tal-2016, mill-2018 xi imposti u taxxa lokali se jiġu sostitwiti b'taxxa fuq il-proprjetà rikorrenti kkalkulata fuq il-bażi ta' ħames parametri li japprossimaw il-valur tal-proprjetà. Hija meqjusa bħala l-ewwel pass lejn taxxa fuq il-proprjetà rikorrenti bbażata fuq il-valur sħiħ.

---

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[2] Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, rikalkulati mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

(9) Il-ħtiġijiet ta' finanzjament sovran tal-Kroazja u l-esponiment għad-dejn sovran għar-riskju tal-munita jissottolinja l-importanza ta' sorsi ta' finanzjament kredibbli u ġestjoni tar-riskju prudenti. Biex tiġi indirizzata rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, kmieni fl-2017 ġiet adottata strateġija għall-ġestjoni tad-dejn għall-gvern ċentrali, li tkopri l-2017-2019. Din ġiet tliet snin wara l-iskadenza tal-istrateġija preċedenti. Il-qafas istituzzjonali għall-ġestjoni tad-dejn pubbliku, inkluża komunikazzjoni mas-swieq, ġestjoni tar-riskju u aġġornament tal-istrateġija f'intervalli regolari, fih ċerti defiċjenzi. Hemm ukoll kunsiderazzjoni insuffiċjenti ta' tranżazzjonijiet barra mill-baġit b'impatt potenzjali fuq id-dejn.

(10) Is-suq tax-xogħol kompla jirkupra riċentement, imma l-qgħad għadu għoli, b'sehem għoli ta' persuni qiegħda għal żmien twil. Flimkien ma' attività baxxa u li qed tonqos, dan ifisser li hemm potenzjali kbir tax-xogħol li mhux jiġi sfruttat. Dan it-tnaqqis fl-attività fl-2016 kien pronunzjat partikolarment fost il-ħaddiema b'ħiliet bażiċi ta' età primarja u kien misjuq minn popolazzjoni tal-età tax-xogħol li qed tonqos minħabba l-età u l-emigrazzjoni, li t-tnejn li huma kienu qed jiżdiedu.

(11) L-inattività hija relattivament għolja fost koorti eliġibbli għall-proċedura tal-irtirar kmieni. Perjodi qosra ta' kontribuzzjoni jirriżultaw f'livell baxx attwali u futur tal-adegwatezza tal-pensjonijiet u riskji ta' faqar relatati mal-anzjanità. Hemm ħafna modi għall-irtirar kmieni, li huwa possibbli ħames snin sħaħ qabel l-età statutorja tal-irtirar. L-inċentivi finanzjarji biex wieħed jaħdem sa dik l-età huma dgħajfa. Miżuri mħabbra biex jinkoraġġixxu ħajja tax-xogħol itwal ma ġewx implimentati. Ir-responsabbiltajiet ta' kura jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għan-nisa aktar avvanzati fl-età u ta' età primarja. Hemm nuqqas ta' servizzi formali fil-kura tat-tfal u hemm disparitajiet reġjonali kbar, b'kuntratti tax-xogħol li jippermettu ftit li xejn flessibbiltà biex wieħed jibbilanċja x-xogħol u l-kura. Sal-lum, l-età tal-pensjoni statutorja hija ta' 61 sena u disa' (9) xhur għan-nisa u 65 sena għall-irġiel. Il-konverġenza u ż-żieda fl-etajiet statutorji tal-irtirar huma baxxi, fejn iż-żewġ sessi jilħqu l-età tal-irtirar ta' 67 fl-2038. Li din titħaffef qed tiġi kkunsidrata, iżda għadha ma ġietx adottata. Is-sistema tal-pensjonijiet tagħti d-dritt għal kundizzjonijiet aktar favorevoli għal kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema f'impjiegi kklassifikati bħala diffiċli u perikolużi, u f'setturi speċifiċi. L-awtoritajiet Kroati wettqu rieżami ta' professjonijiet perikolużi jew diffiċli, iżda r-regoli għadhom ma ġewx integrati.

(12) Skont id-data l-aktar reċenti, fl-2015, kważi 30 % tal-popolazzjoni kienet fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali. Is-sistema ta' protezzjoni soċjali turi nuqqasijiet fl-effikaċja u l-ekwità, li jirriżultaw f'inkonsistenzi fil-kriterji ta' eliġibbiltà, li ġejjin minn kopertura ġeografika frammentata, nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli, u n-nuqqas ta' trasparenza. Fl-2016, 0,6 % biss tal-PDG intefaq fuq l-iskema ta' dħul minimu għall-ifqar familji. Il-pjanijiet ta' riforma istituzzjonali, inkluża l-assenjazzjoni mill-ġdid ta' responsabbiltajiet u l-armonizzazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà staġnaw.

(13) Il-kisba ta' ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol hija kundizzjoni importanti għall-impjegabbiltà. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni tal-adulti hi baxxa ħafna, kif ukoll l-infiq u l-kopertura ta' politiki attivi fis-suq tax-xogħol, flimkien mal-miżuri ta' taħriġ mill-ġdid u tagħlim tul il-ħajja. It-taħriġ ma jiffokax biżżejjed fuq ħaddiema aktar avvanzati fl-età u bi ftit kwalifiki u dawk qiegħda fit-tul, li għandhom it-tendenza li jiffaċċjaw sfidi partikolari fl-impjegabbiltà. It-tħejjija ta' leġislazzjoni biex titjieb il-kwalità tal-istituzzjonijiet, il-programmi, u t-tagħlim għall-adulti ġiet imdewma.

(14) Ħiliet bażiċi suffiċjenti huma essenzjali biex in-nies isibu u jżommu impjiegi tajbin u stabbli u jipparteċipaw b'suċċess fil-ħajja ekonomika u soċjali. L-informazzjoni ta' sħarriġ internazzjonali tindika nuqqasijiet kbar fil-ħiliet bażiċi, fix-xjenza applikata u fil-matematika fost it-tfal tal-iskola Kroati ta' 15-il sena. Mill-2015, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-edukazzjoni, ix-xjenza u t-teknoloġija, ir-riforma fil-kurrikulu tal-iskola tnediet biex jitjieb il-kontenut u t-tagħlim ta' ħiliet trasferibbli. Wara reazzjonijiet ambivalenti tal-partijiet interessati, ir-riforma fil-kurrikulu ġiet riveduta, u l-implimentazzjoni ddewmet b'mod sinifikanti. Il-proċess issa jeħtieġ li jkompli f'konformità mal-objettivi oriġinali. Il-Kroazja reċentement adottat strateġija fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV). Din hija mistennija li twassal għal aġġornament tal-kurrikuli tal-ETV, rwol akbar ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, u titjib fil-kwalità tat-tagħlim tal-ETV. L-introduzzjoni ta' sistema għar-rikonoxximent u l-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali hija pendenti.

(15) Il-frammentazzjoni territorjali u funzjonali tal-amministrazzjoni pubblika hija ta' piż għas-servizzi tal-konsenja u l-effiċjenza tan-nefqa pubblika. Il-kompetenzi attwali u relazzjonijiet fiskali bejn il-livelli tal-gvern ma jiffavorixxux it-twassil effiċjenti u ġust tas-servizzi pubbliċi, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, u l-assistenza soċjali. Riforma komprensiva tal-amministrazzjoni pubblika qed taffaċċja dewmien. Il-leġislazzjoni biex jiġu allokati mill-ġdid kompiti bejn l-awtoritajiet ċentrali u lokali għadha pendenti, bħalma hija s-simplifikazzjoni tas-sistema tal-aġenziji tal-istat. Kmieni fl-2017, l-awtoritajiet Kroati ħabbru l-istabbiliment ta' task force biex tħejji leġislazzjoni dwar il-finanzjament tal-gvern sottonazzjonali.

(16) Il-frammentazzjoni fl-iffissar tas-salarji fl-amministrazzjoni pubblika qed tkompli xxekkel it-trasparenza tal-pagi u t-trattament indaqs, kif ukoll il-kontroll tal-gvern fuq il-kont tal-pagi pubbliċi, b'riskji ta' effetti sekondarji fl-ekonomija usa'. Fi Frar 2017, il-Gvern adotta linji gwida komuni għal negozjar u monitoraġġ tal-ftehimiet kollettivi fis-settur pubbliku, iżda s-simplifikazzjoni tal-oqfsa li jistabbilixxu l-pagi ġiet posposta għall-2018.

(17) Intrapriżi tal-istat bħala medja huma anqas produttivi minn kumpanniji privati, li jissuġġerixxi dgħufijiet fil-governanza tagħhom. Huma għandhom impatt negattiv fuq l-effiċjenza, u jikkontribwixxu għal tkabbir baxx fil-produttività tal-ekonomija. Matul is-sena li għaddiet, il-pass biex jinfetħu impriżi statali għall-kontroll privat kien bil-mod. Monitoraġġ aħjar tal-prestazzjoni tagħhom u r-responsabbiltà tal-bordijiet, inkluż dak tal-impriżi li huma proprjetà ta' unitajiet tal-gvern lokali, jgħinu biex itejbu l-ġestjoni tagħhom.

(18) Il-Bank Kroat għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (HBOR) għandu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa b'mod partikolari. Biex jaqdi dan ir-rwol b'mod sħiħ, jeħtieġ li jkun konformi ma' standards għoljin ta' trasparenza u responsabbiltà. L-awtoritajiet Kroati qed jippjanaw analiżi indipendenti tal-kwalità tal-assi tal-portafoll ta' kreditu tiegħu minn awdituri indipendenti, li għandu jiġi konkluż sal-aħħar tal-2017. Fuq il-bażi tas-sejbiet, il-qafas regolatorju tiegħu u l-istrutturi ta' governanza se jkunu riveduti.

(19) In-negozji huma mgħobbija bi spejjeż regolatorji għoljin. Għadd kbir ta' imposti parafiskali, li ħafna minnhom huma statistikament trattati bħala taxxi, jikkomplikaw l-ambjent tan-negozju. Fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, fis-sajf tal-2016 il-Gvern iddeċieda li jabolixxi 13-il tariffa parafiskali u jnaqqas 11 oħra, iżda l-implimentazzjoni tagħhom kienet bil-mod. In-negozji qed ikomplu jbatu minn piż amministrattiv għoli. Ġie adottat pjan ta' azzjoni biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, li jkopri tmien oqsma regolatorji, iżda l-implimentazzjoni tiegħu għadha pendenti.

(20) L-investiment irkupra fl-2016, wara tnaqqis qawwi matul il-kriżi. Iżda minkejja kundizzjonijiet finanzjarji u makroekonomiċi favorevoli, konġestjonijiet ewlenin qed ikunu ta' piż fuq irkupru aktar dejjiemi fl-investiment. Id-dgħufijiet tal-amministrazzjoni pubblika, l-ambjent tan-negozju kkumplikat, implimentazzjoni bil-mod ta' strateġija kontra l-korruzzjoni, regolamentazzjoni restrittiva f'setturi ewlenin tal-infrastruttura, u l-preżenza qawwija tal-Istat fl-ekonomija għandhom impatt negattiv fuq il-klima tan-negozju.

(21) Il-modernizzazzjoni tar-regolamentazzjoni professjonali tista' tippromwovi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tikkontribwixxi għal prezzijiet aktar baxxi għal servizzi professjonali, u b'hekk jiżdied il-potenzjal għat-tkabbir. Ir-regolament tal-Kroazja għal fornituri ta' servizzi u professjonijiet regolati kien restrittiv, b'mod partikolari għall-avukati. Fis-sajf tal-2016, il-Gvern adotta pjan ta' azzjoni biex jibdel u jimmodernizza regolamentazzjoni li ma għadhiex tajba, li madankollu kienet limitata fl-ambitu u fid-dettall.

(22) Il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja hija fattur determinanti ewlieni fl-ambjent tan-negozju. Minkejja li tnaqqas ix-xogħol b'lura, il-proċedimenti fil-qorti tal-ewwel istanza huma twal għal kawżi kummerċjali, ċivili u kriminali. Fajls elettroniċi u t-twassil ta' dokumenti tal-qorti b'mod elettroniku għandhom il-potenzjal li jtejbu b'mod sinifikanti s-sistema ġudizzjarja, iżda għadhom ma ġewx implimentati. L-imħallfin tal-liġi kummerċjali ma jistgħux jaċċessaw ir-reġistri online: dan għandu impatt negattiv fuq l-effiċjenza tal-proċedimenti ta' insolvenza. Is-sentenzi tal-qorti rarament huma disponibbli online, u hemm lok biex jitjiebu l-proċessi tan-negozju fl-ewwel istanza tal-qrati kummerċjali.

(23) Is-settur bankarju għadu kapitalizzat tajjeb, u l-profittabbiltà tiegħu rkuprat fl-2016 wara l-bidla tas-self fil-frank Żvizzeru għall-euro fl-2015. Il-proporzjon ta' self improduttiv għal self gross kien qiegħed jonqos dan l-aħħar iżda għadu għoli, b'mod partikolari fost korporazzjonijiet mhux finanzjarji. It-tnaqqis jidher li hu dovut minħabba l-bejgħ, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' proviżjonament awtomatiku u progressiv li ġew introdotti fl-2013. Bħala parti mir-

riforma fir-regoli tat-taxxa li saret dan l-aħħar, il-Gvern introduċa wkoll it-trattament fiskali ġdid għal thassir ta' self improduttiv, b'risposta għal rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż. L-effetti tiegħu jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib. L-effiċjenza tal-qafas tal-insolvenza reċentement riformat li qed jiffaċilita r-riżoluzzjoni ta' self mhux produttiv ukoll jixraqlu monitoraġġ mill-qrib.

(24) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Kroazja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kroazja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Kroazja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(25) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

(26) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Kroazja tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Issegwi l-politika fiskali tagħha f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jfisser li tibqa' fuq l-objettiv baġitarju tagħha ta' terminu medju fl-2018. Sa Settembru 2017, issaħħaħ l-ippjanar baġitarju u l-qafas baġitarju pluriennali, inkluż billi ssaħħaħ l-indipendenza u l-mandat tal-Kummissjoni għall-Politika Fiskali. Tieħu l-passi meħtieġa għall-introduzzjoni ta' taxxa fuq il-proprjetà bbażata fuq il-valur. Issaħħaħ il-qafas għall-immaniġġjar tad-dejn pubbliku, inkluż billi tiżgura aġġornamenti annwali għall-istrateġija tal-immaniġġar tad-dejn.

2. Tiskoraġġixxi l-irtirar kmieni, tħaffef it-tranżizzjoni lejn età tal-irtirar statutorja aktar għolja u tallinja l-provvedimenti tal-pensjoni għal kategoriji speċifiċi mar-regoli tal-iskema ġenerali. Ittejjeb il-koordinazzjoni u t-trasparenza tal-benefiċċji soċjali.

3. Ittejjeb l-edukazzjoni għall-adulti, b'mod partikolari għal ħaddiema akbar fl-età, dawk bi ftit kwalifiki u dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil. Tħaffef ir-riforma tas-sistema edukattiva.

4. Tnaqqas il-frammentazzjoni u ttejjeb id-distribuzzjoni funzjonali tal-kompetenzi fl-amministrazzjoni pubblika, filwaqt li ttejjeb l-effiċjenza u tnaqqas id-disparitajiet territorjali fil-provvista tas-servizzi pubbliċi. F'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tarmonizza l-oqfsa tal-istabbiliment tal-pagi madwar l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi.

5. Tħaffef iċ-ċessjoni ta' intrapriżi u assi oħra tal-istat, u ttejjeb il-governanza korporattiva fis-settur tal-intrapriżi proprjetà tal-istat. Tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż fuq in-negozji li jirriżulta minn spejjeż tar-regolamentazzjoni u minn piżijiet amministrattivi. Tneħħi restrizzjonijiet regolatorji li qegħdin ixekklu l-aċċess għall-professjonijiet regolati u l-ipprattikar tagħhom u servizzi professjonali u kummerċjali. Ittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, b'mod partikolari billi tnaqqas il-perijodu ta' dewmien ta' każijiet ċivili u kummerċjali.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2017 u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja għall-2017

(2017/C 261/11)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Italja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li għandu bħala munita l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Italja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro li hija riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4) ta' hawn taħt.

(3) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2017 għall-Italja ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet l-Italja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Italja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020. Dan inkluda wkoll analiżi fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

l-Italja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. Il-livell għoli tad-dejn pubbliku u d-dinamiċi tal-produttività dgħajfin fit-tul timplika riskji b'rilevanza transfruntiera, f'kuntest ta' self improduttiv għoli u qgħad. Il-ħtieġa għal azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti avversi fuq l-ekonomija Taljana hija partikolarment importanti partikolarment meta wieħed iqis id-daqs tagħha u r-rilevanza transfruntiera, fuq l-unjoni ekonomika u monetarja.

(4) Fis-27 ta' April 2017, l-Italja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 kif ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tagħha. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja tal-2017 jinkludi impenji kemm għall-perijodu ta' żmien qasir kif ukoll dak medju. Fi żmien qasir huma ppjanati l-adozzjoni finali tal-liġijiet pendenti rigward il-kompetizzjoni u r-riforma tal-proċess kriminali u l-istatut ta' limitazzjonijiet, l-implimentazzjoni tal-liġi kontra l-faqar kif ukoll miżuri relatati ma' negozjati fil-livell tal-azjendi, ċaqliq fit-taxxa u l-privatizzazzjoni. Fit-terminu medju ta' żmien, il-miżuri jikkonċernaw il-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni, is-suq tax-xogħol, is-sistema tal-banek u tal-kreditu, il-kompetizzjoni, l-amministrazzjoni pubblika u l-ġustizzja, u l-investiment. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 jinkludi wkoll l-isfidi identifikati fir-rapport tal-pajjiż tal-2017 u r-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, inkluż il-ħtieġa li tingħata ħajja ġdida lill-investimenti u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Jekk jiġu implimentati b'mod sħiħ fil-perijodi ta' żmien indikati, dawn il-miżuri jgħinu lill-Italja tindirizza l-iżbilanċ makroekonomiku u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Abbażi tal-valutazzjoni tal-impenji ta' politika tal-Italja, il-Kummissjoni tikkonferma l-valutazzjoni preċedenti tagħha li, f'dan l-istadju, ma huwa meħtieġ l-ebda pass ieħor fil-qafas tal-proċedura għall-iżbilanċi makroekonomiċi prevista fir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 u r-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma tal-politika ser tiġi segwita mill-qrib permezz ta' monitoraġġ speċifiku.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) L-Italja bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jippjana titjib tad-defiċit nominali minn 2,4 % tal-PDG fl-2016 għal 2,1 % fl-2017, 1,2 % fl-2018, u pożizzjoni ta' baġit ġeneralment ibbilanċjat sal-2019. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju, li huwa pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali, hu ppjanat li jintlaħaq sal-2019 u jinżamm fl-2020, filwaqt li l-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid ([3]) juri defiċit strutturali żgħir (0,3 % tal-PDG) f'dawk is-sentejn. Wara li kompla jiżdied fl-2016 (sa 132,6 % tal-PDG, minn 132,1 % fl-2015), il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali mal-PDG huwa previst fil-Programm ta' Stabbiltà għall-2017 li jiġi ġeneralment stabbilizzat fl-2017 u li mbagħad jonqos mill-2018, filwaqt li jilħaq 125,7 % fl-2020. L-inċertezza dwar il-kompożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija baġitarja fuq medda medja ta' żmien tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 timplika riskji negattivi kemm għall-previżjonijiet tat-tkabbir kif ukoll għall-kisba tal-miri baġitarji. B'mod partikolari, il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni tistenna kważi l-istess tkabbir tal-PDG reali għall-2018 bħall-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, minkejja li jeżisti żbilanċ ferm ogħla. Il-previżjoni tal-Kummissjoni ma tinkorporax l-effett taż-żieda fil-VAT (0,9 % tal-PDG), li ddaħħlet fil-liġi bħala "klawżola ta' salvagwardja" biex jinkisbu l-miri baġitarji fl-2018, anki għaliex il-programm ta' Stabbiltà tal-2017 jikkonferma l-intenzjoni li ma tiġix attivata mingħajr ma jiġu provduti dettalji dwar miżuri kompensatorji alternattivi. Barra minn hekk, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 jindika l-intenzjoni li jinstab aktar spazju għal tnaqqis tal-piż tat-taxxa.

([1]) Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8).

([2]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([3]) Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, rikalkulati mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

(7) Il-programm ta' Stabbiltà tal-2017 jindika li l-impatt baġitarju ġenerali tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati kif ukoll tal-miżuri ta' sigurtà relatati fl-2016 u fl-2017 huwa sinifikanti u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, l-ispejjeż eliġibbli addizzjonali fl-2016 ammontaw għal 0,06 % tal-PDG għad-dħul ta' refuġjati eċċezzjonali u għal 0,06 % tal-PDG għal miżuri relatati mas-sigurtà. Għall-2017, in-nefqa eliġibbli relatata mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati hija b'mod preliminari stmata għal 0,16 % tal-PDG ([1]). Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani invokaw il-klawżola ta' avveniment mhux tas-soltu fl-2017 b'rabta mal-attività sismika eċċezzjonali. Għall-2017, in-nefqa eliġibbli relatata mal-influss eċċezzjonali ta' attività sismika b'mod preliminari hija stmata għal 0,18 % tal-PDG ([2]). Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, fis-sens li l-influss tar-refuġjati, is-severità tat-theddida terroristika u l-attività sismika eċċezzjonali huma avvenimenti eċċezzjonali, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Italja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien għall-2016 tnaqqas b'0,12 % tal-PDG biex jitqiesu l-kostijiet addizzjonali relatati mar-refuġjati u spejjeż tas-sigurtà. Rigward l-2017, valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, ser issir fir-rebbiegħa tal-2018 fuq il-bażi ta' data osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet Taljani.

(8) Għall-2016, l-Italja ngħatat devjazzjoni temporanja ta' 0,5 % tal-PDG mill-pjan ta' aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju ta' żmien, biex jittieħed kont tar-riformi strutturali maġġuri b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u tnaqqis ieħor ta' 0,25 % tal-PDG biex jittieħed kont tan-nefqa ta' investiment nazzjonali fi proġetti kofinanzjati mill-Unjoni. Fir-rigward tal-klawżola dwar l-investiment, wieħed mill-kriterji ta' eliġibbiltà huwa ż-żieda fl-investiment pubbliku. Id-data tar-riżultati għall-2016 uriet tnaqqis fl-investiment pubbliku fl-2016 meta mqabbel mal-2015 (b'EUR 1,6 biljun). Madankollu, il-Kunsill jirrikonoxxi li hemm fatturi speċifiċi li llimitaw l-investiment pubbliku matul is-sena li għaddiet. Fattur ta' inċertezza assoċjati mat-transizzjoni għal kodiċi ġdid ta' akkwist pubbliku u konċessjonijiet, li ġie rivedut skont ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2016. Barra minn hekk, u saħansitra iktar importanti, fl-2016 kien hemm tnaqqis qawwi fl-investiment iffinanzjat permezz tal-fondi tal-Unjoni bħala riżultat tal-bidu tal-perijodu l-ġdid ta' programmazzjoni, filwaqt li l-investiment iffinanzjat nazzjonalment żdied marġinalment (b'EUR 1,1 biljun). Għalhekk, filwaqt li l-investiment finanzjat nazzjonalment żdied fl-2016 u n-nefqa relatata mal-klawżola dwar l-investiment ma ssostitwixxihx, devjazzjoni temporanja ta' 0,21 % tal-PDG tista' tingħata lill-Italja fir-rigward tal-klawżola dwar l-investiment, li tikkorrispondi għal nefqa eliġibbli għal kofinanzjament nazzjonali kif irrappurtat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2017. Ladarba titqies il-flessibbiltà addizzjonali ġenerali ta' 0,83 % tal-PDG taħt ċirkostanzi mhux normali, ir-riforma strutturali u l-klawżoli dwar l-investiment, it-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni jindika xi devjazzjoni mit-triq rakkomandata ta' aġġustament lejn l-objettiv ta' terminu medju fl-2016.

(9) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lill-Italja biex tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % jew aktar tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2017. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat għall-objettiv ta' terminu medju ta' żmien fl-2017 u għall-2016 u l-2017 meħuda flimkien. Madankollu, dik il-konklużjoni tinbidel għal riskju ta' xi devjazzjoni jekk il-permess temporanju għal klawżola ta' avveniment eċċezzjonali relatat mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u l-pjan ta' investiment preventiv għall-protezzjoni tat-territorju nazzjonali kontra r-riskji sismiċi (b'mod preliminari stmati għal 0,34 % tal-PDG, b'mod ġenerali) jitnaqqas mir-rekwiżit fl-2017.

(10) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tagħha u partikolarment il-livell ta' dejn, l-Italja hija mistennija li tkompli l-aġġustament lejn l-objettiv baġitarju għal medda medja ta' żmien ta' pożizzjoni baġitarja bbilanċjata f'termini strutturali. Skont matriċi ta' aġġustament maqbul b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' aġġustament nominali fir-rata ta' tnaqqis fin-nefqa primarja netta b'tal-anqas

([1]) Dan l-ammont huwa bbażat fuq l-ispiża baġitarja globali ta' 0,25 % tal-PDG stmata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 li għalihom devjazzjoni temporanja ta' 0,03 % tal-PDG u ta' 0,06 % diġà ngħatat fl-2015 u fl-2016, rispettivament, hija mnaqqsa. Fl-opinjoni tagħha dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2017 għall-Italja, il-Kummissjoni ħabbret li hija ser tkun lesta li tikkunsidra konċessjoni addizzjonali minħabba l-influss persistenti eċċezzjonali ta' refuġjati fl-Italja anki fid-dawl tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2016 li rrikonoxxa "l-kontribut sinifikanti, anki ta' natura finanzjarja, magħmul minn Stati Membri l-aktar esposti f'dawn l-aħħar snin".

([2]) Fl-opinjoni tagħha dwar l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2017 għall-Italja, il-Kummissjoni qieset li l-infiq allokat għall-ġestjoni tal-emerġenzi u l-pjan ta' investiment preventiv għall-protezzjoni tat-territorju nazzjonali kontra r-riskji sismiċi jistgħu jiġu kkunsidrati ta' natura integrata. Għas-snin ta' wara ser ikunu biss bidliet inkrimentali pożittivi fir-riżorsi allokati għal dan l-iskop li jkunu kkunsidrati bħala eliġibbli għal aktar devjazzjonijiet temporanji possibbli.

0,2 % sal-2018. Dan ikun jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' mill-anqas 0,6 % tal-PDG. Jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mir-rekwiżit fl-2018. L-Italja prima facie mhix imbassra li tkun konformi mar-regola tad-dejn fl-2017 u l-2018. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Italja teħtieġ li tkun lesta biex tieħu aktar miżuri biex tiżgura l-konformità fl-2017 u li ser ikun hemm bżonn ta' miżuri ulterjuri fl-2018 biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u l-eżiti tagħhom jinħtieġ li jqisu l-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Semestru Ewropew tal-2017 li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tar-riżultati baġitarji tal-2018 ser ikollhom iqisu l-għan li jiksbu pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali, kif ukoll għall-iżgurar tas-sostenibbiltà fil-finanzi pubbliċi tal-Italja. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha twettaq valutazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni ċiklika tal-Italja.

(11) Minħabba nuqqas ta' konformità prima facie tal-Italja mar-regola tad-dejn fl-2015, fit-22 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE, li kkonkluda li "Sakemm miżuri strutturali addizzjonali, li jammontaw mill-inqas għal 0,2 % tal-PDG, li l-Gvern impenja ruħu li jadotta l-iktar tard f'April 2017 huma kredibbilment adottati sa dak iż-żmien sabiex jitnaqqas id-distakk wiesa' ta' konformità mal-parti preventiva fl-2017 (u għalhekk fl-2016), din l-analiżi tissuġġerixxi li l-kriterju tad-dejn kif iddefinit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 jinħtieġ li jiġi kkunsidrati bħala li attwalment ma ġewx rispettati. Madankollu, deċiżjoni dwar jekk tinfetaħx Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv tittieħed biss fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2017, billi jitqiesu d-data tar-riżultati għall-2016 u l-implimentazzjoni tal-impenji fiskali li għamlu l-awtoritajiet Taljani fi Frar 2017." F'April 2017, il-Gvern adotta l-miżuri ta' konsolidazzjoni addizzjonali mitluba. Għalhekk, ebda passi oħra ma huma meqjusa meħtieġa għall-konformità mal-kriterju tad-dejn fl-2015 f'dan l-istadju. Il-Kummissjoni ser tivvaluta mil-ġdid il-konformità tal-Italja mal-kriterju tad-dejn fil-ħarifa tal-2017, abbażi tad-data notifikata għall-2016 u t-tbassir tal-ħarifa tal-Kummissjoni tal-2017, li għandu jinkorpora informazzjoni ġdida dwar l-implimentazzjoni baġitarja fl-2017 u l-pjanijiet baġitarji attwali għall-2018.

(12) Il-proporzjon ta' dejn pubbliku għoli tal-Italja għandu jistabbilizza ruħu, iżda mhux jonqos, minħabba d-deterjorament tal-bilanċ primarju strutturali u l-kundizzjonijiet makroekonomiċi attwali. B'aktar minn 130 % tal-PDG, dan jimplika li hemm riżorsi sinifikanti allokati biex ikopru l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn, għad-detriment ta' oqsma li jżidu t-tkabbir inkluż l-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-infrastruttura.

(13) Is-sistema fiskali tal-Italja mhijiex ta' appoġġ t-tkabbir ekonomiku u l-effiċjenza minħabba diversi raġunijiet. Minkejja tnaqqis modest reċenti, il-piż tat-taxxa fuq il-fatturi tal-produzzjoni jibqa' fost l-ogħla fl-Unjoni. Hemm lok li jiċċaqlaq aktar lejn taxxi li huma ta' inqas ħsara għat-tkabbir, b'mod newtrali għall-baġit. L-ewwel taxxa fuq il-proprjetà residenzjali ġiet revokata fl-2015, li kien pass lura fil-proċess tal-kisba ta' struttura fiskali aktar effiċjenti. Minkejja leġislazzjoni nazzjonali li timponiha fuq bażi annwali, ir-reviżjoni li ilha mistennija fuq in-nefqa tat-taxxa, b'mod partikolari fir-rigward ta' rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud, ġiet posposta għal darb'oħra. Riforma tal-valuri katastali skaduti f'konformità mal-valuri tas-suq attwali, għadha pendenti. Nuqqas ta' konformità mat-taxxa u kodiċi fiskali kumpless iżidu l-piż fuq l-azjendi u l-familji li jikkonformaw. Miżuri reċenti, jiġifieri obbligu ta' fatturazzjoni elettronika u "pagament maqsum" għal xiri minn korpi governattivi, huma pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, il-fatturazzjoni elettronika għadha mhix obbligatorja għal transazzjonijiet fis-settur privat u l-limiti fuq l-użu ta' flus kontanti reċentement ġie mgħolli, b'tali mod li l-użu tal-pagamenti elettroniċi għadu sew taħt il-medja tal-Unjoni, bi ħsara għall-konformità mat-taxxa.

(14) Fir-rigward tal-proċess baġitarju, riforma komprensiva għaddiet fl-2016. Il-Kummissjoni ser tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tar-riforma, li tagħmel ir-rieżami tal-infiq parti iktar integrali tal-proċess tal-baġit.

(15) Il-kundizzjonijiet-qafas tal-Italja, l-amministrazzjoni pubblika u l-ambjent kummerċjali għadhom affettwati minn għadd ta' ineffiċjenzi strutturali. Dawn l-ineffiċjenzi jkomplu jżommu lura l-implimentazzjoni ta' riformi, jiskoraġġixxu l-investiment, joħolqu inċertezza u jiftħu opportunitajiet għal rendiment parassitiku. Ir-riformi tas-sistema ġudizzjarja ċivili adottati matul dawn l-aħħar snin biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, biex tittejjeb il-ġestjoni tal-kawżi u tiżgura d-dixxiplina proċedurali, qegħdin juru riżultati bil-mod. It-tul ta' proċeduri ta' qorti ċivili tibqa' sfida ewlenija. Għalkemm qed jonqos kemxejn fil-qrati inferjuri, kemm iż-żmien għat-tlestija u l-

akkumulazzjoni għal kawżi ċivili u kummerċjali għadhom fost l-ogħla fl-Unjoni fl-istanzi kollha. Riforma pendenti tal-proċeduri ċivili tipprovdi għal restrinġiment ulterjuri tal-kriterji ta' ammissibbiltà għal appelli, proċeduri ċivili ssimplifikati fl-istanzi kollha u disinċentivi kontra litigazzjoni abbużiva.

(16) Bosta indikaturi jikkonfermaw li l-korruzzjoni għadha problema ewlenija fl-Italja, minkejja r-riformi adottati sa issa. Ir-riforma li ilha dovuta fl-istatut ta' limitazzjonijiet biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ilha pendenti mill-2014. Fil-forma attwali tagħha, l-istatut tal-limitazzjonijiet iwassal għal proporzjon għoli ta' każijiet li qed jiġu preskritti wara kundanna fl-ewwel istanza. Barra minn hekk, l-awtorità nazzjonali kontra l-korruzzjoni għandu riżorsi finanzjarji u umani limitati biex teżerċita s-setgħat tagħha u, min-naħa l-oħra, il-qafas għadu frammentat.

(17) Liġi komprensiva abilitanti tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika ġiet adottata fl-2015. Din għandha l-potenzjal li ttejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika. Madankollu, wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Novembru 2016 li ddikjarat li l-proċedura segwita għall-adozzjoni ta' xi digrieti leġislattivi mhix kostituzzjonali, l-implimentazzjoni ta' partijiet ewlenin tar-riforma għadhom pendenti. B'mod partikolari, id-deċiżjoni tikkonċerna tliet oqsma ewlenin ta' riforma: is-servizzi pubbliċi lokali, l-impjieg pubbliku, u intrapriżi li huma proprjetà pubblika. L-inizjattivi leġislattivi ġodda humiex meħtieġa biex issir riforma tas-servizzi pubbliċi lokali u tal-impjieg fis-settur pubbliku fil-livell maniġerjali, minħabba li d-data ta' skadenza skadiet f'Novembru 2016. Fir-rigward tal-intrapriżi li huma proprjetà pubblika, id-digriet adottat qabel is-sentenza jeħtieġ li jiġi emendat. Ir-riforma għandha l-għan li tnaqqas in-numru tal-intrapriżi pubbliċi, itejjeb l-effiċjenza tagħhom, u tiżgura li dawn joperaw skont l-istess regoli li japplikaw għall-entitajiet privati. L-implimentazzjoni tal-privatizzazzjonijiet ippjanati ser jikkontribwixxu wkoll għar-razzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi pubbliċi.

(18) Kundizzjonijiet qafas mhux favorevoli għall-kompetizzjoni għadhom jeżistu. B'mod partikolari, il-liġi ta' kompetizzjoni annwali tal-2015 għadha ma ġietx adottata. L-ostakli sinifikanti għall-kompetizzjoni għadhom jippersistu f'ċerti setturi, bħal pereżempju professjonijiet regolati, konċessjonijiet, akkwist pubbliku u s-sistema ta' awtorizzazzjonijiet kif ukoll servizzi pubbliċi lokali, inkluż it-trasport. B'mod partikolari, il-progress fit-trawwim tal-funzjonament tas-suq tat-trasport pubbliku effiċjenti, trasparenti u kompetittiv, b'mod partikolari għall-ferroviji taħt konċessjonijiet tal-gvern, għadu limitat ħafna. Skont indikatur ġdid żviluppat mill-Kummissjoni, il-livell ta' restrizzjoni huwa ogħla fl-Italja milli fil-medja tal-Unjoni għall-maġġoranza tal-professjonijiet analizzati. Bħala parti minn pakkett ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-ostakli fis-swieq tas-servizzi, f'Jannar 2017, gwida speċifika skont il-professjoni biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni ġiet ippreżentata f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta' riformi għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali.

(19) L-istokk kbir tas-settur bankarju ta' self inadempjenti għadu ta' xkiel għall-profitti tal-banek u l-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw il-kapital internament. Dan huwa ta' piż fuq fil-provvista tal-kreditu, b'mod partikolari għal kumpaniji żgħar. L-inizjattivi ta' politika li ttieħdu sa issa għadhom ma rriżultawx fi tnaqqis sinifikanti ta' self improduttiv. Il-gwida superviżorja dwar il-ġestjoni ta' self improduttiv fil-livell nazzjonali għadha mhix żviluppata biżżejjed u l-banek ta' daqs medju u żgħar għadhom aktar vulnerabbli minn istituzzjonijiet ta' kreditu kbar. Għalhekk, il-Kummissjoni ser tissorvelja l-implimentazzjoni tar-riforma fil-governanza korporattiva tal-akbar banek *popolari* u banek mutwi żgħar, li huwa l-mezz għall-konsolidazzjoni tas-sistema bankarja. Reċentement ittieħdu xi miżuri ta' riforma, iżda l-qafas tal-infurzar tal-kollateral u tal-fallimenti għadu mhux biżżejjed jappoġġa biżżejjed ir-ristrutturar u s-self mhux produttiv, speċjalment f'dak li jirrigwarda impriżi żgħar u mikrointrapriżi. Abbozz ta' liġi abilitanti għar-riforma u s-simplifikazzjoni tal-għodod tal-insolvenza u l-infurzar, li bħalissa qed jiġi diskuss fil-Parlament, jista' jgħin biex jingħelbu l-ineffiċjenzi u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' suq sekondarju għal dejn moruż fl-Italja.

(20) Minkejja titjib gradwali fis-suq tax-xogħol, appoġġat minn riformi, il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ għadhom għoljin (6,7 % u 38 % rispettivament fl-2016) u aktar minn 1,2 miljun żagħżugħ u żagħżugħa jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ. Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ ([1]) għamlet progress kbir, għad fadal xi sfidi biex jiġi żgurat approċċ aktar effettiv u implimentazzjoni fuq skala sħiħa. Il-perċentwal ta' benefiċjarji tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ li għadhom f'impjieg, edukazzjoni, apprendistat jew traineeship sitt xhur wara l-ħruġ hija ogħla mill-medja tal-Unjoni. Madankollu, is-sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni fil-mira għadha

([1]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1).

baxxa u d-differenzi reġjonali fir-riżultati miksuba għadhom sinifikanti. Ir-riforma ta' politiki tas-suq tax-xogħol attivi, inklużi s-sistema ta' governanza tagħha, għadha fi stadju bikri u s-servizzi tal-impjiegi għadhom dgħajfa, b'disparitajiet reġjonali mifruxa. It-tagħlim tal-adulti mhux żviluppat biżżejjed, li jista' jkollu piż fuq l-eżiti tas-suq tax-xogħol ta' persuni b'livell baxx ta' ħiliet.

(21) Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-potenzjali tal-forza tax-xogħol tagħhom għadu fil-biċċa l-kbira mhux użat biżżejjed. Ir-rata ta' impjieg tan-nisa hija waħda mill-aktar baxxi fl-Unjoni. Xi karatteristiċi tas-sistema tal-benefiċċji fiskali jkomplu jiskoraġġixxu t-tieni sors ta' dħul milli jipparteċipa fil-forza tax-xogħol filwaqt li l-aċċess għas-servizzi tal-kura affordabbli (għal tfal u anzjani) għadhom limitati, b'disparitajiet reġjonali mifruxa. Il-liv tal-paternità huwa fost l-aktar baxx fl-Unjoni.

(22) In-negozjar fit-tieni livell għadu mhux użat b'mod wiesa'. Dan ixekkel l-effiċjenza tal-allokazzjoni tar-riżorsi u r-rispons tal-pagi għall-kundizzjonijiet ekonomiċi lokali. Dan huwa wkoll dovut għar-regoli u l-prattiki tal-qafas eżistenti għan-negozjar kollettiv, li jħallu ambitu limitat għal negozjar fil-livell lokali. Il-ftehimiet iffirmati mis-sħab soċjali minn Jannar 2014 li jistabbilixxu l-proċeduri u l-kriterji għall-kejl tar-rappreżentattività tat-trade unions, li jnaqqsu l-inċertezza fir-relazzjonijiet industrijali, għadhom ma ġewx implimentati. Ir-rifużjonijiet tat-taxxa fuq żidiet fil-pagi relatati mal-produttività ma kinux effettivi biex l-użu ta' negozjar tat-tieni livell jiġi estiż b'mod sinifikanti.

(23) Ir-rata ta' nies fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali huwa ferm ogħla mill-medja fl-Unjoni, speċjalment għal tfal u persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Hemm ukoll differenzi reġjonali kbar. Sar xi progress fir-rigward tal-istrateġija nazzjonali għall-ġlieda kontra l-faqar. L-Iskema ta' Dħul ta' Inklużjoni adottata reċentement hija pass pożittiv lejn l-istabbiliment ta' skema komprensiva unika kontra l-faqar. L-effiċjenza tagħha ser tiddependi fuq l-implimentazzjoni xierqa tagħha bil-mobilizzazzjoni ta' riżorsi adegwati (inkluż permezz ta' diversi allokazzjonijiet soċjali), li tkun immirata kif xieraq permezz ta' eżami tal-mezzi u allokazzjoni bi prijorità lil familji bi tfal u proċeduri effettivi fil-post, kemm fl-għoti ta' appoġġ għad-dħul kif ukoll fl-għoti ta' servizzi integrati sew. F'dan l-istadju, mhuwiex ċar jekk ir-riżorsi finanzjarji humiex ser ikunu biżżejjed biex tiġi indirizzata l-isfida tal-faqar fl-Italja. Il-provvediment ta' riżorsi addizzjonali filwaqt li jiġu rrispettati l-miri baġitarji, titnaqqas il-frammentazzjoni tas-sistema tal-assistenza soċjali, jiġi razzjonalizzat l-infiq soċjali, u biex jiġi indirizzat il-preġudizzju attwali lejn il-pensjonijiet, għadhom sfidi ewlenin.

(24) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Italja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Italja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Italja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(25) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(26) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Italja tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Fl-2018 tagħmel sforz fiskali sostanzjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Italja. Tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha tal-programm ta' privatizzazzjoni u tuża l-qligħ mhux mistenni sabiex taċċellera t-

[1] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali għall-PDG. Tispostja l-piż tat-taxxa minn fuq il-fatturi tal-produzzjoni lejn taxxi li huma inqas detrimentali għat-tkabbir b'mod li ma jkollux effetti baġitarji billi tieħu azzjoni deċiżiva biex tnaqqas in-numru u l-iskop ta' nefqiet tat-taxxa, ir-riforma tas-sistema katastali mhux aġġornata u li terġa' tiġi introdotta l-ewwel taxxa tar-residenza għal unitajiet domestiċi bi dħul għoli. Twessa' l-użu obbligatorju ta' fatturar elettroniku u ħlasijiet elettroniċi.

2. Tnaqqas it-tul tal-proċess tal-ġustizzja ċivili permezz ta' ġestjoni effettiva tal-każijiet u regoli li jiżguraw dixxiplina proċedurali. Isir progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari billi tirrevedi l-istatut tal-limitazzjonijiet. Tlesti r-riformi tal-impjieg pubbliku u tittejjeb l-effiċjenza tal-impriżi pubbliċi. Tadotta malajr u timplimenta l-liġi pendenti dwar il-kompetizzjoni u tindirizza r-restrizzjonijiet li fadal għall-kompetizzjoni.

3. Tħaffef it-tnaqqis ta' stokk ta' self improduttiv u żżid l-inċentivi għal tindif tal-karti tal-bilanċ u r-ristrutturar, b'mod partikolari fis-settur ta' banek taħt superviżjoni nazzjonali. Tadotta riforma komprensiva tal-qafas regolatorju għal insolvenza u infurzar tal-kollateral.

4. Bl-involviment tas-sħab soċjali, issaħħaħ il-qafas ta' negozjar kollettiv ta' ftehimiet kollettivi li jippermettu li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet lokali. Tiżgura politiki effettivi attivi tas-suq tax-xogħol. Tiffaċilita t-teħid ta' xogħol għat-tieni sors ta' dħul. Tirrazzjonalizza n-nefqa soċjali u ttejjeb il-kompożizzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 ta' Ċipru u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ta' Ċipru

(2017/C 261/12)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lil Ċipru bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi bir-reqqa. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, Ċipru għandu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (5) ta' hawn taħt.

(3) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2017 għal Ċipru ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamel Ċipru fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamel Ċipru lejn il-miri nazzjonali tiegħu ta' Ewropa 2020. Dan inkluda wkoll analiżi fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li Ċipru qed jesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jittratta l-istokk kbir ta' żbilanċi f'forma ta' eċċess ta' dejn privat, pubbliku u estern, u l-livell għoli ta' self improduttiv.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) Ċipru ppreżenta l-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017 fis-27 ta' April 2017 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu tal-2017 fit-28 ta' April 2017. Sabiex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Ċipru jinkludi impenji kemm għal żmien qasir kif ukoll għal tul ta' żmien medju. B'mod partikolari, jinkludi miżuri biex jitnaqqas id-dejn tas-settur privat, jitjieb tal-ambjent tan-negozju, jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament u t-tibdil radikali fis-settur tal-kura tas-saħħa, u jittieħdu impenji għal riformi tas-settur pubbliku u s-sistema ġudizzjarja. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jinkludi wkoll l-isfidi identifikati fir-rapport tal-pajjiż tal-2017 u r-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, inkluż il-ħtieġa li tingħata ħajja ġdida lill-investimenti u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Jekk jiġu implimentati b'mod sħiħ fil-perjodi ta' żmien indikati, dawn il-miżuri jgħinu lil Ċipru jindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Abbażi tal-valutazzjoni tal-impenji ta' politika ta' Ċipru, il-Kummissjoni tikkonferma l-evalwazzjoni preċedenti tagħha li, f'dan l-istadju, ma huwa meħtieġ l-ebda pass ieħor fil-qafas tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku previsti fir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 u r-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma tal-politika ser tiġi segwita mill-qrib permezz ta' monitoraġġ speċifiku.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Ċipru bħalissa jinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tad-dejn. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jippjana bilanċ baġitarju pożittiv f'termini nominali matul il-perjodu 2016-2020 (bilanċ nominali ta' madwar 0,4 % tal-PDG tul il-perjodu tal-programm). L-objettiv baġitarju ta' terminu medju, li huwa pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini strutturali huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2017. Il-bilanċ strutturali rikalkulat ([3]) huwa projettat li bil-mod jitbiegħed mill-objettiv għall-perijodu medju fis-snin ta' wara, li mhux f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali mal-PDG huwa mistenni li jilħaq 107,8 % fl-2016, u li jkompli jonqos għal 99,7 % fl-2018 u għal 88,8 % sal-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Ir-riskji assoċjati mas-suppożizzjonijiet makro-ekonomiċi li huma ppreżentati fil-Programm ta' Stabbiltà huma negattivi, prinċipalment marbuta mal-istokk għoli ta' self mhux produttiv u d-deterjorament possibbli tas-sitwazzjoni tal-ambjent estern.

(7) Fit-12 ta' Lulju 2016, wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, il-Kunsill irrakkomanda lil Ċipru biex jirrispetta l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2016 u fl-2017. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, Ċipru huwa konformi ma' dak ir-rekwiżit fl-2017 wara evalwazzjoni globali. Għall-2018, Ċipru huwa rrakkomandat li jibqa' fuq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali massima netta fl-infiq primarju tal-gvern ([4]) ta' 0,3 %, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,2 % tal-PDG. Jekk ma jinbidlux il-politiki, Ċipru jista' jkun f'riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-rekwiżit fl-2018, wara evalwazzjoni globali. Ċipru huwa previst li jkun konformi mar-regola tad-dejn fl-2017 u l-2018. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li Ċipru jeħtieġ li jkun lest biex jieħu iktar miżuri biex jiżgura l-konformità fl-2018.

([1]) Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8).

([2]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([3]) Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, rikalkulati mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

([4]) In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern eskluż l-infiq fuq l-interessi, infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq tal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross finanzjat nazzjonalment hija mwittija fuq perjodu ta' 4 snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

(8) Id-dejn pubbliku huwa fuq perkors ta' tnaqqis iżda s-sostenibbiltà tiegħu għadha soġġetta għal riskji. Għadd reċenti ta' miżuri fiskali kif ukoll dewmien fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin huma mistennija li jwasslu għal deterjorament tal-bilanċ strutturali u jirriskjaw li jnaqqsu l-ambitu ta' investimenti pubbliċi li jsaħħu t-tkabbir.

(9) Is-settur pubbliku Ċiprijott għandu wieħed mill-ogħla kontijiet tal-paga taż-żona tal-Euro (bħala persentaġġ tal-PDG) u jibqa' karatterizzat minn ineffiċjenzi. Taħt il-programm ta' aġġustament makroekonomiku, sensiela ta' riformi li għandhom l-għan li jindirizzaw din il-kwistjoni ġew imfassla u miftiehma mal-imsieħba soċjali. Dawn inkludew l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu permanenti vinkolanti li jillimita t-tkabbir tal-pagi għall-impjegati pubbliċi u riforma komprensiva tal-amministrazzjoni pubblika. Madankollu, bl-eċċezzjoni tal-liġi ta' riforma dwar il-mobbiltà tal-impjegati pubbliċi adottata reċentement, l-adozzjoni ta' dawn ir-riformi leġislattivi qed taffaċċja ostakli, b'mod partikolari wara vot negattiv mill-Kamra tar-Rappreżentanti f'Diċembru 2016. Sakemm jiġi adottat f'forma vinkolanti, il-mekkaniżmu li jillimita t-tkabbir tal-pagi tas-settur pubbliku qed jiġi implimentat skont il-ftehimiet ta' negozjar kollettivi u huwa applikabbli sal-2018.

(10) Xi riformi ġew meħuda biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni. Żviluppi reċenti jinkludu riformi biex jipprofessjonalizzaw l-akkwist pubbliku fil-livell lokali, u l-liġi tal-finanzjament tal-partiti politiċi ppromulgata f'Diċembru 2015. Emenda kostituzzjonali li tippermetti l-iżvelar tal-assi għal uffiċjali pubbliċi ġiet adottata fl-2016. Madankollu, il-Korp ta' Koordinazzjoni kontra l-Korruzzjoni m'għandux biżżejjed persunal, u d-dgħufijiet tas-sistema dixxiplinari għall-uffiċjali pubbliċi għadhom ma ġewx indirizzati.

(11) Ċipru ilu jieħu miżuri biex isaħħaħ is-sistema ġudizzjarja tiegħu iżda għadu qed jiffaċċja sfidi serji fir-rigward tal-effiċjenza tiegħu. Proċeduri ineffiċjenti fil-qorti u kapaċità limitata jwasslu għal dewmien sinifikanti fl-ipproċessar ta' kawżi tal-qorti. Dan imbagħad ixejjen l-ambjent tan-negozju u, partikolarment il-funzjonament tal-oqfsa tal-esklużjoni u insolvenza ġodda. Dawn tal-aħħar ġew introdotti biex jgħinu fit-tnaqqis tad-dejn privat mhux vijabbli, u jipprovdu inċentivi għal banek u debituri biex jaqblu dwar soluzzjonijiet ta' ristrutturar. Madankollu, l-effettività ta' dawn l-għodod hija mxekkla minn għadd ta' fatturi, inkluż ineffiċjenzi msemmija hawn fuq fis-sistema tal-qrati, kapaċità amministrattiva dgħajfa u livell baxx ta' għarfien dwar il-proċeduri fost id-debituri. Akkumulazzjoni ta' xogħol u dewmien għall-ħruġ u t-trasferiment ta' titoli tal-proprjetà kienu wkoll sinifikanti. Dawn jikkontribwixxu biex jimminaw l-isforzi tat-tnaqqis tad-dejn u għandhom impatt fuq l-irkupru tas-suq tad-djar.

(12) Il-livell ta' self improduttiv qed jonqos, iżda għadu għoli ħafna, li jfixkel il-funzjonament tajjeb tas-settur bankarju u qed ikollu impatt fuq il-provvediment ta' kreditu lill-ekonomija reali. Il-prestazzjoni tal-banek hija aktar baxxa mill-miri ta' self ta' ristrutturar maqbula mal-Bank Ċentrali ta' Ċipru, li turi l-ħtieġa li titwessa' s-sistema ta' mmirar u ssir aktar effikaċi u vinkolanti, partikolarment billi jiġu stabbiliti miri ambizzjużi għat-tnaqqis ta' self improduttiv, b'mod konsistenti mal-istrateġiji ta' tnaqqis ta' self improduttiv tal-banek. Ir-rati ta' inadempjenza mill-ġdid għadhom għoljin u jesponu nuqqasijiet potenzjali f'soluzzjonijiet ta' ristrutturar tas-self. Il-livelli ta' proviżjonament tar-riskji żdiedu, iżda għadhom taħt il-medja taż-żona tal-euro, li juru l-ħtieġa ta' valutazzjonijiet tal-kollateral li huma affidabbli u jirfdu proviżjonament b'mod xieraq ir-riskju. In-nuqqas ta' suq sekondarju għal self u ta' qafas ta' self ta' titolizzazzjoni jillimita l-kamp ta' applikazzjoni biex jitħaffef ir-riduzzjoni tad-dejn u biex is-self improduttiv jitneħħa mill-karti tal-bilanċ tal-banek, li jitlob għal miżuri regolatorji addizzjonali u azzjonijiet leġiżlattivi li jikkompletaw l-għodda neċessarja biex tiffaċilita l-ġestjoni tal-karta tal-bilanċ tal-banek. Barra minn hekk, il-kapaċità ta' governanza u amministrattiva tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni u l-fond tal-pensjonijiet għadha dgħajfa, li jippreżenta riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

(13) L-irkupru ekonomiku ta' Ċipru għadu għaddej. Madankollu, it-tkabbir potenzjali jibqa' dgħajjef, limitat minħabba l-implimentazzjoni limitata ta' riformi strutturali, l-ostakli għall-investiment u nuqqasijiet fl-ambjent tan-negozju. Inizjattivi li jtejbu t-tkabbir ppreżentati fil-pjan ta' azzjoni għat-tkabbir qegħdin jiġu implimentati, għalkemm pjuttost bil-mod. Proposta leġiżlattiva biex tattira u tiffaċilita l-investimenti strateġiċi għadha fi stadju ta' abbozz. Il-Gvern qed jaħdem fuq it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għal negozji żgħar u ta' daqs medju. Sabiex isolvi din il-kwistjoni urġenti, xi inizjattivi ġodda mmirati ġew varati, kif irrappurtat fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Madankollu, il-biċċa l-kbira ta' dawn l-inizjattivi l-ġodda dwar l-aċċess għall-finanzi għadhom fi stadju preliminari. Sforzi ta' privatizzazzjoni, immirati biex isaħħu l-produttività b'investimenti barranin, qed jiffaċċjaw oppożizzjoni politika u qed jagħmlu progress bil-mod. Ir-riforma tas-settur tal-enerġija tista' tkun ukoll xprun importanti għall-kompetittività, iżda kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni tagħha. Dawn jikkonċernaw, b'mod partikolari s-separazzjoni tal-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru u l-istabbiliment ta' suq tal-elettriku ġdid, li għadu jiddependi fuq li tkun żgurata l-indipendenza effettiva tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.

(14) Il-qgħad qiegħed jonqos, iżda għadu għoli, speċjalment fost iż-żgħażagħ u dawk li ilhom qiegħda fit-tul. Pjanijiet biex jiżdied l-għadd ta' konsulenti fis-servizzi pubbliċi tal-impjieg u jitjiebu s-servizzi dwar l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom għadhom ma ġewx implimentati. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ tagħhom x'aktarx li jseħħ fuq kuntratti temporanji, u għalhekk ma tiġix indirizzata l-isfida f'termini strutturali. B'konsegwenza ta' dan, għad m'hemmx biżżejjed kapaċità biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' min qed ifittex xogħol, speċjalment dawk b'iżjed diffikultajiet biex jintegraw fis-suq tax-xogħol, u biex jiddaħħlu fis-seħħ miżuri sabiex jintlaħqu għall-attivazzjoni tagħhom. L-impatt ta' programmi attivi tas-suq tax-xogħol u ta' skemi ta' appoġġ għall-introjtu għadu mxekkel minn valutazzjoni tal-kwalità u miżuri ta' segwitu limitati.

(15) Ċipru jżomm livell ta' nfiq fl-edukazzjoni li huwa ogħla mill-medja tal-Unjoni. Madankollu, ir-riżultati fl-edukazzjoni huma baxxi u saħansitra naqsu meta mqabbla mas-snin ta' qabel. Skont ir-riżultati tal-2015 tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti, Ċipru huwa fl-aktar postijiet baxxi fl-Unjoni fil-livell ta' ħiliet bażiċi fil-matematika, ix-xjenza u l-qari. Filwaqt li miżuri rimedjali introdotti reċentement bħal sistema aħjar biex jinħatru l-għalliema u l-immodernizzar tal-kurrikuli tal-iskejjel huma l-ewwel passi fid-direzzjoni t-tajba, azzjoni ulterjuri biex jitlestew ir-riformi ppjanati, inkluża evalwazzjoni tal-għalliema, jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex tittejjeb is-sitwazzjoni.

(16) Nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol għadhom fil-biċċa l-kbira mhux indirizzati, li jaffettwa l-prospetti ta' tkabbir sostenibbli fuq perjodu twil. Il-livelli ta' parteċipazzjoni huma baxxi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali sekondarju u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni għolja hija dgħajfa, u dan jirriżulta f'sehem għoli ta' gradwati terzjarji li jaħdmu f'okkupazzjonijiet li mhux bilfors jirrikjedu grad terzjarju.

(17) Is-settur tal-kura tas-saħħa Ċiprijott għadu kkaratterizzat minn nuqqas ta' kopertura universali u livelli varji ta' ineffiċjenza. Dan jillimita l-aċċess għal kura adegwata u effettiva. Leġiżlazzjoni li timmira li toħloq sistema nazzjonali tas-saħħa u li l-isptarijiet pubbliċi jingħataw awtonomija akbar hija essenzjali biex titjieb il-kapaċità u l-kosteffettività tas-settur tal-kura tas-saħħa iżda għadha qed tistenna l-adozzjoni parlamentari.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Ċipru u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Ċipru fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Ċipru imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

(20) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà għall-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Ċipru jieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

(1) Isegwi l-politika fiskali tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jimplika li jibqa' fuq l-objettiv baġitarju tiegħu ta' terminu medju fl-2018. Juża l-qligħ mhux mistenni biex jaċċellera t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn ġenerali tal-amministrazzjoni pubblika. Sa tmiem l-2017, jadotta riformi leġislattivi ewlenin li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza fis-settur pubbliku, b'mod partikolari dwar il-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika, il-governanza ta' entitajiet li huma proprjetà tal-istat u gvernijiet lokali.

([1]) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(2) Iżid l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja billi jiġu modernizzati l-proċeduri ċivili, l-implimentazzjoni xierqa ta' sistemi ta' informazzjoni u ż-żieda ta' speċjalizzazzjoni tal-qrati. Jieħu miżuri addizzjonali biex jelimina l-ostakli għall-implimentazzjoni sħiħa tal-oqfsa ta' insolvenza u jiżgura sistemi affidabbli u rapidi għall-ħruġ ta' titoli tal-proprjetà u t-trasferiment ta' drittijiet ta' proprjetajiet immobbli.

(3) Iħaffef it-tnaqqis ta' self improduttiv permezz tal-istabbiliment ta' miri relatati kwantitattivi u marbuta biż-żmien u biex tiġi żgurata valutazzjoni preċiża ta' kollateral għal skopijiet ta' proviżjonament. Joħloq il-kundizzjonijiet għal suq sekondarju funzjonali għal self mhux produttiv. Jintegra u jsaħħaħ is-superviżjoni tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet.

(4) Jaċċellera l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tkabbir, li jiffoka b'mod partikolari fuq investimenti strateġiċi ta' azzjoni rapida u t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament u sa tmiem l-2017, jerġa' jibda l-implimentazzjoni tal-pjan ta' privatizzazzjoni. Jieħu passi deċiżivi lejn is-separazzjoni tas-sjieda tal-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru u, b'mod partikolari, jipproċedi bis-separazzjoni funzjonali u tal-kontabbiltà sa tmiem l-2017.

(5) Jgħaġġel ir-riformi li għandhom l-għan li jżidu l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u t-titjib tal-kwalità tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol tal-konsenja. Ilesti r-riforma tas-sistema edukattiva sabiex itejjeb ir-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-prestazzjoni, inkluż evalwazzjoni tal-għalliema. Sa tmiem l-2017, jadotta leġiżlazzjoni għal riforma tal-isptar u l-kopertura universali għall-kura tas-saħħa.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Latvja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Latvja

(2017/C 261/13)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148 (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1], u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat ta' Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil-Latvja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") [3].

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Latvja jinħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' din ir-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (2) hawn isfel.

(3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għal-Latvja kien ippubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Latvja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamlet il-Latvja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).
[3] ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) Fl-20 ta' April 2017, il-Latvja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħha u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tagħha. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Bħalissa il-Latvja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jippjana deterjorament tal-bilanċ nominali minn pożizzjoni bilanċjata fl-2016 għal defiċit ta' 0,8 % tal-PDG u ta' 1,6 % tal-PDG fl-2017 u fl-2018 rispettivament, bħala riżultat ta' riforma fiskali sinifikanti, segwit minn titjib għal defiċit ta' 0,5 % tal-PDG fl-2020. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 jistma li l-bilanċ strutturali se jiddeterjora minn 0,2 % tal-PDG fl-2016 għal - 1,7 % tal-PDG fl-2018 u jilħaq - 0,8 % tal-PDG fl-2020. Dan il-perkors huwa konsistenti mal-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien ta' defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG u d-devjazzjonijiet permessi bbażati fuq ir-riforma tal-pensjonijiet u l-klawsola ta' riforma strutturali għas-settur tas-saħħa. Il-bilanċ strutturali rikalkulat [2] huwa stmat li se jiżdied minn - 1,9 % tal-PDG fl-2017 għal - 2,3 % tal-PDG fl-2018, qabel ma jinżel għal madwar - 0,2 % tal-PDG fl-2020. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG tal-gvern ġenerali hu mistenni li jibqa' madwar 40 % tal-PDG fl-2017. Il-proġettazzjonijiet tat-tkabbir tal-PDG tal-programm huma ġeneralment konformi mat-tbassir tal-Kummissjoni għall-2017, iżda jidhru pjuttost favorevoli għall-2018.

(7) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lil-Latvja biex tiżgura li d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2017 tkun limitata għall-provvedimenti marbuta mar-riforma sistemika tal-pensjonijiet u mar-riforma strutturali maġġuri fis-settur tal-kura tas-saħħa. B'kont meħud ta' dawn il-provvedimenti, il-bilanċ strutturali jitħalla jiddeterjora b'massimu ta' 1,0 % tal-PDG fl-2017. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, hu mbassar li l-Latvja tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit fl-2017. Fl-2018, il-Latvja jinħtieġ li tilħaq l-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha, waqt li tqis il-provvedimenti relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet mogħtija għall-2016 u relatati mar-riforma strutturali mogħtija għall-2017, billi d-devjazzjonijiet temporanji jinżammu għal perijodu ta' tliet snin. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, dan huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali massima netta tal-infiq primarju tal-gvern [3] ta' 6,0 % fl-2018, li tikkorrispondi għal deterjorament fil-bilanċ strutturali ta' 0,3 % tal-PDG. Jekk ma jinbidlux il-politiki, il-Latvja tkun f'riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li se jkun hemm bżonn ta' miżuri ulterjuri fl-2018 biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(8) L-inugwaljanza fl-introjtu fil-Latvja hija għolja. Il-proporzjon bejn l-introjti ta' 20 % tal-popoloazzjoni l-iktar sinjura mal-ifqar 20 % kien ta' 6,5 fl-2015, fost l-ogħla fl-Unjoni, għalkemm din iċ-ċifra niżlet xi ftit fl-2016. Id-differenza bejn l-inugwaljanza fl-introjti qabel u wara t-taxxi u t-trasferimenti soċjali hija fost l-iżgħar fl-Unjoni. Is-sistema fiskali tal-Latvja hija anqas progressiva milli dawk ta' Stati Membri oħra, li tikkontribwixxi għall-inugwaljanza għolja u l-faqar fost dawk li jaħdmu. Ir-rata tat-taxxa fuq il-persuni b'paga baxxa għadha fost l-ogħla fl-Unjoni, filwaqt li d-dħul potenzjali tat-taxxi li huma ferm inqas detrimentali għat-tkabbir, mhux użat biżżejjed. Is-sehem mid-dħul baxx

---

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[2] Bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

[3] L-infiq nett tal-gvern jikkonsisti mill-infiq totali tal-gvern bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-interessi, l-infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq tal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross finanzjat nazzjonalment hija mwittija fuq perijodu ta' erba' (4) snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

mit-taxxa fil-PDG jillimita r-riżorsi għall-provvista sostenibbli tas-servizzi pubbliċi. Minkejja li sar xi progress fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, il-konformità mat-taxxa tibqa' sfida serja. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ħabbar l-introduzzjoni ta' riforma tat-taxxa. Il-miżuri ewlenin jinkludu tnaqqis tar-rata tat-taxxa fuq l-introjtu personali minn 23 % għal 20 % għal dħul sa 45 000 euro fis-sena, żieda tal-benefiċċju bażiku differenzjat skont l-introjtu, introduzzjoni ta' 0 % fir-rata tat-taxxa fuq il-kumpanniji għall-profitti investiti mill-ġdid u l-allinjament tar-rati ta' taxxa kapitali ta' 20 %. Ir-riforma tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż f'dak li jikkonċerna dan il-porzjon tat-taxxa fuq dawk bi dħul baxx sabiex jiġi mnaqqas. Madankollu, ir-riforma fiskali hija limitata f'termini ta' ċaqliq tat-tassazzjoni għal sorsi oħra li huma inqas detrimentali għat-tkabbir u l-kisba tal-objettiv ta' politika ddikjarat li jiżdied is-sehem tad-dħul mit-taxxa fil-PDG.

(9) Id-dgħufijiet fis-sistemi bażiċi ta' protezzjoni soċjali jikkontribwixxu għal livell għoli ta' faqar u inugwaljanzi, inkluż għal persuni b'diżabilità u l-anzjani. Ir-rati tal-faqar għal persuni b'diżabilità huma fost l-ogħla fl-Ewropa. L-adegwatezza baxxa tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali, li ma tjibitx mill-2009, u tal-pensjonijiet ma tipprovdix protezzjoni effettiva kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. In-nuqqas ta' riforma fil-livell minimu tal-introjtu, imħabbra fl-2014, iżda implimentata qatt, taffettwa b'mod negattiv l-ifqar familji, minkejja li l-pjanijiet fuq terminu medju ta' żmien fuq l-appoġġ minimu għall-introjtu qegħdin jitħejjew.

(10) B'forza tax-xogħol li qiegħda tonqos, ir-rata ta' tkabbir tal-impjiegi kienet waħda dgħajfa, filwaqt li l-qgħad ilu jonqos biss bil-mod. Il-prospetti tal-impjieg huma aħjar f'ċentri ta' attività ekonomika u għal ħaddiema kwalifikati ħafna, filwaqt li l-qgħad huwa aktar prevalenti fost il-ħaddiema bi ftit kwalifiki u dawk li jgħixu f'żoni rurali. F'dan il-kuntest, it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol se jikkontribwixxi biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet. Madankollu, minkejja li l-attrazzjoni tal-edukazzjoni vokazzjonali tjiebet, ir-riforma tal-kurrikulu tal-edukazzjoni li tallinja l-edukazzjoni mal-ħtiġijiet ta' ħiliet kontemporanji ftit li xejn għamlet progress. Il-qafas regolatorju għat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, ġiet stabbilita u l-parteċipazzjoni attiva tal-imsieħba soċjali u l-kumpaniji fl-implimentazzjoni tagħha hija ġġustifikata. Barra minn hekk, l-involviment ta' dawk qiegħda f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol huwa aktar baxx minn dak f'ħafna Stati Membri oħrajn iżda ttieħdu miżuri biex titjieb din is-sitwazzjoni u ta' min ikomplihom. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja tibqa' baxxa.

(11) Ghalkemm l-awtoritajiet Latvjani bdew b'suċċess ir-riformi rilevanti tas-sistema tal-kura tas-saħħa, il-ħlasijiet minn but in-nies, il-ħinijiet twal fil-kju, livell baxx tal-infiq pubbliku u l-allokazzjoni ineffiċjenti tas-servizzi jillimitaw l-aċċess għall-kura tas-saħħa. L-infiq pubbliku kkontrollat mill-kwoti jwassal għal ipproċessar imdewwem u l-pazjenti jew ikollhom jistennew għal żmien twil jew iħallsu għas-servizz minn buthom, li jħalli parti mill-popolazzjoni bi ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux sodisfati. Ittieħdu passi inizjali għar-riforma tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-progress jinħtieġ li jkompli jtejjeb ir-riżultati għall-pazjenti u l-popolazzjoni. Sar xi progress biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa iżda aktar razzjonalizzazzjoni tas-settur tal-isptarijiet, aċċess imtejjeb tal-outpatients u l-kura primarja u rabta aktar effiċjenti bejn l-allokazzjoni baġitarja u l-kwalità tas-servizz u l-ispejjeż huma meħtieġa.

(12) L-awtoritajiet Latvjani għandhom it-tendenza li jużaw b'mod regolari l-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal xiri li jsir fis-settur tal-kura tas-saħħa, iżda aktar gwadanji fl-effiċjenza jistgħu jinkisbu permezz tal-użu regolari ta' akkwist pubbliku elettroniku (e-procurement) u akkwist ċentrali, biex in-nefqa pubblika ssir aktar trasparenti u effiċjenti.

(13) Id-dgħufijiet fil-kwalità regolatorja u l-effiċjenza u l-effettività baxxa tal-amministrazzjoni pubblika għandhom impatt negattiv fuq l-ambjent tan-negozju. Fl-2016 il-Gvern ippreżenta pjan ta' riforma ambizzjuż għal settur pubbliku iżgħar u aktar professjonali, bl-għan li jtejjeb l-effiċjenza permezz ta' tnaqqis fil-persunal u ċentralizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' appoġġ, it-tisħiħ ta' ħlas ibbażat fuq il-prestazzjoni u ż-żieda fit-trasparenza. Dan il-pjan huwa limitat għall-amministrazzjoni ċentrali, filwaqt li titjib sinifikanti fl-effiċjenza jista' jitwettaq ukoll fil-livell muniċipali.

(14) Il-korruzzjoni għadha qed tostakola l-ambjent kummerċjali tal-Latvja, u s-sistema ta' prevenzjoni tal-kunflitti tal-interess għadha riġida u formalistika, b'nuqqas ta' verifika. Għalkemm ir-riforma tas-sistema tal-insolvenza tlestiet fil-parti l-kbira tagħha, l-implimentazzjoni effettiva tagħha teħtieġ li tiġi mmonitorjata bir-reqqa biex tindirizza l-għadd żgħir ta' każijiet ta' ristrutturar u r-rata baxxa ta' rkupru ta' assi.

(15) Riformi fuq skala kbira tal-edukazzjoni superjuri u tar-riċerka pubblika ġew introdotti f'dawn l-aħħar tliet snin biex jikkonsolidaw l-istituzzjonijiet tar-riċerka u biex tiżdied il-kwalità u r-rilevanza tal-prodott tagħhom. Madankollu, il-governanza u l-istruttura organizzattiva tal-iffinanzjar għar-riċerka pubblika Latvjan tibqa' ineffiċjenti, b'funzjonijiet ta' finanzjament mifruxa bejn bosta istituzzjonijiet. Il-finanzjament ineffiċjenti għar-riċerka pubblika jikkontribwixxi għal rendiment xjentifiku baxx ħafna, nuqqas ta' riżorsi umani kkwalifikati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll privat u livelli baxxi ta' kooperazzjoni bejn il-pubbliku u l-privat. L-intensità tar-riċerka u żvilupp kummerċjali tal-Latvja tibqa' waħda mill-aktar baxxi fl-Unjoni.

(16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Latvja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Latvja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Latvja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Latvja tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Issegwi l-politika fiskali tagħha f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jinvolvi l-kisba tal-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2018, filwaqt li tqis il-provvedimenti marbuta mal-implimentazzjoni tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet u tar-riformi strutturali li għalihom tingħata devjazzjoni temporanja. Tnaqqas it-tassazzjoni għal dawk bi dħul baxx billi ċċaqlaqha għal sorsi oħra li huma ta' anqas ħsara għat-tkabbir u ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa.

2. Ittejjeb l-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali u ttejjeb il-ħiliet tal-forza tax-xogħol billi tħaffef ir-riforma kurrikulari fl-edukazzjoni vokazzjonali. Iżżid il-kosteffettività tal-kura tas-saħħa u l-aċċess għaliha, inkluż billi tnaqqas il-ħlasijiet minn but dak li jkun u l-ħinijiet twal ta' stennija.

3. Iżżid l-effiċjenza u r-responsabbiltà fis-settur pubbliku, b'mod partikolari billi tissimplifika l-proċeduri amministrattivi u ssaħħaħ ir-reġim tal-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, inkluż għall-amministraturi tal-insolvenza.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

---

[1] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Litwanja għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Litwanja għall-2017

(2017/C 261/14)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1], u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9–10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil-Litwanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") [3].

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Litwanja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjoni (2) ta' hawn taħt.

(3) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għal-Litwanja ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Litwanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Litwanja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).
[3] ĠU L 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) Il-Litwanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2017 fis-27 ta' April 2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2017 fit-28 ta' April 2017. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Shubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) Bħalissa l-Litwanja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Gvern qiegħed jippjana titjib fil-bilanċ nominali minn defiċit ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017 għal bilanċ pożittiv ta' 1,3 % tal-PDG fl-2020. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit ta' 1 % tal-PDG f'termini strutturali — hu ppjanat li jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perjodu tal-programm. Id-direzzjoni ta' aġġustament permessa tinkorpora r-riforma sistemika tal-pensjonijiet mill-2016 'il quddiem. Fl-2017 din tirrifletti riformi strutturali addizzjonali kbar fis-suq tax-xogħol u l-pensjonijiet. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG mistenni li jinżel minn 40,2 % tal-PDG fl-2016 għal 33,8 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-proġettazzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ippjanati bilanċ favorevoli mill-2018 'il quddiem għadhom ma ġewx speċifikati biżżejjed.

(7) Fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2017, il-Litwanja talbet li tuża devjazzjoni temporanja ta' 0,5 % tal-PDG taħt il-parti preventiva skont il-"Pożizzjoni miftehma b'mod komuni dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" approvata mill-Kunsill ECOFIN fi Frar 2016 fid-dawl tal-implimentazzjoni ppjanata ta' riformi strutturali maġġuri b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. B'mod partikolari, dan jikkonċerna li titqajjem is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet permezz tal-indiċjar imsaħħaħ u żieda gradwali tas-servizz pensjonabbli. Madankollu, ir-riformi ma rnexxilhomx jistabbilixxu rabta awtomatika bejn l-età tal-irtirar u l-istennija tal-għomor. Barra minn hekk, ir-riformi jimmodernizzaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol permezz tal-introduzzjoni ta' tipi ġodda ta' kuntratti ta' impjieg, perjodi iqsar ta' notifika, inqas benefiċċji tat-tluq u ħinijiet tax-xogħol aktar flessibbli. Ir-riformi jsaħħu wkoll il-kopertura u l-adegwatezza tal-qgħad u l-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali, jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tal-politiki tas-suq tax-xogħol attivi u jnaqqsu l-livell ta' impjieg illegali u mhux assigurat. L-awtoritajiet jikkalkulaw li r-riformi qed ikollhom impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi billi jiġġeneraw tfaddil medju annwali tan-nefqa tal-pensjonijiet sa 3,8 % tal-PDG fuq medda twila ta' żmien, filwaqt li l-parti tar-riforma tas-suq tax-xogħol tista' żżid in-numru annwali medju ta' impjegati b'10 %, li jidher li huwa ġeneralment ipoteżi plawżibbli. Għalhekk, jekk tiġi implimentata kompletament u fil-ħin, din ir-riforma ser ikollha impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Fuq din il-bażi, il-Litwanja bħalissa tista' tiġi vvalutata bħala li tikkwalifika għad-devjazzjoni temporanja mitluba fl-2017, bil-kundizzjoni li timplimenta b'mod xieraq ir-riformi miftiehma, li ser ikunu immonitorjati taħt is-Semestru Ewropew. Madankollu, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett kontinwu tal-parametru referenzjarju minimu (jiġifieri defiċit strutturali ta' 1,5 % tal-PDG) u b'kont meħud tal-konċessjoni mogħtija qabel skont il-klawżola tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet (0,1 % tal-PDG), il-Litwanja bħalissa tista' tiġi vvalutata bħala li tikkwalifika għal devjazzjoni temporanja addizzjonali ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017, li huwa kemxejn taħt il-livell mitlub ta' 0,5 % tal-PDG.

(8) Fit-12 ta' Lulju 2016, għall-2017 il-Kunsill irrakkomanda lil-Litwanja biex tiżgura li d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju tkun limitata għall-konċessjoni marbuta mar-riforma sistemika tal-pensjonijiet ([2]). Waqt li jitqiesu l-konċessjonijiet marbuta mar-riforma tal-pensjonijiet mogħtija għall-2016 u d-devjazzjoni temporanja marbuta mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali mogħtija fl-2017, il-bilanċ strutturali għandu jkun permess li

([1]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([2]) Il-Litwanja hija awtorizzata li tiddevja mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju tagħha fl-2017 u fl-2018 b'konċessjoni skont il-klawżola tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet mogħtija fl-2016, billi d-devjazzjonijiet temporanji jinżammu għal perjodu ta' tliet snin.

jiddeterjora b'1,3 % tal-PDG fl-2017. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2017, il-Litwanja hija pproġettata li tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit biss fl-2017. Fl-2018, il-Litwanja jinħtieġ li tilħaq l-objettiv fuq perjodu medju ta' żmien, waqt li tqis il-konċessjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet mogħtija għall-2016 u r-riforma strutturali mogħtija għall-2017, billi d-devjazzjonijiet temporanji huma trasferiti 'l quddiem għal perjodu ta' tliet snin. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, dan huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali massima netta tal-infiq primarju tal-gvern [1] ta' 6,4 % fl-2018, li jikkorrispondi għal deterjorament fil-bilanċ strutturali ta' - 0,6 % tal-PDG. Jekk ma jinbidlux il-politiki, il-Litwanja hija pproġettata li tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit fl-2018. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Litwanja hija mistennija li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2017 u fl-2018.

(9) Wara l-aħħar żieda fil-paga minima mhux taxxabbli, il-piż tat-taxxa fuq dawk bi dħul baxx tnaqqas b'mod sostanzjali matul dawn l-aħħar snin u issa huwa qrib il-medja tal-UE. Fl-istess waqt, iż-żidiet fit-taxxa li jikkumpensaw ġew limitati u konsegwentement, id-dħul mit-taxxa bħala sehem mill-PDG jibqa' fost l-aktar baxxi fl-Unjoni, u dan jillimita l-abbiltà tal-Litwanja li tindirizza l-isfidi soċjali tagħha. Id-dħul baxx mit-taxxa huwa minħabba s-sehem relattivament kbir tal-ekonomija klandestina u d-dħul relattivament baxx mit-tassazzjoni ambjentali u kapitali.

(10) Għalkemm il-Litwanja għamlet progress f'dawn l-aħħar snin biex ittejjeb il-ġbir tal-VAT, id-distakk tal-VAT huwa fost l-ogħla fl-Unjoni. Ir-rappurtar falz tal-pagi jżid l-problema ta' livelli baxxi ta' ġbir tat-taxxa. Iż-żieda tal-konformità tat-taxxa żżid id-dħul fil-baġit u ttejjeb il-ġustizzja tas-sistema tat-taxxa u l-effiċjenza tal-ekonomija.

(11) Iż-żieda fil-proporzjon ta' dipendenza minħabba x-xjuħija hija mistennija li tintensifika u taħt ir-regoli eżistenti tal-pensjonijiet in-nefqa fuq il-pensjonijiet bħala proporzjon tal-PDG hija pproġettata li tiżdied b'madwar 50 % minn tmiem is-snin 2030. Ir-rabta tal-benefiċċji tal-pensjoni mal-istennija tal-għomor hija essenzjali biex tillimita l-piż li n-nefqa tal-pensjoni ser titfa' fuq il-finanzi pubbliċi.

(12) Il-Litwanja pposponiet id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tax-Xogħol il-ġdid u leġislazzjoni oħra dwar il-mudell soċjali ġdid. Dan jagħtiha l-opportunità li tiżgura bilanċ tajjeb bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà fir-relazzjonijiet tax-xogħol tagħha. Il-proporzjon għoli ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, flimkien maż-żieda fl-inugwaljanza fid-dħul, jibqgħu sfidi ewlenin għal-Litwanja. Il-proporzjon bejn l-introjti tal-20 % tal-popolazzjoni l-iktar sinjuri u tal-ifqar 20 % żdied minn 5,3 fl-2012 għal 7,5 fl-2015 u huwa t-tieni l-ogħla fl-Unjoni. Dan huwa ta' detriment għat-tkabbir ekonomiku, l-istabbiltà makroekonomika u l-iżvilupp ta' soċjetà inklużiva. F'dan il-mument, is-sistema ta' protezzjoni soċjali ma tindirizzax b'mod effikaċi din l-isfida minħabba l-infiq baxx fuq il-protezzjoni soċjali. Barra minn hekk, id-differenza fl-inugwaljanza tal-introjtu qabel u wara t-taxxi u t-trasferimenti soċjali hija fost l-inqas fl-Unjoni. Madankollu, il-Gvern poġġa l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq quddiem fl-aġenda tiegħu. Il-leġislazzjoni dwar il-mudell soċjali ġdid tipprevedi li tiżdied l-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad, u hemm xi diskussjonijiet dwar it-titjib tal-adegwatezza tal-assistenza soċjali. Dawn id-deċiżjonijiet importanti għad iridu jiġu adottati u implimentati. Sabiex jiġi miġġieled il-faqar fost l-anzjani, fl-2016 il-Litwanja żiedet mekkaniżmu ta' indiċjar mal-leġislazzjoni tal-pensjonijiet tagħha li jista' jintuża biex itejjeb l-adegwatezza tal-pensjonijiet.

(13) Huwa importanti li l-Litwanja tindirizza l-isfidi tal-ħiliet tagħha u tindirizza l-effetti negattivi tat-tnaqqis fil-popolazzjoni tagħha fl-età tax-xogħol. Il-proporzjon ta' studenti b'nuqqas ta' ħiliet bażiċi għadu għoli. Minkejja rati għolja ta' kisbiet fl-edukazzjoni terzjarja, l-edukazzjoni superjuri hija mxekkla minn standards ta' kwalità foqra u inċentivi finanzjarji li jippromwovu l-kobor u l-ineffiċjenza aktar milli l-prestazzjoni. Iridu jsiru sforzi biex jiġi żgurat l-għoti ta' tagħlim ta' kwalità għolja fil-livelli kollha tal-edukazzjoni (anki permezz ta' riformi tal-karrieri u l-kundizzjonijiet tax-xogħol). Dan huwa kruċjali biex jiġu indirizzati r-riżultati batuti u n-nuqqasijiet fl-edukazzjoni u biex tkun żgurata l-kwalità fl-edukazzjoni superjuri (inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' fondi bbażati fuq il-prestazzjoni u bil-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja). Il-persistenza ta' livelli baxxi ta'

[1] In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax, nefqa fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezjonarju fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss, iffinanzjata nazzjonalment, hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

parteċipazzjoni fit-tagħlim tal-adulti fil-Litwanja qed ixxekkel l-effettività tar-riformi tas-suq tax-xogħol u l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet aħjar. Il-Litwanja ffukat l-isforzi tagħha fuq li żżid l-offerta u r-rilevanza tal-opportunitajiet ta' tagħlim ipprovduti pubblikament, iżda sa issa dan għadu ma tax riżultati tanġibbli. Sabiex jinkisbu rati ta' parteċipazzjoni ogħla u sostenibbli fit-tagħlim għall-adulti, il-Litwanja għandha bżonn ukoll li tinkoraġġixxi lill-individwi biex jibdew jitgħallmu u tinċentivizza aktar lil min iħaddem biex jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim għall-impjegati tagħhom.

(14) Il-qgħad fost dawk b'ħiliet baxxi u l-individwi b'ħiliet medji għadu ogħla mill-medja tal-Unjoni. Il-persuni b'diżabilità għandhom rata għolja ta' faqar, parzjalment minħabba l-integrazzjoni dgħajfa tagħhom fis-suq tax-xogħol. Miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol attwalment qed jaqdu rwol limitat biex jgħinu lin-nies jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol fil-Litwanja. Il-Litwanja għandha ambitu sostanzjali fejn tagħmel is-suq tax-xogħol aktar inklużiv, inkluż billi toffri aktar miżuri ta' appoġġ għal persuni b'diżabilità. Dan jimplika, pereżempju, it-tkabbir tal-impjieg sostnut u l-Programm dwar ir-Riabilitazzjoni Vokazzjonali, u t-titjib tad-disponibbiltà tal-baġits ta' riabilitazzjoni. Il-Liġi dwar l-Impjieg adottata reċentement għandha l-potenzjal li ttejjeb l-għoti ta' miżuri ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

(15) Il-Litwanja għamlet progress f'dawn l-aħħar snin fit-titjib tad-djalogu soċjali. Is-sħab soċjali huma involuti b'mod attiv fid-diskussjonijiet dwar il-Kodiċi l-ġdid tax-Xogħol u l-mudell soċjali ġdid, u l-Gvern daħħal fis-seħħ il-pjan ta' azzjoni biex isaħħaħ id-djalogu soċjali. Dan huwa mmirat lejn il-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali, il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv u t-titjib tad-djalogu soċjali fil-livelli kollha.

(16) Fil-Litwanja, ir-riżultati tal-kura medika jkomplu jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq il-forza tax-xogħol potenzjalment disponibbli u għall-produttività tal-ħaddiema. Minkejja li qed isiru sforzi biex jiċċaqalqu l-pazjenti għal tipi ta' kura tas-saħħa aktar kosteffettivi, il-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa għadha ostakolata b'livell għoli ta' dipendenza fuq il-kura tal-pazjenti fl-isptarijiet u l-kliniċi u bl-infiq baxx fejn tidħol il-prevenzjoni u s-saħħa pubblika. Il-ħlasijiet mill-but huma għoljin ħafna, b'mod partikolari għall-prodotti farmaċewtiċi.

(17) Żviluppi demografiċi negattivi jfissru li t-tkabbir ser jiddependi dejjem aktar fuq il-produttività tax-xogħol. Matul il-perjodu 2000-2015, il-Litwanja kellha waħda mill-ogħla rati ta' tkabbir ta' produttività tax-xogħol bejn l-Istati Membri tal-UE, iżda dan l-aħħar ir-rati ta' tkabbir naqsu. L-investimenti pubbliċi tal-Litwanja qed ibatu minn nuqqas ta' ppjanar u rabta mal-miri strateġiċi tal-pajjiż. L-intensità pubblika tar-riċerka u l-iżvilupp żdiedet għal valur kemxejn 'il fuq mill-medja tal-Unjoni fl-2015, filwaqt li l-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp fin-negozji għadha lura. Il-"Linji Gwida għar-Riforma tal-Politika Litwana dwar ix-Xjenza u l-Innovazzjoni" adottati fl-2016 għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi persistenti fir-riċerka u l-innovazzjoni. Huma jagħmlu dan billi jitolbu għal riforma istituzzjonali fil-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp; il-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni superjuri, istituti tax-xjenza u tat-teknoloġija; u titjib fil-koordinazzjoni tal-politika mtejba, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-Litwanja għamlet xi progress fl-appoġġ ta' mezzi alternattivi ta' finanzjament. Hija għenet biex jiġi stabbilit għadd ta' kapital ta' riskju u fondi ta' kapital tal-bidu. Il-Parlament reċentement għadda liġi dwar il-crowdfunding.

(18) In-numru ta' kawżi ta' tixħim ippreżentati quddiem il-qrati żdied b'mod stabbli fl-aħħar ftit snin, li juri l-intensifikar tal-isforzi fil-Litwanja biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni. Madankollu, f'xi oqsma importanti, bħall-kura tas-saħħa u l-akkwist pubbliku, id-dispożizzjonijiet kontra reati żgħar ta' korruzzjoni u korruzzjoni f'livell għoli mhumiex dejjem applikati fil-prattika. Is-settur tal-kura tas-saħħa huwa affettwat minn prattika frekwenti ta' pagamenti informali lit-tobba. Hemm nuqqas ta' trasparenza fl-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fil-livell muniċipali. Barra minn hekk, arranġamenti dgħajfa ta' informazzjoni jiskoraġġixxu li toħroġ informazzjoni dwar irregolaritajiet potenzjali fis-setturi pubbliċi u privati. Il-Gvern stabbilixxa l-indirizzar tal-korruzzjoni fis-settur tas-saħħa bħala prijorità fil-programm tiegħu kontra l-korruzzjoni. Barra minn hekk, biex jitnaqqsu r-riskji ta' korruzzjoni u kunflitti ta' interess fl-akkwist ta' valur baxx, il-Gvern obbliga lill-awtoritajiet kontraenti biex jippubblikaw informazzjoni online dwar l-offerti mibdija, l-offerenti rebbieħa u l-kuntratti mogħtija. Madankollu, l-monitoraġġ kontinwu huwa meħtieġ biex jiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki.

(19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Litwanja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Litwanja

fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Litwanja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Litwanja tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Issegwi l-politika fiskali tagħha f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jimplika li tibqa' fl-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2018, b'kont meħud tal-konċessjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tar-riforma sistemika tal-pensjonijiet u tar-riformi strutturali li għalihom ingħatat devjazzjoni temporanja. Ittejjeb il-konformità tat-taxxa u twessa' l-bażi tat-taxxa għal sorsi oħra li huma inqas detrimentali għat-tkabbir. Tieħu passi biex tindirizza l-isfida tas-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju marbuta mal-pensjonijiet.

2. Tindirizza n-nuqqasijiet ta' ħiliet permezz ta' miżuri ta' politika effettivi u attivi tas-suq tax-xogħol u tagħlim tal-adulti u ttejjeb l-eżiti edukattivi billi tippremja l-kwalità fit-tagħlim u l-edukazzjoni superjuri. Ittejjeb il-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa billi ssaħħaħ il-kura tal-outpatients, il-prevenzjoni tal-mard u l-affordabbiltà. Ittejjeb l-adegwatezza tax-xibka ta' sigurtà soċjali.

3. Tadotta miżuri li jsaħħu l-produttività billi ttejjeb l-effiċjenza tal-investiment pubbliku u ssaħħaħ ir-rabtiet tagħhom mal-objettivi strateġiċi tal-pajjiż.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

---

[1] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta’ Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tal-Lussemburgu għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Stabbiltà tal-Lussemburgu għall-2017

(2017/C 261/15)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta’ Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta’ pożizzjonijiet ta’ budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta’ Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta’ Marzu 2017. Fis-16 ta’ Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija, li fih il-Lussemburgu ma ġiex identifikat bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta’ Marzu 2017. Fil-21 ta’ Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (“Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro”) ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li għandu bħala munita l-euro u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Lussemburgu jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f’waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjoni (2) ta’ hawn taħt.

(3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għal-Lussemburgu ġie ppubblikat fit-22 ta’ Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamel il-Lussemburgu biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta’ Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamel il-Lussemburgu biex jilħaq il-miri nazzjonali tiegħu ta’ Ewropa 2020.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) Fit-28 ta' April 2017, il-Lussemburgu ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017. Biex jittieħed kont tar-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun meħtieġ li jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif hija tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Bħalissa l-Lussemburgu qiegħed fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Gvern qed jippjana tnaqqis fis-surplus nominali minn 1,6 % tal-PDG fl-2016 għal 0,2 % tal-PDG fl-2017, segwit minn żieda kostanti minn hemm 'il quddiem, sakemm jintlaħaq surplus ta' 1,2 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — għadu qed jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-PDG mistenni li jibqa' ferm taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-previżjonijiet baġitarji huwa plawżibbli, bl-eċċezzjoni tal-2018, fejn hu sinifikattivament favorevoli, u l-2021, fejn hu sinifikattivament kawt. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser jirreġistra surplus ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017 u 0,1 % tal-PDG fl-2018, li b'mod ġenerali jikkonforma mal-Programm ta' Stabbiltà u hu ogħla mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li hu previst li l-Lussemburgu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2017 u fl-2018.

(7) Jibqa' tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali fit-tul minħabba ż-żieda prevista fl-ispejjeż marbutin mat-tixjiħ. Skont ir-riforma tal-pensjonijiet tal-2012, kull ħames snin mill-adozzjoni tar-riforma 'l quddiem, jenħtieġ li jsir eżerċizzju ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Il-Gvern aċċellera l-ewwel evalwazzjoni għall-2016. Għalkemm ir-rieżami kkonkluda li s-sistema tal-pensjonijiet għadha qiegħda tirreġistra bilanċ pożittiv rikorrenti li ppermetta li jiġu akkumulati riżervi mdaqqsa tal-pensjonijiet, is-sistema tal-pensjonijiet hija mistennija tirreġistra bilanċ operazzjonali negattiv mill-2023 f'termini ta' nfiq għal benefiċċji b'rabta mal-kontribuzzjonijiet. Skont il-previżjonijiet demografiċi riveduti li saru mill-Eurostat reċentement, iż-żieda prevista fil-popolazzjoni ser tkun inqas sinifikanti milli kien mistenni preċedentement. Dan ser ikollu impatt fuq il-proporzjon ta' dipendenza, li ser jiżdied b'mod iktar mgħaġġel milli kien mistenni preċedentement u jwassal għal żieda ogħla prevista fl-infiq pubbliku għall-pensjonijiet. Ma sar l-ebda progress fil-konnessjoni bejn l-età statutorja tal-irtirar u l-istennija tal-għomor, kif kien ġie rrakkomandat preċedentement mill-Kunsill fl-2016. Il-Lussemburgu huwa partikolari peress li huwa l-uniku Stat Membru fejn ma kien hemm l-ebda żieda fl-età statutorja tal-irtirar għall-perijodu bejn l-2013 u l-2060. Il-Lussemburgu għandu l-ogħla żieda prevista fl-Unjoni b'rabta mal-proporzjon tal-popolazzjoni dipendenti sal-2060. Il-Lussemburgu ma tantx għamel progress b'rabta mal-irtirar bikri. F'Lulju 2015, ġie ppreżentat abbozz ta' liġi li timmodifika l-iskemi tal-irtirar bikri lill-Parlament, fejn għadu pendenti. B'mod ġenerali, l-irtirar bikri għadu mifrux u l-inċentivi biex wieħed jibqa' jaħdem aktar fit-tul għadhom limitati. Wara r-reviżjoni tal-prospettivi demografiċi, il-Lussemburgu qed jiffaċċa aktar riskji relatati mal-infiq għall-kura fit-tul. Dan diġà qiegħed fost l-ogħla livelli fost l-Istati Membri bħala sehem tal-PDG u ġie previst li ser jiżdied minn 1,5 % għal 3,2 % tal-PDG sal-2060 (iktar mid-doppju tal-livell attwali). Bħalissa l-Parlament qed jiddiskuti proġett ta' riforma tal-assigurazzjoni tal-kura fit-tul.

(8) L-awtoritajiet tal-Lussemburgu adottaw riforma komprensiva tat-taxxa, li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2017. Ir-riforma introduċiet bidliet l-aktar fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, kemm għall-individwi kif ukoll għall-korporazzjonijiet, li għandhom l-għan li jnaqqsu b'mod gradwali r-rata tat-taxxa korporattiva (bil-għan li tiżdied il-kompetittività) u li jżidu l-progressività tat-taxxa fuq id-dħul personali (bil-għan li s-sistema tkun iktar ġusta). Fl-istess waqt, iż-żieda f'ċertu nfiq tat-taxxa toħloq riskju li l-bażi taxxabbli tiġi ristretta. Biex titjieb il-prevedibbiltà tad-dħul mit-taxxa, hemm lok li l-bażi taxxabbli tkompli titwessa'. Dan jista' jinkiseb b'mod partikolari permezz ta' reviżjoni tat-taxxa fuq id-djar li bħalissa hi baxxa u billi jsir aktar użu minn sorsi alternattivi. Dan jista' jinkludi li tiġi żgurata iktar koerenza bejn it-taxxa ambjentali u l-objettivi ta' diversifikazzjoni tal-ekonomija.

---

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(9) Għal għexieren ta' snin, l-awtoritajiet tal-Lussemburgu raw kif għamlu biex jiddiversifikaw l-ekonomija, filwaqt li rrikonoxxew ir-riskji marbuta ma' dipendenza qawwija fuq is-settur finanzjarju. It-tnaqqis tad-dipendenza tal-ekonomija fuq is-settur finanzjarju jibqa' sfida ċentrali fuq perijodu ta' żmien twil. Biex dan jiġi indirizzat, l-analiżi tad-diversifikazzjoni trid tissarraf f'miżuri speċifiċi bi skeda ta' żmien definita b'mod ċar. Meta wieħed iqis il-livell għoli tal-kosti lavorattivi, l-attivitajiet b'valur miżjud ogħla joffru l-potenzjal li jiżblokkaw is-sorsi alternattivi ta' tkabbir. Għalhekk, id-diversifikazzjoni b'suċċess tal-ekonomija tal-Lussemburgu tiddependi ħafna fuq is-setturi li huma anqas sensittivi għal-livelli tal-kostijiet lavorattivi. Fil-biċċa l-kbira, dawn huma bbażati fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, li hemm tendenza li jippreżentaw intensità ogħla ta' teknoloġija u ta' għarfien. It-tnaqqis jew it-tneħħija ta' ostakli għall-investiment u l-innovazzjoni li jillimitaw l-iżvilupp ekonomiku, tiżblokka l-potenzjal innovattiv u tgħin fid-diversifikazzjoni. Filwaqt li l-investiment pubbliku huwa ogħla mill-medja fiż-żona tal-euro, l-investiment privat mhuwiex jagħti rendiment tajjeb. Huwa essenzjali, biex jinżammu l-prospetti tat-tkabbir, li jiġi sostnut livell għoli ta' investiment.

(10) L-espansjoni ulterjuri tas-settur tas-servizzi mhux finanzjarji, li diġà huwa wieħed ta' suċċess, tista' wkoll tgħin biex l-ekonomija tiġi diversifikata. Għad hemm ostakli regolatorji kbar fis-settur tas-servizzi għan-negozji, b'mod partikolari għall-kontabilisti, il-periti, l-inġiniera u l-avukati. Għal dawn il-professjonijiet kollha, ir-rata ta' rotazzjoni fin-negozju hija inqas kemm mill-medja tal-Unjoni kif ukoll mir-rata medja għall-ekonomija ġenerali. Għalhekk, ir-restrizzjonijiet fuq dawn il-professjonijiet jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kompetittività tan-negozji fil-Lussemburgu. Dawn l-ostakli jinkludu l-ambitu wiesa' tal-attivitajiet riżervati għall-periti; ir-riżervar ta' kompiti sempliċi bħall-attivitajiet ta' ħruġ ta' pagi jew it-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa għal professjonisti kwalifikati ħafna; ir-riżervar tal-għoti ta' pariri legali għall-avukati; u r-rekwiżiti marbutin mal-forma legali u l-parteċipazzjoni azzjonarja, ir-regoli dwar l-inkompatibbiltà u r-restrizzjonijiet multidixxiplinari għall-avukati li jistgħu jkunu sproporzjonati meta mqabbla mal-prinċipji ewlenin, bħalma huma l-indipendenza tal-professjoni, u mal-arranġamenti superviżorji korrispondenti.

(11) Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati u l-programmi ta' tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari għall-ħaddiema aktar avvanzati fl-età, li r-rati ta' impjieg tagħhom għadhom fost l-aktar baxxi fl-Unjoni, huma meħtieġa biex jiġu evitati impatti negattivi. Ġew adottati miżuri biex itejbu l-impjegabbiltà tagħhom u l-involviment tagħhom fis-suq tax-xogħol. Il-liġi dwar ir-riklassifikazzjoni tal-ħaddiema b'diżabbiltajiet li jaffetwawhom fuq ix-xogħol ġiet implimentata fl-1 ta' Jannar 2016 u żiedet il-possibbiltajiet biex dawn il-ħaddiema jibqgħu għal żmien itwal fis-suq tax-xogħol. Madankollu, għad trid tiġi ppreżentata strateġija komprensiva b'segwitu għal konsultazzjonijiet mas-sħab soċjali. Il-"patt tal-età", abbozz ta' liġi ppreżentat lill-Parlament f'April 2014, li għandu l-għan li jħeġġeġ lill-kumpaniji b'aktar minn 150 impjegat biex iżommu l-ħaddiema aktar avvanzati fl-età, għadu ma ġiex adottat. L-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet permezz ta' politiki mmirati lejn is-suq tax-xogħol attiv u t-tagħlim tul il-ħajja li jappoġġaw lill-ħaddiema aktar avvanzati fl-età ser jibqgħu importanti għas-suċċess ta' dawn il-politiki. L-investiment fil-ħiliet huwa kruċjali biex jinħasdu l-benefiċċji sħaħ tad-diġitalizzazzjoni u biex tinżamm il-kompetittività.

(12) Ġie promulgat pakkett sostanzjali ta' miżuri biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' provvista ta' proprjetà immobbli, iżda l-impatt reali tiegħu għadu ma jinħassx. In-nuqqas ta' kapaċità ta' aċċess għall-artijiet disponibbli għall-bini, li fil-parti l-kbira tagħhom huma proprjetà ta' individwi privati, jidher li hu wieħed mill-ostakli ewlenin biex tiżdied il-provvista tad-djar. Il-provvista limitata tad-djar flimkien mad-domanda qawwija wasslet għal żieda kostanti fil-prezzijiet tad-djar. Dan jikkontribwixxi biex tiġi spjegata x-xejra lejn żieda fil-pożizzjoni ta' dejn tal-unitajiet domestiċi, li fil-biċċa l-kbira hi marbuta mal-ipoteki. Barra minn hekk, minkejja l-investiment sostanzjali fl-infrastruttura tat-trasport, l-indirizzar tal-konġestjoni tat-traffiku tibqa' sfida diffiċli. Iktar u iktar meta l-prattiki moderni tax-xogħol, bħal pereżempju x-xogħol mid-dar (teleworking), huma skoraġġuti fil-każ ta' ħaddiema transfruntieri mill-politiki fiskali fil-pajjiżi ġirien. Kemm l-isfidi marbutin mas-settur tad-djar kif ukoll mal-mobbiltà x'aktarx li jagħmlu aktar pressjoni fuq l-isforzi biex l-ekonomija tiġi diversifikata u biex tiżdied il-kompetittività. Dawn jistgħu jaġixxu wkoll bħala ostakli fl-attirar tal-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet lejn is-suq tax-xogħol.

(13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Lussemburgu u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil-Lussemburgu fis-snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Lussemburgu iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur.

(14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, u huwa tal-opinjoni ([1]) li l-Lussemburgu mistenni jikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Lussemburgu jieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Isaħħaħ id-diversifikazzjoni tal-ekonomija, inkluż billi jneħħi l-ostakli għall-investiment u l-innovazzjoni. Ineħħi r-restrizzjonijiet regolatorji fis-settur tas-servizzi tan-negozju.
2. Jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, jillimita l-irtirar bikri u jżid ir-rata ta' impjieg tal-persuni aktar avvanzati fl-età.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija għall-2017

(2017/C 261/16)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148 (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih l-Ungerija ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għall-Ungerija ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Huwa vvaluta l-progress li għamlet l-Ungerija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamlet l-Ungerija biex tilħaq il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

(3) Fit-2 ta' Mejju 2017, l-Ungerija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-2017. Bil-għan li jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), fejn ikun neċessarju li jingħata appoġġ lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(5) Bħalissa l-Ungerija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu għall-2017, il-Gvern qed jippjana deterjorament fid-defiċit nominali minn 1,8 % fl-2016 għal 2,4 % sew fl-2017 kif ukoll fl-2018 u titjib gradwali minn hemm 'il quddiem biex jilħaq 1,2 % tal-PDG sal-2021. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 1,7 % tal-PDG sal-2016 u rivedut għal 1,5 % tal-PDG fl-2017 — huwa ppjanat li jintlaħaq sal-2020. Madankollu, abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat ([1]), l-objettiv baġitarju ta' terminu medju mhux ser jintlaħaq matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali mal-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment għal qrib il-61 % sa tmiem l-2021. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli, u dan joħloq riskji għall-implimentazzjoni tal-miri tad-defiċit.

(6) Il-programm ta' Konverġenza għall-2017 jindika li l-impatt baġitarju tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati kif ukoll tal-miżuri ta' sigurtà fl-2016 u fl-2017 huwa sinifikanti u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, l-infiq eliġibbli addizzjonali fl-2015 ammonta għal 0,04 % tal-PDG għad-dħul eċċezzjonali ta' refuġjati u ma hemm l-ebda nfiq eliġibbli addizzjonali fir-rigward tal-flussi tar-refuġjati fl-2016. L-infiq eliġibbli addizzjonali dwar il-miżuri ta' sigurtà jammonta għal 0,04 % tal-PDG fl-2016. Fl-2017, mhu mistenni li jkun hemm l-ebda żieda fl-infiq minħabba l-influss eċċezzjonali tar-refuġjati, filwaqt li l-impatt baġitarju addizzjonali tal-miżuri marbuta mas-sigurtà bħalissa huwa stmat għal 0,14 % tal-PDG. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru dan l-infiq addizzjonali, fis-sens li l-influss tar-refuġjati kif ukoll is-severità tat-theddida terroristika huma avvenimenti mhux tas-soltu, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Ungerija huwa wieħed sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi jippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju għall-2016 tnaqqas biex jitqiesu l-kostijiet addizzjonali relatati mas-sigurtà. Rigward l-2017, valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, ser issir fir-rebbiegħa tal-2018 fuq il-bażi ta' data osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet tal-Ungerija.

(7) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda li l-Ungerija tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2017. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2017.

(8) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tagħha u partikolarment il-livell ta' dejn tagħha, l-Ungerija hija mistennija li tkompli taġġusta lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju ta' defiċit strutturali ta' 1,5 % tal-PDG. Skont matriċi ta' aġġustament miftehma b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' tkabbir nominali ta' nfiq primarju nett tal-gvern ([2]) li ma jaqbiżx it-2,8 % fl-2018. Dan ikun jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 1,0 % tal-PDG. Jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fl-2018. Fl-istess ħin, l-Ungerija hi mbassra li tkun konformi mar-regola tad-dejn fl-2017 u l-2018. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li ser ikun hemm bżonn ta' miżuri ulterjuri fl-2017 biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u l-eżiti jqisu l-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl ta' kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-eżiti tal-baġit għall-2018 ser ikollha tieħu kont dovut tal-objettiv li tinkiseb pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali kif ukoll l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Ungerija. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha twettaq valutazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tal-qagħda ċiklika tal-Ungerija.

(9) Il-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir tal-Ungerija huwa mxekkel minn livell baxx ta' investiment privat u produttività baxxa. Il-fatturi li jaffettwaw b'mod negattiv l-ambjent tan-negozju u l-investiment korporattiv huma marbuta b'mod partikolari ma' dgħufijiet fil-prestazzjoni istituzzjonali u l-governanza. Tibdil frekwenti fl-ambjent regolatorju u fiskali huma wieħed mill-ikbar ostakli għan-negozju fl-Ungerija, b'nuqqas ta' impenn min-naħa tal-

([1]) Il-bilanċ strutturali kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-Programm ta' Konverġenza, skont il-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

([2]) L-infiq nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern iżda jeskludi l-infiq marbut mal-interessi, l-infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti b'mod sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq tal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross iffinanzjat nazzjonalment ġiet imwittija fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

partijiet interessati u tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. L-ostakli regolatorji fis-servizzi għandhom ukoll it-tendenza li jillimitaw id-dinamika tas-suq u jxekklu l-investiment. Ir-regolamenti restrittivi, inkluż fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, jillimitaw il-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi u jitfgħu piż fuq il-klima tan-negozju.

(10) Il-proporzjon totali tat-taxxa mal-PDG tal-Ungerija għadu ferm ogħla minn dak ta' pajjiżi oħra fl-istess reġjun u għad hemm sfidi fis-sistema tat-taxxa. Il-Gvern naqqas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem b'5 punti perċentwali fl-2017, u tnaqqis ulterjuri b'2 punti perċentwali huwa ppjanat li jsir fl-2018. Din il-miżura naqqset b'mod sinifikanti l-porzjon tat-taxxa għal dawk bi dħul baxx, iżda dan għadu għoli. Dan japplika b'mod partikolari għal dawk bi dħul baxx li ma għandhomx tfal, fejn għadu fost l-ogħla fl-Unjoni. Is-sistema tat-taxxa għadha kumplessa. Minkejja xejra ta' tnaqqis mill-2013 'il quddiem, it-taxxi speċifiċi għas-setturi — li xi wħud minnhom jibqgħu ferm distorsivi — għad hemm it-tendenza li jikkomplikaw is-sistema tat-taxxa u li jdgħajfu l-fiduċja tal-investituri. Il-kumplessità u l-inċertezza tas-sistema tat-taxxa, assoċjati ma' spejjeż kbar ta' konformità u piżijiet amministrattivi, jibqgħu ta' piż fuq il-fiduċja tal-investituri fl-Ungerija.

(11) Id-dgħufijiet fil-prestazzjoni istituzzjonali qed ikollhom impatt fuq il-klima tan-negozju u qed inaqqsu l-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija. B'mod partikolari, minkejja t-titjib reċenti u l-emenda għall-Att dwar l-Akkwist Pubbliku, ma tantx sar progress fit-titjib tat-trasparenza u l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku. L-istrateġija attwali dwar l-akkwist elettroniku hi bażi soda biex tiżdied it-trasparenza, iżda l-implimentazzjoni u l-impatt tagħha fuq l-effiċjenza u t-trasparenza jeħtieġ li jiġu mmonitorjati. Ir-riskji ta' korruzzjoni għadhom għoljin, u dan għandu impatt negattiv fuq il-klima tan-negozju, u hemm lakuni notevoli fil-miżuri meħuda biex jindirizzaw il-kwistjoni. L-Ungerija qiegħda wkoll tesperjenza dewmien fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha dwar l-akkwist elettroniku. Dan qed iżomm lura l-introduzzjoni f'waqtha tal-akkwist elettroniku fl-Ungerija u dan hu kruċjali biex tissaħħaħ it-trasparenza u biex tiżdied il-kompetizzjoni.

(12) Is-sitwazzjoni fis-settur tas-servizzi inkluż il-bejgħ bl-imnut għadha partikolarment diffiċli fl-Ungerija. Matul is-sena li għaddiet, il-Gvern kompla jintervjeni fis-swieq li preċedentement kienu miftuħa għall-kompetizzjoni u adotta rekwiżiti ġodda aktar stretti għas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri mħaddma minn ċentri tat-trasport indipendenti. Il-Gvern ma ħa l-ebda pass sostanzjali biex jiffaċilita l-ambjent regolatorju fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari rigward il-bejgħ bl-imnut, is-servizzi pubbliċi tal-ġestjoni tal-iskart, il-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-kotba akkademiċi jew is-sistemi ta' pagament b'mezz mobbli. Fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, m'hemmx linji gwida ċari dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni biex jinfetħu ħwienet ġodda akbar minn 400 m^2. Dan iżid in-nuqqas ta' trasparenza u prevedibbiltà f'dan is-settur. Il-persistenza ta' ostakli regolatorji fis-servizzi, inkluż fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, tillimita d-dinamika tas-suq u tostakola l-investiment, filwaqt li tiġġenera wkoll l-inċertezza għall-investituri, partikolarment għall-investituri internazzjonali.

(13) Bil-għan li jappoġġaw il-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir fit-terminu medju tal-Ungerija, ir-riformi strutturali biex jiġi promoss l-investiment fil-kapital uman, b'mod partikolari fl-edukazzjoni u fil-kura tas-saħħa, u biex ikompli jitjieb il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, ser ikunu kruċjali. It-titjib tal-ġustizzja soċjali ser ikun essenzjali wkoll biex jinkiseb tkabbir aktar inklużiv.

(14) Il-prestazzjoni fil-provvista tal-ħiliet bażiċi għadha dgħajfa meta mqabbla mal-istandards internazzjonali. L-istħarriġ tal-2015 tal-OECD dwar is-sistemi edukattivi, taħt il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA), wera riżultati li sejrin sinifikattivament għall-agħar u l-impatt tal-ambjent soċjoekonomiku tal-istudenti fuq ir-riżultati tal-edukazzjoni hu fost l-ogħla fl-Unjoni. L-impatt tat-tip tal-iskola fuq ir-riżultati edukattivi huwa sinifikanti ħafna. It-tnaqqis fis-sigħat ta' tagħlim għas-suġġetti tax-xjenza fil-liċej vokazzjonali tal-grammatika mill-2016 'il hawn x'aktarx li jamplifika n-nuqqas tal-ħiliet fix-xjenza fl-Ungerija. Is-sehem tal-istudenti li jitilqu kmieni mill-iskola ilu jistaġna għal dawn l-aħħar ħames snin u għadu partikolarment għoli fost il-popolazzjoni Rom. Id-distribuzzjoni tal-istudenti żvantaġġati bejn l-iskejjel hija żbilanċjata, u t-tfal Rom qed jattendu dejjem iżjed skejjel u klassijiet li huma fil-maġġoranza Rom. Hemm miżuri fis-seħħ biex jappoġġaw it-taħriġ tal-għalliema, l-edukazzjoni bikrija u s-suċċess fl-iskola u biex jikkumbattu t-tluq kmieni mill-iskejjel fost ir-Rom. Għalkemm ittieħdu passi biex jindirizzaw is-segregazzjoni, dawn mhumiex komprensivi u sistematiċi biżżejjed biex l-isfida tiġi indirizzata. Id-domanda dejjem akbar għal forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet mhijiex appoġġata minn grupp kbir biżżejjed ta' applikanti għall-edukazzjoni terzjarja u rati ta' kkompletar adegwati. Il-modifika tal-Att dwar l-edukazzjoni għolja li ġie adottat fl-2017 jista' jkun il-kaġun li s-sitwazzjoni tmur għall-agħar.

(15) Is-suq tax-xogħol żviluppa b'mod pożittiv f'dawn l-aħħar snin, bil-qgħad li rritorna għal-livell ta' qabel il-kriżi. L-impjiegi laħqu livelli storikament għoljin bis-saħħa tal-ħolqien tal-impjiegi fis-settur privat u tal-iskema tax-xogħlijiet pubbliċi, li għadha l-politika attiva tas-suq tax-xogħol l-aktar importanti fl-Ungerija b'aktar minn 200 000 parteċipant. F'dawn l-aħħar snin, ġew adottati sensiela ta' miżuri biex jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-iskema għas-suq tax-xogħol primarju. Madankollu, l-iskema għadha mhijiex immirata biżżejjed u l-effettività tagħha fl-integrazzjoni

mill-ġdid tal-parteċipanti fis-suq tax-xogħol miftuħ għadha limitata. Fl-istess ħin, ċerti setturi qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' problemi dovuti għan-nuqqas ta' ħaddiema. Il-politiki attivi l-oħra tas-suq tax-xogħol qed jissaħħu, parzjalment bl-appoġġ tal-fondi tal-Unjoni, iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu ffaċilitati transizzjonijiet effettivi għas-suq tax-xogħol primarju. Is-sistema ta' ġbir ta' profili għan-nies qiegħda qed titħaddem iżda għadha mhijiex kompletament effettiva. Id-diskrepanza bejn is-sessi fil-qasam tal-impjiegi żdiedet fis-snin reċenti u l-impatt tal-miġja tat-tfal fuq l-impjiegi tan-nisa hu fost l-ogħla fl-Unjoni. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija affettwata minn riżultati komparattivament dgħajfa fil-qasam tas-saħħa u l-aċċess mhux ugwali għall-kura tas-saħħa. Il-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politiki hija limitata.

(16) Xi indikaturi tal-faqar reġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi iżda jibqgħu ogħla mill-medja tal-Unjoni. Il-livell ta' faqar fost it-tfal u r-Rom jibqa' partikolarment għoli, għalkemm qed jonqos. Proporzjon sinifikanti mir-Rom li jaħdmu huma impjegati fl-iskema tax-xogħlijiet pubbliċi. S'issa, l-integrazzjoni effettiva tagħhom fis-suq tax-xogħol miftuħ għadha limitata.

(17) L-adegwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali u tal-benefiċċji tal-qgħad huma limitati. It-tul taż-żmien kemm idumu jingħataw il-benefiċċji tal-qgħad, tliet xhur, għadu l-aktar wieħed baxx fl-Unjoni, u jinsab taħt il-medja taż-żmien meħtieġ minn dawk li jfittxu x-xogħol biex isibu impjieg. Ir-riforma tal-assistenza soċjali tal-2015 issimplifikat is-sistema tal-benefiċċji iżda ma jidhirx li tat garanzija ta' livell ta' għajxien uniformi u minimament adegwat għal dawk fil-bżonn. Fir-rigward tal-benefiċċji amministrati mill-muniċipalitajiet, hemm livell għoli ta' diskrezzjoni fil-kriterji ta' eliġibbiltà u l-livell ta' drittijiet, li joħloq inċertezza għall-benefiċjarji. Il-benefiċċju tad-dħul minimu għadu ffriżat fuq livell baxx iżda l-awtoritajiet Ungeriżi qed jippjanaw biex gradwalment iżidu l-livell tal-benefiċċji mmirati fi flus kontanti fis-snin li ġejjin. Diġà fl-2017, tlieta minn dawn il-benefiċċji ġew miżjuda bi ftit. Il-miżuri mmirati addizzjonali jgħinu biex itaffu l-privazzjoni materjali għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal u r-Rom.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Ungerija u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza għall-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Ungerija fis-snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Ungerija iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza għall-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ungerija tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Tagħmel sforz fiskali sostanzjali fl-2018 f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Ungerija.

2. Tikkompleta t-tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa għall-ħaddiema bi dħul baxx u tissimplifika l-istruttura tat-taxxa, b'mod partikolari billi tnaqqas t-taxxi speċifiċi għas-setturi l-iktar distorsivi. Issaħħaħ it-trasparenza u l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, billi timplimenta sistema ta' akkwist elettroniku komprensiva u effiċjenti, u ssaħħaħ il-qafas ta' kontra l-korruzzjoni. Issaħħaħ il-prevedibbiltà regolatorja, it-trasparenza u l-kompetizzjoni b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari fis-settur tal-bejgħ bl-imnut.

3. Timmira aħjar l-iskema tax-xogħlijiet pubbliċi għal dawk li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol u tipprovdi appoġġ effettiv lil dawk li qed ifittxu xogħol biex tiffaċilita t-transizzjonijiet lejn is-suq tax-xogħol, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Tieħu miżuri biex ittejjeb ir-riżultati edukattivi u biex iżżid il-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom, fl-edukazzjoni ordinarja inklużiva. Ittejjeb l-adegwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali u kemm idumu jingħataw il-benefiċċji tal-qgħad.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 ta' Malta

(2017/C 261/17)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9–10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, Malta għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro kif riflessa fir-rakkomandazzjoni (2) ta' hawn taħt.

(3) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2017 għal Malta ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet Malta fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamlet Malta lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).
([3]) ĠU L 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) Malta ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħha fit-18 ta' April 2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tagħha fit-2 ta' Mejju 2017. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Shubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) Bħalissa Malta qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Gvern jippjana li jżomm surplus f'termini nominali matul il-perijodu 2017–2020. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju — pożizzjoni baġitarja bilanċjata f'termini tal-PDG — ser jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni pożittiv tul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon ġenerali ta' dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jibqa' taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG u li jibda jonqos gradwalment minn 58,3 % tal-PDG fl-2016 għal 47,6 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli għall-2017 u kawt għall-2020–2018. Fl-istess ħin, hemm riskji possibbli ta' implimentazzjoni relatati mal-eżekuzzjoni baġitarja.

(7) Fit-12 ta' Lulju 2016, għall-2017 il-Kunsill irrakkomanda lil Malta tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Data dwar l-eżitu tindika li Malta diġà laħqet l-objettiv baġitarju tagħha ta' terminu medju fl-2016. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser jiżdied minn surplus ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017 għal 0,7 % tal-PDG fl-2018, u b'hekk jibqa' aktar mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. B'mod ġenerali, il-Kunsill hu tal-opinjoni li Malta hi projettata li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2017 u fl-2018.

(8) Minkejja l-kisba tal-objettiv fuq medda ta' tliet snin qabel id-data ta' mira, iż-żidiet fl-infiq kienu akbar mit-tkabbir potenzjali fil-produzzjoni. Jekk dan jibqa' l-każ għal żmien twil, dan huwa ta' sfida għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, speċjalment fil-każ ta' xokkijiet mhux mistennija fid-dħul. L-awtoritajiet Maltin wettqu rieżamijiet tan-nefqa f'xi oqsma tan-nefqa pubblika partikolarment rilevanti f'termini ta' sostenibbiltà — il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ u s-sigurtà soċjali. L-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tar-rakkomandazzjonijiet relatati ser tiddetermina l-effettività tagħhom fil-kisba tal-għan tagħhom. Barra minn hekk, il-finanzi pubbliċi ta' Malta għadhom qed jiffaċċjaw riskji ta' sostenibbiltà fuq medda twila ta' żmien minħabba l-ispejjeż marbuta mal-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-pensjonijiet. Iż-żieda għolja pproġettata fl-infiq marbut mal-età hija prinċipalment minħabba n-nefqa tal-pensjonijiet, li hija stmata li ser tiżdied b'madwar 3,2 punti perċentwali tal-PDG sal-2060 skont Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2015. Xi wħud mill-miżuri li reċentement ġew introdotti x'aktarx li jiġġeneraw tfaddil. Madankollu, dan l-iffrankar huwa improbabbli li jkun suffiċjenti biex jibbilanċja l-pressjonijiet tal-infiq li dejjem jiżdiedu u jtejjeb b'mod deċiżiv is-sostenibbiltà fuq medda twila ta' żmien. Miżuri oħra jistgħu, għalhekk, ikunu meħtieġa.

(9) Malta ressqet għadd ta' miżuri biex tindirizza l-isfida doppja tas-sostenibbiltà u l-iżgurar ta' introjtu adegwat wara l-irtirar maħluqa mis-sistema tal-pensjoni. Il-miżuri introdotti fil-baġit tal-2017 huma mistennija jbaxxu moderatament ir-riskju ta' faqar għal persuni anzjani u jtejbu xi ftit ir-rata netta tas-sostituzzjoni tal-pensjoni minima garantita. B'mod ġenerali, indikaturi dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet għadhom jindikaw li hemm lok konsiderevoli għal aktar titjib, inkluż dwar it-tnaqqis tad-distakk kbir fil-kopertura bejn is-sessi.

(10) Il-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq saret ostaklu għan-negozju, u l-ispejjeż esterni tagħha (ekonomiċi u ambjentali) ġew stmati għal EUR 274 miljun fis-sena u huma mistennija li jiżdiedu. Barra minn hekk, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-traffiku jkomplu jikbru u Malta x'aktarx li tonqos milli tilħaq il-miri tal-emissjonijiet tagħha tal-2020. Malta adottat Strateġija Nazzjonali għat-Trasport ambizzjuża b'orizzont sal-2050 u Pjan Ewlieni għat-Trasport Operattiv sal-2025. Dawn jinkludu sett differenti ta' miżuri biex jiġi razzjonalizzat l-użu ta' karozzi privati, jiġu

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

promossi soluzzjonijiet ta' mobilità alternattivi u jsir użu aktar effiċjenti ta' sistemi ta' trasport multimodali u kollettivi. Filwaqt li dawk il-miżuri huma mistennija li jagħmlu titjib sinifikanti, il-konġestjoni għadha mbassra li tiżdied u l-gassijiet b'effett serra mit-trasport jonqsu ftit biss sal-2030.

(11) Is-sistema finanzjarja hija kkaratterizzata minn għadd sinifikanti ta' istituzzjonijiet barranin attratti mill-ambjent fiskali favorevoli, fost oħrajn. Malta hija l-uniku Stat Membru li juża sistema ta' imputazzjoni sħiħa tat-tassazzjoni tal-kumpaniji u toffri skema ta' kreditu fuq it-taxxa rimborżabbli. Hija għandha netwerk estensiv ta' trattati ta' tassazzjoni doppja, u għandha status ta' residenza tat-taxxa attraenti għall-individwi. Is-superviżjoni tan-negozju orjentat internazzjonalment, madankollu, hija diffiċli. Is-settur finanzjarju jwettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tiegħu barra minn Malta. F'dan il-kuntest, Malta stiednet lill-FMI u lill-Bank Dinji jwettqu Programm ta' Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju sa tmiem l-2018. Barra minn hekk, Malta hija parti għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) ta' Jannar 2017 dwar il-kollaborazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji tal-assigurazzjoni. Il-BĊE, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu u tal-abbozz ta' deċiżjoni mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, dan l-aħħar iddeċieda li jirtira l-liċenzja bankarja ta' fornitur żgħir ta' servizzi bankarji fuq l-Internet li jiġbor depożiti anke barra minn Malta.

(12) Minkejja l-progress li sar, aktar titjib fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja għadu meħtieġ. Għalkemm miżuri ġodda dwar ċans ieħor u l-insolvenza ġew proposti mill-Gvern, proċeduri twal ta' insolvenza u kwittanza jagħmlu ħsara lill-kwalità tal-ambjent tan-negozju f'Malta. Barra minn hekk, il-qafas tal-ħelsien mid-dejn ma jipprovdi l-ebda limitu ta' żmien, u b'hekk m'għandux ċertezza legali. Biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, ġiet ippreżentata u attwalment qed tiġi kkunsidrata mill-Parlament nazzjonali emenda għall-Att dwar il-Kumpaniji li tintroduċi bidliet konsiderevoli fil-qafas legali dwar l-insolvenza, bħall-possibbiltà tal-medjazzjoni. L-impatt ta' dawn il-bidliet għad irid jiġi analizzat.

(13) Qed jitfaċċaw skarsezzi fl-impjieg fil-firxa kollha tal-ħiliet u l-aġġustament tal-provvista tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol għadu mhux komplut. Parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol Maltija għad għandha rati baxxi ta' kwalifiki. Filwaqt li l-kisba tal-edukazzjoni qed tiżdied, ir-rata ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni għadha għolja. Il-kisba ta' ħiliet bażiċi fost iż-żgħażagħ għadha dgħajfa. L-aċċess u l-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja — bl-involviment ta' min iħaddem — qed jitjiebu, inkluż għal dawk b'ħiliet baxxi; iżda, minħabba l-kobor tal-isfida, l-isforzi jridu jiġu sostnuti. Investimenti sinifikanti fis-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma mistennija li jagħtu l-frott, speċjalment jekk il-miżuri jinżammu u jittejbu fil-futur. Ir-rati tal-impjiegi qed jitjiebu b'mod stabbli u r-rata tal-qgħad niżlet taħt il-5 %. Madankollu, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha fost l-aktar baxxa fl-Unjoni, b'mod partikolari għal ħaddiema aktar anzjani u nisa bi ftit kwalifiki, li jindika wkoll li fadal riskji tal-esklużjoni soċjali għal dawk li mhumiex mgħammra biex jaġġustaw għal ekonomija li qed tinbidel b'mod mgħaġġel. Għaldaqstant, l-investimenti ta' politika attwali għandhom ikomplu jiġu sostnuti, b'mod partikolari permezz tal-Kunsill għall-Ħiliet Nazzjonali li ġie stabbilit reċentement, u żviluppi oħrajn għandhom jiġu ssorveljati mill-qrib.

(14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Malta u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Malta fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Malta imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżamijiet fuq l-infiq attwali għas-settur pubbliku aktar wiesa' u jiġi introdott infiq pubbliku bbażat fuq il-prestazzjoni.

([1]) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Tiġi żgurata s-superviżjoni nazzjonali effettiva mill-istituzzjonijiet finanzjarji tan-negozji orjentati internazzjonalment b'liċenzja f'Malta billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-superviżuri ospitanti fil-pajjiżi fejn joperaw.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta’ Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tal-2017 tan-Netherlands u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Stabbiltà tal-2017 tan-Netherlands

(2017/C 261/18)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta’ Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta’ pożizzjonijiet ta’ budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta’ politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika

Billi:

(1) Fis-16 ta’ Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kienu approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta’ Marzu 2017. Fis-16 ta’ Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija, li fih hija identifikat lin-Netherlands bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta’ Marzu 2017. Fil-21 ta’ Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (“Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro”) ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, in-Netherlands għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u f’waqtha tar-Rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro kif riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(3) Ir-rapport tal-pajjiżi tal-2017 dwar in-Netherlands ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlu n-Netherlands biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu li kien hemm għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tan-Netherlands rigward il-miri nazzjonali tagħhom ta' Europa 2020. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ukoll ippublikati fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li n-Netherlands qed jesperjenzaw żbilanċi makroekonomiċi. Minn fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro, in-Netherlands għandhom l-akbar surplus fil-kont kurrenti fuq medja ta' tliet snin, f'termini ta' PDG. Is-surplus jissuġġerixxi allokazzjoni mhux ottimali tar-riżorsi, u tista' tittieħed l-opportunità biex it-tkabbir u l-ġid jiżdiedu. L-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi huwa mxekkel minn porzjon ta' pagament obbligatorju għoli. Id-dejn privat huwa għoli, speċifikament l-ammont tad-dejn ipotekarju tal-unitajiet domestiċi. Il-karti bilanċjali twal tal-unitajiet domestiċi jżidu l-vulnerabbiltà quddiem ħasdiet finanzjarji. Il-ħtieġa ta' azzjoni sabiex jonqos ir-riskju tal-effetti negattivi fuq l-ekonomija Netherlandiża, u minħabba d-daqs u r-relevanza transfruntiera, azzjoni fuq l-unjoni ekonomika u monetarja hija partikolarment importanti.

(4) Fis-26 ta' April 2017, in-Netherlands ippreżentaw il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħhom u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tagħhom. Biex jittieħed kont tal-interkonnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) In-Netherlands bħalissa jinsabu fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u huma suġġetti għar-regola tad-dejn. Il-Gvern, fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017 qed jippjana żieda fil-bilanċ pożittiv tal-gvern ġenerali, minn 0,5 % tal-PDG fl-2017 għal 1,3 % tal-PDG fl-2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — se jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-proporzjoni bejn id-dejn tal-gvern u l-PDG huwa mistenni li jaqa' għal 58,5 % fl-2017, taħt il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG skont it-Trattat. Il-Gvern qed jippjana aktar tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn tal-gvern, ta' 49,3 % tal-PDG fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-previżjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2017, il-bilanċ strutturali huwa proġettat li jiżdied minn surplus ta' 0,2 % tal-PDG fl-2017 għal 0,4 % tal-PDG fl-2018, ogħla mill-objettiv baġitarju fuq terminu ta' żmien medju. Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa mbassar li se jżomm ix-xejra qawwija 'l isfel lil hinn mir-rekwiżiti tar-regola tad-dejn. Kollox ma' kollox il-Kunsill huwa tal-opinjoni li n-Netherlands huwa previst li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2017 u fl-2018. Fl-istess waqt, filwaqt li jiġi rrispettat l-objettiv tat-terminu medju, għad hemm ambitu sabiex jiġu appoġġati t-tkabbir potenzjali u d-domanda domestika bl-użu tal-politiki fiskali u strutturali, inkluż l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, u billi jinħolqu kundizzjonijiet għal żieda reali akbar fil-pagi, anke fil-kuntest tal-iżbilanċi esterni persistenti.

(7) It-tkabbir reċenti fl-impjiegi jista' jiġi attribwit fil-biċċa l-kbira tiegħu għal żieda fl-għadd ta' persuni impjegati b'kuntratti temporanji u l-persuni li jaħdmu għal rashom. Il-perċentwal għoli u li qed jiżdied ta' kuntratti temporanji kif ukoll iż-żieda rapida ta' persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati magħhom jistgħu jiġu spjegati fil-kuntest tad-differenzi kbar fir-regolamenti li japplikaw għax-xogħol, fil-protezzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll tad-differenzi bejn il-leġislazzjoni tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali. Għalkemm ittieħdu xi miżuri, xi wħud minn dawn il-fatturi għadhom jagħtu inċentiv finanzjarju lill-impjegati biex jibdew jaħdmu għal rashom jew jiffavorixxu biex dawn jiġu ingaġġati b'kuntratt temporanju. Dan jista' jkollu b'mod partikolari effetti distorsivi fil-marġini tas-suq tax-xogħol u seta' kkontribwixxa għall-moderazzjoni osservata fit-tkabbir aggregat reali tal-pagi. Il-persuni li jaħdmu għal rashom bosta drabi ma jkunux assigurati biżżejjed kontra d-diżabilità, il-qgħad u x-xjuħija. Dan jista' jaffettwa s-sostenibbiltà tas-sistema tas-sigurtà soċjali fuq medda twila ta' żmien. L-infurzar ta' miżuri li jindirizzaw l-impjiegi

(1) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

indipendenti fittizji ġie sospiż sal-2018. Is-sitwazzjoni tax-xogħol ta' persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni għadha sfida importanti. Ir-rata ta' impjieg tal-migranti mhux imwielda fl-UE hija ta' 20 punt perċentwali inqas minn dik għal persuni li twieldu fin-Netherlands, u parti żgħira biss jista' jkollha bħala spjegazzjoni d-differenza fl-età u fil-kisbiet edukattivi.

(8) Iż-żieda f'dawn l-aħħar snin fir-rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi seħħet parzjalment għax żdied l-iffrankar fit-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet (l-iskemi privati supplimentari obbligatorji), li kkontribwixxa għalih l-ambjent regolatorju. It-tqassim intraġenerazzjonali u interġenerazzjonali adegwat tal-kostijiet u tar-riskji lil hinn mir-regoli adottati dwar l-indiċjar u l-ilqugħ finanzjarju (il-qafas ta' valutazzjoni finanzjarja) jgħin lill-unitajiet domestiċi biex jallokaw il-mezzi finanzjarji tagħhom b'modi li jgħinu aktar it-tkabbir. Il-Gvern ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jirriforma b'mod sostanzjali t-tieni pilastru tal-pensjonijiet biex itejjeb il-kopertura u joħloq ambjent aktar trasparenti, aktar flessibbli u sistema statistikament aktar ġusta.

(9) Riġiditajiet u inċentivi li joħolqu distorsjonijiet li akkumulaw matul id-deċennji taw forma lix-xejriet tal-iffinanzjar tad-djar u tat-tfaddil settorjali. It-tendenza tal-unitajiet domestiċi li l-patrimonju immobiljari jingħata bħala garanzija għad-dejn ipotekarju gross tirrifletti fil-biċċa l-kbira l-inċentivi fiskali li ilhom stabbiliti, b'mod partikolari t-tnaqqis kollu tat-taxxa fuq l-imgħax ipotekarju. Sa mill-2012, minkejja t-tisħiħ tal-irkupru ekonomiku, ma ttieħdet l-ebda miżura biex dan jiġi indirizzat.

(10) L-investiment naqas b'mod sostanzjali matul il-kriżi, u rkupra biss parzjalment minn dak iż-żmien 'l hawn. Id-dgħufija fl-investiment fl-ekonomija kollha tidher li għandha natura ċiklika b'saħħitha, u kienet xprunata minn tnaqqis fis-suq tad-djar kif ukoll minn għażliet ta' konsolidazzjoni fiskali. Filwaqt li l-ostakli għall-investiment jidhru li huma minuri, il-proċeduri biex jinkisbu permessi għall-bini huma relattivament twal. Il-livell baxx ta' investiment fl-enerġija rinnovabbli jidher li huwa marbut mad-dinamiċi tas-suq tal-imgħoddi, mal-inċertezza fis-suq u ma' fatturi regolatorji. In-nefqa pubblika u privata fir-R&Ż hija baxxa meta jittieħdu inkonsiderazzoni l-livell edukattiv, il-kisbiet akkademiċi u l-livell ta' żvilupp ekonomiku, apparagun tal-Istati Membri bl-aqwa prestazzjonijiet. In-nefqa tal-gvern f'dan il-qasam staġnat sa mill-2014 'l hawn, filwaqt li l-infiq privat fir-R&Ż għadu baxx. Ma sar l-ebda progress dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2016 relatata.

(11) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tan-Netherlands u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiżi tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lin-Netherlands fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fin-Netherlands imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(12) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u huwa tal-opinjoni [1] li n-Netherlands huma mistennijin jikkonformaw mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(13) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi hawn taħt fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) għan-Netherlands,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li n-Netherlands jieħdu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Filwaqt li jirrispettaw l-objettiv ta' terminu medju, jużaw politiki fiskali u strutturali li jappoġġaw it-tkabbir potenzjali u d-domanda domestika, inkluż l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp. Jieħdu miżuri sabiex inaqqsu d-distorsjonijiet li jifdal fis-suq tad-djar u l-inklinazzjoni favur id-dejn tal-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari billi jitrażżan it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-imgħax ipotekarju.

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Jindirizzaw l-ostakli li fadal għall-ingaġġ ta' ħaddiema b'kuntratti permanenti. Jindirizzaw iż-żieda kbira fil-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati magħhom, inkluż billi jnaqqsu d-distorsjonijiet tat-taxxa li jiffavorixxu l-impjiegi indipendenti, mingħajr ma jagħmlu ħsara lill-intraprenditorija u billi jippromwovu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali affordabbli lill-persuni li jaħdmu għal rashom. Abbażi tal-proċess preparatorju wiesa' li diġà tnieda, jagħmlu t-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet aktar trasparenti, aktar ġusta mill-aspett interġenerazjonali u aktar reżiljenti għall-iskossi. Joħolqu kondizzjonijiet sabiex jippromwovu aktar iż-żieda reali tal-pagi filwaqt li jiġi rrispettat ir-rwol tas-sħab soċjali.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Awstrija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Awstrija

(2017/C 261/19)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lill-Awstrija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, l-Awstrija għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro kif riflessa fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għall-Awstrija ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet l-Awstrija biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamlet l-Awstrija lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) L-Awstrija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 fil-21 ta' April 2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2017 fit-2 ta' Mejju 2017. Biex jittieħed kont tal-interkonnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti, speċifiċi għall-pajjiżi, fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perjodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif hija ser tuża dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Bħalissa l-Awstrija qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Gvern qed jistenna li d-defiċit nominali ser jitjieb għal 1,0 % tal-PDG fl-2017 u mbagħad ser jilħaq 0,3 % tal-PDG fl-2021. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,45 % tal-PDG sal-2016 u 0,5 % tal-PDG minn hawn 'il quddiem — huwa previst li jintlaħaq fl-2019. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon ta' dejn tal-gvern mal-PDG hu mistenni li jonqos gradwalment għal 71,0 % fl-2021 minn 84,6 % fl-2016. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli, jekk wieħed jassumi tkabbir qawwi ta' investiment u fl-esportazzjonijiet fl-2017 u fl-2018.

(7) Il-Programm ta' Stabbiltà jindika li l-impatt baġitarju marbut mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati kif ukoll mal-miżuri relatati mas-sigurtà huwa sinifikanti, u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, in-nefqa eliġibbli addizzjonali fl-2016 ammontat għal 0,25 % tal-PDG b'rabta mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u 0,04 % tal-PDG għall-miżuri relatati mas-sigurtà. Fl-2017, l-impatt addizzjonali tal-miżuri relatati mas-sigurtà, meta mqabbel mal-2016 huwa attwalment stmat għal 0,01 % tal-PDG. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, minħabba l-fatt li l-influss ta' refuġjati kif ukoll il-gravità tat-theddida tat-terroriżmu huma ċirkustanzi mhux tas-soltu, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tal-Awstrija huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tkunx kompromessa billi tiġi permessa devjazzjoni temporanja mil-linja ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju għall-2016 tnaqqas biex jitqiesu l-ispejjeż addizzjonali relatati mar-refuġjati u mas-sigurtà. Rigward l-2017, valutazzjoni finali, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, ser issir fir-rebbiegħa tal-2018 fuq il-bażi ta' data osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet tal-Awstrija.

(8) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lill-Awstrija biex tiżgura li d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju tkun limitata għall-konċessjoni relatata mal-impatt baġitarju marbut mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati ([2]), u li għal dan l-għan tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,3 % tal-PDG fl-2017, sakemm l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ma jkunx jista' jintlaħaq b'anqas sforz. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jibqa' stabbli fl-2017, filwaqt li jitqiesu l-kwoti mogħtija. Il-previżjoni tal-Kummissjoni turi li jeżisti r-riskju ta' xi devjazzjoni minn dan ir-rekwiżit fl-2017. Fl-2018, abbażi tal-previżjoni tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2017, l-Awstrija jenħtieġ li tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern ([3]) ma taqbiżx it-2,2 %, li tikkorrispondi għal titjib fil-bilanċ strutturali ta' 0,3 % tal-

---

([1]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([2]) Huwa permissibbli għall-Awstrija li tiddevja mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha sal-2017 u l-2018 minħabba l-impatt baġitarju addizzjonali marbut mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati u mal-miżuri relatati mas-sigurtà sostnuti fl-2015 u fl-2016 rispettivament, peress li d-devjazzjonijiet temporanji jiġu riportati f'kull każ għal perjodu totali ta' tliet snin.

([3]) In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax, nefqa fuq programmi tal-Unjoni korrisposti b'mod sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezzjonarju fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

PDG ([1]). Jekk ma jinbidlux il-politiki, l-Awstrija tkun qiegħda f'riskju ta' xi devjazzjoni minn dan ir-rekwiżit fl-2018. Fl-istess waqt, huwa previst li l-Awstrija tikkonforma mar-regola ta' dejn fl-2017 u fl-2018. Kollox ma' kollox, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Awstrija jeħtiġilha tkun lesta li tieħu aktar miżuri sabiex tiżgura konformità fl-2017 u fl-2018.

(9) L-infiq fuq il-pensjonijiet kif ukoll fuq il-kura tas-saħħa huwa ta' riskju medju għas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu ta' żmien medju u twil, minħabba li l-popolazzjoni qed tixjieħ malajr. In-nefqa pubblika tal-Awstrija għall-pensjonijiet hija relattivament għolja meta mqabbla ma' Stati Membri oħrajn, u hija mistennija tiżdied b'0,5 punti perċentwali tal-PDG sal-2060. Dan jista' jitqabbel mal-medja tal-Unjoni li hija mistennija tonqos b'0,2 punti perċentwali tal-PDG matul l-istess perjodu. L-età effettiva tal-irtirar għadha baxxa minkejja r-riformi reċenti u hija waħda mill-ixpruni ewlenin li jgħollu n-nefqa tal-pensjonijiet. Espressa bħala l-età medja tat-tluq mis-suq tax-xogħol din hija ta' 62 sena u 6 xhur għall-irġiel u 61 sena għan-nisa, li hija inqas mill-medja tal-Unjoni ta' 63 snin u 7 xhur għall-irġiel u 62 sena u 7 xhur għal nisa (2014). Barra minn hekk, l-età statutorja tal-irtirar attwali għan-nisa hija ta' 60 sena, li hija fost l-aktar baxxi fl-Unjoni, u din ser tibda tiġi armonizzata ma' dik tal-irġiel fl-2024. Ir-rabta tal-età statutorja tal-irtirar mal-bidliet fl-istennija tal-għomor tgħin sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet fil-kuntest tat-tixjiħ demografiku, anki billi tikkontribwixxi sabiex l-età effettiva tal-irtirar tiżdied.

(10) Għall-kura tas-saħħa, in-nefqa pubblika hija mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti fuq terminu ta' żmien medju u twil mil-livelli li diġà huma għoljin, jiġifieri b'1,3 punti perċentwali tal-PDG sal-2060 apparagun tal-medja tal-Unjoni ta' 0,9 punti perċentwali. L-ixprun prinċipali li qed jagħmel in-nefqa fil-kura għas-saħħa għolja huwa s-settur kbir tal-isptarijiet, filwaqt li l-kura għal pazjenti ta' barra, li tiswa inqas, hija sottoutilizzata. Il-proporzjon tan-nefqa għall-isptarijiet tal-ispejjeż ġenerali għall-kura tas-saħħa, hija waħda mill-ogħla fl-Unjoni. Għaldaqstant, l-inizjattivi reċenti li għandhom l-għan li jsaħħu l-għoti tal-kura primarja jeħtieġ li jiġu implimentati bis-sħiħ, inkluż billi jiġu appoġġati ftehimiet finanzjarji ġodda bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa u l-fondi tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, is-settur tal-isptarijiet tal-Awstrija ma jagħmilx biżżejjed użu mill-akkwist pubbliku effettiv, bħalma huma s-sejħiet għall-offerti miftuħa għall-Unjoni kollha (0,23 % tal-PDG apparagun tal-medja tal-Unjoni ta' 0,62 %), l-aggregazzjoni tal-akkwist u l-kriterji mhux ibbażati fuq il-prezz.

(11) Il-liġi tal-ekwiparazzjoni finanzjarja tal-2017 għenet biex jiġu ssimplifikati r-relazzjonijiet finanzjarji bejn is-saffi differenti tal-amministrazzjoni pubblika fl-Awstrija. Madankollu, il-qafas fiskali fl-Awstrija jibqa' wieħed kumpless wisq f'termini ta' kompetenzi u ta' arranġamenti finanzjarji, u għadu jbati min-nuqqas ta' konformità bejn is-setgħat limitati li jżidu d-dħul u r-responsabbiltajiet usa' tal-amministrazzjonijiet lokali u tal-istati federali fuq l-infiq.

(12) Filwaqt li r-riforma fiskali tal-2016 naqqset il-porzjon tat-taxxa minn 49,5 % għal 46,7 %, dan għadu relattivament għoli meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 40,6 % (iċ-ċifri jirreferu għal persuna waħidha medja li taqla' l-għajxien mingħajr tfal). Fin-nuqqas ta' indiċjar tal-kategoriji tat-taxxa mal-inflazzjoni, il-porzjon tat-taxxa għal darba oħra ser jiżdied gradwalment b'riżultat tal-pressjoni fiskali ta' kull sena. B'kuntrast ma' dan, sorsi ta' dħul li jiffavorixxu aktar it-tkabbir, bħal taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, mhumiex użati biżżejjed, prinċipalment minħabba li l-ammont bażiku taxxabbli għamel żmienu. Id-dħul mit-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà fl-Awstrija huwa baxx ħafna, u jammonta għal 0,2 % tal-PDG meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 1,6 % tal-PDG fl-2014. Bl-istess mod, ir-rata impliċita tat-taxxa fuq l-enerġija fl-Awstrija hija relattivament baxxa, u din tindika potenzjal mhux sfruttat għal taxxi ambjentali, li jinkludu wkoll inċentivi għall-imġiba pożittiva.

(13) Filwaqt li s-suq tax-xogħol jaħdem aħjar fl-Awstrija milli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għad fadal xi sfidi. B'mod partikolari, il-potenzjal tas-suq tax-xogħol tan-nisa huwa sottoutilizzat, kif rifless fid-differenza kbira bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa, li tirriżulta, fost l-oħrajn, minn porzjon għoli ta' xogħol fuq bażi part-time. Fl-2015, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa kienet ta' 21,7 % meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni li kienet ta' 16,3 %. Il-proporzjon ta' nisa li jaħdmu part-time huwa għoli u aktar mill-medja għax ħafna drabi jkunu responsabbli mill-kura tat-tfal u tal-anzjani. L-għadd ta' postijiet għall-indukrar bikri tat-tfal, għal tfal taħt l-età ta' 3 snin kien ta' 25,5 % fl-2015, li xorta kien ferm taħt il-mira ta' Barċellona ta' 33 %.

(14) L-Awstrija diġà qabżet il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020 fejn tidħol l-edukazzjoni. Madankollu, ir-riżultati fl-edukazzjoni jiddependu ħafna fuq l-isfond soċjoekonomiku, kif ikkonfermat mir-riżultati tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-OECD tal-2015. Barra minn hekk, ir-riżultati fl-edukazzjoni tal-istudenti li ġejjin minn sfond ta' migrazzjoni huma konsiderevolment agħar minn dawk tal-istudenti li ma

([1]) Għall-Awstrija, ir-rekwiżit ta' aġġustament fl-2018 iqis il-konċessjoni relatata mal-avvenimenti mhux tas-soltu mogħtija għall-2016 billi d-devjazzjonijiet temporanji jiġu riportati fuq perjodu ta' tliet snin.

għandhomx dan l-isfond. Fl-2016, l-istudenti mwielda barra mill-pajjiż kienu 2,7 darbiet aktar fiċ-ċans li jitilqu mill-iskola qabel ma jtemmu edukazzjoni sekondarja għolja, milli mill-istudenti li twieldu fil-pajjiż. L-isfida tal-integrazzjoni taffettwa wkoll lit-tfal ta' immigranti li twieldu l-Awstrija. Barra minn hekk, l-Awstrija qed tiffaċċa sfidi biex tintegra fis-sistema edukattiva tagħha għadd kbir ta' persuni li jfittxu l-asil u ta' refuġjati.

(15) L-iżviluppi fis-settur bankarju jindikaw titjib kostanti, għalkemm bil-mod. Il-kapitalizzazzjoni tal-banek Awstrijaċi għadha taħt dik tal-pari tagħha fl-Unjoni, u l-kapaċità tagħhom biex jiġġeneraw profitt fis-suq domestiku kienet taħt pressjoni. Rigward l-operazzjonijiet internazzjonali, il-kwalità tal-assi u l-profittabbiltà komplew jitjiebu f'diversi swieq tal-Ewropa Ċentrali, tal-Ewropa tal-Lvant u tal-Ewropa tax-Xlokk, iżda għad fadal oqsma vulnerabbli. Sadanittant, iż-żieda fil-prezzijiet tal-proprjetà immobbli u l-qawmien mill-ġdid tas-self ipotekarju juru kemm huma importanti l-miżuri makroprudenzjali.

(16) It-tkabbir tal-investiment fl-Awstrija reġa' seħħ fl-2016 iżda l-investiment mill-SMEs u fis-settur tas-servizzi komplew juru dgħufijiet. L-Awstrija rrikonoxxiet ir-rwol li l-ħolqien ta' negozju u t-tkabbir sod għandhom għall-investimenti l-ġodda (jiġifieri li jmorru lil hinn mill-investimenti ta' sostituzzjoni) u għall-ħolqien tal-impjiegi marbuta ma' dawn. L-Awstrija għaldaqstant stabbiliet għaliha nnifisha miri ambizzjużi biex tiffaċilita t-trasformazzjoni diġitali kif ukoll biex tindirizza r-rata tradizzjonalment baxxa tagħha għall-ħolqien tan-negozju (7,4 % meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 10,8 %) u għat-tkabbir tal-kumpanniji (b'sehem ta' 7,3 % għal kumpanniji b'rata għolja ta' tkabbir meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 9,2 %). Diġà tħabbru xi miżuri speċifiċi li jgħaqqdu t-tnaqqis ta' ostakli għall-investiment ma' kundizzjonijiet ta' qafas aħjar għall-finanzjament tal-kapital ta' ekwità, għall-promozzjoni tal-intraprenditorija u għall-inċentivi tat-tassazzjoni.

(17) Għad hemm ostakli regolatorji kbar fis-settur tas-servizzi kummerċjali u tal-professjonijiet irregolati, bil-livell ta' restrizzjonijiet li huwa ogħla mill-medja tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-periti u l-inġiniera. Barra minn hekk, għal dawn il-professjonijiet, kif ukoll għall-avukati, il-kontabilisti/il-konsulenti tat-taxxa, l-aġenti tal-privattivi, l-aġenti tal-proprjetà immobbli u l-gwidi turistiċi, ir-rata ta' attrizzjoni kummerċjali hija ferm inqas mill-medja tal-Unjoni, li donnha tindika dinamiżmu u kompetizzjoni relattivament baxxi fis-servizzi professjonali fl-Awstrija. Dawn l-ostakli jinkludu, fost l-oħrajn (1) restrizzjonijiet fil-parteċipazzjoni azzjonarja u fil-forom korporattivi għall-periti, l-inġiniera u l-avukati tal-privattivi, (2) restrizzjonijiet multidixxiplinari għall-periti u l-inġiniera, kif ukoll (3) ambiti partikolarment wesgħin tal-attivitajiet riżervati għall-periti, l-inġiniera u l-gwidi turistiċi. It-tnaqqis ta' dawn l-ostakli jista' jiġġenera kompetizzjoni aktar intensa, li tirriżulta f'aktar impriżi li jidħlu fis-suq, u twassal biex il-konsumaturi jibbenefikaw permezz ta' prezzijiet orħos. F'Jannar 2017, f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni saru rakkomandazzjonijiet sabiex din il-kwistjoni tiġi indirizzata, bħala parti minn pakkett ta' miżuri sabiex jiġu indirizzati l-ostakli fis-swieq tas-servizzi.

(18) L-Awstrija għamlet sforzi konsiderevoli sabiex tirċievi lill-persuni li jfittxu asil, u biex tintegra lir-refuġjati kif ukoll immigranti oħra. Madankollu, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni għadha sfida, b'mod partikolari għan-nisa li ma twildux fl-Unjoni u r-refuġjati li jfittxu impjieg.

(19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Awstrija u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Awstrija fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Awstrija imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Awstrija tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

(1) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

1. Taħdem fuq il-politika fiskali tagħha f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li timplika l-ilħuq tal-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha fl-2018, filwaqt li jittieħed kont tal-konċessjoni marbuta mal-avvenimenti mhux tas-soltu. Tiżgura li s-sistema għall-kura tas-saħħa u s-sistema tal-pensjonijiet ikunu sostenibbli. Tirrazzjonalizza u tissimplifika l-kompetenzi bejn il-livelli differenti tal-amministrazzjoni pubblika u tallinja l-finanzjament u r-responsabbiltajiet tal-infiq tagħhom.

2. Ittejjeb l-eżiti tas-suq tax-xogħol għan-nisa permezz ta', fost l-oħrajn, l-għoti ta' servizzi ta' kura fuq bażi full-time. Ittejjeb ir-riżultati edukattivi taż-żgħażagħ żvantaġġati, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. Trawwem l-investiment fis-settur tas-servizzi billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi u regolatorji, sabiex tiffaċilita d-dħul fis-suq u t-tkabbir tal-kumpanniji.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja għall-2017

(2017/C 261/20)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika [1], u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kienu approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih il-Polonja ma ġietx identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport tal-pajjiżi tal-2017 dwar il-Polonja ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Fih ġie vvalutat il-progress li għamlet il-Polonja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu li kien hemm għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Polonja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

(3) Fit-28 ta' April 2017, il-Polonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2017 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-2017. Biex jittieħed kont tal-interkonnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(4) Fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014-2020, ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti, speċifiċi għall-pajjiżi. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

[2] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(5) Bħalissa l-Polonja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu għall-2017, il-Gvern qiegħed jippjana titjib gradwali fil-bilanċ nominali, minn deficit ta' 2,4 % tal-PDG fl-2016 għal 1,2 % tal-PDG fl-2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju, deficit ta' 1 % tal-PDG f'termini strutturali, mhux mistenni li jintlaħaq sal-2020, jiġifieri l-programm orizzont. Skont il-Programm ta' Konverġenza għall-2017, il-proporzjon tad-dejn ġenerali tal-gvern għall-PDG mistenni li jiżdied minn 54,4 % tal-PDG fl-2016 għal 55,3 % tal-PDG fl-2017, u mistenni jinżel għal 52,1 % sal-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawk il-previżjonijiet baġitarji huwa favorevoli.

(6) Fit-12 ta' Lulju 2016, għall-2017, il-Kunsill irrakkomanda li l-Polonja tilħaq aġġustament fiskali annwali ta' 0,5 % tal-PDG, biex tilħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2017, hemm ir-riskju ta' xi devjazzjoni minn dak l-aġġustament rakkomandat fl-2017.

(7) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tagħha, il-Polonja hija mistennija li tkompli taġġusta biex tasal għall-objettiv baġitarju tagħha, fuq terminu medju, ta' deficit strutturali ta' 1 % tal-PDG. Skont il-matriċi ta' aġġustament maqbula komunement fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali fl-infiq primarju nett tal-gvern [1] li ma taqbiżx it-3,7 % fl-2018. Din tkun tikkorrispondi ma' aġġustament strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. Jekk il-politiki ma jinbidlux, hemm ir-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit fl-2018. Kollox ma' kollox, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Polonja trid tkun lesta biex tieħu aktar miżuri fl-2017, u ser ikunu meħtieġa aktar miżuri fl-2018 sabiex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u tal-eżiti tqis il-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Semestru Ewropew tal-2017 li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-eżiti tal-baġit tal-2018 trid tieħu inkonsiderazzjoni l-għan biex tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li għadu għaddej u kemm biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Polonja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni beħsiebha twettaq evalwazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tal-qagħda ċiklika tal-Polonja.

(8) Ir-rapport tal-pajjiżi tal-2017 juri li sar xi progress fit-titjib tal-ġbir tat-taxxa, peress li l-Polonja għamlet għadd ta' riformi li kellhom fil-mira l-issikkar tas-sistema tat-taxxa. Jenħtieġ li l-impatt sħiħ tagħhom fuq il-ġbir tat-taxxa u l-kostijiet tal-konformità mat-taxxa jinżammu taħt monitoraġġ mill-qrib. B'kuntrast ma' dan, il-Polonja ma għamlet l-ebda progress biex tillimita l-użu estensiv tar-rati mnaqqsa tal-VAT, li għandhom impatt negattiv fuq id-dħul tal-VAT u mhumiex strument effikaċi tal-politika soċjali.

(9) Il-Polonja qed issirilha pressjoni fuq l-infiq f'diversi oqsma, b'mod partikolari f'dawk relatat mat-tixjiħ tal-popolazzjoni. Minħabba f'hekk, huwa meħtieġ li jitwaqqfu mekkaniżmi biex jivvalutaw l-effiċjenza u l-effikaċja tal-infiq pubbliku li jippermettu l-allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi. F'dan ir-rigward, il-Gvern ħabbar pjanijiet biex isaħħaħ il-proċess tal-baġit, b'mod partikolari rigward il-qafas baġitarju fuq terminu ta' żmien medju u li jinkorpora r-rieżami tal-infiq fil-proċess baġitarju. Il-Polonja hija l-uniku Stat Membru mingħajr kunsill fiskali indipendenti żviluppat u mingħajr pjanijiet li toħloq wieħed, anki jekk għandha istituzzjonijiet fiskali indipendenti li jkopru xi wħud mill-funzjonijiet tagħha.

(10) It-tnaqqis fil-Polonja tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol huwa mistenni li jillimita l-potenzjal tat-tkabbir fl-għexieren ta' snin li ġejjin. Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol Pollakk kienet b'saħħitha f'dawn l-aħħar snin. Ir-rati tal-impjiegi komplew jiżdiedu, iżda diversi miżuri reċenti ta' politika jistgħu jnaqqsu l-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari dik tan-nisa, tal-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien. It-tnaqqis fl-età statutorja tal-irtirar lejn tmiem l-2017 huwa mistenni li jinkoraġġixxi xi ħaddiema li huma mdaħħlin fiż-żmien biex joħorġu mid-dinja tax-xogħol. Is-sistema ta' protezzjoni soċjali Pollakka tipprovdi biss inċentivi limitati biex persuna tibda taħdem. Il-benefiċċju l-ġdid tat-tfal huwa mistenni li jnaqqas il-faqar u l-inugwaljanza, iżda jista' jkollu wkoll

[1] L-infiq nett tal-gvern hu magħmula mill-infiq kollu tal-gvern minbarra l-infiq fuq l-imgħax, l-infiq fuq il-programmi tal-Unjoni korrispost mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u l-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq għall-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss, iffinanzjata nazzjonalment, hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

effett negattiv fuq il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol, li l-biċċa l-kbira minnhom huma nisa. L-ammont tal-benefiċċji tat-tfal u t-test tal-mezzi limitat jinnewtralizzaw l-inċentivi tax-xogħol inkorporati f'benefiċċji soċjali oħra. L-obbligu li tfal ta' ħames snin jattendu l-iskola preprimarja tneħħa f'Settembru 2016 u r-reġistrazzjoni formali f'servizz għall-indukrar tat-tfal għal tfal taħt l-età ta' tliet snin għadha fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Minkejja l-miżuri li ttieħdu, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol għadha għolja, b'effetti negattivi fuq il-produttività u l-akkumulazzjoni tal-kapital uman. Għad hemm ostakli għall-użu aktar wiesa' tal-kuntratti permanenti. Il-kumitati għall-kodifikazzjoni qed iħejji l-abbozz tal-Kodiċi tax-Xogħol individwali u kollettiv il-ġdid. Din hija opportunità biex jiġu indirizzati dawn l-ostakli.

(11) L-età medja effettiva tal-irtirar żdiedet f'dawn l-aħħar snin, iżda għadha baxxa wisq. Età tal-irtirar effettiva ogħla hija kruċjali għat-tkabbir ekonomiku, biex fil-futur il-pensjonijiet jkunu adegwati kif ukoll biex is-sistema tal-pensjonijiet tkun fiskalment sostenibbli. Madankollu, id-deċiżjoni reċenti biex l-età statutorja tal-irtirar titbaxxa għal 60 sena għan-nisa u għal 65 sena għall-irġiel tmur fid-direzzjoni opposta u tista' taffettwa negattivament l-età effettiva tal-irtirar. Is-sistema tal-assigurazzjoni soċjali speċjali għall-bdiewa (KRUS), li tiswa ħafna, hija raġuni oħra għall-mobilità baxxa fis-suq tax-xogħol u għall-qgħad mistur fil-qasam agrikolu.

(12) Is-sistema edukattiva tjiebet b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar żewġ deċennji, bil-ħiliet bażiċi taż-żgħażagħ ta' 15-il sena sew 'il fuq mill-medja tal-Unjoni, u b'waħda mill-inqas rati fl-Unjoni tat-tluq bikri mill-iskola. Madankollu, għad hemm lok biex jitjieb il-mod li bih l-istudenti jingħataw il-ħiliet li jkunu adegwati għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel malajr. Il-bidliet li jmiss fl-edukazzjoni primarja u sekondarja jagħtu lok għal sfidi organizzazzjonali kbar, u jqassru l-perijodu tat-tagħlim ġenerali, li jista' jkollu effett negattiv fuq l-ugwaljanza fl-edukazzjoni. Bidliet addizzjonali biex l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ġew ukoll imħabbra, iżda l-potenzjal tagħhom biex jindirizzaw in-nuqqasijiet attwali għad irid jidher. Il-Gvern nieda konsultazzjonijiet dwar ir-riforma fl-edukazzjoni għolja biex itejjeb il-prestazzjoni tas-settur u r-rilevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol. Fil-Polonja hemm nuqqas ta' parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti u l-livell medju tal-ħiliet bażiċi tal-adulti mdaħħlin fiż-żmien huwa baxx, u dan ifixkel l-impjegabbiltà tagħhom.

(13) Id-dgħufijiet fil-ġestjoni tat-territorju jżidu l-piż amministrattiv relatat mal-ħtieġa tal-permessi għall-bini. Il-pjanijiet dwar l-użu tal-art ikopri parti limitata mit-territorju tal-Polonja, u ta' spiss huma ta' kwalità baxxa. F'żoni mingħajrhom, il-permessi tal-bini jingħataw abbażi ta' deċiżjonijiet amministrattivi ta' darba relatati mal-iżvilupp tal-art, u dawn joħolqu riskju u inċertezza għall-investituri. L-abbozz tal-Kodiċi tal-Kostruzzjoni għandu l-għan li jikkonsolida l-proċessi tal-ġestjoni tat-territorju u li jnaqqas il-piż amministrattiv għall-investituri. Ir-riforma toffri l-opportunità biex is-sitwazzjoni titjieb, skont il-verżjoni finali tal-liġi u l-implimentazzjoni tagħha.

(14) L-ambjent tan-negozju huwa ġeneralment pożittiv. Madankollu, fl-2016, l-attività tal-investiment naqset b'mod sinifikanti minħabba anqas użu tal-fondi strutturali tal-Unjoni, minħabba, fost l-oħrajn, t-transizzjoni li kien hemm bejn il-perijodi ta' programmar, u ż-żieda fl-inċertezza fost l-investituri privati. Barra minn hekk, il-fiduċja tan-negozji ntlaqtet minn żieda fl-għadd ta' tibdiliet regolatorji u konsultazzjonijiet pubbliċi limitati dwar għadd ta' liġijiet importanti. Iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fil-kwalità u l-prevedibbiltà tal-politiki regolatorji, tat-taxxa u politiki oħra u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet huma fatturi importanti li jistgħu jippermettu żieda fir-rata tal-investiment. L-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti huma wkoll essenzjali f'dan il-kuntest. L-indirizzar ta' tħassib serju fir-rigward tal-istat tad-dritt ser jgħin biex itejjeb iċ-ċertezza legali.Peress li l-Gvern għandu l-għan li jżid ir-rwol tiegħu fl-ekonomija, huwa importanti li tkun żgurata l-vijabbiltà ekonomika ta' deċiżjonijiet dwar l-investiment. F'diversi oqsma għad hemm piż regolatorju sinifikanti.

(15) In-netwerk tat-toroq żviluppa b'rata mgħaġġla bis-saħħa tal-finanzjament tal-Unjoni, iżda r-rata ta' mwiet fit-toroq għadha fost l-ogħla fl-Unjoni, u dan jirriżulta fi spejjeż soċjali għoljin. Minkejja d-disponibbiltà ta' fondi sinifikanti mill-Unjoni, is-settur ferrovjarju għadu qed jiffaċċa ostakli kbar fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Għad hemm ukoll l-isfida biex ir-riżorsi ferrovjarji jkollhom ħajja twila, ġaladarba m'hemmx programm multiannwali għall-manutenzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja.

(16) Madwar 60 % tal-kapaċità tal-Polonja tal-fjuwils fossili installata hija eqdem minn 30 sena. Din għaldaqstant tkun teħtieġ investiment sinifikanti fis-snin li ġejjin. Fl-2016, il-livell ta' interkonnessjoni tal-elettriku kien fost l-aktar baxxi tal-UE. Flimkien ma' ammont sinifikanti ta' kapaċitajiet li jridu jiġu dekummissjonati u maż-żieda fid-domanda

għall-elettriku, dan jikkontribwixxi għal prospettivi foqra biex tiġi żgurata l-ġenerazzjoni adegwata tal-enerġija. Il-kisba tal-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 rigward l-enerġija rinnovabbli hija f'riskju. Wara t-tnedija ta' terminal tal-gass naturali likwifikat, il-Polonja tejbet b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-provvista tal-gass tagħha. Żviluppat ukoll in-netwerk nazzjonali tagħha għat-trasferiment u għad-distribuzzjoni tal-gass. Madankollu, il-ħidma fuq l-interkonnetturi tal-gass li huma reġjonalment importanti ma mxietx skont l-iskeda.

(17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Polonja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza għall-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Polonja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Polonja iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza għall-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Polonja tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Fl-2018 tagħmel sforz fiskali sostanzjali biex f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Polonja. Tieħu passi biex ittejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku u tillimita l-użu tar-rati mnaqqsa tal-VAT.

2. Tieħu passi biex iżżid il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari tan-nisa, tal-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u tal-persuni mdaħħlin fiż-żmien, inkluż billi jitrawmu l-ħiliet adegwati u jitneħħew l-ostakli għal aktar impjiegi tat-tip permanenti. Tiżgura s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet billi tieħu miżuri biex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar u billi tibda tirriforma l-arranġamenti preferenzjali tal-pensjonijiet.

3. Tieħu miżuri biex tneħħi l-ostakli għall-investiment, b'mod partikulari fis-settur tat-trasport.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Portugall għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Portugall għall-2017

(2017/C 261/21)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir kienu approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Portugall bħala wieħed mill-Istati Membri li fir-rigward tiegħu kellha ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li għandu bħala munita l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Portugall jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (4), hawn taħt.

(3) Ir-rapport tal-pajjiżi tal-2017 dwar il-Portugall ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamel il-Portugall biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu li kien hemm għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamel il-Portugall rigward il-miri nazzjonali tiegħu skont Ewropa 2020. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ukoll ippublikati fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Portugall għaddej minn żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

partikolari, stokks kbar ta' obbligazzjonijiet esterni netti, dejn privat u pubbliku u proporzjon għoli ta' self improduttiv jikkostitwixxu vulnerabbiltajiet f'kuntest ta' qgħad għoli li però qed jonqos u ta' tkabbir kajman fil-produttività. It-tkabbir potenzjali għadu lura meta mqabbel mal-livell ta' qabel il-kriżi, affettwat minn ostakli u riġiditajiet persistenti fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol, flimkien ma' żbilanċi esterni. Il-bilanċ tal-kont kurrenti juri xi titjib, għalkemm jenħtieġ aktar sforzi sabiex l-obbligazzjonijiet esterni netti jsirilhom aġġustament aktar sinifikanti. Wara aġġustament sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, il-kostijiet tal-unitajiet lavorattivi bdew jiżdiedu minħabba tkabbir produttiv kajman u pagi li bdew jogħlew. Id-dejn privat qed jonqos, u d-dejn tal-gvern stabbilizza ruħu, f'kuntest fejn għad hemm bżonn ta' tnaqqis tad-dejn. L-istokk ta' self improduttiv għadu għoli u, flimkien mal-profittabbiltà baxxa u l-bafers kapitali skarsi, dawn joħolqu riskji għall-karti bilanċjali tal-banek. Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol tjiebu, madankollu l-qgħad fost iż-żgħażagħ u fit-tul għadu għoli, kif għadu għoli l-ammont tal-impjegati temporanji.

(4) Fit-28 ta' April 2017, il-Portugall ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu għall-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017. Biex jiġu kkunsidrati l-interkonnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Portugall għall-2017 jinkludi impenji kemm fuq terminu ta' żmien qasir kif ukoll medju. B'mod partikolari, jinkludi miżuri sabiex titjieb il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-ambjent tan-negozju, u sabiex jiġi indirizzat id-dejn tal-kumpaniji. Fih l-impenn dwar riformi ambizzjużi sabiex l-amministrazzjoni pubblika tiġi mmodernizzata, sabiex jitjieb il-livell tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u titjieb il-governanza fl-intrapriżi tal-istat. Huwa jkopri wkoll l-isfidi identifikati fir-rapport tal-pajjiżi tal-2017 u r-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, inkluż il-ħtieġa li tingħata ħajja ġdida lill-investiment u li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Dawn il-miżuri, jekk jiġu implimentati bis-sħiħ fl-iskeda ta' żmien indikata, jgħinu biex l-iżbilanċi makroekonomiċi tal-Portugall u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jiġu indirizzati. Abbażi tal-valutazzjoni tal-impenji tal-Portugall dwar il-politiki, il-Kummissjoni tikkonferma l-valutazzjoni preċedenti tagħha li f'dan l-istadju ma humiex ġustifikati aktar passi fil-qafas tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. L-implimentazzjoni tal-aġenda għal riforma fil-politika ser tiġi segwita mill-qrib permezz ta' monitoraġġ speċifiku.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) Wara li tħassret il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, il-Portugall bħalissa jinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u huwa soġġett għar-regola transizzjonali dwar id-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Portugall qed jippjana li jikseb defiċit nominali ta' 1,5 % tal-PDG u ta' 1,0 % tal-PDG fl-2017 u fl-2018 rispettivament, u titjib ulterjuri fil-bilanċ pożittiv ta' 0,4 % tal-PDG fl-2020. Dawn il-pjanijiet ma jinkludux l-impatt potenzjali li jżid id-defiċit bil-miżuri ta' appoġġ għall-banek. Hu ppjanat li l-objettiv baġitarju ta' terminu medju – bilanċ strutturali pożittiv ta' 0,25 % tal-PDG – jintlaħaq sal-2021. Il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017 jipprevedi li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali għall-PDG jilħaq 127,9 % fl-2017 u 124,2 % fl-2018, li mbagħad ikun ta' 117,6 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma msejsa dawk il-previżjonijiet baġitarji huwa plawżibbli għall-2017, iżda favorevoli għas-snin ta' wara. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa sabiex jiġu sostnuti l-miri ppjanati b'rabta mad-defiċit mill-2017 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed.

(7) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lill-Portugall biex fl-2017 jikseb aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG fl-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, hemm ir-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak l-aġġustament irrakkomandat fl-2017.

---

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(8) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali u b'mod partikolari tal-livell ta' dejn tiegħu, il-Portugall huwa mistenni li jkompli jaġġusta biex jasal għall-objettiv baġitarju tiegħu ta' terminu medju ta' bilanċ strutturali pożittiv ta' 0,25 % tal-PDG. Skont il-matriċi ta' aġġustament maqbula komunement skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament isarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ([1]) li ma taqbiżx 0,1 % fl-2018. Din tikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG. Bil-politiki mhux mibdulin, hemm ir-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit fl-2018. Il-Portugall prima facie mhux previst li jikkonforma mar-regola ta' dejn transizzjonali fl-2017 u fl-2018. Kollox ma' kollox il-Kunsill huwa tal-opinjoni li mill-2017 'il quddiem ser ikunu meħtieġa aktar miżuri sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u tal-eżiti tqis il-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Semestru Ewropew 2017 li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju għall-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tal-eżiti baġitarji għall-2018 jenħtieġ li jieħdu inkonsiderazzjoni l-għan li tinkiseb pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li għadu għaddej kif ukoll biex jiġi żgurat li l-finanzi pubbliċi tal-Portugall ikunu sostenibbli. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni bħsiebha twettaq valutazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni ċiklika tal-Portugall.

(9) Konsolidazzjoni baġitarja soda tiddependi fuq l-implimentazzjoni f'waqtha u stretta tal-liġi l-ġdida għall-qafas tal-baġit, li tirrevedi u tirrazzjonalizza l-infiq pubbliku u li tkompli ttejjeb il-ġbir tad-dħul. Il-Portugall beda eżerċizzju ta' analiżi tal-infiq, prinċipalment ibbażat fuq il-miżuri ta' effiċjenza li jinvolvu l-ministeri tas-saħħa u tal-edukazzjoni, l-intrapriżi tal-Istat u l-akkwist pubbliku (ċentralizzat) kif ukoll il-ġestjoni tal-proprjetà immobbli. Madankollu, din l-analiżi tal-infiq għad ma għandhiex ambitu komprensiv peress li tkopri biss il-gvern ċentrali u tiffoka fuq il-kisbiet marbutin mal-effiċjenza li jirriżultaw mis-simplifikazzjoni tas-servizzi. Fis-settur tas-saħħa, il-Gvern adotta miżuri li għandhom l-għan li jippromwovu l-prevenzjoni tal-mard u l-politiki dwar is-saħħa pubblika. Barra minn hekk, ittieħdu diversi passi sabiex is-settur tal-kura tas-saħħa jkun aktar effiċjenti u sostenibbli, pereżempju permezz tal-akkwist ċentralizzat jew billi jintużaw aktar il-mediċini ġeneriċi. Fl-istess ħin, filwaqt li tkompli r-riforma tal-isptarijiet, jifdal il-kwistjoni importanti tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit fl-isptarijiet. Il-morożità fil-ħlas (l-arretrati) qed tkompli tiżdied u dan jindika dgħufijiet fil-mekkaniżmi ta' kontroll kontabilistiku u fil-prattiki maniġerjali. L-ibbaġitjar preċiż u bbilanċjat, il-kontrolli mtejba u l-infurzar effettiv tal-liġi għall-kontroll tal-impenji jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-arretrati u jitjiebu l-effiċjenza u l-kwalità f'dan is-settur. L-ispejjeż għoljin marbutin max-xjuħija u li dejjem qed jiżdiedu għadhom ipoġġu f'riskju s-sostenibbiltà fiskali. Fuq terminu ta' żmien medju, ir-riskji fiskali akbar huma mistennija li jkunu fil-biċċa l-kbira relatati mal-ispejjeż ta' finanzjament tal-pensjonijiet. Fuq terminu ta' żmien twil, ir-riskji fiskali fil-pajjiż jitqiesu li huma baxxi, l-aktar bis-saħħa tar-riformi tal-pensjonijiet u dment li ma ssir l-ebda bidla fil-politiki u li tkompli titnaqqas id-dipendenza tas-sistema tal-pensjonijiet minn fuq it-trasferimenti baġitarji. Ir-ristrutturar tal-intrapriżi tal-Istat biex isiru fiskalment sostenibbli għadu ma ġiex indirizzat b'mod sħiħ. L-intrapriżi tal-Istat taħt is-superviżjoni tal-unità ta' monitoraġġ tal-Ministeru għall-Finanzi (UTAM), fit-tieni trimestru tal-2016 kellhom pożizzjoni ta' dejn li totalment tilħaq it-EUR 32 biljun. Li jkun hemm qafas b'miri stabbiliti, sabiex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà finanzjarja tal-intrapriżi tal-Istat, jista' jgħin biex tonqos id-dipendenza tagħhom fuq it-trasferimenti baġitarji tal-Istat u jiġi ttrattat l-istokk ta' dejn kbir.

(10) Is-suq tax-xogħol Portugiż kompla jirkupra fl-2016, b'titjib kontinwu fl-indikaturi tas-suq tax-xogħol u b'mod partikolari tnaqqis fir-rata tal-qgħad. Parti sinifikanti mill-impjiegi l-ġodda maħluqin għandhom kuntratti permanenti. Madankollu, l-għadd ta' kuntratti temporanji għadu stabbli b'livelli għoljin. Segmentazzjoni għolja fis-suq tax-xogħol tolqot b'mod negattiv il-prospetti ta' karriera u tad-dħul tal-ħaddiema, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ. F'Jannar 2017, il-Portugall fassal mill-ġdid il-programm tiegħu ta' appoġġ għall-impjieg sabiex jiġi promoss l-ingaġġ b'kuntratti permanenti. Madankollu, l-impatt mistenni tiegħu sabiex titnaqqas is-segmentazzjoni jidher limitat, peress li ftit huma l-persuni li relattivament mistennija jiġu koperti minn dak il-programm. Għalkemm dawn l-aħħar riformi tas-suq tax-xogħol tejbu l-inċentivi għall-ħolqien tal-impjiegi, ċerti aspetti tal-qafas legali xorta jistgħu jiskoraġġixxu lill-kumpaniji milli jimpjegaw ħaddiema b'kuntratti permanenti. B'mod partikolari, min iħaddem qed jiffaċċa spejjeż inċerti f'każ li s-sensja li tingħata fuq livell individwali lill-ħaddiema b'kuntratt permanenti titqies li hi inġusta. Dan huwa parzjalment dovut għall-fatt li l-ħaddiem jista' jerġa' jingħata l-impjieg jekk jitqies li s-sensja kienet inġusta, u għal ineffiċjenzi fil-proċedimenti legali.

([1]) L-infiq nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata nazzjonalment hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri diskrezzjonali b'rabta mad-dħul jew iż-żidiet diskrezzjonali b'rabta mad-dħul preskritti bil-liġi huma inklużi. Il-miżuri ta' darba kemm min-naħa tad-dħul kif ukoll min-naħa tal-infiq huma esklużi.

(11) Bit-tnaqqis fil-qgħad sa mill-2014, l-għadd assolut ta' dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil qed jonqos ukoll. Madankollu, aktar minn nofs in-nies qiegħda ilhom bla xogħol għal sena jew aktar, u dan il-porzjon mhux qed jonqos bl-irkupru. Livelli għolja ta' qgħad fuq terminu ta' żmien twil u ta' qgħad fost iż-żgħażagħ iżidu r-riskju li l-persuni bla xogħol jinqatgħu mis-suq tax-xogħol u gradwalment jitilfu l-ħiliet u l-impjegabbiltà tagħhom, u b'hekk jagħmlu pressjoni negattiva fuq it-tkabbir potenzjali. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ, għalkemm għadu kbir, qed jonqos minħabba firxa ta' miżuri li ttieħdu fis-snin preċedenti, inkluż permezz ta' miżuri ta' sensibilizzazzjoni fil-kuntest tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ ([1]). Dan jista' jispjega parzjalment għaliex il-porzjon taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) huwa aktar baxx mill-medja tal-Unjoni. Il-Portugall qed jieħu wkoll azzjoni sabiex jissimplifika l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u sabiex jindirizza l-kwistjoni tal-qgħad fost iż-żgħażagħ. Din tinkludi l-introduzzjoni ta' inċentivi fil-qasam tal-impjiegi (permezz ta' sussidji tas-sigurtà soċjali) f'April 2017, li huma mmirati biex jiġu ingaġġati b'kuntratti indefiniti ż-żgħażagħ u l-persuni li jkunu ilhom qiegħda għal żmien twil. Madankollu, biex jiġi żgurat li dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil isiru attivi b'mod effettiv, huwa kruċjali li s-servizzi pubbliċi tal-impjieg jikkooperaw b'mod effettiv mas-servizzi soċjali sabiex jiġu identifikati u indirizzati aħjar il-bżonnijiet ta' dan il-grupp. Pass importanti f'din id-direzzjoni jkun li jinħolqu l-punti uniċi ta' servizz għall-impjiegi li tħabbru.

(12) Skont l-iskeda mħabbra, il-Gvern żied il-paga minima għat-tielet sena konsekuttiva fl-2017. L-aħħar żieda, li hi ogħla mill-inflazzjoni mistennija u ż-żieda fil-produttività medja, hija mistennija li ssaħħaħ dejjem aktar in-natura kontraenti tal-paga minima, peress li l-porzjon tal-impjegati koperti diġà kien jammonta għal wieħed minn kull ħamsa mit-total tal-2016. Iż-żidiet fil-paga minima jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar fost dawk li jaħdmu, li bħalissa huwa għoli, u jista' jkollu impatt pożittiv fuq id-domanda aggregata. Madankollu, dawn jistgħu jinvolvu riskji marbuta mal-impjiegi, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet. Dawn ir-riskji ma seħħewx fil-kuntest attwali ta' rkupru, iżda għadhom sfida. Il-Gvern qed isegwi mill-qrib l-impatt tal-iżviluppi fil-paga minima permezz tar-rapporti ta' kull trimestru, li huma ppubblikati u diskussi mas-sħab soċjali.

(13) Il-Portugall għamel titjib sinifikanti fir-riżultati tiegħu marbutin mal-edukazzjoni fl-iskejjel, kif muri mill-aktar riżultati reċenti tal-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA). Madankollu, il-pajjiż għadu fost il-pajjiżi tal-OECD bl-ogħla rati ta' ripetizzjoni tal-istess sena, li huwa ppruvat li jżid ir-riskju ta' tluq bikri mill-iskola u jagħmel pressjoni sinifikanti fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni. Il-livelli ġenerali ta' ħiliet tal-forza tax-xogħol għadhom fost l-aktar baxxi fl-Ewropa u jxekklu l-potenzjal ta' innovazzjoni u ta' kompetittività tal-pajjiż. Barra minn hekk, il-ħiliet diġitali għadhom jostakolaw it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Madwar 22 % tal-persuni fis-suq tax-xogħol Portugiż ma għandhomx ħiliet diġitali (l-aktar minħabba li ma jużawx l-Internet b'mod regolari), madwar id-doppju tal-medja tal-Unjoni. Il-Gvern ħa azzjoni biex jippromwovi l-edukazzjoni għall-adulti u l-ħiliet diġitali, b'mod partikolari billi stabbilixxa l-Programm "Qualifica" u inizjattiva nazzjonali għall-ħiliet diġitali (l-Inizjattiva INCoDe2030). Sabiex jiġi żgurat li jkunu effettivi, ser ikun kruċjali li jipprovdu opportunitajiet ta' kwalità għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-Gvern ħa wkoll għadd ta' miżuri sabiex jappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni għolja u s-settur tan-negozji, b'mod partikolari b'rabta mal-eżiti u l-attivitajiet ta' riċerka tagħhom. Madankollu, l-istrutturi tal-università jeħtieġ li jadattaw irwieħhom sabiex din il-kooperazzjoni timxi 'l quddiem.

(14) Għalkemm is-sitwazzjoni qed titjieb, l-ammont kbir ta' self korporattiv improduttiv, flimkien ma' livell baxx ta' profittabbiltà, skopertura għal riskji marbutin mad-dejn sovran u ta' bafers kapitali dgħajfin għadhom problematiċi għas-settur bankarju. Id-deterjorament fil-kwalità tal-assi, b'mod partikolari fis-settur korporattiv, huwa ta' piż fuq il-profittabbiltà tas-settur bankarju. Huwa wieħed mill-fatturi, flimkien ma' bafers kapitali baxxi, li jimpedixxu l-allokazzjoni produttiva tal-kreditu u tal-investiment. Għalkemm il-livell ta' self improduttiv qed jonqos, il-proporzjon tas-self improduttiv għadu għoli (19,5 % meta mqabbel ma' 19,6 % fl-aħħar tal-2015) u għadu qed jiżdied għal xi wħud mis-setturi tal-ekonomija, b'mod partikolari għal ditti attivi fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-proprjetà immobiljari. Ittieħdu xi passi sabiex jiġi indirizzat l-ammont kbir ta' self improduttiv. Madankollu, għad hemm bżonn ta' strateġija komprensiva sabiex jiġi żgurat tnaqqis sinifikanti fid-dejn indebolit, inkluż it-trawwim tal-iżvilupp ta' swieq sekondarji sabiex il-banek ikunu jistgħu ibigħu partijiet mill-portafolli f'diffikultà.

(15) Il-kundizzjonijiet ta' kreditu kienu qed jitjiebu gradwalment min-naħa tad-domanda u min-naħa tal-provvista, iżda għall-SMEs l-aċċess għall-finanzjament għadu jrid jitjieb. Il-persentaġġ tal-SMEs Portugiżi li ma rnexxilhomx jiksbu l-ammont sħiħ ta' self mitlub tela' minn 34 % għal 42 %, meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni li qed tonqos u li laħqet

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1).

it-30 % fl-2016. L-impriżi innovattivi u kompetittivi b'potenzjal qawwi ta' tkabbir jibbenefikaw minn aċċess aħjar għall-kapital. Dan inaqqas id-dipendenza tagħhom fuq il-finanzjament tad-dejn u jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament, biex b'hekk l-impriżi jiġu megħjuna jespandu u jinternazzjonalizzaw ruħhom. Id-differenza fil-kost tal-kapital bejn l-investimenti ffinanzjati bid-dejn u dawk iffinanzjati permezz ta' ekwità fl-2016 kienet il-ħames l-ogħla fl-Unjoni, u 'l fuq sew mill-medja tal-Unjoni. Għalkemm il-bidliet fir-reġim fiskali naqqsu l-inċentivi għall-finanzjament tad-dejn, għadu kmieni wisq biex wieħed jara xi impatt fuq it-tendenza pjuttost għolja li tiffavorixxi d-dejn fit-tassazzjoni korporattiva. F'Lulju 2016, l-awtoritajiet nedew il-programm *Capitalizar* li ġie maħsub prinċipalment biex jiġi mħeġġeġ l-investiment privat. Il-programm jistabbilixxi linji ta' kreditu ġodda għall-SMEs, joħloq fondi speċjalizzati li jistgħu jintużaw f'investimenti privati u jintroduċi bidliet fir-reġim tat-taxxa sabiex jiġi appoġġjat l-investiment. B'mod parallel, il-Gvern stabbilixxa programm ieħor (*Programa Semente*) sabiex jipprovdi finanzjament lil negozji ġodda u lil impriżi ż-żgħar fl-istadji bikrin tagħhom (kapital inizjali). Il-programm ser jgħinhom biex isaħħu l-finanzjament tal-ekwità billi joffri ħelsien mit-taxxa, għal mhux iktar minn tliet snin, lill-investituri individwali li jixtru ishma ġodda f'dawn il-kumpanniji. Iż-żewġ programmi huma mistennija li jtejbu l-finanzjament tal-kumpaniji fil-Portugall, dment li jiġu implimentati b'ħeffa u b'mod sħiħ.

(16) F'Jannar 2017, bħala parti mill-pakkett ta' miżuri sabiex jiġu indirizzati ostakli fis-suq tas-servizzi, il-Kummissjoni pprovdiet gwida lill-Istati Membri kollha dwar il-ħtiġijiet ta' riforma nazzjonali sabiex jiġu rregolati s-servizzi professjonali li għandhom potenzjal kbir ta' tkabbir u ta' impjiegi. Ir-rakkomandazzjonijiet tar-riforma jindirizzaw firxa wiesgħa ta' rekwiżiti abbażi ta' analiżi komparattiva li ssegwi l-prinċipji u l-ħidma mwettqa fl-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka mal-Istati Membri f'dawn l-aħħar tliet snin. Il-Portugall ipparteċipa b'mod attiv f'dan l-eżerċizzju. Il-Portugall jispjega fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali tiegħu li, ġaladarba sa mill-2011 twettqu riformi kbar u analiżi tal-professjonijiet regolati, huwa mhux jistenna tibdil kbir fis-snin li ġejjin. Il-gwida offruta mill-Kummissjoni tikkomplementa l-evalwazzjonijiet tas-Semestru Ewropew 2017 billi speċifikament tindirizza r-rekwiżiti applikabbli għal dawk il-professjonijiet. F'diversi setturi hemm ħafna ostakli regolatorji u amministrattivi fl-aċċess għall-għoti ta' servizzi. Matul il-programm ta' assistenza finanzjarja kien hemm qbil dwar xi riformi li jimmiraw il-qasam tal-kostruzzjoni u l-aktar servizzi kummerċjali restrittivi, inkluż il-professjonijiet regolati, iżda dawn jew twaqqfu jew treġġgħu lura. Id-digrieti li jirregolaw ċerti professjonijiet huma anqas ambizzjużi mil-liġi qafas f'dak li għandu x'jaqsam mal-ftuħ ta' dawk il-professjonijiet għall-kompetizzjoni. Huma jqajmu wkoll tħassib dwar l-effett dirett jew indirett li l-kompetizzjoni tiġi ristretta fis-suq tas-servizzi professjonali.

(17) Għad fadal livelli baxxi ta' effiċjenza u trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika Portugiża. Il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku għadha limitata. Minkejja l-progress, għad hemm nuqqasijiet rigward it-trasparenza u l-affidabilità tad-data u tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku. It-trasparenza fil-kuntratti ta' konċessjonijiet u fis-sħubijiet pubbliċi-privati għadha mxekkla minn awtoritajiet kontraenti li ma għandhomx l-għarfien espert meħtieġ għall-ġestjoni ta' kuntratti kumplessi. L-użu ta' għotjiet diretti għadu għoli fl-akkwist pubbliku. Reċentement ġie stabbilit li ssir reviżjoni tal-Kodiċi dwar l-Akkwist Pubbliku reċentement u l-attwazzjoni ta' din ir-reviżjoni ser tiġi ssorveljata mill-qrib mill-Kummissjoni. Il-piż amministrattiv u n-nuqqas ta' prattiki omoġeni ta' implimentazzjoni fil-pajjiż qed idewmu r-riforma tal-proċeduri. Minkejja li sar xi progress, kien hemm dewmien fis-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi lokali u ċentrali, bil-livelli differenti tal-amministrazzjoni pubblika ftit li xejn ikkoordinati. L-awtoritajiet Portugiżi approvaw programm ta' simplifikazzjoni ġdid, imsejjaħ SIMPLEX+. Dan jinkludi pakkett ta' miżuri pjuttost ambizzjużi għaċ-ċittadini u għan-negozji. Dawn il-miżuri huma promettenti u jenħtieġ li tiġi żgurata implimentazzjoni bikrija tal-pakkett SIMPLEX+ sabiex il-programm ikun jista' jibda jkollu impatt effettiv. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri inklużi fil-pakkett li huma rilevanti għan-negozji issa bdew jiġu implimentati. Il-prestazzjoni tas-sistema ġudizzjarja tal-Portugall għadha taħt il-medja tal-Unjoni. Fil-Portugall, l-indikaturi tal-effiċjenza għall-każijiet ċivili, kummerċjali u ta' tilwim relatat mat-taxxa għadhom baxxi. Dan għandu impatt negattiv fuq d-dinamika tal-kummerċ u biex jiġbed l-investiment dirett barrani. L-effiċjenza tal-qrati amministrattivi u tat-taxxa għadha sfida fir-rigward tar-rata ta' riżoluzzjoni, u l-proċedimenti għadhom jieħdu wisq fit-tul. Xorta għad iridu jgħaddu 40 xahar sabiex jiġu konklużi l-proċedimenti ta' qorti tal-insolvenza, u dan iqajjem dubju dwar l-effiċjenza tal-oqfsa SIREVE.

(18) Il-Portugall qed jagħmel progress b'aktar trasparenza u qed jiġġieled il-korruzzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, iżda ma hemmx strateġija globali. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni tidher li saret prijorità reali għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, u twaqqfu proċeduri aktar effiċjenti għall-ġestjoni tal-każijiet u tar-riżorsi. Madankollu, wieħed għad irid jara jekk dawn hux ser issarfu f'titjib fir-rati ta' kundanna finali għall-korruzzjoni ta' livell għoli u fl-applikazzjoni ta' penali li jipprovdu deterrent aktar b'saħħtu. Min-naħa tal-prevenzjoni, il-pjanijiet għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni stabbiliti f'kull istituzzjoni pubblika sa issa kienu fil-biċċa l-kbira ta' natura formali. Ma humiex adattati bis-sħiħ għal kull organizzazzjoni, u lanqas ma huma ikkumplimentati b'monitoraġġ adegwat.

(19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Portugall u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Portugall fis-snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Portugall, iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur.

(20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

(21) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà għall-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (4), hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Portugall jieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Jiżgura li l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv isservi fit-tul. Jagħmel sforz fiskali sostanzjali fl-2018 f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li jikkunsidra l-ħtieġa li jsaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Portugall. Juża l-qligħ mhux mistenni biex jaċċellera t-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali għall-PDG. Iżżid l-isforzi biex jestendi l-analiżi tal-infiq biex tkopri parti sostanzjali tal-infiq tal-gvern ġenerali f'diversi politiki. Isaħħaħ il-kontroll tal-infiq, il-kosteffettività u l-ibbaġitjar adegwat, b'mod partikolari fis-settur tas-saħħa, b'enfasi fuq it-tnaqqis tal-arretrati fl-isptarijiet, u jiżgura s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Bil-għan li jżid is-sostenibbiltà finanzjarja tal-intrapriżi tal-Istat, jistabbilixxi miri speċifiċi għas-setturi marbutin mal-effiċjenza qabel il-baġit tal-2018, itejjeb id-dħul nett kumplessiv tal-intrapriżi tal-Istat u jnaqqas il-piż fuq il-baġit tal-Istat.
2. Jippromwovi l-ingaġġ b'kuntratti indefiniti, inkluż billi jirrevedi l-qafas legali. Jiżgura li dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil isiru attivi b'mod effettiv. Flimkien mas-sħab soċjali, jiżgura li l-iżviluppi fil-paga minima ma jagħmlux ħsara lill-impjieg ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet.
3. Iżid l-isforzi sabiex inaddaf il-karti bilanċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu billi jimplimenta strateġija komprensiva li tindirizza s-self improduttiv, inkluż billi jtejjeb is-suq sekondarju għall-assi indeboliti. Itejjeb l-aċċess għall-kapital, b'mod partikolari għan-negozji ġodda u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.
4. Jimplimenta pjan direzzjonali biex ikompli jnaqqas il-piż amministrattiv u jindirizza l-ostakli regolatorji fil-qasam tal-kostruzzjoni u tas-servizzi kummerċjali sal-aħħar tal-2017. Iżid l-effiċjenza tal-proċedimenti ta' insolvenza u tat-taxxa.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Rumanija u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Rumanija

(2017/C 261/22)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew tad-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Rumanija bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport dwar il-pajjiż tal-2017 għar-Rumanija ġie ppublikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress tar-Rumanija hi u tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tar-Rumanija lejn il-miri nazzjonali Ewropa 2020 tagħha.

(3) Fil-5 ta' Mejju 2017, ir-Rumanija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tagħha. Biex jittieħed kont tal-interkonnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif hija tuża dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(5) Bejn l-2009 u l-2015, ir-Rumanija gawdiet minn tliet programmi tal-assistenza għall-bilanċ tal-pagamenti mmexxija b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Fond Monetarju Internazzjonali bl-appoġġ tal-Bank Dinji. L-iżborżi saru biss taħt l-ewwel programm fl-2009-2011, filwaqt li dawk tal-2011-13 u 2013-15 kienu prekawzjonarji. Is-sorveljanza ta' wara l-programm min-naħa tal-Kummissjoni biex tiġi mmonitorjata l-kapaċità tar-Rumanija li trodd lura s-self mogħti taħt l-ewwel programm inbdiet f'Ottubru 2015 u ser tkompli sa meta mill-inqas 70 % tas-selfa, li hija dovuta fir-rebbiegħa tal-2018, tkun intraddet lura.

(6) Bħalissa r-Rumanija tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2017 il-Gvern jippjana defiċit nominali ta' 2,9 % tal-PDG kemm fl-2017 u fl-2018, u li wara dan jitnaqqas gradwalment, għal 2,0 % tal-PDG sal-2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju, defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG, mhuwiex mistenni li jintlaħaq sal-2020, li huwa l-orizzont tal-programm. Il-bilanċ strutturali rikalkulat ([1]) huwa mistenni li jilħaq - 2,6 % sal-2020. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali mal-PDG huwa mistenni li jiżdied minn 37,6 % tal-PDG fl-2016 għal 38,3 % tal-PDG fl-2018 u mbagħad jinżel għal 37,6 % tal-PDG fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa favorevoli. L-ikbar riskju 'l isfel għall-prospetti makroekonomiċi jinbet minn impatt iktar baxx tal-miżuri fiskali u strutturali fuq il-prospetti ta' tkabbir fil-viċin u fit-terminu medju. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ppjanati tad-defiċit ma ġewx speċifikati biżżejjed. Barra minn hekk, l-abbozz ta' liġi unifikata dwar il-pagi tippreżenta riskju sinifikanti 'l isfel għall-previżjoni fiskali.

(7) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda lir-Rumanija li tillimita d-devjazzjoni mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2016 u li tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017 sakemm l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ma jiġix irrispettat bi sforz inqas. Abbażi tad-data dwar l-eżitu tal-baġit tal-2016 instab li r-Rumanija kienet f'devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Konformi mal-Artikolu 121(4) TFUE u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-Kummissjoni ħarġet twissija lir-Rumanija fit-22 ta' Mejju 2017 li fl-2016 ġiet osservata devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Fis-16 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni sussegwenti ([2]) li tikkonferma l-ħtieġa għar-Rumanija biex tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq primarju tal-gvern netta ([3]) ma teċċedix it-3,3 % fl-2017, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2017, hemm ir-riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament rakkomandat fl-2017.

(8) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tagħha, ir-Rumanija hija mistennija li tkompli taġġusta lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha ta' defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG. Skont il-matriċi ta' aġġustament maqbula b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja tal-gvern netta li ma teċċedix 4,3 %. Ikun jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. Jekk il-politiki ma jinbidlux, fl-2018 hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit. Barra minn hekk, il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni tipprevedi defiċit tal-gvern ta' 3,5 % u 3,7 % tal-PDG għall-2017 u l-2018, ogħla mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG. Kollox ma' kollox, il-Kunsill huwa tal-fehma li mill-2017 ser ikunu meħtieġa miżuri sinifikanti ulterjuri biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, fid-dawl ta' prospettiva fiskali li qed tiddeterjora bis-saħħa, konformi mar-Rakkomandazzjoni indirizzata lir-Rumanija fis-16 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju.

(9) Il-qafas fiskali Rumen huwa sod, iżda mhuwiex infurzat kollu kemm hu. Il-baġit tal-2016 żvija b'mod sostanzjali mill-objettiv fuq terminu medju ta' defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG, bi ksur tar-regola tad-defiċit fil-qafas fiskali nazzjonali. Il-baġit tal-2017 kompla jiddevja iktar mir-regoli fiskali nazzjonali. Fl-2016, bħal fi snin preċedenti, l-awtoritajiet Rumeni ma bagħtux aġġornament tal-istrateġija fiskali lill-Parlament sal-iskadenza statutorja ta' Awwissu. B'riżultat, l-istrateġija fiskali fuq terminu medju ma kinitx qiegħda tmexxi l-proċess tal-baġit annwali.

([1]) Il-bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u temporanji, rikalkulat mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

([2]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 216, 6.7.2017, p. 1).

([3]) In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax, nefqa fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezjonarju fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjat nazzjonalment huwa raddrizzat fuq perjodu ta' 4 snin. Il-miżuri diskrezzjonali b'rabta mad-dħul jew iż-żidiet diskrezzjonali b'rabta mad-dħul preskritti bil-liġi huma inklużi. Il-miżuri ta' darba kemm min-naħa tad-dħul kif ukoll min-naħa tal-infiq huma esklużi.

(10) Bis-saħħa ta' bafers kapitali komdi u profittabbiltà li qed tiżdied, is-saħħa tas-settur bankarju kompliet titjieb fl-2016. L-awtoritajiet Rumeni impenjaw ruħhom li fl-2018 iwettqu analiżi tal-kwalità tal-assi komprensiva u stress test tas-settur bankarju. Il-liġi dwar ir-rilaxx mid-dejn daħlet fis-seħħ f'Mejju 2016, iżda r-riskji għas-settur bankarju ġew mitigati fil-biċċa l-kbira minn deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali li l-qrati ser ikollhom jivvalutaw jekk minn jissellef huwiex konformi mad-dispożizzjonijiet legali dwar l-avversità. Il-liġi dwar il-konverżjoni tas-self denominata fil-frank Żvizzeru adottata mill-Parlament f'Ottubru 2016 reċentement ġiet meqjusa li mhijiex kostituzzjonali. Madankollu, inizjattivi leġislattivi rikorrenti jkomplu jfixklu l-prevedibbiltà legali, li jista' jwassal għal impatti negattivi fuq l-atteġġjament tal-investituri.

(11) L-evażjoni tat-taxxa kienet prevalenti fir-Rumanija, u din tnaqqas l-introjtu mit-taxxa u l-ġustizzja fiskali, u tgħawweġ l-ekonomija. Il-progress tar-Rumanija hi u tindirizza rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex tissaħħaħ il-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa kien limitat. Fl-2016, il-proċeduri għar-reġistrazzjoni u għar-rimborż tal-VAT kienu emendati, u bħalissa qed jiġu installati cash registers elettroniċi mqabbdin mal-awtorità tat-taxxa fil-pajjiż kollu. Mill-2017, qed tapplika skema speċjali għal setturi bħal dawk tal-lukandi, tar-ristoranti u industriji oħrajn relatati, fejn id-dovut jiġi stabbilit irrispettivament mill-faxxa tal-introjtu. Barra minn hekk, ġew adottati wkoll restrizzjonijiet dwar l-impjieg indipendenti u n-negozji tal-familja, biex jiġi skoraġġit l-evitar tat-taxxa. Fl-2016, ġie osservat titjib fil-konformità għad-dikjarazzjonijiet u l-pagamenti tat-taxxa, iżda l-ispezzjonijiet u l-awditi konġunti tat-taxxa u x-xogħol naqsu milli jiksbu riżultati mtejbin. Barra minn hekk, il-limitu tat-turnover għar-reġim fiskali fuq il-mikrointrapriżi tnaqqas sostanzjalment filwaqt li r-rata tnaqqset, u b'hekk ġiet iffaċilitata l-konformità mar-regoli tat-taxxa għad-detriment tad-dħul tal-baġit. L-approċċi settorjali u kategoriċi għat-tassazzjoni tan-negozji għandhom ir-riskju li jimponu piż amministrattiv kemm fuq in-negozji kif ukoll fuq l-awtorità tat-taxxa u ma jwasslux biex il-ġbir tat-taxxi jittejjeb.

(12) Id-distribuzzjoni tal-introjtu nett (b'kont meħud tad-daqs tal-unità domestika) hija partikolarment inugwali fir-Rumanija, u dan ixekkel il-potenzjal tagħha għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv. L-20 % l-iktar sinjuri tal-popolazzjoni għandhom dħul li huwa aktar minn tmien darbiet ogħla minn dak tal-20 % l-iktar fqar. Dan il-proporzjon huwa ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni. L-inugwaljanzi huma mmotivati fil-biċċa l-kbira tagħhom minn aċċess inugwali għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-servizzi, u s-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, id-differenza bejn l-inugwaljanza tad-dħul qabel u wara t-taxxi u t-trasferimenti soċjali hija fost l-iżgħar fl-Unjoni. L-indiċi ta' referenza soċjali fil-bażi tal-benefiċċji soċjali ewlenin ilu ma jiġi aġġornat mindu ġie introdott fl-2008. Xogħol mhux iddikjarat, inkluż pagi li jingħataw fl-idejn, għadu prevalenti, u dan għadu ta' piż fuq l-introjtu mit-taxxi, jgħawweġ l-ekonomija, u jimmina l-ġustizzja u l-effettività tas-sistema ta' taxxa u benefiċċji. Saru spezzjonijiet nazzjonali konġunti mill-Amministrazzjoni Fiskali u l-ispettorati tax-xogħol bħala parti minn proġett pilota, iżda dawn għad ma kellhomx impatt sistemiku sa issa. Ir-riżorsi mhumiex iffukati fuq is-setturi bl-ogħla riskji ta' evażjoni tat-taxxa, l-enfasi fuq il-ħlas fuq l-idejn hija limitata, u hemm prevalenza ta' miżuri ta' koerċizzjoni fuq dawk preventivi.

(13) L-eżiti tas-suq tax-xogħol tjiebu fl-2016, sena li fih ir-rata tal-qgħad niżlet għall-iktar livell baxx li kellha qabel il-kriżi. Il-forza tax-xogħol qed tkompli tiċkien, minħabba li l-popolazzjoni qed tixjieħ u fadal ħafna emigrazzjoni. Ir-rata baxxa ta' qgħad hija mtewma ma' waħda mill-ogħla rati ta' inattività fl-Unjoni. Ir-rati ta' impjieg u attività għaż-żgħażagħ, in-nisa, il-persuni b'livell ta' ħiliet baxx, nies b'diżabbiltà u r-Rom b'mod partikolari huma ferm taħt il-medja tal-Unjoni. L-għadd ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ għadu għoli ħafna.

(14) Minkejja li qed jonqos, ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali kien għoli ħafna, b'mod partikolari għal familji bit-tfal, persuni b'diżabbiltà, ir-Rom, u l-popolazzjoni rurali. Fl-2016, pakkett komprensiv kontra l-faqar ġie adottat f'bidla tal-politika lejn il-provvista ta' servizzi mtejba indirizzata lejn gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni. Dan jipprevedi proġett pilota li jwaqqaf servizzi integrati f'komunitajiet emarġinati. L-adozzjoni mill-pajjiż kollu ttejjeb b'mod sinifikanti l-provvista ta' servizzi integrati li bħalissa hija baxxa. Ġiet adottata l-liġi dwar id-dħul tal-inklużjoni minimu, li tindirizza rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż suċċessivi, u li għandha tidħol fis-seħħ fl-2018. Id-dħul tal-inklużjoni minimu jżid l-adegwatezza u l-kopertura tal-assistenza soċjali. Dan jikkombina l-appoġġ passiv ma' miżuri u spezzjonijiet attivi fis-suq tax-xogħol obbligatorji. Madankollu, il-potenzjal ta' attivazzjoni tiegħu huwa modest, minħabba li l-mira hija li jintlaħqu 25 % tal-benefiċjarji permezz ta' miżuri attivi fis-suq tax-xogħol sal-2021.

(15) Il-politiki ta' attivazzjoni ssaħħew fil-kuntest tar-riforma tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Impjiegi. Ir-riformi jinkludu iktar appoġġ imfassal apposta u servizzi integrati għal dawk li qed ifittxu x-xogħol u dawk li jħaddmu. Ix-xogħol biex jintlaħqu ż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, kif ukoll is-servizz li jingħatalhom, qed jiġu mtejbin. Madankollu, il-politiki ta' attivazzjoni offruti lill-gruppi l-aktar il-bogħod mis-suq tax-xogħol għadhom limitati,

u miżuri ta' attivazzjoni proposti riċentement ma għadhomx jiffukaw fuq dawn il-gruppi speċifiċi. L-iskala u r-rabta tagħhom mas-servizzi soċjali mhumiex biżżejjed biex itejbu l-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol għal dawn il-gruppi partikolari.

(16) L-adegwatezza tal-pensjonijiet u l-faqar f'età anzjana għandhom dimensjoni tal-ġeneri sinifikanti, minħabba li, b'kull ħaġa oħra tkun indaqs, l-etajiet tal-irtirar iżgħar għan-nisa jirriżultaw f'intitolamenti tal-pensjoni iktar baxxi. Ir-Rumanija hija fost il-ftit Stati Membri li ma jipprevedux il-konverġenza tal-etajiet tal-irtirar tan-nisa mal-irġiel. Il-liġi dwar l-ugwalizzazzjoni tal-etajiet tal-pensjoni għan-nisa u l-irġiel ġiet ippreżentata lill-Parlament fl-2013. Sa issa ġiet adottata biss mis-Senat.

(17) Minħabba l-iżviluppi fil-produttività, il-konverġenza tad-dħul u l-pożizzjoni ta' kompetittività tar-Rumanija, iż-żidiet fil-pagi fis-settur pubbliku u s-settur privat jisthoqqilhom attenzjoni speċjali. Iż-żidiet fil-pagi tas-settur pubbliku għandhom il-potenzjal li jaffettwaw lis-settur privat, u b'hekk iħallu impatt fuq il-kompetittività tar-Rumanija. Il-livell tal-paga minima tar-Rumanija, għalkemm huwa fost l-inqas fl-Unjoni, żdied b'mod sinifikanti fl-aħħar snin. Żidiet ad hoc fil-paga minima tellgħu s-sehem ta' ħaddiema li jaqilgħu l-paga minima b'mod sinifikanti u wasslu għal kompressjoni qawwija fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-pagi dan l-aħħar. Kmieni fl-2016, biex tiġi indirizzata rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, twaqqaf grupp ta' ħidma tripartitiku biex jistabbilixxi mekkaniżmu għall-iffissar tal-paga minima bbażata fuq kriterji ekonomiċi, tas-suq tax-xogħol u soċjali oġġettivi, iżda xogħlu kellu dewmien sinifikanti u hemm bżonn li jerġa' jaqbad. Id-djalogu soċjali għadu kkaratterizzat minn negozjar kollettiv baxx fil-livell settorjali u minn dgħufijiet istituzzjonali li jillimitaw l-effettività tar-riforma.

(18) Biex in-nies isibu u jżommu impjiegi tajbin u stabbli u jieħdu sehem fil-ħajja ekonomika u soċjali b'suċċess, jinħtieġu ħiliet bażiċi suffiċjenti. Stħarriġiet internazzjonali jindikaw nuqqasijiet gravi fil-ħiliet bażiċi fost l-adolexxenti Rumeni. Ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola għoljin, livell baxx ta' min jispiċċa l-edukazzjoni għolja, u livell għoli ta' emigrazzjoni jfissru li m'hemmx biżżejjed ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati biex ilaħħqu mad-domanda. L-aċċess għall-edukazzjoni prinċipali ta' kwalità huwa limitat fiż-żoni rurali, u b'mod partikolari għat-tfal Rom. Id-diffikultà biex jiġu attirati għalliema tajbin lejn żoni rurali u skejjel bi predominanza ta' Rom, flimkien mas-segregazzjoni u attitudnijiet li spiss ikunu diskriminatorji, iwasslu biex it-tfal Rom ikollhom riżultati edukattivi iktar baxxi. B'risposta għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ripetuti, ir-Rumanija adottat u bdiet timplimenta strateġija dwar it-tluq bikri mill-iskola. Fost il-miżuri reċenti nsibu interventi integrati, programm pilota ta' ikliet sħan, rimborż imtejjeb tal-ispejjeż tal-vjaġġ lejn l-iskola, u kupuni soċjali biex jinkoraġġixxu l-edukazzjoni preprimarja tat-tfal fqar. Għall-ħarifa tal-2017 hemm ippjanati miżuri bbażati fuq proġetti b'finanzjament mill-Unjoni biex itejbu l-kwalità tat-tagħlim fi skejjel żvantaġġati, u bħalissa għaddejja l-modernizzazzjoni tal-kurrikuli, minkejja li hija inkompleta. Il-leġislazzjoni kontra s-segregazzjoni ttejbet, inkluż it-tisħiħ tal-mandat tal-ispettorati tal-iskejjel f'dan il-qasam. Madankollu, għad m'hemmx metodoloġija ta' monitoraġġ. Jinħtieġ li jittieħdu iktar passi biex ikun hemm progress sostnut fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi fl-edukazzjoni. L-Iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ laħqet lill-istudent li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien b'mod parzjali biss sa issa, u ma hemmx programmi tat-tieni ċans disponibbli faċilment. Is-sistema ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali mhijiex allinjata biżżejjed mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u l-parteċipazzjoni fit-tagħlim tal-adulti hija baxxa ħafna.

(19) Il-popolazzjoni tar-Rumanija hija esposta għal riżultati ħżiena fil-qasam tas-saħħa. Il-kura tas-saħħa ta' kwalità aċċessibbli hija mxekkla minn nuqqas ta' professjonisti fil-kura medika, finanzjament insuffiċjenti, dipendenza żejda fuq l-isptarijiet, u l-korruzzjoni, li jaffettwaw partikolarment lil dawk li għandhom dħul baxx u li jgħixu fiż-żoni rurali. Barra mill-ħlas informali lill-professjonisti mediċi, il-korruzzjoni tirrigwarda wkoll l-akkwist pubbliku fl-isptarijiet, il-frodi tal-assigurazzjoni, u t-tixħim għal ċertifikati li jintitolaw lin-nies għall-benefiċċji. Hi u tindirizza rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż u fil-kuntest tal-kundizzjonalità ex-ante għall-perjodu ta' finanzjament mill-Unjoni 2014-2020, ir-Rumanija ħadet xi azzjoni politika biex issir transizzjoni mill-kura fl-isptarijiet għall-kura għal pazjenti ta' barra. Il-pjanijiet tal-kura tas-saħħa reġjonali ġew żviluppati biex jidentifikaw il-ħtiġijiet għall-infrastruttura u s-servizzi, u l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali tas-saħħa qed tiġi mmonitorjata. Konformi mal-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni tal-2016-2020, ġiet adottata leġislazzjoni li ġġedded is-sistema ta' rispons dwar ħlasijiet informali, u s-salarji tal-professjonisti fil-kura medika ttejbu. L-istrateġija ta' kontra l-korruzzjoni tinkludi miżuri komprensivi fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inkluż it-trawwim tal-obbligu ta' rendikont u r-reklutaġġ trasparenti tal-maniġers tal-isptarijiet. Madankollu, it-tisħiħ tal-kura fil-komunità, il-kura ambulatorja u s-sistemi ta' riferiment għadu fi stadju inizjali, il-ħlas informali għadu prevalenti, it-trasparenza fil-ġestjoni tal-isptarijiet għad trid tiġi żgurata, u l-istrateġija nazzjonali dwar il-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa għadha ma ġietx adottata.

(20) Il-kapaċità amministrattiva u ta' tfassil ta' politika tar-Rumanija qed issofri minn proċessi u teħid ta' deċiżjonijiet opaki, proċeduri amministrattivi tqal, disponibbiltà baxxa ta' evidenza ta' kwalità, koordinazzjoni dgħajfa tul il-politiki settorjali, u korruzzjoni mifruxa. Il-progress fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kien limitat. L-istrutturi organizzazzjonali għadhom instabbli, u din l-instabbiltà taffettwa l-indipendenza u l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika. Fl-2016 ġew varati strateġiji tas-servizz ċivili, iżda l-qafas leġislattiv għadu ma jinkorporax xi wħud mill-objettivi ewlenin tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' kriterji oġġettivi għar-reklutaġġ tal-persunal, il-valutazzjoni u l-ippremjar tal-prestazzjoni. Huwa propost li l-livelli tal-pagi jiġu armonizzati sa xi punt, iżda ma hemmx rabta ċara bejn il-prestazzjoni u r-remunerazzjoni fil-livelli ċentrali u lokali. Il-kapaċità u l-awtorità tal-Aġenzija Nazzjonali tas-Servizz Ċivili għad iridu jissaħħu. Xi wħud mill-miżuri ta' trasparenza fit-tfassil ta' politika, li nbdew fl-2016, qegħdin fit-triq li jitreġġgħu lura. L-ippjanar strateġiku u l-valutazzjoni tal-impatt regolatorju mhumiex stabbiliti sew fil-prattika amministrattiva.

(21) L-infrastruttura tat-trasport, fejn hemm insuffiċjenza ta' kwalità u kwantità, hija waħda mill-ikbar ostakli għall-iżvilupp ekonomiku fir-Rumanija. Biex tikkonfronta n-nuqqasijiet assoċjati, b'risposta għal rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, ir-Rumanija adottat il-pjan direttur dwar it-trasport fil-ħarifa tal-2016. Biex jitħaffef l-investiment fl-infrastruttura tat-toroq, il-ġestjoni tal-investimenti fl-infrastruttura ġiet separata mill-awtorità inkarigata mill-amministrazzjoni tal-infrastruttura. Fl-2016 ġie stabbilit korp biex jagħmel riforma tas-sistema ferrovjarja, li għandu jkun operattiv sa nofs l-2017.

(22) Ir-Rumanija kellha wieħed mill-ogħla proporzjonijiet ta' investiment fl-Unjoni fl-aħħar żmien. Madankollu fl-2016 l-investiment pubbliku beda jonqos, parzjalment dovut għal implimentazzjoni baxxa tal-fondi tal-Unjoni. L-assorbiment għoli u l-użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni huma kritiċi biex ir-Rumanija tkun tista' tisfrutta l-potenzjal ta' żvilupp tagħha f'setturi ewlenin bħat-trasport jew l-iskart b'mod partikolari. Il-kwalità tal-investiment pubbliku ġiet affettwata minn, fost raġunijiet oħrajn, nuqqasijiet fil-ġestjoni u bdil fil-prijoritajiet. B'risposta għal rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, ftit sar progress fit-tisħiħ tal-prijoritizzazzjoni tal-proġetti u l-preparazzjoni fl-investiment pubbliku. Minn Awwissu 2016 'l hawn, il-ministeri ġew meħtieġa jikkunsidraw il-prijoritajiet tal-investiment fil-pjanijiet tal-infiq tagħhom, iżda ma ttieħdu l-ebda passi oħrajn biex isaħħu r-rwol tal-Ministeru għall-Finanzi fil-prijoritizzazzjoni tal-investimenti u biex it-tħejjija tal-proġetti ta' investiment pubbliku tiġi kkoordinata aħjar bejn il-ministeri. L-adozzjoni tal-pjan nazzjonali tal-immaniġġjar tal-iskart u l-prevenzjoni tal-iskart, li kienet mistennija sa tmiem l-2016, għadha pendenti. Il-pjanijiet huma meħtieġa wkoll biex itejbu l-governanza u l-infurzar regolatorju biex il-fondi nazzjonali u tal-Unjoni jiġu indirizzati biex jinkisbu standards ambjentali fil-livell tal-Unjoni.

(23) L-akkwist pubbliku effiċjenti huwa essenzjali biex jinkisbu objettivi strateġiċi u jiġu indirizzati sfidi ta' politika ewlenin għar-Rumanija, inkluż l-infiq pubbliku effiċjenti, il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u t-trawwim tal-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Huwa strumentali wkoll għall-fiduċja taċ-ċittadini fl-awtoritajiet pubbliċi u d-demokrazija. Dan l-aħħar, ir-Rumanija ħadet passi biex timplimenta l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar l-akkwist pubbliku. Bħala segwitu tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku li ilha fis-seħħ minn Mejju 2016, f'Ġunju 2016 ġiet adottata leġislazzjoni ta' implimentazzjoni dwar l-akkwist pubbliku u l-akkwist fis-settur tal-utilitajiet, il-leġislazzjoni sekondarja dwar kuntratti ta konċessjoni ġiet adottata sa tmiem l-2016, u l-aġenda nazzjonali għall-akkwist pubbliku tipprevedi l-prevenzjoni u l-kontroll tal-korruzzjoni. Madankollu, bosta miżuri ewlenin fl-istrateġija għadhom pendenti, bħall-kontrolli rinforzati u miżuri oħrajn kontra l-korruzzjoni, l-implimentazzjoni sħiħa tal-akkwist elettroniku, u t-taħriġ tal-uffiċjali tal-akkwist pubbliku.

(24) 'Il fuq minn 45 % tal-popolazzjoni Rumena tgħix f'żoni rurali, li għadhom lura ferm miż-żoni urbani f'dak li jirrigwarda l-impjiegi u l-edukazzjoni, l-aċċess għas-servizzi u l-infrastruttura, u l-benesseri materjali. B'risposta għal rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex jittejjeb l-aċċess għas-servizzi pubbliċi integrati, tiġi estiża l-infrastruttura bażika u titrawwem id-diversifikazzjoni f'żoni rurali b'mod partikolari, fl-2016 ir-Rumanija adottat sett komprensiv ta' miżuri dwar l-iżvilupp rurali, l-immodernizzar tal-irziezet żgħar, l-appoġġ ta' SMEs li mhumiex agrikoli, l-investiment fl-infrastruttura, inklużi s-servizzi soċjali u l-edukazzjoni, u l-formalizzazzjoni tal-impjieg. Is-suċċess tagħhom fuq terminu itwal jiddependi fuq il-kapaċità li dawn l-azzjonijiet piloti jinfirxu fuq skala ikbar, u fuq l-immirar u l-assorbiment effettiv tal-finanzjament mill-Unjoni disponibbli.

(25) L-intrapriżi tal-istat għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija, b'mod partikolari f'setturi ewlenin tal-infrastruttura. Id-dgħufijiet fil-governanza tal-intrapriżi tal-istat jissarrfu fi profittabbiltà baxxa meta mqabblin mal-pari tagħhom fil-privat, b'impatt negattiv fuq il-finanzi pubbliċi. Hi u tindirizza rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, ir-Rumanija għamlet progress sostanzjali biex ittejjeb il-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-istat. Id-digrieti li jappoġġjaw il-

leġislazzjoni ewlenija dwar il-governanza korporattiva tal-intrapriżi tal-istat ġew adottati minnufih fil-ħarifa tal-2016. Il-qafas leġislattiv isegwi l-prattika tajba internazzjonali dwar it-trasparenza fil-ħatra tal-membri tal-bordijiet u l-maniġment tal-intrapriżi tal-istat, u jagħti setgħat speċifiċi ta' monitoraġġ u infurzar lill-Ministru għall-Finanzi. Saru wkoll miżuri biex titqajjem kuxjenza tar-regoli l-ġodda fost l-awtoritajiet lokali, u informazzjoni baġitarja dwar l-intrapriżi tal-istat saret disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, dewmien fil-ħatra ta' maniġers professjonali jqajjem tħassib fir-rigward tal-implimentazzjoni ulterjuri.

(26) Il-kompetittività tar-Rumanija qiegħda tbati minn dgħufijiet f'kompetittività mhux marbuta mal-kostijiet u l-ostakli strutturali għat-transizzjoni lejn ekonomija b'valur miżjud ogħla; f'dawn tal-aħħar insibu l-proċeduri amministrattivi kumplessi. Hi u tindirizza rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż fl-2016, ir-Rumanija adottat bosta atti leġislattivi biex tissimplifika l-proċeduri amministrattivi u tiffaċilita r-relazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-amministrazzjoni pubblika, għalkemm dawn huma limitati għal għadd żgħir ta' proċeduri.

(27) Il-korruzzjoni għadha tippersisti fil-livelli kollha u għadha ostaklu għan-negozju. Ir-Rumanija għamlet progress sostanzjali dwar ħafna mir-riforma tas-sistema ġudizzjarja u biex tindirizza l-korruzzjoni fil-livelli għolja. Madankollu, fadal passi deċiżivi x'jittieħdu biex jiġi indirizzat it-tħassib f'dawn l-oqsma, sabiex ir-riformi jkunu sostenibbli u ma jkunux jistgħu jitreġġgħu lura. Sar xi progress biex jiġu żviluppati miżuri ulterjuri biex tiġi prevenuta u miġġielda l-korruzzjoni, partikolarment fil-gvernijiet lokali, iżda fadal sfidi sinifikanti fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni li ġiet adottata fl-2016. Huma meħtieġa sforzi fir-rigward tar-rispett tal-indipendenza ġudizzjarja fil-ħajja pubblika Rumena, l-iffinalizzar tar-riforma tal-kodiċijiet kriminali u ċivili u l-iżgurar tal-effiċjenza tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qrati. Taħt il-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika, ir-Rumanija tirċievi rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dawn l-oqsma, għaldaqstant, mhumiex koperti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għar-Rumanija.

(28) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Rumanija u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Rumanija fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Rumanija imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(29) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Fl-2017, tiżgura konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Fl-2018, tagħmel sforz fiskali sostanzjali b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Tiżgura l-applikazzjoni sħiħa tal-qafas fiskali. Issaħħaħ il-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa. Tiġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat, inkluż billi tiżgura l-użu sistematiku ta' kontrolli integrati.

2. Issaħħaħ politiki ta' attivazzjoni mmirati u servizzi pubbliċi integrati, b'enfasi fuq dawk li huma l-iktar bogħod mis-suq tax-xogħol. Tadotta leġislazzjoni li tugwalizza l-età tal-pensjoni għan-nisa u l-irġiel. Tistabbilixxi mekkaniżmu trasparenti għall-iffissar tal-paga minima, b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali. L-aċċess imtejjeb għall-edukazzjoni prinċipali ta' kwalità, b'mod partikolari għar-Rom u t-tfal f'żoni rurali. Fil-kura tas-saħħa, tagħmel transizzjoni għall-kura għal pazjenti ta' barra u tnaqqas il-ħlas informali.

[1] Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Tadotta leġislazzjoni biex tiżgura ċivil professjonali u indipendenti li japplika kriterji oġġettivi. Issaħħaħ il-prijoritizzazzjoni tal-proġetti u t-tħejjija tal-investiment pubbliku. Tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa, sostenibbli u fil-ħin tal-istrateġija nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovenja għall-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovenja għall-2017

(2017/C 261/23)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lis-Slovenja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li għandu bħala munita l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li s-Slovenja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (3) hawn taħt.

(3) Ir-rapport dwar il-pajjiż tal-2017 għas-Slovenja ġie ppublikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet is-Slovenja hi u tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tas-Slovenja lejn il-miri nazzjonali tagħha b'rabta ma' Ewropa 2020. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, ir-riżultati ta' liem ġew ukoll ippubblikati fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li s-Slovenja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, id-dgħufijiet fis-settur bankarju, id-dejn korporattiv, u r-riskji fiskali jikkostitwixxu vulnerabbiltajiet. Iż-żbilanċi tal-istokkijiet qegħdin jidrizzaw irwieħhom fid-dawl li reġa' beda t-tkabbir. Is-settur korporattiv naqqas id-dejn b'mod sostanzjali, u l-

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

investiment privat, inkluż fil-forma ta' investiment dirett barrani, issokta, minkejja li l-istokkijiet minn investiment dirett barrani dieħel fil-pajjiż għadhom baxxi mal-pari reġjonali tagħhom. Id-dejn pubbliku laħaq l-ogħla livell tiegħu fl-2015, u huwa mistenni li jkun hemm aġġustament 'l isfel fis-snin li ġejjin. Il-progress fil-front tar-ristrutturar tas-settur bankarju kkoinċida ma' sehem ta' self improduttiv nieżel rapidament, li huwa mistenni li jkompli jinżel. Il-Gvern ħa miżuri rilevanti biex jikkonsolida u jirristruttura s-settur bankarju, u biex itejjeb il-governanza tal-intrapriżi tal-istat. Madankollu, għad hemm bżonn iktar azzjoni politika biex jiġi indirizzat id-dejn korporattiv u d-dgħufijiet li għad fadal fis-settur finanzjarju, biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, u biex jitjieb l-ambjent tan-negozju.

(4) Is-Slovenja ppreżentat il-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2017 fit-28 ta' April 2017 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2017 fit-3 ta' Mejju 2017. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(6) Is-Slovenja bħalissa qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn transizzjonali. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Gvern jistenna li d-defiċit nominali jitjieb għal 0,8 % tal-PDG fl-2017, u mbagħad jilħaq bilanċ pożittiv ta' 0,4 % tal-PDG fl-2020. L-objettiv baġitarju ta' terminu medju – baġit ibbilanċjat f'termini strutturali, li ma jirrispettax ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir – huwa ppjanat li jintlaħaq sal-2020. Madankollu, abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat ([2]), l-objettiv baġitarju ta' terminu medju ma jintlaħaqx sal-orizzont tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali mal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 77,0 % tal-PDG fl-2017 u jkompli jonqos għal 67,5 % tal-PDG fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-previżjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri ippjanati tad-defiċit mill-2017 'il quddiem għadhom ma ġewx speċifikati biżżejjed.

(7) Il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017 jindika li l-impatt fuq il-baġit tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati huwa sinifikanti fl-2016 u l-2017 u jipprovdi evidenza adegwata tal-ambitu u n-natura ta' dawn il-kostijiet baġitarji addizzjonali. Skont il-Kummissjoni, l-infiq addizzjonali eliġibbli għall-influss eċċezzjonali ta' refuġjati fl-2016 ammonta għal 0,07 % tal-PDG. Dan l-ammont baqa' l-istess meta mqabbel mal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2017 li kkonferma l-previżjonijiet tal-Programm ta' Stabbiltà għall-2016. Għall-2017, il-Programm ta' Stabbiltà inkluda talba għal 0,07 % tal-PDG, li minnhom il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-impatt inkrimentali li jammonta għal 0,01 % tal-PDG. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru dan l-infiq addizzjonali, fis-sens li l-influss tar-refuġjati u l-miżuri marbuta mas-sigurtà huma relatati ma' avvenimenti insoliti, l-impatt tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi tas-Slovenja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi jingħata lok għal devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju għall-2016 tnaqqas biex jitqiesu li dawk l-ispejjeż baġitarji addizzjonali. Rigward l-2017, fir-rebbiegħa tal-2018 ser issir valutazzjoni finali, inkluż tal-ammonti eliġibbli, abbażi tad-data osservata kif previst mill-awtoritajiet Sloveni.

([1]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([2]) Il-bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u temporanji, rikalkulat mill-Kummissjoni permezz tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

(8) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda li s-Slovenja tikseb aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2017. Abbażi tal-previżjoni tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2017, fl-2017 hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-rekwiżit.

(9) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tagħha u b'mod partikolari tal-livell tad-dejn tagħha, is-Slovenja hija mistennija li tkompli taġġusta lejn objettiv baġitarju ta' terminu medju xieraq. Skont il-matriċi ta' aġġustament maqbula b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq primarju tal-gvern nett ([1]) li ma teċċedix 0,6 %. Dan jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 1 % tal-PDG. Jekk il-politiki ma jinbidlux, fl-2018 hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit. Is-Slovenja hija prevista li tkun konformi mar-regola tad-dejn fl-2017 u l-2018. Kollox ma' kollox, il-Kunsill huwa tal-fehma li jeħtieġ li s-Slovenja tkun lesta li tieħu aktar miżuri fl-2017 u li se jkunu meħtieġa miżuri ulterjuri fl-2018 biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-pjanijiet u l-eżiti tal-baġit tieħu kont tal-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif tfakkar fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Semestru Ewropew 2017 li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tal-eżiti baġitarji għall-2018 ser ikollhom bżonn iqisu kif dovut l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li għaddej bħalissa kif ukoll għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi Sloveni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha twettaq valutazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni ċiklika tas-Slovenja. Barra minn hekk, hemm inċertezza sinifikanti rigward il-pożizzjoni ċiklika fil-każ speċifiku tas-Slovenja minħabba r-reċessjoni ekonomika partikolarment kbira li seħħet bejn l-2008 u l-2013 u r-riformi kbar strutturali u tas-settur finanzjarju li qegħdin jiġu implimentati.

(10) L-Att dwar ir-Regoli Fiskali adottat f'Lulju 2015 introduċa qafas baġitarju ta' terminu medju għall-gvern ġenerali. Sabiex dan jibda jaħdem, hemm bżonn li jsiru ċerti emendi fl-Att dwar il-Finanzi Pubbliċi. Għall-bidu, il-Gvern impenja ruħu li l-Att dwar il-Finanzi Pubbliċi rivedut jiġi adottat fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tal-Att dwar ir-Regoli Fiskali. Madankollu, din id-data ta' skadenza ġiet posposta kemm-il darba u l-att rivedut għadu ma ġiex ippreżentat lill-Parlament għad-deliberazzjoni. L-Att dwar il-Finanzi Pubbliċi jikkostitwixxi wieħed mill-mezzi legali li jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE ([2]) fil-liġi nazzjonali, li l-Istati Membri kienu obbligati jtemmu sa tmiem l-2013. Il-membri tal-Kunsill Fiskali nħatru fil-21 ta' Marzu 2017.

(11) Id-dejn pubbliku għoli ta' 79,7 % tal-PDG fl-2016 jirrappreżenta sors ta' vulnerabbiltà għall-finanzi pubbliċi fis-Slovenja. Il-popolazzjoni tal-pajjiż qed tixjieħ b'rata aktar mgħaġġla minn dik tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Is-Slovenja tiffaċċa riskji għolja rigward is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u l-indikatur tad-distakk tas-sostenibbiltà fit-tul huwa l-ogħla fost l-Istati Membri kollha, u jirriżulta miż-żieda prevista fl-infiq pubbliku relatat mal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-infiq marbut mal-kura fit-tul.

(12) Il-Gvern ippreżenta proposti biex jirriforma s-sistema tal-kura tas-saħħa. L-abbozz tal-Att dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa, li huwa l-parti ċentrali tar-riforma, tqiegħed għall-konsultazzjoni pubblika fi Frar 2017 u huwa skedat li jintbagħat lill-Assemblea Nazzjonali sas-sajf tal-2017. Ir-rispett tat-twaqqit ippjanat huwa importanti, u jenħtieġ li jippermetti li l-att isir liġi fl-2017 stess. F'Diċembru 2016, ġew ippreżentati l-proposti biex jiġi emendat l-Att dwar is-Servizzi tas-Saħħa u l-Att dwar id-Drittijiet tal-Pazjenti, u ġie adottat l-Att dwar l-Ispiżeriji l-ġdid. L-isfidi li fadal jikkonċernaw il-governanza u l-prestazzjoni tal-isptarijiet, il-kura tas-saħħa primarja biex tikkontrolla d-dħul ta' pazjenti fl-isptarijiet, sistemi ta' pagament fl-isptarijiet, valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa, u sistemi tal-informazzjoni. Barra minn hekk, il-benefiċċji ta' sistema ċentralizzata ta' akkwist pubbliku tal-mediċini u s-servizzi mediċi għadhom fil-biċċa l-kbira tagħhom ma ġewx sfruttati, filwaqt li sistema ġdida tal-akkwist pubbliku tal-mediċini qed titħejja li tista' tgħin biex l-akkwist pubbliku jsir iktar trasparenti u kosteffikaċi. L-avvanz fir-riforma tal-kura fit-tul hija wkoll sfida sinifikanti. Sa issa, ma hemmx sistema integrata tal-kura fit-tul fis-Slovenja. Qiegħed jitħejja proġett pilota biex jiddetermina l-ħtiġijiet tal-kura fit-tul.

([1]) L-infiq nett tal-gvern hija magħmul mill-infiq totali tal-gvern bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax, l-infiq fuq programmi tal-Unjoni korrisposti b'mod sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezzjonarju fl-infiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjat nazzjonalment huwa raddrizzat fuq perijodu ta' 4 snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41).

(13) Il-White Paper dwar il-pensjonijiet ġiet adottata mill-Gvern f'April 2016 u fetħet konsultazzjoni pubblika dwar il-futur tas-sistema tal-pensjonijiet. Madankollu, għad hemm nuqqas ta' proposti leġislattivi konkreti. L-isfidi għall-ġejjieni huma li jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-adegwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet billi tiġi aġġustata l-età statutorja tal-pensjoni maż-żidiet fl-istennija tal-għomor u jiġi promoss l-irtirar iktar tard, li tingħata spinta lill-kopertura tal-iskemi supplimentari ta' pensjoni, li jiġu indirizzati perkorsi tal-karrieri li qed ivarjaw u li jitnaqqsu r-riskji ta' faqar fix-xjuħija.

(14) Ix-xejriet soċjali u tas-suq tax-xogħol komplew jitjiebu. Il-ħolqien tal-impjiegi żdied u l-qgħad qed jonqos. Ir-rata tan-nies f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali naqset iżda għadha ogħla mill-medja tal-Unjoni għal persuni anzjani. Is-suq tax-xogħol li qed jitjieb joffri opportunità għal impjieg għal impjegati iktar avvanzati fl-età, iżda r-rati ta' parteċipazzjoni tagħhom għadhom baxxi. F'dawn l-aħħar snin, qed issir iktar komuni li nies li jirtiraw ikunu għamlu dan mis-sistema ta' assigurazzjoni tal-qgħad. Il-qgħad fit-tul għadu ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi, u jirrappreżenta aktar minn nofs dawk qiegħda. Iktar minn 40 % ta' dawk kollha li ilhom qiegħda fit-tul għandhom iktar minn 50 sena u kważi nofshom ilhom qiegħda għal sentejn jew iktar. Tħejjiet u ġiet diskussa mal-imsieħba soċjali analiżi u magħha pjan ta' azzjoni bl-għan li tiżdied ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema avvanzati fl-età. L-implimentazzjoni f'waqtha tal-pjan ta' azzjoni tista' tgħin biex ittejjeb l-attivazzjoni ta' ħaddiema avvanzati fl-età. Ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet għadha baxxa u ferm taħt il-livell ta' qabel il-kriżi u l-medja tal-Unjoni. Il-pjan ta' implimentazzjoni tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol adottat f'Jannar 2016 ikompli bl-approċċ attwali tiegħu, filwaqt li l-infiq f'dan il-qasam għadu baxx. Ħaddiema avvanzati fl-età u bi ftit kwalifiki għadhom mhumiex irrappreżentati biżżejjed fil-miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol għadha sfida minkejja r-riforma fl-2013.

(15) Il-livell ta' self improduttiv, filwaqt li għadu għoli, qabad sew it-triq tan-niżla. Il-Bank tas-Slovenja implimenta għadd ta' miżuri li qegħdin jagħtu lill-banek inċentivi biex inaqqsu s-self improduttiv tagħhom b'mod sostenibbli. Il-pressjonijiet tat-tnaqqis tad-dejn bdew ibattu iżda l-flussi tal-kreditu lill-impriżi għadhom qed jinxtorbu. Il-progress fit-tnaqqis tad-dejn kien inkonsistenti bejn impriżi individwali. Il-konsolidament u r-ristrutturar tas-settur bankarju qegħdin jagħmlu progress bil-fużjoni ta' tliet banek fl-2016. Is-Slovenja impenjat ruħha li tbiegħ mill-inqas 50 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha fl-akbar bank tal-istat sal-31 ta' Diċembru 2017 u 25 % oħra mill-ishma nieqes sehem wieħed sal-31 ta' Diċembru 2018. Ir-reviżjonijiet tal-qafas leġislattiv komplew isaħħu l-kapaċità ta' ristrutturar korporattiv tal-Kumpanija Maniġerjali tal-Assi Bankarji. Is-self improduttiv għadu għoli fost l-SMEs. Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, ġie mħejji approċċ sistematiku biex l-SMEs joħorġu minn self improduttiv bl-għajnuna tal-Bank Dinji. Barra minn hekk, il-Gvern adotta abbozz ta' liġi biex iwaqqaf reġistru ċentrali tal-kreditu biex jippermetti li ssir ġestjoni iktar effiċjenti tar-riskji u li jitnaqqas ir-riskju ta' dejn.

(16) L-aċċess għal sorsi alternattivi ta' finanzjament għal negozju b'sodezza kreditizja huwa limitat għall-aħħar. Il-Fond Sloven għall-Intrapriżi u s-*Slovenska izvozna in razvojna banka* (il-bank SID) introduċew prinċipalment strumenti ta' dejn ġodda għall-SMEs inkluż miżuri bħal mikrokrediti. Fl-2016, il-Fond tal-Intrapriżi Sloven implimenta skema waħda ta' kapital inizjali, li minnha bbenefikaw inqas minn 50 SME. L-istrumenti ta' finanzjament alternattivi oħra, inkluż il-kapital ta' riskju u l-ekwità bl-użu tal-Fondi SIE, jistgħu jkunu sors ewlieni ta' finanzjament addizzjonali iżda s'issa għadhom ma ġew sfruttati kważi xejn.

(17) L-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-iżvilupp tal-amministrazzjoni pubblika għall-2015-2020 għaddejja bħalissa, u diġà sar xi progress. Madankollu, xi miżuri speċifiċi, bħall-adozzjoni tal-Att dwar is-Servizz Ċivili, ġew imdewma ulterjorment. Il-programm tal-Gvern biex il-piż amministrattiv jitnaqqas huwa stmat li wassal għal iffrankar ta' EUR 365 miljun bejn l-2009 u l-2015 u nkisbu kważi 60 % ta' 318-il miżura biex jitnaqqas il-piż amministrattiv. Madankollu, l-investiment privat għadu qed jiġi mfixkel minn proċeduri amministrattivi kumplessi u fit-tul, speċjalment fil-kostruzzjoni u l-ġestjoni tat-territorju. Filwaqt li l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja komplew jitjiebu, fil-kawżi kummerċjali xorta għadu jgħaddi ħafna żmien biex jiġu skedati l-ewwel seduti, u l-pretensjonijiet ma jistgħux jiġu ppreżentati b'mezzi elettroniċi. Minkejja li ġew adottati riformi ewlenin kontra l-korruzzjoni bħalma huwa l-programm ta' tolleranza żero għall-korruzzjoni, il-perċezzjoni ta' korruzzjoni għadha negattiva u jidher li qed taffettwa d-deċiżjonijiet kummerċjali. Wara l-progress inizjali li sar fil-modernizzazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-professjonijiet, ir-riformi naqqsu r-ritmu. It-tneħħija tal-ostakli restrittivi b'rabta mar-regolamentazzjoni tal-professjonijiet tista' tappoġġa l-kompetizzjoni fis-swieq ta' dawk il-professjonijiet.

(18) L-involviment statali fl-ekonomija għadu għoli minkejja l-programm ta' privatizzazzjoni li nbeda fl-2013. L-Istat huwa l-ikbar impjegatur, l-ikbar maniġer tal-assi u l-ikbar detentur tad-dejn korporattiv fis-Slovenja. Ikkombinat ma' governanza korporattiva dgħajfa, is-sjieda statali qawwija kellha implikazzjonijiet fiskali u ekonomiċi konsiderevoli. Dawn huma stmati għal EUR 13-il biljun, jew madwar terz tal-PDG fl-2014-2007, primarjament minħabba l-miżuri ta' stabilizzazzjoni tas-settur finanzjarju u profitti mitlufa ta' intrapriżi tal-istat meta mqabblin mal-ekwivalenti privati tagħhom. Il-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-istat bdiet titjieb, mirfuda minn sistema ta' governanza korporattiva

ġdida, iżda xorta fadal riskji. Sa tmiem l-2015, ir-riżultati wrew profittabilità mtejba tal-intrapriżi taħt il-ġestjoni ta' Slovenian Sovereign Holdin, minkejja li ma laħqux il-mira intermedja stabbilita fl-istrateġija ta' ġestjoni. F'Jannar 2017, il-Gvern approva pjan tal-immaniġġar tal-assi għall-2017, li jikkwantifika l-indikaturi tal-prestazzjoni għal kull intrapriża tal-istat separata u li jaġġorna l-lista tal-assi għad-divestiment. Fl-istess waqt, rieżami tal-istrateġija tal-immaniġġar tal-assi, li ġiet approvata għall-ewwel darba mill-Parlament fl-2015, għadha pendenti minħabba li l-Gvern iddiferixxa d-deċiżjoni tiegħu għat-tieni nofs tal-2017. Minkejja li nħatar president ġdid tal-bord maniġerjali fi tmiem Frar 2017, il-bord superviżorju sħiħ għadu ma ġiex stabbilit.

(19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovenja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lis-Slovenja fis-snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovenja iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2017 u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt.

(21) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà għall-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (3) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovenja tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Fl-2018 tagħmel sforz fiskali sostanzjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tas-Slovenja. Tadotta u timplimenta r-riforma proposta tas-sistema tal-kura tas-saħħa u tadotta r-riforma ppjanata tal-kura fit-tul, iżżid il-kosteffettività, l-aċċessibilità, u l-kura ta' kwalità. Tisfrutta b'mod sħiħ il-potenzjal tal-akkwist pubbliku ċentralizzat fis-settur tas-saħħa. Tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiżgura s-sostenibbiltà u l-adegwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.
2. Tintensifika l-isforzi biex iżżid l-impjegabbiltà ta' ħaddiema blivelli baxxi ta' ħiliet u dawk iktar avvanzati fl-età, partikolarment permezz tat-tagħlim tul il-ħajja u miżuri ta' attivazzjoni speċifiċi għalihom.
3. Ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' finanzjament, inkluż billi tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni ta' self improduttiv u aċċess għal sorsi alternattivi ta' finanzjament. Tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija tal-kumpanija maniġerjali tal-assi tal-bank. Tnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozju li joriġina mir-regoli dwar il-ġestjoni tat-territorju u l-permessi għall-kostruzzjoni u tiżgura l-governanza tajba tal-intrapriżi tal-istat.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

---

[1] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tas-Slovakkja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tas-Slovakkja

(2017/C 261/24)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew tad-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lis-Slovakkja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9 u l-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, is-Slovakkja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt.

(3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għas-Slovakkja ġie ppublikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan evalwa l-progress tas-Slovakkja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress tas-Slovakkja lejn il-miri nazzjonali Ewropa 2020 tagħha.

(4) Is-Slovakkja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2017 fis-26 ta' April 2017. Biex jittieħed kont tal-interkonnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif hija tuża dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Bħalissa s-Slovakkja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jippjana titjib tad-defiċit nominali għal 1,3 % tal-PDG fl-2017 u gradwalment għal 0 % tal-PDG fl-2019 u l-2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — huwa mistenni li jintlaħaq fl-2018. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2017, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jinżel gradwalment għal 46 % sal-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li fuqu huma bbażati dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli.

(7) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda li s-Slovakkja tikseb aġġustament fiskali annwali ta' 0,5 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2017. Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2017, fl-2017 hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dik ir-rakkomandazzjoni.

(8) Fl-2018, fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tagħha, is-Slovakkja hija mistennija li taġġusta ulterjorment lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha ta' defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. Skont il-matriċi ta' aġġustament miftiehma b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa primarja tal-gvern netta [2] li ma teċċedix 2,9 %. Ikun jikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. Jekk il-politiki ma jinbidlux, tul il-perjodu 2017-2018 hemm riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dan ir-rekwiżit. Kollox ma' kollox, il-Kunsill huwa tal-fehma li jeħtieġ li s-Slovakkja tkun lesta li tieħu aktar miżuri biex tiżgura l-konformità fl-2017 u li ser ikunu meħtieġa miżuri ulterjuri fl-2018 biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-valutazzjoni tal-pjanijiet u l-eżiti tal-baġit jinħtieġ li tieħu kont tal-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imfakkar fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Semestru Ewropew tal-2017 li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2018 u l-valutazzjoni sussegwenti tal-eżiti baġitarji tal-2018 ser ikollhom bżonn iqisu kif dovut l-għan li tintlaħaq pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru li għaddej u għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tas-Slovakkja. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha twettaq valutazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni ċiklika tas-Slovakkja.

(9) Il-finanzi pubbliċi tas-Slovakkja għadhom jiffaċċaw riskji fuq terminu twil. In-nefqa fuq is-saħħa għadha tippreżenta riskju għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, minħabba li ż-żieda tal-kosteffettività tal-kura tas-saħħa fis-Slovakkja għadha sfida. Ittieħdu xi passi biex il-kura fl-isptarijiet tiġi razzjonalizzata u jitbaxxew il-kostijiet, iżda għad m'hemmx riżultati viżibbli. L-analiżi tal-infiq tal-2016 identifikat iffrankar potenzjali. Madankollu, il-progress fil-prattika biex titwettaq riforma komprensiva tas-sistema tas-saħħa u tal-infiq fuq is-saħħa sa issa kienet imdewma, bi progress kajman fl-introduzzjoni tas-sistema ta' pagamenti fi gruppi relatati mad-dijanjożi u t-tnedija ta' sistemi tas-saħħa elettroniċi. Sadanittant, id-defiċit tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi huwa previst li jirdoppja fuq terminu twil, u l-età tal-irtirar hija fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Aġġustamenti reċenti fis-sistema tal-pensjonijiet kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom ad hoc u għal żmien qasir.

---

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[2] In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax, nefqa fuq programmi tal-Unjoni korrisposti b'mod sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezzjonarju fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjat nazzjonalment huwa mifrux fuq perjodu ta' 4 snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi.

(10) L-evażjoni u l-evitar tat-taxxa naqsu, u qegħdin isiru sforzi biex tiżdied il-konformità volontarja. It-titjib fil-ġbir tat-taxxi naqqas b'mod sinifikanti dik li kienet, fl-imgħoddi, diskrepanza tal-VAT kbira. Il-limitar tal-frodi tal-VAT jidher li kellu wkoll impatt pożittiv fuq il-ġbir tat-taxxa korporattiva. L-amministrazzjoni finanzjarja tagħmel enfasi fuq it-titjib tal-konformità mal-VAT, partikolarment permezz tal-awditjar. Fl-istess waqt, qegħdin jiġu esplorati attivitajiet li mhumiex tal-awditjar biex tissaħħaħ il-konformità mar-regoli tat-taxxa volontarja.

(11) Minkejja titjib fis-suq tax-xogħol li jirriżulta minn irkupru ekonomiku robust u ħolqien tax-xogħol b'saħħtu, il-qgħad fit-tul għadu problema. Ir-rata ta' qgħad fit-tul għadha waħda mill-ogħla fl-Unjoni. B'mod partikolari din taffettwa r-Rom marġinalizzati, persuni b'livelli baxxi ta' ħiliet u ż-żgħażagħ. Barra minn hekk, għadhom jippersistu differenzi reġjonali — ir-rata tal-qgħad fis-Slovakkja tal-Lvant għadha d-doppju ta' dik fi Bratislava. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor għadha baxxa. Minkejja miżuri li jinkoraġġixxu lill-ħaddiema b'paga baxxa u riforma li għaddejja tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, għad fadal problemi biex jiġi introdott appoġġ individwalizzat lil dawk qiegħda fit-tul u lil gruppi vulnerabbli minħabba, fost l-oħrajn, għadd kbir ta' każijiet. Il-pjan ta' azzjoni Slovakk dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul, iffinanzjat fil-biċċa l-kbira mill-Fond Soċjali Ewropew, għandu l-għan li jirrimedja dan permezz ta' approċċ komprensiv għas-servizzi personalizzati. Dan sa jinkiseb billi tingħata konsulenza speċjalizzata, sistema ġdida ta' pprofilar, kooperazzjoni ma' aġenziji ta' impjieg privati, u t-twettiq ta' programmi ta' taħriġ immirati apposta ddiżinjati minn impjegaturi abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol reġjonali. Il-parteċipazzjoni tar-Rom fis-suq tax-xogħol Slovakk għadha baxxa ħafna u l-progress fiż-żieda tar-rata ta' impjieg tagħhom għadu kajman. Livelli baxxi ta' edukazzjoni u ħiliet u diskriminazzjoni huma fatturi li jaffettwaw l-eżiti baxxi tagħhom fis-suq tax-xogħol. Ir-rata ta' impjieg baxxa tan-nisa fl-età riproduttiva tirrifletti l-liv tal-ġenituri twil (sa tliet snin) li rari jeħduh l-irġiel, in-nuqqas ta' faċilitajiet tal-kura tat-tfal, partikolarment għal tfal taħt it-tliet snin, u adozzjoni baxxa ta' arranġamenti ta' ħin tax-xogħol flessibbli.

(12) Is-sistema edukattiva mhijiex immirata biżżejjed biex iżżid il-potenzjal ekonomiku tas-Slovakkja. L-eżiti edukattivi u l-livell ta' ħiliet bażiċi għadhom diżappuntanti meta mqabbla ma' standards internazzjonali, u komplew jiddeterjoraw bejn l-2012 u l-2015. Barra minn hekk, għadhom jippersistu differenzi reġjonali qawwija. Il-prestazzjoni baxxa hija primarjament marbuta ma' impatt qawwi tal-isfond soċjoekonomiku u etniku tal-istudenti, ma' kwistjonijiet ta' ekwità, aċċess, u inklussività, kif ukoll mal-fatt li l-professjoni tal-għalliema relattivament mhijiex attraenti. Minkejja ż-żieda f'żewġ stadji fis-salarji għall-għalliema fl-2016 (4 % f'Jannar u 6 % f'Settembru) u iktar żidiet ippjanati għall-2017-2020, il-kondizzjonijiet tas-salarji mhux kompetittivi u t-taħriġ kontinwu limitat tal-għalliema huma fost il-fatturi li jagħmlu l-professjoni pjuttost mhux attraenti, partikolarment għal għalliema prospettivi żgħażagħ u dawk li jgħixu fir-reġjuni aktar żviluppati tal-pajjiż. Il-leġislazzjoni adottata dan l-aħħar kontra s-segregazzjoni, dwar il-komunità emarġinata tar-Rom, għad fadlilha biex tiġi implimentata kollha kemm hi biex twassal għal tibdil pożittiv u żżid il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni ordinarja inklussiva, b'enfasi speċjali fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, kif ukoll l-edukazzjoni ta' qabel l-iskola.

(13) L-amministrazzjoni pubblika Slovakka qed tiġi mmodernizzata, iżda l-korruzzjoni għadha sfida li trid tingħeleb. Il-perċezzjoni tal-korruzzjoni għadha għolja, u din isservi ta' ostaklu kbir għan-negozju. Il-mekkaniżmi ta' kontroll u l-infurzar ta' regoli kontra l-korruzzjoni għadhom jidhru inadegwati, u inizjattivi ta' politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u kumpanniji tal-isem jista' jkun li mhumiex biżżejjed biex il-problema tissolva. Barra minn hekk, il-prattiki tal-akkwist pubbliku jonqsu mill-istandard tal-aħjar prattika f'bosta oqsma. Qegħdin jiġu żviluppati miżuri ta' taħriġ biex il-persunal ikun kapaċi jmexxi sistema ta' akkwist pubbliku iktar effiċjenti. Madankollu, kunflitti ta' interess, speċifikazzjonijiet tas-sejħiet għal offerti individwalizzati u l-użu eċċessiv tal-kriterju tal-irħas prezz għadhom ta' tħassib, u jwasslu għal kompetizzjoni abbażi tal-kwalità limitata. Id-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku huma persistentement irrappurtati li jaffettwaw l-effiċjenza tal-allokazzjoni ta' riżorsi pubbliċi.

(14) L-ambjent leġislattiv li jinbidel spiss jagħmilha diffiċli u għalja għall-kumpanniji biex jimxu mal-leġislazzjoni, u l-proċessi leġislattivi u regolatorji, u l-arranġamenti ta' insolvenza spiss jitqiesu li mhumiex adattati biżżejjed għan-negozji. M'ilux twaqqaf grupp ta' ħidma interministerjali għan-negozju, immexxi mis-Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Ekonomija, li huwa mistenni li sa Ġunju 2017 jippreżenta proposti għal miżuri biex jitjieb l-ambjent tan-negozju. Fadal ostakli regolatorji kbar għas-settur tas-servizzi għan-negozju fis-Slovakkja. F'Jannar 2017, fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar rakkomandazzjonijiet ta' riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali ngħatat gwida speċifika għal kull professjoni biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, bħala parti minn pakkett ta' miżuri biex jindirizzaw l-ostakli fis-swieq tas-servizzi.

(15) It-titjib fl-effettività, inkluża l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja, għadha ta' sfida għas-Slovakkja, minkejja li qed isiru sforzi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet. Madankollu, għad fadal xi tħassib dwar l-effiċjenza u l-indipendenza tal-ġudikatura. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni pubblika għadha mkidda mill-ineffiċjenza, in-nuqqas ta' kapaċità, u l-frammentazzjoni. L-adozzjoni tal-istrateġija dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani f'Ottubru 2015 u l-adozzjoni reċenti tal-Att dwar is-Servizz Ċivili huma passi pożittivi 'l quddiem. Il-Kunsill il-ġdid dwar is-Servizz Ċivili, li huwa politikament indipendenti, ser jissorvelja l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Att dwar is-Servizz Ċivili kif ukoll il-Kodiċi tal-Etika għall-Ħaddiema taċ-Ċivil. Il-qafas regolatorju kumpless u opak jikkumplika r-relazzjonijiet bejn il-partijiet interessati fis-suq tal-enerġija. Bidliet reċenti fl-iffissar tat-tariffi tad-distribuzzjoni jindikaw li għad hemm influwenza politika u kummerċjali. L-indipendenza tar-regolatur tal-prezzijiet tal-enerġija hija mistennija li tonqos wara l-adozzjoni ta' leġislazzjoni li tagħti lill-Gvern dritt esklużiv biex jinnomina l-president tar-regolatur u tagħti lill-Ministeri tal-Ekonomija u tal-Ambjent id-dritt li jintervjenu fi proċediment ta' ffissar tal-prezzijiet.

(16) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovakkja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lis-Slovakkja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovakkja, imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-Unjoni billi jingħata input fil-livell tal-Unjoni fid-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu [1] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovakkja tieħu azzjoni fl-2017 u fl-2018 biex:

1. Fl-2018 tagħmel sforz fiskali sostanzjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tas-Slovakkja. Ittejjeb il-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa tagħha, inkluż billi timplimenta l-proġett dwar il-valur għall-flus.

2. Ittejjeb miżuri ta' attivazzjoni għal gruppi żvantaġġati, inkluż billi timplimenta l-pjan ta' azzjoni għall-persuni qiegħda fit-tul u billi tipprovdi servizzi individwalizzati u t-taħriġ immirat apposta għalihom. Ittejjeb l-opportunitajiet ta' xogħol għan-nisa, speċjalment billi testendi l-kura tat-tfal ta' kwalità għall-but ta' kulħadd. Ittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u żżid il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni ordinarja inklussiva.

3. Ittejjeb il-kompetizzjoni u t-trasparenza fl-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku u tintensifika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni billi tinforza aktar il-leġislazzjoni eżistenti. Tadotta u timplimenta pjan komprensiv biex tnaqqas l-ostakli amministrattivi u regolatorji għan-negozji. Ittejjeb l-effettività tas-sistema tal-ġustizzja, inkluż tnaqqis fit-tul ta' żmien li jieħdu l-każijiet ċivili u kummerċjali.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

---

[1] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tal-Finlandja u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tal-Finlandja

(2017/C 261/25)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2017 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Finlandja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fid-9-10 ta' Marzu 2017. Fil-21 ta' Marzu 2017, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ("Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro") ([3]).

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, il-Finlandja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (2) hawn taħt.

(3) Ir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017 għall-Finlandja ġie ppublikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Finlandja biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamlet il-Finlandja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020. Kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, ir-riżultati ta' liem ġew ukoll ippubblikati fit-22 ta' Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Finlandja mhux qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
([3]) ĠU C 92, 24.3.2017, p. 1.

(4) Fit-28 ta' April 2017, il-Finlandja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 tagħha. Biex jittieħed kont tal-interkonnessjonijiet tagħhom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(5) Ġew indirizzati r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) għall-perjodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ([1]) fejn ikun meħtieġ appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jirrieżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar dettalji dwar kif hija tuża dik id-dispożizzjoni f'linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effikaċja tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

(6) Bħalissa l-Finlandja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u hija soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu għall-2017, il-Gvern jippjana deterjorament fil-bilanċ nominali minn - 1,9 % tal-PDG fl-2016 għal - 2,3 % fl-2017, segwit minn titjib gradwali wara dan, li jilħaq - 0,2 % fl-2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju — defiċit ta' 0,5 % tal-PDG f'termini strutturali — hu previst li jinkiseb mill-2019 'il quddiem. Madankollu, abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat ([2]), l-objettiv baġitarju fuq terminu medju se jinkiseb biss mill-2020 'l hemm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jilħaq il-livell massimu ta' 64,7 % fl-2017 u li jonqos għal 62,7 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-previżjonijiet baġitarji jidher li huwa favorevoli, partikolarment fir-rigward tal-2018 u l-2019. Ix-xenarju huwa bbażat fuq l-aspettattiva li l-impjieg se jespandi bi kważi 2 % fis-sena fl-2018-2019 li huwa ogħla b'mod sinifikanti miż-żieda annwali medja tul dawn l-aħħar 10 snin (+ 0,2 %).

(7) Fit-22 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE, minħabba li d-dejn tal-gvern ġenerali tal-Finlandja qabeż il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-GDP. Ir-rapport ikkonkluda, wara valutazzjoni tal-fatturi kollha relevanti, li l-kriterju tad-dejn għandu jiġi meqjus li ġie ssodisfat.

(8) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 jindika li l-impatt fuq il-baġit tal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati huwa sinifikanti u jipprovdi evidenza adegwata dwar l-ambitu u n-natura ta' dawn il-kostijiet baġitarji addizzjonali. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-kostijiet kienu 0,34 % tal-PDG fl-2016. Skont il-Kummissjoni, in-nefqa addizzjonali eliġibbli fl-2016 ammontat għal 0,17 % tal-PDG. Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5(1) u 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopru din in-nefqa addizzjonali, billi l-influss tar-refuġjati huwa avveniment mhux tas-soltu, l-impatt tiegħu fuq il-finanzi pubbliċi tal-Finlandja huwa sinifikanti u s-sostenibbiltà ma tiġix kompromessa billi jippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien. Għalhekk, l-aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien għall-2016 tnaqqas biex jitqiesu dawn il-kostijiet. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-kostijiet relatati mal-influss eċċezzjonali ta' refuġjati huma mistennija li jonqsu b'0,15 % tal-PDG fl-2017. Fir-rebbiegħa tal-2018 il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni finali dwar l-2017, inkluż dwar l-ammonti eliġibbli, fuq il-bażi tad-dejta osservata kif ipprovduta mill-awtoritajiet Finlandiżi.

(9) Fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tagħha għall-2017, il-Finlandja talbet biex tagħmel użu mill-flessibbiltà taħt il-parti preventiva skont il-Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni dwar il-flessibbiltà fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li ġiet approvata mill-Kunsill ECOFIN fi Frar 2016 fid-dawl tal-implimentazzjoni ppjanata ta' riformi strutturali kbar b'impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi (talba għal 0,5 % tal-flessibilità tal-PDG) u infiq nazzjonali fuq proġetti kofinanzjati mill-Unjoni taħt il-Fondi SIE (talba għal 0,1 % tal-flessibilità tal-PDG).

(10) It-talba għall-flessibilità għal riformi strutturali tirreferi għal riformi li saru fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-Patt dwar il-Kompetittività u r-riforma tal-pensjonijiet. Għal aktar minn 90 % tal-impjegati, il-Patt jiffriża l-pagi għal 12-il xahar, u jżid il-ħin tax-xogħol annwali permanentement b'24 siegħa mingħajr kumpens. Barra minn hekk, l-impjegati se jħallsu permanentement proporzjon ikbar tal-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali. Biex jikkumpensa għall-friża tal-pagi u l-piż ikbar tal-kostijiet għall-impjegati, il-Gvern naqqas it-taxxa fuq id-dħul permanentement mill-2017 'l hemm. Ir-riforma tal-pensjonijiet se ttella' l-iktar età statutorja tal-irtirar baxxa minn 63 għal 65 sal-

([1]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([2]) Il-bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u temporanji, rikalkulat mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

2027; wara dan, l-età tal-irtirar se tkun marbuta mal-istennija tal-għomor. Iż-żewġ riformi daħlu fis-seħħ fl-2017. B'riżultat tal-Patt dwar il-Kompetittività, il-kompetittività ikbar tal-kostijiet tista' twassal għal rata ogħla ta' impjiegi u żieda fil-PDG reali ta' bejn 1,5 % u 2 % kif ippreżentat fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2017. Minħabba n-natura tal-miżura, hemm inċertezzi dwar l-estimi għall-impjieg jew il-PDG, iżda dawn jidhru li huma ġeneralment plawżibbli. Għaldaqstant, dawn ir-riformi se jkollhom impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Barra minn dan, ir-riżultati tal-valutazzjoni ddettaljata tal-istima tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni għall-2017 li saru abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni jissuġġerixxu li l-Finlandja tissodisfa l-punt ta' riferiment minimu fl-2017. Bħala assigurazzjoni addizzjonali biex jiġi salvagwardjat il-valur referenzjarju tad-defiċit ta' 3 % tal-PDG, il-Gvern ħa l-impenn pubbliku li jieħu iktar miżuri fl-2017, jekk dan ikun neċessarju, biex jiżgura l-konformità mar-regoli fiskali, fosthom l-osservanza tal-valur ta' referenza fit-Trattat ta ' 3 % tal-PDG. Fuq din il-bażi, il-Finlandja bħalissa tista' titqies li tikkwalifika għad-devjazzjoni temporanja mitluba ta' 0,5 % tal-PDG fl-2017, dment li timplimenta r-riformi miftiehma b'mod adegwat, li se jiġu mmonitorjati fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

(11) Rigward it-talba għal flessibilità għal investiment addizzjonali, l-informazzjoni mogħtija mill-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 jidher li tikkonferma li d-devjazzjoni temporanja tal-Finlandja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2017 qegħda effettivament tintuża biex jiżdiedu l-investimenti. Għaldaqstant, filwaqt li jittieħed kont tal-elementi msemmija qabel rigward il-punt ta' riferiment minimu u li l-valutazzjoni dettaljata tal-istima tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tikkonferma li l-Finlandja għaddejja minn żminijiet ekonomiċi ħżiena, il-Finlandja tista' bħalissa tiġi vvalutata li tikkwalifika għal devjazzjoni temporanja ta' 0,1 % tal-PDG fl-2017 biex jittieħed kont tan-nefqa nazzjonali fuq l-investiment fi proġetti kofinanzjati mill-Unjoni. Il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni ex post sabiex tivverifika l-ammont reali tan-nefqa nazzjonali fi proġetti ta' investiment kofinanzjati u tal-allokazzjoni relatata.

(12) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda li l-Finlandja tikseb aġġustament fiskali annwali ta' mill-inqas 0,6 % tal-PDG lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2017. Il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni tindika ambitu ta' devjazzjoni temporanja addizzjonali ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017 skont il-klawżoli strutturali u ta' investiment, filwaqt li jkun żgurat ir-rispett kontinwu tal-punt ta' riferiment minimu (jiġifieri defiċit strutturali ta' 1,1 % tal-PDG). Fuq dik il-bażi, il-bilanċ strutturali jkun permess li jiddeterjora b'0,5 % tal-PDG fl-2017. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, il-Finlandja tkun konformi mar-rekwiżiti tal-parti preventiva. Kieku l-istima aġġornata attwali tat-tnaqqis tal-impatt fuq il-baġit fl-2017 li jinbet mill-influss eċċezzjonali ta' refuġjati kellha tittieħed inkonsiderazzjoni, il-konklużjoni tal-valutazzjoni kumplessiva ma tinbidilx. Għall-2018, il-Finlandja għandha tilħaq l-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha, filwaqt li titqies l-allokazzjoni b'relazzjoni ma' avvenimenti mhux tas-soltu (mogħtija għall-2016) kif ukoll l-allokazzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali u l-investimenti (mogħtija għall-2017) [1]. Abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett [2] ta' 1,6 %, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,1 % tal-PDG. Jekk il-politiki ma jinbidlux, il-Finlandja tkun konformi mar-rekwiżiti tal-parti preventiva fl-2018. Kieku l-istima aġġornata attwali tat-tnaqqis tal-impatt fuq il-baġit fl-2017 li jinbet mill-influss eċċezzjonali ta' refuġjati kellha tittieħed inkonsiderazzjoni, il-konklużjoni tal-valutazzjoni kumplessiva ma tinbidilx. Fl-istess waqt, huwa previst li prima facie l-Finlandja ma tkunx konformi mal-parametri għat-tnaqqis tad-dejn kemm fl-2017 kif ukoll fl-2018. Kollox ma' kollox, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Finlandja jeħtiġilha tkun lesta li tieħu iktar miżuri biex tiżgura l-konformità.

(13) Minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ u l-forza tax-xogħol li qed tonqos, in-nefqa fuq il-pensjonijiet, is-saħħa u l-kura fit-tul hija mistennija li tiżdied minn 23 % tal-PDG fl-2013 għal 27 % tal-PDG sal-2030. F'Jannar 2017, daħlet fis-seħħ riforma fil-pensjonijiet li se togħolli l-età statutorja tal-irtirar minn 63 sena għal 65 sal-2027 u se torbot l-età statutorja tal-irtirar mat-tibdil fl-istennija tal-għomor. Il-kostijiet tas-servizzi soċjali u dawk tas-saħħa, li bħalissa huma responsabbiltà tal-muniċipalitajiet, jammontaw għal 10 % tal-PDG. Mingħajr riforma tas-sistema, din in-nefqa hija prevista li tikber bi 4,4 % annwalment fis-snin li ġejjin f'termini nominali u tiżdied bħala sehem mill-PDG. L-għanijiet ewlenin tar-riforma jinkludu t-tnaqqis tad-distakk tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi permezz ta' kontroll aħjar tal-kostijiet. Dan se jinkiseb permezz tal-integrazzjoni ta' servizzi, entitajiet ikbar bħala fornituri tas-

(1) Il-Finlandja hija awtorizzata li tiddevja mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-2018 għax id-devjazzjonijiet temporanji jiġu riportati għal perjodu ta' tliet snin.

(2) In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax, nefqa fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezjonarju fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjat nazzjonalment huwa raddrizzat fuq perjodu ta' 4 snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

servizzi u d-diġitalizzazzjoni. L-ewwel sett ta' proposti leġiżlattivi għar-riformi tas-servizzi soċjali u tas-saħħa ġie ppreżentat lill-Parlament f'Marzu 2017. Dawn il-liġijiet se jistabbilixxu l-qafas legali għat-18-il kontea ġdida li se jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltà għas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa mill-muniċipalitajiet mill-2019 'il quddiem. Il-proposti leġiżlattivi għall-iktar partijiet kontroversjali tar-riforma, b'mod partikolari dwar il-libertà tal-pazjent li jagħżel il-fornitur ta' servizz tiegħu, ġew ippreżentati lill-Parlament fil-bidu ta' Mejju 2017 u jeħtieġ li jiġu adottati sabiex jiġu implimentati mill-2019 kif ippjanat.

(14) Iż-żidiet fil-pagi kienu moderati fl-aħħar snin. Iż-żieda sena wara sena medja fil-pagi nnegozjati kienet ta' 0,7 % fl-2014-2016. Minħabba t-tkabbir dgħajjef tal-produttività tax-xogħol, il-kompetittività tal-kostijiet tjiebet biss b'mod gradwali. Fl-2016 l-imsieħba soċjali ffirmaw il-Patt tal-Kompetittività li għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-kostijiet tal-Finlandja b'mod gradwali fl-2017. Għal aktar minn 90 % tal-impjegati, il-Patt tal-Kompetittività jiffriża l-pagi għal 12-il xahar, u jżid il-ħin tax-xogħol annwali permanentement b'24 siegħa mingħajr kumpens addizzjonali. Barra minn hekk, l-impjegati se jħallsu proporzjon ikbar tal-kontribuzzjonijiet soċjali. Dawn il-miżuri huma mistennija li jsostnu l-espansjoni tal-esportazzjonijiet u l-impjiegi matul is-snin li ġejjin. Iċ-ċiklu ta' negozjar tal-pagi li jmiss, fit-tieni nofs tal-2017, se jkun kruċjali biex dawn l-effetti pożittivi mistennija jiġu żgurati, minħabba li l-Patt tal-Kompetittività ma għalaqx għalkollox id-distakk fil-kompetittività tal-kostijiet mal-ekonomiji korrispondenti.

(15) Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol bdiet titjieb gradwalment fl-2016, iżda fadal xi sfidi. L-impjieg fis-settur tal-manifattura niżel b'21 % bejn l-2008 u l-2015. Setturi oħra bħall-kostruzzjoni, il-proprjetà immobbli u l-kura tas-saħħa qegħdin juru sinjali ta' nuqqas ta' ħaddiema. Dan kollu jenfasizza l-ħtieġa għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati apposta u li jkompli jsir l-investiment fit-tagħlim għall-adulti u t-taħriġ vokazzjonali biex jippermetti li jkun hemm il-mobbiltà professjonali. Il-proporzjon ta' pożizzjonijiet vakanti mal-impjiegi fl-2016 kien kważi għoli daqs fl-2007, filwaqt li r-rata tal-qgħad kienet żewġ punti perċentwali ogħla. Dan jista' jirrifletti spariġġi bejn id-domanda u l-provvista tax-xogħol, li xi impjiegi vakanti ma tantx huma attraenti, jew inċentivi limitati biex wieħed jibda jaħdem. Hemm bżonn li jitkomplew l-isforzi biex jiġu żgurati eżiti tas-suq tax-xogħol aħjar għal dawk, partikolarment dawk bejn il-25 u d-39 sena, dawk qiegħda fit-tul, u l-migranti. It-titjib tal-eżiti soċjali u tas-suq tax-xogħol ta' nies li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni se jkun jeħtieġ ukoll li jkompli jsir investiment fl-edukazzjoni tagħhom.

(16) F'termini ta' attivazzjoni, is-sistema kumplessa ta' benefiċċji, b'diversi tipi ta' benefiċċji, tista' tirriżulta f'nuqqas ta' attività sinifikanti u nases tal-pagi baxxi, kif ukoll problemi burokratiċi meta jaslu biex jerġgħu jibdew jingħataw il-benefiċċji. Ikun kruċjali li tali nases jiġu indirizzati. Biex jiżdiedu l-inċentivi jiġu aċċettati l-offerta ta' impjieg, l-obbligu biex dawk qiegħda jaċċettaw offerta ta' impjieg u l-obbligu li jieħdu sehem fi skemi ta' attivazzjoni ġew issikkati. Barra minn hekk, id-durata ta' benefiċċji tal-qgħad marbutin mal-qligħ tnaqqset. Ġew introdotti inċentivi pożittivi, bħall-użu tal-benefiċċju tal-qgħad bażiku bħala sussidji tal-mobilità u tal-pagi biex jattivaw lil dawk li qed ifittxu impjieg. Inċentivi miżjuda ulterjuri biex jiġi aċċettat impjieg jistgħu jiġu kkomplementati bl-eliminazzjoni ta' ostakli burokratiċi eżistenti biex jinbeda impjieg jew negozju.

(17) Il-kompetittività li ma tirrigwardax il-kostijiet taġixxi bħala mażżra fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u tista' tillimita l-attraenza tal-Finlandja għal investituri barranin. Qed isir tibdil strutturali, li madankollu reċentement naqqas il-pass. Sar progress fil-ftuħ ta' setturi tas-servizzi bħan-negozju fl-imnut u t-trasport għall-kompetizzjoni, u saru proposti biex tiżdied il-kompetizzjoni f'setturi tas-servizzi domestiċi oħrajn. Filwaqt li paraguni internazzjonali jikklassifikaw lill-Finlandja fost il-pajjiżi ta' fuq quddiem nett fid-dinja fit-termini tal-ambjent tan-negozju u l-attraenza għall-investiment, l-istokk attwali tal-investimenti deħlin fil-Finlandja huwa taħt il-medja tal-Unjoni meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija.

(18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja u ppubblikatha fir-rapport speċifiku għall-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Finlandja fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tal-programmi u tal-miżuri ta' segwitu għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Finlandja, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-Unjoni billi jingħata input fil-livell tal-Unjoni fid-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Finlandja tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Taħdem favur il-politika fiskali tagħha konformi mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jinvolvi l-ksib tal-objettiv baġitarju fuq terminu medju tagħha fl-2018, b'kont meħud tad-derogi marbutin ma' avvenimenti mhux tas-soltu, l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti strutturali li għalihom tingħata devjazzjoni temporanja. Tiżgura l-adozzjoni u l-implimentazzjoni f'waqthom tar-riforma amministrattiva bl-għan li ttejjeb il-kosteffettività tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa.

2. Tippromwovi l-allinjament ulterjuri tal-pagi mal-iżviluppi tal-produttività, b'rispett sħiħ lejn ir-rwol tal-imsieħba soċjali. Li tieħu miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol immirati biex tindirizza l-isfidi tal-impjieg u dawk soċjali, tagħti inċentivi biex jiġi aċċettat l-impjieg u tippromwovi l-intraprenditorija.

3. Tkompli ttejjeb il-qafas regolatorju u tnaqqas il-piż amministrattiv biex iżżid il-kompetizzjoni fis-servizzi u tippromwovi l-investiment.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta’ Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tal-2017 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Konverġenza tal-2017 tal-Iżvezja

(2017/C 261/26)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta’ Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta’ pożizzjonijiet ta’ budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta’ politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta’ Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta’ Marzu 2017. Fis-16 ta’ Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija, li fih identifikat lill-Iżvezja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għall-Iżvezja ġie ppubblikat fit-22 ta’ Frar 2017. Dan ivvaluta l-progress li għamlet l-Iżvezja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż adottata mill-Kunsill fit-12 ta’ Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress li għamlet l-Iżvezja lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Dan inkluda wkoll analiżi fil-fond taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tiegħu ġew ippubblikati wkoll fit-22 ta’ Frar 2017. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Iżvezja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi. B’mod partikolari, it-tkabbir persistenti tal-prezzijiet tad-djar minn livelli diġà soppravvalutati flimkien ma’ sistema ta’ tkomplija taż-żieda fid-dejn tal-unitajiet domestiċi joħloq riskji ta’ korrezzjoni diżordnata. Minkejja li l-banek huma kapitalizzati b’mod adegwat, korrezzjoni diżordnata tista’ taffettwa wkoll is-settur finanzjarju peress li l-banek għandhom espożizzjoni dejjem ikbar ta’ self ipotekarju tal-unitajiet domestiċi. F’każ bħal dan, jista’ jkun hemm effetti sekondarji fuq pajjiżi ġirien minħabba li gruppi bankarji Żvediżi huma ta’ importanza sistemika fir-reġjun Nordiku-Baltiku. L-għarfien tar-riskji kbar fost l-awtoritajiet Żvediżi huwa għoli, u f’dawn l-aħħar snin ittieħdu miżuri biex jitrażżan it-tkabbir tad-dejn ipotekarju u tiżdied il-kostruzzjoni tad-djar. Madankollu, il-passi politiċi implimentati s’issa ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw it-tisħin żejjed fis-settur tal-abitazzjoni. B’mod ġenerali, għad baqa’ lakuni fil-politika fil-qasam tat-tassazzjoni relatata mad-djar, il-qafas makroprudenzjali, u fl-indirizzar ta’ xkiel għall-provvista ta’ djar ġodda kif ukoll ostakli għal użu aktar effiċjenti tal-istokk eżistenti tad-djar.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(3) Fit-28 ta' April 2017, l-Iżvezja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tagħha kif ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tagħha. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika għaqlija.

(5) Bħalissa l-Iżvezja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jippjana li jilħaq bilanċ pożittiv ta' 0,3 % tal-PDG fl-2017 u li jkompli jirrispetta l-objettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jinżel għal 39,5 % fl-2017 u li jkompli jinżel għal 31,4 % fl-2020. Tkabbir ekonomiku b'saħħtu u finanzi pubbliċi sodi huma mistennija li jkunu l-muturi ewlenin wara tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mqabbel mal-PDG. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-previżjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li juri bilanċ pożittiv ta' 0,4 % tal-PDG fl-2017 u bilanċ pożittiv ta' 0,8 % tal-PDG fl-2018, 'il fuq mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u filwaqt li jqis it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-Iżvezja hija mistennija tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2017 u fl-2018.

(6) Id-dejn tal-unitajiet domestiċi kompla jiżdied minn livelli diġà għoljin. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi kiber b'7,1 % fl-2016, għal kważi 86 % tal-PDG u madwar 180 % tad-dħul disponibbli, l-iktar minħabba self ipotekarju ogħla marbut ma' żidiet kontinwi fil-prezzijiet tal-abitazzjoni. Id-distribuzzjoni tal-livelli ta' dejn sar dejjem iktar inkonsistenti, bi frazzjoni elevata ta' unitajiet domestiċi ipotekati mill-ġdid (16,4 % fl-2016) is-self huwa 600 % darba iktar mid-dħul disponibbli tagħhom. Il-Gvern ħa xi miżuri makroprudenzjali rilevanti — inkluża l-introduzzjoni ta' ħtieġa ta' amortizzazzjoni tal-ipoteka ġdida fl-2016 – iżda għadu mhux ċar jekk dawn humiex se jkollhom impatt suffiċjenti fuq it-terminu medju. Fi Frar 2017, il-Gvern nieda proċess leġislattiv biex jissaħħaħ il-mandat legali tal-awtorità makroprudenzjali, sabiex jiżgura li fil-futur l-awtorità tkun tista' tintroduċi miżuri makroprudenzjali potenzjali f'waqthom u tuża firxa usa' ta' għodod. L-emendi leġislattivi huma mistennija li jidħlu fis-seħħ sa Frar 2018. L-aġġustament ta' inċentivi fiskali, pereżempju billi gradwalment tillimita t-tnaqqis fiskali fuq il-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki jew billi jiżdiedu t-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, jgħin biex jitrażżan it-tkabbir fid-dejn tal-unitajiet domestiċi, iżda l-Gvern ma għamel l-ebda progress fuq dan.

(7) L-Iżvezja esperjenzat tkabbir rapidu u persistenti fil-prezzijiet tal-abitazzjoni sa minn nofs is-snin 90. Il-prezzijiet tal-abitazzjoni komplew jikbru b'mod mgħaġġel u persistenti, b'mod partikolari fiż-żoni urbani. Muturi ewlenin jinkludu trattament tat-taxxa ġeneruża fuq sjieda tad-djar u d-dejn ipotekarju, kundizzjonijiet ta' kreditu akkomodanti flimkien ma' rati relattivament baxxi fl-ammortizzazzjoni, u nuqqas attwali fil-provvista tad-djar. Dan in-nuqqas huwa marbut ma' ineffiċjenzi strutturali fis-settur tal-abitazzjoni. Il-kostruzzjoni tad-djar baqgħet tiżdied, iżda għadha 'l isfel sew mill-ħtiġijiet ta' kostruzzjonijiet ġodda. Il-pjan tas-settur tal-abitazzjoni ta' 22 punt tal-Gvern jindirizza xi fatturi sottostanti għan-nuqqas ta' akkomodazzjoni, inkluż miżuri li jżidu l-ammont ta' art disponibbli għall-kostruzzjoni, inaqqas l-ispejjeż tal-kostruzzjoni u jitqassar il-proċess taż-żmien meħtieġ għall-proċess tal-ippjanar. Madankollu, ineffiċjenzi strutturali oħra inkluż kompetizzjoni dgħajfa fis-settur tal-kostruzzjoni, ma jingħataw attenzjoni xierqa. In-nuqqas ta' akkomodazzjoni hija aggravata minn ostakoli li jxekklu l-użu effiċjenti tal-istokk eżistenti tal-akkomodazzjoni. Is-suq tal-kiri rregolat b'mod strett tal-Iżvezja joħloq effetti "lock-in" u "insider/outsider", iżda l-ebda azzjoni politika sinifikanti ma ttieħdet biex tintroduċi iktar flessibilità fl-iffissar ta' kirjiet. Fis-suq tas-sidien-okkupanti, taxxi fuq il-qligħ kapitali relattivament għoljin inaqqsu l-mobbiltà tas-sidien ta' abitazzjonijiet. Ġiet introdotta riforma temporanja ta' regoli ta' diferiment għal taxxi fuq qligħ kapitali fuq

[1] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

transazzjoni tal-proprjetà, iżda din probabbilment se jkollha effett limitat. Nuqqas ta' akkomodazzjoni disponibbli u bi prezz affordabbli jillimita wkoll il-mobbiltà tas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni effettiva tal-migranti fis-suq tax-xogħol u jikkontribwixxi għal inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet.

(8) Fl-2016 l-Iżvezja kellha waħda mill-ogħla rati ta' impjieg fl-Unjoni (81,2 %), filwaqt li rreġistrat waħda mir-rati l-iktar baxxi ta' qgħad ta' terminu twil. Madankollu, jibqgħu sfidi bħall-integrazzjoni ta' nies b'ħiliet baxxi u migranti li mhumiex mill-UE fis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis tad-distakk sostanzjali ta' impjieg għal nisa li ma twieldux fl-UE. L-Iżvezja għamlet sforzi konsiderevoli fl-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil u fl-integrazzjoni ta' refuġjati u immigranti oħra. Jidher li huwa possibbli li jsir titjib ulterjuri billi fl-2016 biss terz tal-parteċipanti fl-introduzzjoni tal-programm kienu f'impjieg jew edukazzjoni 90 jum wara li lestew il-programm, u approċċ komprensiv u governanza dwar ir-rikonoxximent korrispondenti ta' kwalifiki għadhom neqsin.

(9) Il-profiċjenza fil-ħiliet bażiċi taż-żgħażagħ ta' 15-il sena tjiebet wara snin ta' deterjorament fil-prestazzjoni, skont l-istħarriġ tal-2015 tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) tal-OECD. Madankollu, il-proporzjon ta' dawk li għandhom livelli baxxi għadu madwar il-medja tal-Unjoni u d-distakk fil-prestazzjoni marbuta mal-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti twessa'. Il-miżuri mnedija mill-Gvern sabiex jitjiebu r-riżultati fl-iskola u l-ugwaljanza jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib, flimkien mal-inizjattivi li l-għan tagħhom huwa l-integrazzjoni ta' studenti migranti li jkunu għadhom kemm waslu fis-sistema skolastika.

(10) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Iżvezja u ppubblikatha fir-rapport għal kull pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Iżvezja fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Iżvezja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(11) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u huwa tal-opinjoni ([1]) li l-Iżvezja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(12) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Iżvezja tieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Tindirizza r-riskji relatati mad-dejn tal-familji, b'mod partikolari billi gradwalment tillimita t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki jew billi żżid it-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, filwaqt li tikkostrinġi s-self f'livelli eċċessivi tal-proporzjoni ta' dejn għad-dħul. Trawwem l-investiment fl-akkomodazzjoni u ttejjeb l-effiċjenza tas-suq tal-akkomodazzjoni, inkluż billi tintroduċi iktar flessibbiltà fl-istipular tal-prezzijiet tal-kiri u tirrevedi l-istruttura tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Lulju 2017

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Renju Unit u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Renju Unit

(2017/C 261/27)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lir-Renju Unit bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.

(2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għar-Renju Unit ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Huwa vvaluta l-progress tar-Renju Unit fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tar-Renju Unit lejn il-miri nazzjonali tiegħu ta' Ewropa 2020.

(3) Ir-Renju Unit ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tiegħu fil-21 ta' April 2017 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tiegħu fis-27 ta' April 2017. Biex jiġu kkunsidrati l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti ġew indirizzati fil-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li tkopri l-perijodu 2014–2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jeżamina u jipproponi emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti tiegħu. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

([3]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(5) Ir-Renju Unit huwa attwalment fil-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jekk tkun inkisbet korrezzjoni f'waqtha u dejjiema fl-2016-17, ir-Renju Unit ser ikun soġġett għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u għar-regola tranżitorja tad-dejn fl-2017-18. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2017, il-Gvern qed jistenna li d-defiċit eċċessiv jiġi kkoreġut fis-sena fiskali 2016-17, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2015, b'defiċit nominali ta' 2,7 % tal-PDG. Id-defiċit nominali huwa mbagħad mistenni li jiżdied bi ftit għal 2,8 % tal-PDG fl-2017-18, qabel ma jonqos għal 1,9 % tal-PDG fl-2018-19. Il-Programm ta' Konverġenza ma jinkludix objettiv baġitarju fuq terminu medju. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG ġenerali tal-gvern huwa mistenni li jiġi stabbilit b'mod ġenerali għal madwar 87,5 % mill-2016-17 għall-2018-19 qabel ma jerġa' jaqa' għal 84,8 % tal-PDG fl-2020-21. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-proġettazzjonijiet baġitarji huwa favorevoli. Għalkemm il-miżuri meħtieġa biex isostnu l-miri tad-defiċit ippjanati huma speċifikati sew b'mod ġenerali, ir-riskji negattivi għall-prospettiva makroekonomika joħolqu riskju għall-kisba tat-tnaqqis fl-iżbilanċ ippjanat.

(6) Fit-12 ta' Lulju 2016, il-Kunsill irrakkomanda li r-Renju Unit itemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2016-17 u, wara l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, jikseb aġġustament fiskali ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017-18 lejn l-objettiv baġitarju minimu fuq terminu medju. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2017 tal-Kummissjoni, id-defiċit nominali huwa pproġettat li jkun laħaq 2,7 % tal-PDG fl-2016-17, f'konformità mal-mira rrakkomandata mill-Kunsill. Fl-2017-18, hemm riskju ta' xi devjazzjoni mir-rekwiżit tal-parti preventiva.

(7) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fiskali tiegħu u b'mod partikolari l-livell tad-dejn tiegħu, ir-Renju Unit huwa mistenni li jkompli l-aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Skont il-matriċi ta' aġġustament miftehma b'mod komuni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dak l-aġġustament jissarraf f'rekwiżit ta' tkabbir nominali tal-infiq primarju tal-gvern nett ([1]) li ma jaqbiżx 1,8 %. Dan ikun jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-PDG. Jekk ma jinbidlux il-politiki, hemm riskju ta' xi devjazzjoni minn dak ir-rekwiżit matul il-perjodu 2017-18 u 2018-19 meħuda flimkien. Fl-istess ħin, ir-Renju Unit huwa prima facie mhux imbassar li jkun konformi mar-regola tad-dejn transizzjonali fl-2017-18 iżda huwa previst li jikkonforma fl-2018-19. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li r-Renju Unit irid ikun lest li jieħu miżuri ulterjuri sa mill-2017-18 biex ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1466/97, il-valutazzjoni tal-pjanijiet baġitarji u l-eżiti jinħtieġ li jqisu l-bilanċ baġitarju tal-Istat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi. Kif imfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, l-evalwazzjoni futura ser ikollha bżonn tqis l-għan li tinkiseb pożizzjoni fiskali li tikkontribwixxi kemm għat-tisħiħ tal-irkupru attwali kif ukoll tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tar-Renju Unit. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha twettaq valutazzjoni globali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni ċiklika tar-Renju Unit.

(8) L-investiment privat kien b'mod konsistenti ferm taħt il-medja tal-Unjoni u l-investiment pubbliku marġinalment iktar 'l isfel. Il-produttività hija ferm iktar baxxa mill-medja tal-G7 u staġnat mill-2008 'l hawn. Il-Gvern qed jagħmel enfasi politika qawwija fuq iż-żieda tal-investiment biex tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività. Sfida ewlenija hija l-indirizzar ta' nuqqasijiet sinifikanti fil-kapaċità u fil-kwalità tan-netwerks tal-infrastruttura tar-Renju Unit. Il-konġestjoni tat-toroq hija għolja u l-kapaċità ferrovjarja hija dejjem iktar inadegwata f'xi postijiet minħabba d-domanda li qed tikber rapidament. Hemm ukoll ħtieġa dejjem iktar urġenti għal iktar investiment f'kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni u ta' provvista tal-enerġija. Il-Pjan Nazzjonali tal-Konsenja tal-Infrastruttura jistabbilixxi pjanijiet ambizzjużi biex itejbu l-infrastruttura ekonomika tar-Renju Unit u fl-2016 ittieħdu għadd ta' deċiżjonijiet ta' investiment dwar kwistjonijiet ewlenin ta' proġetti tat-trasport u l-enerġija. Madankollu, għad hemm tħassib dwar jekk l-investimenti pubbliċi u privati adegwati jistgħux jiġu żgurati sabiex jindirizzaw l-akkumulu tal-infrastruttura f'waqtu u b'mod kosteffettiv. Ir-Renju Unit għandu sfida ewlenija biex iżid il-provvista tad-djar. Nuqqas kroniku ta' djar jikkontribwixxi għal prezzijiet għoljin tad-djar u dan iwassal għal kostijiet ekonomiċi u soċjali sinifikanti, b'mod partikolari madwar ċentri ta' tkabbir ekonomiku. Is-sistema riformata ta' ppjanar, u firxa ta' strumenti kumplementari ta' politiki tad-djar, flimkien huma kemxejn iktar ta' appoġġ miżjud fil-kostruzzjoni residenzjali. Madankollu, għadd ta' limitazzjonijiet fuq il-provvista tad-djar, inkluża regolamentazzjoni tas-suq tal-artijiet u l-bini

([1]) In-nefqa netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern li teskludi n-nefqa fuq l-interessi, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni korrisposti bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u l-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq tal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross iffinanzjat nazzjonalment hija mwittija fuq perjodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Miżuri ta' darba fuq in-naħat kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

residenzjali stretta u kumplessa ħafna, u l-provvista tal-akkomodazzjoni ghadha mhix qed tlaħħaq maż-żieda fid-domanda.

(9) Iċ-ċifri ewlenin tas-suq tax-xogħol ikomplu x-xejra pożittiva, b'livell baxx ta' qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ b'mod ġenerali. Madankollu, il-livelli ta' inattività, u l-impjiegi part-time u b'pagi baxxi għandhom lok għal titjib. Tkabbir fil-qligħ għadu modest, marbut ma' tkabbir dgħajjef fil-produttività. Għad hemm tħassib dwar il-provvista tal-ħiliet, l-utilizzazzjoni u l-progressjoni. Kien hemm żviluppi sinifikanti ta' politika li jiffukaw fuq il-ħiliet u l-progressjoni permezz ta' riformi fl-edukazzjoni teknika u tal-apprendistat. Il-kwalità fl-apprendistati teħtieġ attenzjoni ffukata kemm fuq livell ta' kwalifika mwettqa kif ukoll fil-qasam tas-suġġett li fuqhom hija bbażata. Rotot strateġiċi importanti oħrajn iffinanzjati għal titjib tal-ħiliet, b'mod partikolari għal persuni li għandhom iktar minn 25 sena, jespandu l-offerta ta' ħiliet disponibbli għall-Istat, għan-negozji u għall-individwi li jfittxu li jimxu 'l quddiem fil-karriera. Hemm ukoll sfidi relatati mal-provvista ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal u kura soċjali, li jikkontribwixxu għar-rata għolja ta' impjieg part-time tan-nisa. Riformi fil-kura tat-tfal sa issa kienu kostanti iżda gradwali. X'aktarx li jkun hemm avvanz b'introduzzjoni sħiħa ta' xi inizjattivi fis-sentejn li ġejjin. Il-parteċipazzjoni ta' tfal li jkollhom inqas minn tliet snin f'servizzi formali tal-indukrar tat-tfal hija relattivament baxxa. Filwaqt li l-miżuri reċenti jtejbu sa ċertu punt id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-kura tat-tfal għal tfal ta' bejn tlieta (3) u erba' (4) snin, dawn ma jindirizzawx il-kwistjoni tal-forniment tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal għal tfal ta' taħt it-tliet (3) snin. Bħala riżultat ta' riformi u tnaqqis mħabbra qabel u li, b'mod partikolari għall-appoġġ fuq ix-xogħol, l-eżiti tal-politika soċjali, inkluż il-faqar fost it-tfal jista' jiġi taħt pressjoni fi żmien qasir jew medju, b'mod partikolari f'kuntest ta' inflazzjoni ogħla. In-numru ta' tfal foqra li jgħixu f'unitajiet domestiċi ta' ħaddiema hija ta' tħassib partikolari.

(10) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2017, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Renju Unit u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2017, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Renju Unit fi snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Renju Unit imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(11) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2017 u l-opinjoni tiegħu ([1]) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Renju Unit jieħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Fl-2018-19 jagħmel sforz fiskali sostanzjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jissaħħaħ l-irkupru li għaddej bħalissa u li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tar-Renju Unit.

2. Jieħu iktar passi biex iżid il-provvista tad-djar, inkluż permezz ta' riformi fir-regoli tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tagħhom.

3. Jindirizza l-ispariġġi tal-kompetenzi u jipprevedi l-progressjoni tal-kompetenzi, inkluż billi jkompli jsaħħaħ il-kwalità tal-apprendistati u jipprevedi rotot ta' progressjoni ffinanzjati oħra ta' "edukazzjoni avvanzata".

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

([1]) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT